MALTA
INKOMPLU NIKBRU
FLIMKIEN

# IT-TWETTIQ TAL-BAĠIT 2020

UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI

# **IT-TWETTIQ TAL-BAĠIT** 2020

Ottubru 2020

Ippubblikat
mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
Il-Berġa ta' Kastilja
Il-Belt Valletta VLT 1061

**Tel (+356) 2200 0000**
**Sit elettroniku: www.publicservice.gov.mt | fb.com/servizzpubbliku**

***Cataloguing-in-Publication Data***
Malta. Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni
It-Twettiq tal-Baġit,
Valletta: Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni,

29.7, 21 cm

ISBN: 978-99957-1-830-5

Din il-pubblikazzjoni tista' tinxtara
mid-Dipartiment tal-Informazzjoni
3, Pjazza Kastilja
Il-Belt Valletta

**Tel (+356) 2125 0550**

Mitbugħ: Stamperija tal-Gvern
Prezz: €5.00

| | |
|---|---|
| **OPM** | Uffiċċju tal-Prim Ministru |
| **MFH** | Ministeru għas-Saħħa |
| **MFEA** | Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej |
| **MFIN** | Ministeru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji |
| **MEW** | Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma |
| **MEDE** | Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol |
| **MHAL** | Ministeru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali |
| **MTIP** | Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali |
| **MFCS** | Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali |
| **MJEG** | Ministeru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza |
| **MAFA** | Ministeru għall-Agrikoltura, Sajd u Drittijiet tal-Annimali |
| **MSA** | Ministeru għall-Akkomodazzjoni Soċjali |
| **MEIB** | Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Negozji Żgħar |
| **MTCP** | Ministeru għat-Turiżmu u Protezzjoni tal-Konsumatur |
| **MECP** | Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar |
| **MGOZ** | Ministeru għal Għawdex |
| **MHSE** | Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi |

DAĦLA

Din hija s-seba' darba li qed inwasslulkom din il-pubblikazzjoni bl-għan li l-miżuri tal-Baġit ma jintilfux appena jinqraw mill-Ministru għall-Finanzi, iżda nżommuhom taħt il-lenti u naraw li dak li ġie mwiegħed jitwettaq. Din hija pubblikazzjoni mill-iktar importanti għas-Servizz Pubbliku, fejn bħala l-id amministrattiva u ta' twettiq tal-Gvern, nagħtu r-rendikont tagħna bi trasparenza sħiħa lill-pubbliku.

Permezz ta' din il-pubblikazzjoni, il-klijent tagħna qed nagħtuh opportunità janalizza fejn ikunu waslu miżuri partikolari, jekk ikunux ġew implimentati u, jekk le, f'liema stadju wasal it-twettiq tagħhom.  Dan l-eżerċizzju ma jsirx biss għall-miżuri mħabbra fl-aħħar Baġit, imma nibqgħu nsegwu wkoll miżuri ta' snin imgħoddija li minħabba l-kumplessità tagħhom, it-twettiq tagħhom jitqassam fuq numru ta' snin.

Din is-sena ma kellniex biss il-miżuri tal-Baġit 2020 x'nimplimentaw iżda, minħabba l-imxija tal-coronavirus, tista' tgħid li kellna Baġit straordinarju addizzjonali. Is-Servizz Pubbliku kien fuq quddiem biex il-miżuri mħabbra mill-Gvern waqt il-pandemija jitpoġġew fil-prattika u mingħajr telf ta' żmien.

Ir-rata ta' twettiq ta' din is-sena hija ta' 65%, li għalkemm mad-daqqa t'għajn tidher baxxa meta mqabbla ma' snin preċedenti, wieħed irid iqis il-ħidma tas-Servizz Pubbliku fit-totalità tagħha u janalizzaha f'kuntest li kien preġudikat mill-imxija tal-Covid-19. F'din is-sitwazzjoni bla preċedent, is-Servizz Pubbliku kien l-uniku mutur fis-soċjetà li baqa' jiffunzjona u wettaq ħidma li tmur ferm lil hinn mill-miżuri tal-Baġit.

Għal din il-ħidma qed jingħata rendikont b'mod speċifiku f'din il-pubblikazzjoni li tiġbor elenku tal-inizjattivi meħuda, kemm dawk ekonomiċi kif ukoll dawk soċjali. Dan ifisser li meta tħabbru l-miżuri għal riġenerazzjoni tal-ekonomija Maltija, il-Gvern ma qagħadx jistenna Baġit ieħor imma ħa deċiżjonijiet effettivi f'waqthom, anke jekk dawn il-miżuri swew miljuni kbar.

F'din il-pubblikazzjoni, għall-ewwel darba, se nitkellmu u nqabblu l-miżuri tal-Baġit għall-2020 mal-miri tal-Iżvilupp Sostenibbli tal-Ġnus Magħquda. Bl-eżerċizzju li sar għal din is-sena, qegħdin nagħtu permanenza lil dan il-kunċett fejn qed nalinjaw ix-xogħol kollu tagħna ma' dawn il-miri. Dan biex pajjiżna mhux biss ikun aħjar għalina llum, iżda nħalluh f'pożizzjoni aqwa għal uliedna.

Matul din is-sena, qabel din il-pubblikazzjoni, inħarġu żewġ pubblikazzjonijiet oħra minn dan l-Uffiċċju li juru governanza tajba u trasparenza. Fil-pubblikazzjoni *Ħidma tas-Servizz Pubbliku fl-Aħħar Tnax-il Xahar*, elenkajna l-miżuri kollha implimentati sabiex inkomplu negħlbu l-burokrazija żejda u nsiru aktar effettivi u b'hekk is-Servizz Pubbliku jibqa' dejjem qrib il-klijent 24 siegħa kuljum, is-sena kollha. F'pubblikazzjoni oħra, li tagħti t-tweġiba tal-Amministrazzjoni Pubblika għar-rapport tal-Awditur Ġenerali, ressaqna għad-dispożizzjoni tal-klijenti tagħna rendikont tar-rakkomandazzjonijiet tal-Awditur Ġenerali u x'wettaqna minnhom.

Is-Servizz Pubbliku qatt ma kien disponibbli u kontabbli daqskemm huwa llum. Fejn qabel ir-rapporti u r-rakkomandazzjonijiet kienu jitħallew jiġmgħu t-trab, illum mhux biss qed naħdmu fuqhom imma nibqgħu nirrappurtaw dwarhom. Anke jekk dan ir-rappurtaġġ mhux kulħadd jieħu pjaċir bih.

Din hija ħidma li tkompli tixprunana biex inwettqu l-viżjoni tagħna fejn Servizz Pubbliku jkun dejjem għall-klijent u mal-klijent.

**MARIO CUTAJAR**
Segretarju Permanenti Ewlieni

# ANALIŻI TAL-MIŻURI EKONOMIĊI MEĦUDA MILL-GVERN MALTI BIEX JILQA' GĦALL-EFFETT TAL-COVID-19

Qabel feġġet il-COVID-19, l-ekonomija Maltija kienet għaddejja minn perijodu ta' tkabbir sostanzjali. Fil-fatt il-Winter 2020 Economic Forecasts maħruġa mill-Kummissjoni Ewropea fl-20 ta' Frar kienu bassru li fl-2020 pajjiżna kien ser jirreġistra l-ogħla rata ta' tkabbir ekonomiku, 4%, minn fost il-pajjiżi kollha tal-Unjoni Ewropea (UE). Dan kumparat ma' espansjoni ekonomika ta' 1.4% fil-bqija tal-UE.

Fil-fatt statistika għall-ewwel xahrejn tal-2020 kienet tindika tkabbir ekonomiku sostanzjali f'pajjiżna. F'dan il-perijodu l-ammont ta' turisti li żaruna żdied bi kważi 21,000, jew 17% kumparat ma' sena qabel. Il-produzzjoni industrijali kibret b'medja ta' 11% fl-ewwel xahrejn tas-sena. L-ammont ta' persuni jirreġistraw għal impjieg kien 9% anqas minn sena qabel, u r-rata tal-qgħad kienet niżlet għal minimu storiku ta' 3.3%.

Minbarra ż-żieda qawwija fl-esportazzjoni ta' prodotti u servizzi, pajjiżna kien għaddej minn perijodu ta' konsum qawwi fost il-familji. Sa Frar il-bejgħ mill-ħwienet, skont data tal-Eurostat, kien qed jiżdied bi kważi 8.5% f'Malta, kontra 3% fl-UE. Dan kien jirrifletti l-qagħda finanzjarja ferm tajba tal-familji f'pajjiżna, kif rifless mill-fatt li d-depożiti mal-banek kienu laħqu livell rekord.

Anke fejn jidħol investiment, l-2020 bdiet b'mod ferm promettenti. F'xahrejn biss ġew impurtati aktar minn €250 miljun f'makkinarju u prodotti għal proġetti kapitali. Il-Gvern biss kien nefaq kważi €70 miljun fi spiża kapitali.

F'dan il-kuntest, il-COVID-19 wasslet għal waqfien kważi ħesrem ta' attivitajiet li kienu għaddejjin b'ritmu ferm aktar mgħaġġel mill-medja. L-għeluq tal-ajruport fisser li waqaf id-dħul ta' turisti f'pajjiżna, filwaqt li l-miżuri meħuda biex jillimitaw il-kummerċ mill-ħwienet wasslu biex il-konsum jonqos. Fejn tidħol esportazzjoni u industriji oħra bħall-kostruzzjoni, minkejja li komplew joperaw, il-pass tal-attività kellu jmajna jew għax bdew jitħassru l-ordnijiet jew għax il-provvista ta' ħaddiema naqset.

# TBASSIR TAL-EFFETT EKONOMIKU TAL-COVID-19 FUQ MALTA

Fl-ewwel tbassir ekonomiku li sar fuq l-impatt tal-COVID-19, il-World Economic Outlook, l-esperti tal-Fond Monetarju Internazzjonali (IMF), kienu sostnew li Malta se ssofri l-anqas impatt negattiv ekonomiku. Filwaqt li madwar iż-Żona Ewro kien mistenni tnaqqis ta' 7.5% fil-GDP matul l-2020, għal Malta t-tnaqqis antiċipat hu ta' 2.8%, jew kważi terz id-daqqa ekonomika li se ssofri l-bqija tal-Ewropa.

Pajjiżi ġirien ta' Malta kienu mistennija jlaqqtu daqqiet ekonomiċi ferm akbar, fosthom daqqa tliet darbiet aktar għall-Italja u għal Spanja. Il-mutur ekonomiku tal-Ewropa, il-Ġermanja, kien imbassar li jara waqgħa ta' 7% fis-saħħa ekonomika tiegħu.

Ir-rata ta' qgħad f'pajjiżna kienet imbassra mill-IMF li titla' għal 5%, jew ferm anqas mis-7.3% li pajjiżna kellu fl-eqqel tal-kriżi ekonomika tal-2009. Madwar iż-Żona Ewro, il-qgħad mistenni jitla' għal 10.4% jew aktar mid-doppju ta' pajjiżna, filwaqt li dik f'Malta mistennija tkun ferm anqas, ta' 4.4%.

L-esperti internazzjonali bassru li l-ekonomija Maltija se tirpilja bil-qawwi mill-effetti tal-COVID-19 fl-2021, tant li mistennija rata ta' tkabbir ta' 7%. Dan meta fil-bqija tal-Ewropa t-tkabbir mistenni jkun taħt il-5%, u li mhux se jagħmel tajjeb għat-tnaqqis riżultat tal-COVID-19.

Tbassir aktar riċenti sar mill-Kummissjoni Ewropea fis-Summer 2020 Economic Forecasts ippubblikat f'Lulju. L-esperti tal-Kummissjoni jbassru li filwaqt li madwar iż-Żona Ewro l-ġid nazzjonali mistenni jonqos din is-sena b'8.7%, f'Malta d-daqqa ekonomika ser tkun ta' 6%. Dan ifisser li minkejja d-dipendenza qawwija ta' pajjiżna fuq it-turiżmu, l-effett tal-pandemija ser ikun kważi terz anqas minn dak taż-Żona Ewro. Barra minn hekk, filwaqt li fiż-Żona Ewro d-daqqa tal-2020 mhux ser tkun irkuprata fl-2021 ghax it-tkabbir ser ikun ta' 6.1%, f'Malta fl-2021 it-tkabbir ekonomiku ser ikun akbar mid-daqqa tal-2020.

Fejn jirrigwarda l-qagħda tal-impjiegi, l-esperti tal-Kummissjoni huma ferm pożittivi fuq pajjiżna. Filwaqt li bħala medja madwar iż-Żona Ewro hu mistenni tnaqqis ta' 4.7%, f'pajjiżna d-daqqa hija mbassra li tkun ta' 1.8%. Dan ifisser li skont il-Kummissjoni d-daqqa fl-impjiegi f'pajjiżna ser tkun terz ta' dik fil-bqija taż-Żona Ewro. L-akbar daqqa fl-impjiegi mistennija tkun fi Franza, bi tnaqqis ta' 9.1%, jew ħames darbiet dik f'pajjiżna. Fl-2021 l-impjiegi f'pajjiżna mistennija jogħlew bi 3%, jiġiifieri d-doppju tat-telf ta' impjiegi din is-sena u d-doppju tal-medja fiż-żieda annwali tal-impjiegi osservata sal-2015.

Filwaqt li pajjiżi oħra ġie mnaqqas ir-rating tagħhom, fir-rispett ta' Malta, erba' aġenziji internazzjonali – Standard and Poor's, Fitch, Moody's u Creditreform – indikaw li l-prospetti għal pajjiżna huma stabbli. L-aġenzija Ġermaniża Scope Ratings poġġiet lil pajjiżna fost l-aqwa ħamsa fejn tidħol reżiljenza ekonomika.

# INDIKATURI EKONOMIĊI GĦAL PAJJIŻNA MINDU BDIET IL-COVID-19

Fl-ewwel nofs tas-sena l-valur miżjud f'pajjiżna naqas skont l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika bi kważi €297 miljun. Dan seħħ l-aktar minħabba s-settur tal-bejgħ, lukandi, ristoranti u trasport, fejn kien hemm tnaqqis ta' €334 miljun. B'kuntrast kien hemm żieda tajba fir-remote gaming, servizzi finanzjarji, komunikazzjoni, saħħa u proprjetà.

| | € MILJUN |
|---|---|
| **Żieda fl-ewwel nofs tas-sena kumparat mal-2019** | -296.9 |
| | |
| Agrikultura u sajd | -4.8 |
| Elettriku u ilma | -12.7 |
| Industrija | 8.3 |
| Kostruzzjoni | -6.3 |
| Bejgħ, lukandi, ristoranti u trasport | -334.3 |
| Informazzjoni u komunikazzjoni | 29.6 |
| Servizzi finanzjarji | 6.9 |
| Proprjetà | 20.9 |
| Servizzi professjonali u amministrattivi | -47.2 |
| Amministrazzjoni pubbliku, edukazzjoni, saħħa | 26.2 |
| Rikreazzjoni u servizzi oħra | 33.1 |

Fl-ewwel nofs tas-sena l-prodott gross domestiku naqas b'7.7% f'pajjiżna, mentri fiż-Żona Ewro kien hemm tnaqqis ta' 9.1%. Dan kien jirrifletti prinċipalment il-fatt li d-dħul tal-ħaddiema baqa' relattivament protett.

L-ammont ta' sensji kien limitat, tant li r-rata tal-qgħad wara Mejju bdiet tonqos wara li kienet laħqet 4.3%, jew ferm anqas mir-rata ta' 6.9% li pajjiżna kellu matul ir-riċessjoni tal-2009. L-aġġustament fis-suq tax-xogħol seħħ b'mod differenti għax skont stħarriġ tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika bħala medja l-ħaddiema ħadmu tmin sigħat anqas fil-ġimgħa meta mqabbel mas-sena preċedenti.

Minkejja dan, ċifri tal-Bank Ċentrali jindikaw li minkejja l-effett tal-pandemija, id-depożiti tal-familji mal-banek kważi laħqu €14 biljun, b'żieda ta' aktar minn nofs biljun fuq Marzu. Dan kien jirrifletti li l-konsum privat naqas, speċjalment fejn jidħol trasport, xiri ta' ħwejjeġ u spiża fuq ristoranti u lukandi, filwaqt li d-dħul baqa' f'livell tajjeb.

# IL-PAKKETTI TA' GĦAJNUNA FINANZJARJA INTRODOTTI MILL-GVERN MALTI

Studju internazzjonali magħmul minn akkademiċi minn universitajiet rinomati, fosthom il-Columbia University (meqjusa fl-2020 bħala t-tielet l-aqwa università Amerikana) żvela li l-pakkett ta' għajnuna fformulat mill-Gvern Malti huwa l-aqwa fid-dinja.

### Skemi introdotti permezz tal-ewwel żewġ pakketti

L-ewwel żewg pakketti ta' għajnuna tħabbru fl-14 u fit-18 ta' Marzu. Dawn il-miżuri meħudin flimkien kienu jfissru injezzjoni ta' €1.8 biljun fl-ekonomija tagħna.

Waħda mill-miżuri importanti kienet il-posponiment tal-pagament tat-taxxa tal-VAT, bolla, taxxa fuq id-dħul u kontribuzzjonijiet oħra dovuti f'Marzu u April. Dawn kienu fuq id-dħul li kienu għamlu l-kumpaniji fix-xhur ta' qabel meta l-ekonomija kienet sejra tajjeb ferm. Din effettivament kienet self bla imgħax li l-Gvern ta lin-negozji sakemm ikun jista' jagħti għajnuna monetarja akbar. L-ammont kien stmat li ser ilaħħaq €700 miljun.

Il-Gvern ħabbar pagament ta' €350 lil kull employer għall-ħaddiema li jkollhom joqogħdu kwarantina minħabba l-virus. Daħal ukoll benefiċċju ta' €800 għall-familji fejn iż-żewġ partijiet jaħdmu fis-settur privat u ma hemmx possibilità ta' teleworking. Fl-istess ħin iddaħħlet skema tal-Malta Enterpirise ħalli negozji li daħħlu t-teleworking jirċievu lura parti mill-ispejjeż sa massimu ta' €4,000 kull kumpanija.

It-tieni pakkett daħħal il-kunċett li l-Gvern iħallas parti mill-paga tal-ħaddiema f'setturi affettwati mill-għeluq tal-attività. Fir-rigward ta' dawk li kienu ngħalqu kompletament, daħal benefiċċju ta' €360 kull xahar għal kull impjegat jew dawk li jaħdmu għal rashom. Fir-rigward ta' dawk li jaħdmu għal rashom u jħaddmu impjegati magħhom ġie introdott benefiċċju ta' €480. Fir-rigward ta' negozji li kienu għadhom joperaw imma sofrew tnaqqis ta' 25% fl-attività, kien propost benefiċċju ta' €160, li kien jitla' għal €320 għal dawk li jaħdmu għal rashom imma li jimpjegaw nies oħra magħhom.

Mill-lat soċjali l-Gvern introduċa benefiċċju tal-qgħad ġdid li permezz tiegħu dawk li tilfu l-impjieg bdew jirċievu €800, filwaqt li żdiedu wkoll is-sussidji tal-kera għal dawk bla xogħol (li bbenefikaw 68 persuna b'madwar €0.1 miljun). Anke persuni b'diżabilità li jagħżlu li ma jmorrux xogħol waqt l-emerġenza medika jibbenefikaw mill-istess ammont.B'kollox il-benefiċċji mħabbra kienu mbassra li jiġu jiswew €210 miljun.

Barra minn hekk il-Gvern ħabbar li kien ser juża l-flus imfaddla fil-Fond għall-Iżvilupp Nazzjonali u Soċjali ħalli l-Bank Malti għall-Iżvilupp jagħti garanziji fuq dejn lil negozji biex dawn ikunu jistgħu jibqgħu joperaw. Dan id-dejn huwa proġettat li jilħaq €900 miljun.

Fl-aħħar nett, il-Gvern laqa' l-miżura volontarja meħuda mill-banek kummerċjali biex jagħtu moratorju ta' tliet xhur lil dawk milquta mill-effetti ekonomiċi tal-COVID-19. L-aktar li bbenefikaw minn dan il-moratorju kienu familji b'dejn relatat ma' proprjetà. Aktar minn 1,500 familja fil-fatt ngħataw moratorju fuq dejn ta' kważi €150 miljun. Fir-rigward tan-negozji, l-aktar li gawda bħala numru ta' benefiċjarji kien is-settur tal-ħwienet, fejn 225 negozju f'dan il-qasam ingħataw nifs ta' tliet xhur. F'termini ta' kobor tal-ammont ta' moratorju, imma, l-aktar settur li bbenefika kien dak tal-lukandi u ristoranti, bi kważi €114-il miljun.

B'kollox kważi 900 negozju gawdew minn din il-miżura, b'somma totali ta' dejn taħt moratorju ta' kważi terz ta' biljun. Il-moratorju volontarju bbenefika madwar wieħed minn kull tlettax-il ewro dejn eżistenti tan-negozji Maltin u Għawdxin, mentri l-impatt fuq il-familji kien nofs dan il-proporzjon.

| NEGOZJI | € M | NUMRU | FAMILJI | € M | NUMRU |
|---|---|---|---|---|---|
| Manifattura | 8.6 | 58 | Proprjeta | 147.5 | 1,535 |
| Kostruzzjoni | 12.3 | 40 | Dejn Iehor | 9.7 | 305 |
| Ħwienet | 36.9 | 225 | | | |
| Trasport/Komunikazzjoni | 10.9 | 36 | **Total** | **157.2** | **1,840** |
| Lukandi/Ristoranti | 113.8 | 187 | | | |
| Proprjetà | 80.0 | 160 | | | |
| Servizzi Oħra | 67.3 | 179 | | | |
| **Total** | **329.8** | **885** | | | |

Tabella 1: Dawk li bbenefikaw mill-moratorju volontarju mogħti mill-banek (sa Marzu)

Huwa stmat li dan ta nifs ta' €27 miljun bejn imgħax u pagamenti posposti. Filwaqt li kien hemm partijiet mill-pakkett li ġew modifikati u msaħħa, hemm diversi skemi li bdew jitħaddmu. Fost dawn hemm l-iskema ta' refund ta' spejjeż relatati ma' teleworking. Dawn sa issa laħħqu 942. Skont l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, diġà sa tmiem Marzu terz tal-impjegati kollha kienu qed jaħdmu bit-telework, tliet darbiet aktar minn qabel. Dan jindika kemm hu importanti dan it-tip ta' sostenn lin-negozji.




Applikazzjonijiet għall-iskema tat-teleworking

L-iskema tal-leave ta' kwarantina wkoll kienet ta' għajnuna diretta lil min iħaddem għax naqset l-ispiza involuta biex titnaqqas l-imxija tal-COVID-19. Sa issa kien hemm 1,782 negozju li kienu sostnuti b'din l-iskema, b'appoġġ sa issa ta' €0.9 miljun.




Applikazzjonijiet għall-iskema tat-teleworking




Benefiċarji mis-Sigurtà Soċjali

L-iskemi mħaddma mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali sa issa bbenefikaw minnhom kważi 6,600 persuna bi spiża ta' €9.4 miljuni.

### Skemi introdotti permezz tat-tielet pakkett – il-Patt Soċjali Ġdid

Fl-24 ta' Marzu l-Gvern ħabbar li l-partijiet soċjali kienu qablu fuq patt soċjali ġdid li permezz tiegħu l-Gvern kien ser jidħol direttament biex jiffinanzja paga ta' €800 lill-ħaddiema f'setturi l-aktar milquta, filwaqt li min iħaddem kien ser iħallas €400 fuq dan l-ammont. Għal negozji anqas affettwati l-Gvern baqa' kommess għall-iskema ta' €160, filwaqt li daħlet proviżjoni li għal negozji f'Għawdex is-sussidju jitla' għal €320. Fir-rigward ta' dawk li jaħdmu għal rashom f'setturi anqas affettwati l-benefiċċju wkoll baqa' ta' €320 (li jitla' għal €480 jekk il-persuna tkun tħaddem terzi).

Ftit jiem wara nħareġ avviż legali li fih ingħataw struzzjonijiet lil persuni meqjusa vulnerabbli ħalli dawn ma jibqgħux jirrappurtaw fil-post tax-xogħol tagħhom. Biex jgħin lil dawn il-persuni ġie introdott benefiċċju soċjali ġdid. Sa issa kien hemm 1,610 persuni vulnerabbli li bbenefikaw, bi spiża għall-Gvern ta' €2.4 miljun.




Persuni vulnerabbli li applikaw għal benefiċċju

Wara li tħabbar it-tielet pakkett, il-Malta Enterprise bdiet tħaddem l-iskema tal-COVID-19 Wage Supplement. Sa issa din l-iskema applikaw għaliha negozji li jħaddmu aktar minn 93,580 persuna. Dan ifisser li 47% tal-200,200 persuna jaħdmu mas-settur privat qed jibbenefikaw minn din l-iskema ta' għajnuna. Din l-iskema tiswa €44 miljun fix-xahar, jew aktar mill-ispiża fuq pensjonijiet kontributorji għall-irtirar kollha meħudin flimkien. L-effettività ta' din l-iskema biex jiġu salvati l-impjiegi toħroġ ċar meta wieħed iqabbel kif kien qed jiżdied il-qgħad ma' kif żdiedet l-ispiża. Aktar ma l-flus bdew jaslu għand in-negozji, aktar bdiet tonqos iż-żieda fl-applikazzjonijiet għall-benefiċċju tad-diżimpjieg.




L-effett tal-COVID-19 Wage Supplement fuq il-Qgħad




Ħaddiema li rċevew ħlas grazzi għall-COVID-19 Wage Supplement

### Skemi introdotti permezz tar-raba' pakkett – Aktar likwidità lin-negozji

Fit-13 ta' April il-Gvern ħabbar permezz ta' avviż legali li l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha kellhom jagħtu moratorju ta' sitt xhur lil kull min kien affettwat negattivament mill-impatt tal-pandemija. Dan il-moratorju huwa kemm fuq l-imgħax kif ukoll fuq pagamenti tad-dejn oriġinali. It-terminu tad-dejn affettwat kien qiegħed jiġi estiż b'sitt xhur ħalli dawk affettwati ma' jkollhomx żidiet fil-pagamenti meta l-moratorju jintemm. B'kollox il-banek lokali għandhom djun ta' €10.2 biljun li fuqhom jista' japplika l-moratorju. Sa tmiem Ġunju, l-ammont taħt moratorju kien laħaq €1.7 biljun, li minnu €0.6 biljun ivvantaġġja kważi 11,500 familja waqt li l-bqija gawdew minnu kważi 2,500 negozju. Fl-ewwel ta' Lulju, il-moratorju ġie estiż bi tliet xhur f'termini ta' żmien meta wieħed jista' japplika għalih u b'sitt xhur f'termini tal-perijodu kopert.

Fis-16 ta' April tħabbar li d-dejn ġdid garantit mill-Bank Malti għall-Iżvilupp kien ser jibbenefika wkoll minn sussidju sa 2.5% fuq ir-rata tal-imgħax għall-ewwel sentejn. B'hekk għall-ewwel sentejn l-imgħax ikun sa minimu ta' 0.1%. Dan meta qabel din l-iskema, bħala medja, dejn ġdid kien ikollu rata ta' imgħax ta' 4.5%.

Id-dejn garantit jista' jkun sa €2 miljun għal negozji żgħar u medji, u sa €4 miljun għal dawk kbar. F'ċerti każijiet l-ammont jista' jitla' sad-doppju jekk approvat. L-ammont tad-dejn huwa limitat għad-doppju tal-ispiża annwali fuq pagi jew sa kwart tal-bejgħ tan-negozju. Id-dejn huwa għal terminu bejn 18 u 48 xahar, imma jista' jiġi estiż sa 72 xahar. Bħala minimu jgawdi minn moratorju ta' sitt xhur, li jista' jitla' sa sena.

Sa tmiem Ġunju, il-Bank Malti għall-Iżvilupp kien awtorizza djun għal 255 klijent ta' banek kummerċjali, fl-ammont ta' €161 miljun.

Il-Gvern nieda wkoll skema li permezz tagħha negozji u self-employed fil-qasam industrijali jistgħu jieħdu lura sa €75,000 fuq tliet snin f'sussidju fuq kirjiet. Din l-iskema hija miftuħa għal negozji li jħaddmu sa 100 persuna u b'bejgħ ta' anqas minn €10 miljun. L-ammont li ser jintefaq huwa sa €2.5 miljuni.

### Għada Aħjar – Pjan ta' riġenerazzjoni ekonomika

Fit-8 ta' Ġunju l-Gvern ippreżenta pjan ta' riġenerazzjoni ekonomika fejn minn naħa elenka sensiela ta' skemi ta' assistenza u inċentivi li tingħata sal-Baġit għall-2021, filwaqt li spjega miżuri aktar għat-tul. B'kollox il-pakkett ilaħħaq €900 miljun.

Dawn jinkludu aktar differimenti ta' taxxa (€200 miljun), kif ukoll estensjoni tal-COViD-19 Wage Supplement modifikata (bi spiża mbassra ta' €91 miljun). Din tal-aħħar ġiet miftuħa għal studenti u pensjonanti li jaħdmu part-time.

Il-bqija tal-miżuri jistgħu jinqasmu fi tliet pilastri.

## 1 Nifs lin-negozji

- Roħs fil-fjuwil
- Rifużjoni tal-kont tad-dawl
- Restart grant
- Sussidju lit-taħriġ
- Għajnuna għal business plans
- Waiver tal-liċenzji
- Tnaqqis fit-taxxa tal-boll
- Grants flok tax credits
- Tnaqqis fil-port charges

## 2 Spinta lill-Konsum

- Roħs fil-fjuwil
- Voucher għal dawk ta' 16-il sena u aktar
- Titjib fl-in work benefit
- Rifużjoni tat-taxxa tad-dħul
- Tnaqqis fit-taxxa tal-boll
- First-time buyer aħjar
- Sostenn lil dawk li ppostponew it-tieġ

## 3 Viżjoni għall-futur

- Infrastruttura industrijali ġdida
- Immodernizzar tal-makkinarju
- Kampanji promozzjonali
- Garanzija ta' kreditu
- Għajnuna lil volontarjat
- Green deal/ ESG/ ekonomija diġitali

Fejn jidħol l-ewwel sett ta' miżuri, l-akbar skemi huma dawk ta' rifużjoni ta' nofs il-kont tad-dawl ta' negozji fuq il-COVID-19 Wage Supplement, kif ukoll restart grant ħalli titħallas parti mill-kera. Barra minn hekk hemm sensiela ta' skemi li jippremjaw lil dawk li jagħmlu re-engeenering tan-negozju tagħhom, dawk li jħarrġu l-ħaddiema, u dawk li investew is-sena li għaddiet permezz tal-Microinvest, li minflok tax credits ser jieħdu grant. Barra minn hekk hemm roħs ferm qawwi fil-prezz tal-fjuwil, rifużjoni tal-liċenżji tan-negozji, roħs fil-boll fuq xiri ta' proprjetà kummerċjali u tnaqqis fil-port charges u container discharge fees. Dan filwaqt li ser ikompli d-differiment tal-maġġorparti tat-taxxi. B'kollox hemm stima ta' madwar €400 miljun injezzjoni, meta wieħed jinkludi d-differimenti addizzjonali tat-taxxa.

Kumpanija medja tista' tgawdi minn assistenza ta' €18,000 jekk tipparteċipa fil-maġġoranza tal-iskemi billi tħarreġ il-ħaddiema kif ukoll tagħmel business plan ġdid.

Fejn jirrigwarda t-tieni pilastru, dan l-intervent favur il-konsum u l-investiment mill-familji jlaħħaq mad-€100 miljun. Dan permezz tal-impatt tal-akbar roħs f'daqqa li qatt tħabbar fil-prezz tal-fjuwil, l-għoti ta' €34 miljun f'vouchers lil kull persuna ta' aktar minn sittax-il sena u riduzzjoni qawwija fit-taxxa tal-boll anqas fuq proprjetà. Dan minbarra €11.5 miljun f'rifużjoni fuq taxxa tad-dħul, €4 miljun spiża aktar fuq in-work benefit, inkluż benefiċċju supplimentari ta' €250 lill kull familja fuq din l-iskema, kif ukoll €2 miljun għajnuna għal dawk li kellhom jipposponu t-tieġ minħabba l-pandemija.

Il-pjan ta' riġenerazzjoni ekonomika għandu wkoll element importanti li jħares 'l hinn mis-sitwazzjoni preżenti billi jiffoka ammont qawwi ta' riżorsi finanzjarji kemm f'kampanji promozzjonali biex ikabbru s-swieq tan-negozji, kif ukoll kreazzjoni ta' garanziji ġodda favur l-esportazzjoni u ferm aktar importanti l-akbar programm ta' investiment fl-infrastruttura industrijali.

Dan ivarja minn estensjoni tal-Life Sciences Park, għal faċilità ġdida li biha jitkabbar il-Kordin Business Incubation Centre, għal park industrijali ġdid għan-negozji żgħar u hub loġistiku. Il-pjan jikkonferma li pajjiżna ser jadotta l-European Green Deal, inkluż li nadottaw sistemi ta' enerġija alternattiva, nużaw aħjar ir-riżorsi tagħna u nibnu sistemi ta' trasport sostenibbli. Il-pjan iħares ukoll lejn il-possibilità li nattiraw lejn Malta investiment dirett barrani billi jitwaqqaf Environmental, Social and Governance Framework għal negozji żgħar u medji, xi ħaġa li sa issa ma teżistix fuq livell Ewropew.

Din hija opportunità kummerċjali għal pajjiżna imma wkoll possibilità li nattiraw lejna dawk li għandhom l-aqwa standards f'dan il-qasam u li ndakkru l-bqija tan-negozji lokali bil-prattiki tagħhom. Fl-aħħar nett il-pjan jiffoka wkoll fuq l-ekonomija diġitali, b'viżjoni li jkollna l-aktar Gvern diġitali fid-dinja.

## EŻEMPJI TA' KIF IL-PJAN SE JAFFETTWA L-FAMILJI U N-NEGOZJI

### Koppja żagħżugħa

Eman u Christine kienu ser jiżżewġu f'Mejju u wara jixtru l-ewwel proprjetà tagħhom b'valur ta' €300,000. Minħabba li diġà kellhom garaxx f'isimhom ma kinux ser igawdu mill-first-time buyers, u meta pposponew it-tieġ kienu weħlu spejjeż addizzjonali ta' €2,000. Permezz tal-miżuri mħabbra huma ser jieħdu lura din l-ispiża filwaqt li sejrin jiffrankaw boll ta' €10,500.

Dan barra li ser jirċievu bejn vouchers u tax refund €300, u flimkien mar-roħs fil-fjuwil it-titjib jitla' għal €382 fid-dħul disponibbli. Meta jitqies l-iffrankar tal-boll u tal-ispiża tal-posponiment, b'kollox il-purchasing power tagħhom tjieb b'41% din is-sena.

### Hairdresser self-employed

Katy hija hairdresser Għawdxija self-employed. Filwaqt li l-COVID Wage Supplement naqas minn Lulju għal €320, hi tista' tapplika għar-rifużjoni tal-kera u tal-kont tad-dawl sa €4,000. Mhux talli naqsitilha l-għajnuna, talli Katy issa jekk tiftaħ il-ħanut tagħha ser tingħata għajnuna d-doppju ta' dik li ngħatat fit-tliet xhur ta' qabel.

### Ristorant żgħir

Manuel għandu ristorant li fih iħaddem 10 full-timers. Filwaqt li l-COVID Wage Supplement ser jonqos għal €600, issa se jieħu rifużjoni tal-kera u tal-kont tad-dawl sa €4,000. Manuel ser jingħata wkoll lura l-ħlas tal-liċenzji, medja ta' €800. Għax is-sena li għaddiet uża l-Microinvest biex għamel refurbishment tar-ristorant, ser jirċievi grant ta' €2,000. B'kollox ser jieħu elf ewro aktar milli bil-COVID Wage Supplement oriġinali.

### Familja bi dħul baxx

John u Rita t-tnejn jaħdmu, bi dħul bejniethom ta' €18,000, u għandhom żewġ ulied. Huma ser jieħdu refund ta' taxxa ta' €128 bejniethom. Fuq fjuwil bħala medja ser jiffrankaw €82 sal-aħħar tas-sena.

It-titjib fl-inwork benefit ifisser li ser igawdu minn żieda fil-benefiċċju tagħhom ta' €100. Barra minn hekk sejrin jingħataw suppliment ta' €250. Bħal familji oħra bħalhom sejrin jieħdu €200 f'vouchers. B'kollox ser imorru tajjeb b'€760. Dan ifisser titjib fid-dħul disponibbli ta' kważi 5%.

## Skemi oħra ta' appoġġ

Minbarra dawn l-iskemi ġenerali, il-Gvern daħħal numru ta' skemi għal setturi partikolari. Dawn jinkludu għajnuna lill-mezzi tax-xandir (€1 miljun), lil għaqdiet mhux governattivi fil-qasam tal-ħarsien tal-annimali (€0.1 miljun), assoċjazzjonijiet tal-banda (€0.2 miljun), u għaqdiet oħra volontarji li qed jagħmlu xogħol relatat mal-COVID-19 (€0.1 miljun).

Il-Kunsill Malti għax-Xjenza u Teknoloġija nieda fond ta' €5.3 miljun li se jintuża għal riċerka u żvilupp relatat mal-COVID-19. Il-Kunsill tal-Arti ngħata fond ta' €75,000 li se jmorru għal proġetti kulturali u kreattivi.

Fost skemi oħra, saret spiża fuq trasport ta' merkanzija u ripatrijazzjoni ta' persuni li laħqet €7 miljun filwaqt li ġew imqassma provvisti ta' ikel lil madwar 17,000 familja vulnerabbli madwar Malta u Għawdex bi spiża ta' kwazi terz ta' miljun ewro.

Il-Kummissjoni Ewropea approvat skema tal-Gvern Malti b'baġit ta' €11.5 miljun biex jiġu inċentivati kumpaniji li jridu jimmanifatturaw prodotti u tagħmir mediku. Fl-istess ħin il-Gvern naqqas il-VAT fuq face masks u face shields għal 5% u ġew ikkumpensati numru ta' spiżeriji ħalli dawn ibigħu stokk li kellhom qabel bil-prezz ridott imħabbar mill-Gvern.

Il-Ministeru għall-Edukazzjoni wettaq proġett innovativ li bih seta' jsir tagħlim online, li ssarraf f'ħafna riżorsi ġodda għall-għalliema u ġenituri. Biex dan il-proġett jilħaq lil kulħadd, il-Gvern investa €40,000 ħalli madwar 250 student ikollhom ir-riżorsi neċessarji u sellef numru ta' kompjuters, laptops u tablets. Sakemm kienu magħluqin l-iskejjel, sar xogħol ta' manutenzjoni u żvilupp f'aktar minn 110 skejjel u kompla l-bini ta' skejjel ġodda.

Ġiet imnedija skema ta' taħriġ għall-industrija turistika b'fond ta' €5 miljun. F'din l-iskema se jkun hemm 300 kors akkreditat u madwar 750 kors qasir addizzjonali li mistennija jibbenefikaw minnhom 25,000 individwu.

Il-Ministeru għas-Saħħa u dak għal Għawdex żiedu n-nefqa tagħhom b'madwar €132 miljun fuq riżorsi umani, materjal u spażji ġodda biex jilqgħu għall-effetti tal-pandemija. Il-Ministeru għal Għawdex saħħaħ l-iskema tat-teleworking għall-ħaddiema Għawdxin billi daħħal benefiċċju ta' €10,000 għall-employers mifruxa fuq tliet snin.

## Stima tal-impatt ekonomiku tal-appoġġ mogħti mill-Gvern

Fin-nuqqas tal-iskemi ta' appoġġ, l-impatt ekonomiku tal-pandemija tal-COVID-19 kien ikun ferm qawwi. Minbarra d-daqqa immedjata fil-ġid nazzjonali, kien ikun hemm impatt sostanzjali fuq il-kapaċità produttiva ta' pajjiżna li kienet ixxekkel il-fażi ta' rkupru ekonomiku li tibda wara li tiġi kkontrollata l-imxija tal-coronavirus.

L-impatt ekonomiku tal-COVID-19 Wage Subsidy u benefiċċji ġodda mnedija mid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali huwa kkalkulat li jlaħħaq mal-1.8 punti perċentwali tal-prodott gross domestiku, billi dawn sostnew id-domanda domestika, speċjalment il-konsum privat, u b'mod anqas sostnut l-investiment. Parti mill-effett ta' dawn il-miżuri ntilfet bħala importazzjoni ta' prodotti minn barra l-pajjiż.

Ta' min jinnota li l-impatt dirett ta' din l-ispiża huwa stmat li laħħaq ftit anqas minn 1.5 punti perċentwali tal-ġid nazzjonali, u li dan irriżulta f'effett addizzjonali ta' 0.3 punti perċentwali frott l-infiq li għamlu dawk li bbenefikaw direttament minn dawn il-miżuri.

Biex wieħed jieħu idea kemm huwa konsiderevoli dan l-impatt, biżżejjed li wieħed ifakkar li t-tkabbir ekonomiku medju ta' pajjiżna mindu sirna membri tal-Unjoni Ewropea jlaħħaq 4.4 punti perċentwali fis-sena. Fl-assenza ta' dawn il-benefiċċji ġodda d-daqqa ekonomika ta' pajjiżna kienet tilħaq dik antiċipata fil-bqija tal-Unjoni Ewropea. B'hekk dawn il-benefiċċji waħedhom għamlu tajjeb ghal kwart tad-daqqa ekonomika li kkawżat il-COVID-19.

F’numru ta’ setturi, l-impatt tal-iskemi tal-Gvern kien ferm għoli. Fil-fatt huwa stmat li l-akbar impatt kien fuq il-valur miżjud fil-qasam ta’ servizzi oħra (li jinkludi fost l-oħrajn negozji li jsewwu u jagħmlu manutenzjoni ta’ kompjuters u apparat elettroniku, drycleaning u attivitajiet ta’ entitajiet mhux governattivi). Anke fil-qasam tal-lukandi u ristoranti l-għajnuna sostniet kważi 10% tal-valur miżjud li kien hemm qabel il-COVID-19, mentri għas-sidien tal-ħwienet l-impatt kien ta’ 5%.

Anke fil-manifattura, trasport u servizzi amministrattivi l-impatt huwa aktar mill-impatt medju ta’ 1.8 punti perċentwali. Fl-oqsma ekonomiċi l-oħra l-impatt kien stmat li kien anqas mill-medja, bl-anqas impatt ikun fis-settur tas-servizzi finanzjarji kif ukoll fil-kostruzzjoni u s-servizzi professjonali u igaming. Kif jista’ jiġi nnotat mill-grafika, anke setturi li ma kinux f’Annex A jew B xorta gawdew mill-iskemi tal-Gvern b’mod indirett. Pereżempju kważi 1% tal-valur miżjud tas-settur agrikolu u tal-proprjetà kien sostnut mill-ispiża indotta.




Impatt fuq il-valur miżjud dovut għall-benefiċċji ġodda

(1) Servizzi Finanzjarji
(2) Kostruzzjoni
(3) Saħħa
(4) Servizzi Professjonali
(5) Arti u Rikreazzjoni
(6) Edukazzjoni
(7) Agrikultura u sajd
(8) Informazzjoni
(9) Proprjetà
(10) Manifattura
(11) Trasport
(12) Servizzi amministrativi
(13) Hwienet
(14) Lukandi u risortoranti
(15) Servizzi oħra

F’ċerti setturi, bħal pereżempju s-saħħa u l-edukazzjoni, l-impatt jista’ jidher żgħir imma dan jirrifletti li dawn setturi dominati mis-settur pubbliku. Jekk wieħed jiffoka fuq is-settur privat, l-impatt jitla’ għal madwar 0.5% fis-saħħa, 2% fl-edukazzjoni, 3% fit-trasport u 3.2% fis-servizzi amministrattivi.

Minbarra li l-għajnuna tal-Gvern sostniet 93,000 impjieg b’mod dirett permezz tal-COVID-19 Wage Subsidy, u madwar 6,000 impjieg ieħor grazzi għall-benefiċċji soċjali ġodda, din l-ispiża sostniet b’mod indirett madwar 900 impjieg ieħor. Fil-fatt il-konsum privat ikkreat mid-dħul grazzi għall-iskemi tal-Gvern huwa stmat li ggarantixxa dan l-ammont ta’ impjiegi wkoll.




Filwaqt li huwa ċar kemm kienu importanti l-COVID-19 Wage Subsidy u l-benefiċċji soċjali ġodda, l-elementi l-oħra tal-għajnuna mogħtija mill-Gvern huma stmati li għandhom impatt aktar b'saħħtu fil-kollettiv tagħhom.

Il-moratorju fuq id-dejn, kif ukoll id-differiment tat-taxxi, huma stmati li sostnew it-tkabbir ekonomiku b'minn tal-anqas 0.24 punti perċentwali. Dan billi din il-likwidità ġiet użata biex tiġi ffinanzjata l-attività u b'hekk wasslet għal domanda akbar għal prodotti intermedjarji u provvisti.

Il-pjan ta' riġenerazzjoni ekonomika fit-totalità tiegħu huwa proġettat li jkabbar il-prodott gross domestiku ta' pajjiżna bi kważi tliet punti perċentwali. L-element ta' spiża kapitali ser jagħti injezzjoni ta' madwar 1.3%, għax ser ikun qed iżid il-livell ta' investiment f'pajjiżna b'aktar minn 13.5%. Fil-maġġorparti dan l-investiment ser ikun f'forma ta' kostruzzjoni, u allura l-ammont ta' valur li jintilef f'importazzjoni mistenni jkun limitat. F'termini ta' impjiegi, l-investiment fl-infrastuttura industrijali huwa proġettat li jiġġenera kważi 3,250 impjieg. Ta' min jinnota li dan huwa sempliċiment l-impatt tal-kreazzjoni tal-infrastuttura ġdida. Barra minn hekk imbagħad ikun hemm impatt ferm aktar ogħla meta din l-infrastuttura tibda tiġi użata mis-settur privat. Minħabba li t-tlestija ta' dawn il-proġetti ser tkun fi żmien seba' snin, dan l-impatt ekonomiku mhuwiex inkluż f'dawn il-kalkoli (imma biex wieħed jieħu indikazzjoni ż-żieda fil-kapital tista' twassal għal żieda fil-potenzjal ekonomiku ta' pajjiżna ta' aktar minn 5 punti perċentwali).

Jekk wieħed iħares lejn il-miżuri tal-pjan ta' riġenerazzjoni ekonomika li jkopru l-ewwel u t-tieni pilastri (jiġifieri nifs lin-negozji u spinta lill-konsum), flimkien dawn mistennija jsostnu l-prodott gross domestiku b'1.6 punti perċentwali. L-akbar impatt huwa proġettat li jiġi mill-miżuri li ser ikabbru l-konsum, speċjalment il-miżura tal-vouchers. L-iskemi li sejrin jagħtu nifs lin-negozji huwa stmat li ser ikabbru l-ekonomija b'madwar 0.6 punti perċentwali.




Għaldaqstant il-miżuri ekonomiċi meħuda mill-Gvern Malti biex jilqa' għall-effett tal-COVID-19 huma proġettati li jinjettaw valur miżjud ta' ftit aktar minn 5% tal-prodott gross domestiku. Minbarra li ser jagħmlu tajjeb għad-daqqa ekonomika tal-pandemija u jwasslu biex l-ekonomija tagħna tmur ferm aħjar mill-medja Ewropea, dawn il-miżuri ser ikunu l-pedament għal fażi ġdida ta' tkabbir ekonomiku f'pajjiżna.

Tkabbir ekonomiku li ser jibni fuq it-tajjeb ta' snin passati, filwaqt li l-ekonomija tagħna tiġi diversifikata aktar u ssir aktar sostenibbli, b'enfasi akbar fuq il-kreazzjoni ta' kwalità ta' ħajja aħjar.

# MIŻURI LIL HINN MILL-BAĠIT LI WETTAQNA WAQT IL-PANDEMIJA

## Ħidma strutturata fejn xejn ma tħalla għal riħu

Meta wieħed janalizza x'għamel is-Servizz Pubbliku waqt l-imxija tal-coronavirus, kien hemm flejjes kbar li nħarġu biex tiġi sostnuta l-ekonomija, kif rajna fil-kapitlu preċedenti. Iżda kien hemm ukoll numru kbir ta' azzjonijiet li ttieħdu minn dipartimenti varji tal-Gvern fejn dawn utilizzaw riżorsi addizzjonali 'l fuq mill-flejjes speċjali vvutati għall-imxija. B'hekk jista' jingħad illi anke dawn il-miżuri, għalkemm diffiċli biex jiġu kwantifikati materjalment bħala flus, ħallew l-impatt tagħhom fejn fondi u riżorsi li kienu ser jintużaw għal affarijiet oħra kellhom jiġu ridiretti lejn l-imxija. Għaldaqstant kienhemm sforzi akbar biex il-miżuri l-oħra mwiegħda fil-Baġit ma jaqgħux lura u jseħħu wkoll. Ma ninsewx illi għalkemm kien hawn l-imxija tal-coronavirus, is-servizzi kollha li jingħataw normalment baqgħu għaddejjin.

## Bla preċedent

Il-Gvern ħadem b'mod strutturat ħafna waqt l-imxija tal-coronavirus f'pajjiżna, fejn inħatru numru ta' kumitati bil-għan illi d-deċiżjonijiet jittieħdu malajr u skont il-ħtieġa. Kienet sitwazzjoni bla preċedent - ċirkostanza globali li letteralment tiġri darba f'mitt sena. Il-kumitat strateġiku tal-Kabinett kien immexxi mid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa, filwaqt li dak operazzjonali tmexxa mill-Kap taċ-Ċivil, bl-għajnuna tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru għas-Saħħa u s-Supretendent tas-Saħħa Pubblika. Minn dan il-kumitat inħatru gruppi ta' kordinament biex minn aspett operattiv iħejju l-pjani tagħhom dwar diversi aspetti, fosthom il-komunikazzjoni mal-pubbliku, ir-riżorsi, il-qasam tat-trasport u l-ekonomija.

Dan wassal biex ċerti deċiżjonijiet bdew jittieħdu mill-ewwel u qabel ma l-pandemija waslet f'pajjiżna. Dan kien punt kruċjali biex stajna nħejju u jkollna dak kollu meħtieġ biex fl-ebda mument tal-pandemija ma ninqabdu fuq sieq waħda.

## Għajnuna lill-pubbliku

Twaqqfu numru kbir ta' helplines u dan biex il-Gvern iżomm ruħu f'komunikazzjoni diretta mal-poplu l-ħin kollu. Ma jistax jonqos li f'avveniment bħal dan, jiċċirkolaw aħbarijiet sensazzjonali li mhux dejjem ikunu minnhom. Il-helplines wasslu biex il-poplu jkun infurmat sew f'każ ta' mistoqsijiet u ħtieġa ta' kjarifiki. Dan kien riżors importanti illi ntefa' fuq il-battalja kontra l-pandemija. Ir-riżors uman, sigħat twal ta' ħafna nies li flok għamlu xogħol ieħor kellhom jiffukaw fuq il-Covid, hands on deck. Permezz ta' servizz.gov twaqqaf il-helpline 111 li għalih irrikorrew l-eluf kbar. Id-Dipartiment tas-Saħħa wettaq kampanja qawwija u kontinwa NADDAF – WAQQAF – GĦATTI li tat pariri siewja dwar kif tista' tbiegħed minnek il-Covid-19.

Ġie mniedi l-helpline ġenerali flimkien ma' website. Is-Supretendent tas-Saħħa Pubblika, il-Prof. Charmaine Gauci, kienet ta' kuljum tagħti l-aħħar aħbarijiet u numri uffiċjali, waqt li Dr Chris Barbara, Clinical Chairman tad-Dipartiment tal-Patoloġija, ukoll sar figura familjari bis-sehem tiegħu f'numru ta' intervisti. Id-Dipartiment tal-Informazzjoni ta sehmu b'bulettin ta' kuljum fuq il-media soċjali, liema bulettin kien jiġbor il-punti saljenti tal-ġurnata. Twaqqaf helpline 1770 li kien jiffoka fuq is-saħħa mentali u pprovda għajnuna permezz ta' 30 professjonist. Min-naħa l-oħra l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej assista ċittadini Maltin f'żoni affettwati. Ma ninsewx illi l-ajruport internazzjonali ta' Malta ngħalaq fil-21 ta' Marzu u dan kien ifisser li saru numru ta' titjirijiet ta' ripatrijazzjoni.

Id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impjiegi wkoll kien fuq quddiem permezz tal-helpline tiegħu, fejn twieġbu medja ta' 1,000 telefonata kuljum minn tim ta' 16-il professjonist fil-qasam. Il-miżuri kollha li beda jsemmi l-Gvern kellhom jiġu implimentati mis-Servizz Pubbliku f'qasir żmien. Mhux ta' b'xejn li s-Servizz Pubbliku jiġi deskritt bħala l-id il-leminija amministrattiva tal-Gvern!

Helplines li wkoll kienu fil-qalba tax-xogħol amministrattiv kienu dawk dwar benefiċċji soċjali relatati mal-pandemija, immirati għas-settur privat, u l-helpline għal anzjani 'l fuq minn 60 sena li kellhom bżonn neċessitajiet u li ma kellhom lil ħadd biex jgħinhom. Ma ninsewx illi forzi dixxiplinati u ċivili ngħaqdu flimkien katina u b'mentalità miftuħa ħadmu flimkien biex iqassmu ikel u mediċini lil nies vulnerabbli illi ma setgħux joħorġu mid-dar. Dawn kienu jinkludu pulizija, suldati u gwardjani lokali. Dawn il-helplines kienu popolari immens u fihom saru 'l fuq minn 20,000 konverżazzjoni. L-ikel li tqassam lil nies fil-bżonn jammonta għal madwar 17,000 kaxxa.

Inħolqu wkoll helplines fis-settur turistiku minħabba li dan is-settur ovvjament intlaqat b'mod ħażin ħafna. Hawnhekk ingħatat assistenza lil turisti, lukandiera u nies f'din l-industrija – kemm waqt li kullimkien kien magħluq kif ukoll meta bdejna niftħu bil-protokolli ġodda.

Letteralment ma ntesa ħadd. Lanqas l-annimali li nżommu fi djarna. Id-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Annimali żamm għandu pets ta' persuni li kellhom bżonn imorru l-isptar biex jiġu rikoverati mill-coronavirus!

### Preparamenti

Il-preparamenti li saru qabel ma l-ewwel mikrobu rifes l-għatba ta' pajjiżna wasslu biex fl-ebda mument ma kellna problemi biex niffaċċjaw il-pandemija. F'Mater Dei biss kien hemm aktar minn 600 sodda għal-lest, fosthom 20 sodda ITU u numru adegwat ta' ventilaturi. Infetħu numru kbir ta' testing hubs, f'Ħal Farruġ, Pembroke, ix-Xewkija, Mater Dei, Ħal Far u aktar tard Ħal Qormi, fejn sad-data ta' din il-pubblikazzjoni kienu saru 'l fuq minn 170,000 test. Dan kollu wassal biex każijiet tal-coronavirus jiġu identifikati mill-ewwel u tibda l-ħidma ta' contact tracing u iżolament.

Twettaq xogħol kbir fuq il-front. Waqt il-pandemija tnieda programm sistematiku ta' ħasil u diżinfettar ta' bankini, bus shelters u postijiet pubbliċi mid-Diviżjoni għall-Manutenzjoni u Tindif. Fost oħrajn, sa issa, ġew diżinfettati 22,700 kilometru ta' bankini u 1,400 bus shelter fejn intużaw madwar 1.5 miljun litru ta' ilma. Dan huwa xogħol li baqa' għaddej sal-lum. Id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili wkoll għen fuq xogħlijiet ta' dekontaminazzjoni, fejn anke għallem impjegati minn diviżjonijiet oħra.

### Turiżmu u Edukazzjoni

Fuq il-front turistiku, tlaqqa' kumitat magħmul minn stakeholders ewlenin fl-industrija li kien qed jissorvelja l-aħħar żviluppi u jmexxi azzjoni kordinata. Faċli li wieħed jgħid li f'pandemija nagħlqu kollox u nissakkru fi djarna. Imma għal min l-għajxien tiegħu jiddependi fuq l-attività kummerċjali, din hija formula li ma treġix. L-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS) qaleb il-lezzjonijiet tiegħu online filwaqt illi tnedew skemi sabiex l-industrija tat-turiżmu tgħolli 'l fuq il-prodott tagħha.  L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu nediet il-kampanja "Oħlom Issa… Żurna 'l Quddiem" biex Malta tkun minn tal-ewwel li timmitiga din is-sitwazzjoni. Saru xogħlijiet li normalment ma setgħux isiru, bħal pereżempju proġetti varji fl-akkwarju nazzjonali.

L-istess ġara fl-iskejjel tal-Gvern. F'madwar 111-il skola, saru xogħlijiet estensivi ta' manutenzjoni sakemm l-iskejjel kienu magħluqa

għall-istudenti. L-istess seħħ fil-mużewijiet kollha ta' Heritage Malta. Għat-tfal li kellhom jibqgħu fid-djar sakemm kienu magħluqin l-iskejjel, ġie mniedi l-portal teleskola.mt fejn wieħed seta' jsib lezzjonijiet għall-istudenti kollha mis-snin bikrin sa tmiem is-sekondarja. Dan kien portal li letteralment ma nesa lil ħadd għax anke kien qed jagħti possibilità li studenti jikkomunikaw mal-għalliema kif ukoll saru attivitajiet speċjali għal tfal li jbatu bid-dislessja. Id-Dipartiment tal-Edukazzjoni kien ukoll protagonista għax qassam madwar 123 tablet u laptop u ta madwar 132 aċċess għall-internet b'xejn lill-istudenti fil-bżonn. Apparti l-lat akkademiku, saru numru ta' kampanji oħra fosthom kampanja ta' attivitajiet fiżiċi fid-djar bl-isem ta' #Be Active. Il-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol wettaq l-arranġamenti neċessarji biex parti mill-Kulleġġ San Benedittu f'Ħal Kirkop bdiet tintuża bħala kċina sabiex jitħejja ikel bnin li tqassam lill-ħaddiema tal-isptarijiet, filwaqt li l-iskola sekondarja ta' Ħad-Dingli laqgħet fi ħdanha stazzjon tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.

Kif wieħed jista' jinnota, id-dipartimenti varji fis-Servizz Pubbliku waqqgħu kompletament il-kunċett tas-silo u ħdimna tabilħaqq flimkien. Wara kull miżura mħabbra mill-Gvern kien hemm ħidma ma taqta' qatt biex mill-ħsieb inwasslu għall-fatti.

### Teknoloġija

U hawnhekk fejn naslu għat-teknoloġija. Il-Gvern investa madwar 150 miljun ewro fuq it-teknoloġija fl-aħħar seba' snin, iżda żgur li ma kien hemm l-ebda rimors għax kull ewro minfuq sibnieh waqt il-pandemija. Dan rajnieh b'mod speċjali fil-ħidma tas-Servizz Pubbliku li ma qatgħet xejn, anke jekk ħafna mill-ħaddiema tiegħu ħadmu mid-dar. Is-Servizz Pubbliku baqa' l-uniku mutur għaddej fl-aqwa tiegħu. L-aspett teknoloġiku għamel ħafna affarijiet possibbli. Fl-arti u l-kultura, għalkemm kellhom jingħalqu l-mużewiijet u t-teatri, u jitħassru avvenimenti kulturali, kien hemm kollaborazzjoni biex permezz tas-sit artsandculture.google.com, mużewijiet Maltin bħal dak tal-Arkeoloġija, id-Domus u l-Mużew tal-Gwerra nfetħu virtwalment. Il-Ministeru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali għamel arranġament sabiex permezz ta' Maritime MT, jitkompla tagħlim u taħriġ online fis-settur. L-aġenzija Sapport ħejjiet programm ta' webinars għall-ġenituri ta' tfal u adulti b'diżabilità.

Kieku ma kellniex din is-saħħa teknoloġika, il-ħidma tas-Servizz Pubbliku kienet tistaġna għalkollox. Dan kollu kien possibbli bis-saħħa ta' ppjanar u investimenti strateġiċi f'dawn l-aħħar snin.

Meta wieħed jara l-miżuri waħda waħda, forsi jista' ma jagħtix l-valur mistħoqq għal kull miżura. Iżda meta wieħed jara l-miżuri minn lenti ħolistika, jew ibbenefika minnhom personalment, tabilħaqq jintebaħ kemm is-Servizz Pubbliku baqa' joffri mrewħa ta' servizzi meta tassew kien hawn bżonn, u baqa' dejjem miegħek anke f'sitwazzjoni bla preċedent bħal din.

# L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI FIĊ-ĊENTRU TAL-IPPJANAR U T-TWETTIQ

Il-kunċett "Żvilupp Sostenibbli" huwa ħafna drabi assoċjat esklużivament mal-ambjent u t-tibdil fil-klima, iżda dan imur ferm oltre, għaliex ikopri wkoll l-aspett ekonomiku u dak soċjali.

It-tkabbir u ċ-ċaqliq demografiku, flimkien ma' bidliet ekonomiċi, soċjali u ambjentali, joffru opportunitajiet u joħolqu sfidi għall-iżvilupp sostenibbli ta' pajjiżna. Żvilupp sostenibbli jiżgura li l-pass ta' żvilupp preżenti jinżamm stabbli u anke jikber mingħajr ma joħnoq l-opportunitajiet għall-ġenerazzjonijiet futuri. Il-kelma "żvilupp" fi "Żvilupp Sostenibbli" ma tfissirx żvilupp fiżiku, iżda kull forma ta' żvilupp - ekonomiku, soċjali u ambjentali.

## L-Integrazzjoni tal-Miri lejn Żvilupp Sostenibbli fil-Ħidma tal-Gvern

Is-Servizz Pubbliku huwa pijunier f'dan ir-rigward u għaldaqstant qiegħed jaħdem sabiex il-prinċipji ta' Żvilupp Sostenibbli jkunu integrati fil-ħidma tiegħu b'permanenza permezz tad-Direttorat għall-Iżvilupp Sostenibbli li qed jaħdem sabiex titwettaq din l-aġenda. L-integrazzjoni ta' dawn il-prinċipji fil-ħidma tas-Servizz Pubbliku hija kruċjali għall-kwalità fis-servizzi offruti lill-klijenti tagħna, u tawgura tajjeb għar-rieda li ngħaddu setturi dejjem aktar sostenibbli lill-ġenerazzjonijiet tal-ġejjieni.

L-impenn ta' Malta biex għall-ewwel darba jkunu integrati s-Sustainable Development Goals (SDGs) fil-miżuri tal-Baġit 2020 kien imħabbar f'Settembru tal-2019. Minn dakinhar 'l hawn bqajna naħdmu fuq dan il-proċess biex nassiguraw li l-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli tiġi tradotta fil-proċess tal-Baġit nazzjonali, il-proċess li jistabbilixxi l-għanijiet u l-prijoritajiet annwali tal-Gvern. Dan il-proċess qed jiddaħħal ukoll fl-ippjanar u t-twettiq ta' miżuri ġodda kif ukoll dawk futuri u għandu l-għan li jtejjeb il-koerenza, isaħħaħ u jikkonsolida l-proċess ta' ppjanar, jassigura allokazzjonijiet aħjar ta' riżorsi kif ukoll aktar trasparenza fil-ħidma tal-Gvern. Barra minn hekk inkunu qed nassiguraw baġits li huma konformi ma' impenji oħra tal-Unjoni Ewropea (UE) u internazzjonali. L-integrazzjoni tal-SDGs fil-proċess baġitarju ssaħħaħ id-dibattitu politiku nazzjonali, u żżid ukoll ir-responsabbiltà. Dan il-proċess jixhed ukoll l-impenn tal-Gvern sabiex jintegra l-prinċipji ta' żvilupp sostenibbli fl-operat tiegħu kif stipulat fl-Att dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (Kap. 521).

Il-Baġit 2020 fih 361 miżura mifruxa fuq diversi setturi li kienu assenjati lill-Ministeri relevanti. L-eżerċizzju sar billi l-miżuri kollha, wara li tħabbru, ġew studjati u kategorizzati skont is-settur relevanti sabiex ikunu jistgħu jiġu definiti l-SDGs li jridu jiġu integrati fihom. Matul dan il-proċess ġew identifikati disa' miżuri oħra li jiffokaw fuq l-iżvilupp sostenibbli u dawn ġew integrati mat-361 miżura. B'kollox il-Baġit 2020 għandu 370 miżura.

Dan l-eżerċizzju kien jinvolvi mhux biss l-integrazzjoni tal-SDGs infushom fil-miżuri, iżda wkoll tal-miri marbuta ma' dawn l-istess SDGs u tal-indikaturi tagħhom li eventwalment iwasslu biex jintlaħqu dawn l-SDGs. Għaldaqstant f'dan l-eżerċizzju kien hemm ħafna ċirkostanzi fejn il-miżuri kienu integrati ma' iktar minn SDG wieħed, u sussegwentament ma' aktar minn mira u indikatur wieħed. Dan jixhed in-natura tal-SDGs li jkunu trasversali u allura jkunu jistgħu jiġu integrati aktar faċilment fil-ħidma tal-Gvern u eventwalment implimentati b'mod aktar effettiv. Sabiex l-eżerċizzju jkun wieħed effettiv u allura jiġġustifika l-skop tiegħu, saru diversi konsultazzjonijiet qabel, waqt u anke wara li saret l-integrazzjoni tal-SDGs fil-miżuri rispettivi. Dan il-proċess ġie ppilotat mill-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti Ewlieni flimkien mad-Diviżjoni għall-Implimentazzjoni u d-Direttorat għall-Iżvilupp Sostenibbli. B'hekk setgħu jiġu diskussi u tinstab soluzzjoni għall-kwistjonijiet relatati ma' ċerti SDGs waqt li kienu qed jiġu integrati fil-miżuri, partikolarment sabiex ikun żgurat illi eventwalment il-progress f'dan ir-rigward ikun jista' jiġi mkejjel bl-aktar mod effiċjenti u trasparenti.

SDG 9 li jittratta l-Infrastruttura Reżiljenti u Industrija Inklużiva kien l-aktar SDG li ġie integrat mal-miżuri hekk kif kien integrat ma' 94 miżura. L-impenn u l-ħidma ddedikata f'dan ir-rigward bdiet turi l-frott tagħha, kif jixhed l-aħħar rapport annwali maħruġ mill-Ġnus Magħquda, **Sustainable Development Report 2020**, li saret referenza għalih aktar kmieni. F'SDG 9, Malta rreġistrat punteġġ ta' 66.5, u filwaqt li dan huwa inqas mill-medja ta' 76.4 fl-Unjoni Ewropea, Malta żiedet il-punteġġ sostanzjalment bi 23.2 fl-implimentazzjoni ta' dan l-SDG hekk kif dak irreġistrat matul is-sena li għaddiet kien ta' 43.3. Madanakollu d-differenza mill-medja tal-Unjoni Ewropea tirrikonoxxi l-bżonn li fadal xi jsir f'dan ir-rigward u kommessi li nżommu l-impenn sabiex dejjem inkomplu ntejbu l-prestazzjoni ta' pajjiżna.

Flimkien mal-miżuri prinċipali li tħabbru fil-Baġit, inħasset il-ħtieġa li jkun hemm miżuri li jindirizzaw speċifikament l-Iżvilupp Sostenibbli fil-ħidma tal-Gvern u li jindirizzaw xi lakuni li nstabu meta beda jsir l-eżerċizzju tal-integrazzjoni tal-SDGs fil-miżuri tal-Baġit.

Għaldaqstant ġew kreati 9 miżuri supplimentari għal dan il-għan li jmissu ma' diversi materji li huma ta' importanza għas-sostenibbiltà, fosthom:

- L-obeżità fit-tfal
- Il-mezzi ta' trasport alternattivi u sostenibbli
- L-early school leavers
- L-ekonomija ċirkolari fis-settur turistiku
- L-emissjonijiet u l-effett fuq il-kwalità tal-arja; u
- L-immaniġġjar tal-iskart

Dawn il-miżuri supplimentari ġew assenjati lil Ministeri differenti skont ir-relevanza tal-materja u l-ħidma rispettiva tagħhom.

Ta' min isemmi illi l-impenn u l-ħidma ddedikati fuq dawn il-miżuri ma naqsux u fil-fatt ix-xogħol fuq tnejn minnhom jinsab fi stadju avvanzat u għandhom ikunu kompluti b'suċċess fil-ġimgħat li ġejjin.

Dawn huma:

1. L-introduzzjoni ta' sistema nazzjonali ta' monitoraġġ permanenti li jipprovdi riżultati tal-kwalità tal-arja fl-iskejjel tal-Istat, fl-isptarijiet pubbliċi u fid-djar tal-anzjani tal-Istat. Permezz ta' din is-sistema tkun tista' tittieħed azzjoni meta jkun hemm każijiet ta' eċċessività ta' emissjonijiet fl-arja.

2. Ir-riforma tal-iskema tal-eco-certification. Din hija skema nazzjonali li tiżgura sostenibbiltà soċjo-ekonomika, ambjentali u kulturali tal-lukandi fil-pajjiż. Barra minn hekk l-skema hija rikonoxxuta mill-Global Sustainable Tourism Council għax tirrifletti l-kriterji kollha relatati. Permezz tar-riforma se jkunu adottati standards iktar għolja ambjentali, partikolarment fuq l-iskart.

Il-ħidma fuq il-kumplament tal-miżuri supplimentari kompliet għaddejja, bil-progress jinsab fi stadji inqas avvanzati mit-tnejn l-oħra minħabba l-kuntest partikolari tal-imxija tal-Coronavirus din is-sena. Madanakollu l-pjan xorta jibqa' li dawn il-miżuri jkunu implimentati sal-aħħar ta' din is-sena jew il-bidu tas-sena d-dieħla.

## Governanza lejn Żvilupp Sostenibbli

Malta hija kommessa li taħdem għal żvilupp sostenibbli u xhieda ta' dan huma l-obbligi li hemm kemm fuq bażi nazzjonali kif ukoll dawk internazzjonali. L-Att dwar l-Iżvilupp Sostenibbli (Kap. 521) għandu l-għan li jinħoloq qafas li permezz tiegħu l-Gvern jintegra l-prinċipji ta' żvilupp sostenibbli fil-ħidma tiegħu kif ukoll li jqanqal kuxjenza dwar dawn l-istess prinċipji fost il-poplu ġenerali waqt li jżid il-parteċipazzjoni tas-soċjetà ċivili u tal-atturi soċjali fl-integrazzjoni tal-iżvilupp sostenibbli.

L-aġenda ta' Żvilupp Sostenibbli 2030 kienet adottata mill-istati kollha tal-Ġnus Magħquda, inkluż Malta, lura fl-2015. Din tinkludi sbatax-il Għan Ewlieni, magħrufin bħala SDGs li jiġbru l-aspetti kollha li jikkontribwixxu għal żvilupp sostenibbli. Dawn l-SDGs qed ikunu mkejla permezz ta' sett ta' 169 indikatur u huma maħsuba biex ikunu implimentati sal-2030. Il-Ġnus Magħquda laqqmet din il-viżjoni bħala blueprint li fuqha n-nazzjonijiet kollha għandhom jimxu u jaġixxu għall-ġid tal-ġenerazzjoni kurrenti u dawk futuri.

Malta miexja fid-direzzjoni t-tajba u tinsab minn ta' quddiem fejn tidħol l-implimentazzjoni tal-SDGs. Ir-rapport annwali maħruġ mill-Ġnus Magħquda, magħruf bħala SDG Index and Dashboards, jagħti stampa ċara tal-progress milħuq mill-pajjiżi fl-implimentazzjoni tal-SDGs. Fl-aħħar rapport, Sustainable Development Report 2020, li ħareg riċentament, insibu li pajjiżna jinsab fit-32 post minn 166 pajjiż fid-dinja. Huwa importanti li pajjiżna jkompli bl-impenn sabiex mhux biss iżomm din il-pożizzjoni tajba, imma jkompli javvanza u jaspira dejjem li jibqa' tiela' 'l fuq f'din il-klassifika. Sabiex dan ikun possibbli hemm bżonn aktar ħidma, kemm internament fost l-oqsma kollha tal-Gvern kif ukoll mas-settur privat, il-korpi kostitwiti u s-soċjetà ċivili. Il-ħidma għal dan l-għan komuni għandha tkun kumplimentata b'bidla kemm fil-kultura kif ukoll fil-mentalità dwar kif naġixxu fl-affarijiet li nagħmlu ta' kuljum.

## Riżultati Miksuba

Il-progress tal-miżuri tal-Baġit ġie rifless fil-kontribut li Malta qed tagħti sabiex jintlaħqu l-miri tal-iżvilupp sostenibbli. Dan il-kontribut ġie segwit b'reqqa matul is-sena ta' implimentazzjoni sabiex ikun zgur li jħalli effett kif ippjanat. Għaldaqstant wieħed jista' jinnota li l-progress miksub kien wieħed sodisfaċenti b'mod partikolari in konnesjoni mal-miri li jitrattaw il-faqar, il-ġuħ, saħħa u benesseri, l-edukazzjoni, l-enerġija affordabbli u nadifa, ix-xogħol diċenti u tkabbir ekonomiku, industrija, l-innovazzjoni u l-infrastruttura, il-bliet u komunitajiet sostenibbli, azzjoni klimatika u l-ħajja taħt l-ilma.  Dan fil-waqt li ġie rreġistrat ukoll progress f'miri li jitrattaw l-ugwaljanza bejn is-sessi, l-ilma nadif u sanità, konsum u produzzjoni responsabbli u sħubijiet għall-għanijiet.  Ma naqasx wieħed jinnota progress avvanzat f'dak li għandhom x'jaqsmu miri dwar l-inugwaljanzi mnaqqsa, il-ħajja fuq l-art u paċi, il-ġustizzja u l-istituzzjonijiet b'saħħithom.
Mir-rendikkont li ttieħed wieħed jista' jinnota li numru ta' Ministeri diġà implimentaw b'suċċess numru ta' miżuri jew jinsabu fi stadju avvanzat li jwettquhom. Fost dawn insibu:

- Ministeru għas-Saħħa – Investiment fil-kura tal-kanċer biex dan ma jkunx limitat biss għax-xiri tal-mediċini relatati iżda jinkludi wkoll l-introduzzjoni ta' servizzi li jindirizzaw il-bżonnijiet ta' numru ta' persuni li jirnexxilhom jegħlbu l-marda tal-kanċer b'suċċess.

- Ministeru għall-Finanzi u s-Servizzi Finanzjarji Bil-għan li aktar nies ikunu mħeġġa jixtru karozzi li ma jħammġux l-arja, se tkompli tkun eżentata kull taxxa ta' reġistrazzjoni lil kull min jixtri karozzi elettriċi jew elettriċi ibridi.

- Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol Allokazzjoni lill-Università biex aktar akkademiċi jkunu inċentivati biex jaħdmu fuq riċerka innovattiva.

- Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar – Aktar afforestazzjoni u proġetti ambjentali f'diversi postijiet fosthom Kemmuna, il-Buskett, il-Park tas-Salina, l-Imġiebaħ u Selmunett.

Minkejja li jkun hemm ċirkostanzi fejn il-punteġġi jkunu inqas mill-medja, dan xejn ma jnaqqas mill-impenn u l-ħidma li dawn il-ministeri qed jiddedikaw biex jilħqu l-ogħla livell possibbli u l-mira tibqa' li l-miżuri jkunu implimentati b'suċċess sal-aħħar tas-sena. B'hekk is-Servizz Pubbliku jkun tabilħaqq minn ta' quddiem sabiex jixpruna kultura ġdida fil-pajjiż li tħaddan fiha l-valuri ta' żvilupp sostenibbli f'kull aspett.

Dan il-proċess ta' SD Proofing tal-miżuri tal-Baġit huwa wieħed kontinwu sabiex niżguraw l-alinjament tal-proġetti governattivi mal-miri stabbiliti tal-Iżvilupp Sostenibbli.

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 228 | Ser inniedu proġetti pilota li jaħdmu bl-AI fis-Servizz Pubbliku - AI for Customer Services | servizz.gov | Wara diskussjoni ma' stakeholders varji, saret analiżi dwar liema proġetti jistgħu jiġu kkunsidrati flimkien mal-ispiża li jġorru. | Intgħażlu tliet proġetti għal kunsiderazzjoni aktar dettaljata u bdiet riċerka dwarhom. Minħabba bidla fil-kuntest influwenzata mill-imxija tal-COVID-19, saret reviżjoni tal-proġetti magħżula u ngħatat enfasi fuq il-proġett ta' assistenza virtwali magħruf bħala Chatbot. Bil-għan li jitkejjel it-titjib potenzjali fis-servizz offrut mill-call centre, beda proġett pilota ta' Chatbot fuq il-Facebook. Bdiet tinġabar id-data meħtieġa sabiex il-proġett Chatbot jibda jitħaddem b'iktar intelliġenza artifiċjali. | Bdew ix-xogħlijiet mal-imsieħba strateġiċi biex jibda jsir it-taħriġ u l-ipproċessar tad-data bi tħejjija għall-użu biex iċ-ċittadin ikun jista' jitkellem ma' persuna jekk ma jkunx jista' jinqeda mill-aġent virtwali. Saret ukoll l-għażla finali għas-software li se jintuża f'dan il-proġett wara li ġew evalwati għażliet differenti li hemm fis-suq, b'mira li jkunu kapaċi jwettqu l-bżonnijiet li għandna bħalissa, kif ukoll il-viżjoni ta' fejn irridu naslu fix-xhur u s-snin li ġejjin. | Mistennija tibda tintuża l-pjattaforma l-ġdida bħala prototip, biex nitgħallmu minnha u nirranġaw u nkabbru fejn ikun hemm il-bżonn. L-aġent virtwali se jkun qed jiġi mgħallem fuq affarijiet li ċ-ċittadini jistaqsu b'mod frekwenti, u l-aġenti se jkunu qegħdin jiġu mħarrġa biex iwieġbu mistoqsijiet oħra li ma jafx iwieġeb l-aġent virtwali. Il-mira hi li fis-sena 2021 inkunu nistgħu noffru ħafna iktar servizzi mill-aġent virtwali biex innaqqsu l-bżonn li ċittadin jitkellem ma' persuna, u b'hekk jinqeda iktar malajr. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | **Kumpens għall-għoli tal-ħajja. Għas-sena d-dieħla ż-żieda għall-għoli tal-ħajja se tkun ta' tliet ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€3.49) fil-ġimgħa. Din iż-żieda se tingħata lill-impjegati kollha.** | Id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjieg (DIER) | Din il-miżura ġiet implimentata permezz tal-Ordni tal-2019 dwar Standard Nazzjonali ta' Żieda fil-Paga għall-Impjegati (A.L. 350 tal-2019) li ġie ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern f'Diċembru 2019. | | | | Implimentata |
| 5 | **Żieda ta' ġurnata oħra ta' leave. Matul is-sena d-dieħla, għat-tielet sena konsekuttiva, sejrin inżidu ġurnata oħra mal-leave tal-ħaddiema.** | Id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjieg (DIER) | Saret il-konsultazzjoni b'konnessjoni mat-twettiq ta' din il-miżura u tħejja l-ewwel abbozz tal-emendi leġiżlattivi. | L-avviż legali li jemenda r-Regolamenti dwar l-Organizzazzjoni tal-Ħin tax-Xogħol tlesta u għadda għall-approvazzjoni interna. | L-avviż legali ġie ppubblikat u l-miżura daħlet fis-seħħ. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 8 | Miżuri biex jonqos ix-xogħol ta' prekarjat. Wasal iż-żmien li anke fis-settur privat, naraw li ħaddiema tal-kuntratturi li jkollhom kuntratti ma' entitajiet partikolari fis-settur privat ikunu jgawdu l-paga bażika għall-istess xogħol f'dik l-entità partikolari. Dan se jsir b'konsultazzjoni mal-Unions u l-Korpi Kostitwiti. | Id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjieg (DIER) | Bdew il-konsultazzjonijiet interni biex tinkiteb policy paper dwar it-twettiq ta' din il-mizura. L-iskop hu li din il-policy paper tiġi ppreżentata għall-kunsiderazzjoni u d-diskussjoni fl-Employment Relations Board. | Ittieħdet id-deċiżjoni li din il-miżura tiġi temporanjament posposta minħabba l-impatt fil-pajjiż minħabba s-sitwazzjoni b'riżultat tal-imxija tal-COVID-19 fejn jidħlu s-swieq tax-xogħol. | | | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 268 | **Matul is-sena d-dieħla, barra li nkomplu noħolqu l-impjiegi, se nkomplu naraw li jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol u jonqos il-pay gap bejn Malta u Għawdex.** | Id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjieg (DIER) | Saru konsultazzjonijiet mal-Ministeru għal Għawdex sabiex tinġabar data relevanti dwar liema setturi u liema tipi ta' xogħol qegħdin jintlaqtu l-aktar mill-pay gap bejn iż-żewġ gżejjer. Dan sabiex tiġi analizzata u wara tkun tista' ssir ġabra t'informazzjoni permezz tal- ispettorat tad-Dipartiment. Ġie kkummissjonat studju dwar dan is-suġġett. | Ittieħdet id-deċiżjoni li din il-miżura tiġi temporanjament posposta minħabba l-impatt fil-pajjiż minħabba s-sitwazzjoni b'riżultat tal-imxija tal-COVID-19 fejn jidħlu s-swieq tax-xogħol. | | | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦAS-SAĦĦA

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 148 | Fost l-investimenti ppjanati għall-Isptar Mater Dei nsibu l-binja l-ġdida tal-Outpatients li, fost l-oħrajn, se tkun qed toffri wkoll servizzi ta' kwalità ogħla u esperjenza iktar pożittiva u ta' valur għall-pazjent. | Il-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS) | Bħala parti mit-twettiq ta' dan il-proġett ta' binja ġdid għall-outpatients, hu meħtieġ li jsir parkeġġ temporanju u dan sabiex, minkejja x-xogħlijiet, il-klijenti jibqgħu moqdija kif xieraq. Il-ħidma fuq il-parkeġġ temporanju bdiet billi saru geotechnical investigations sabiex jiġi stabbilit it-tip tal-art u l-materjal li se jiġi skavat. Beda u tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-iskavar u r-rilokazzjoni tas-servizzi eżistenti.<br><br>Tkompliet il-konsultazzjoni ma' Transport Malta, l-Awtorità Maltija tal-Ambjent u Riżorsi, l-Awtorità tal-Ippjanar u l-Isptar Mater Dei dwar ir-rekwiżiti meħtieġa għall-bini tal-parkeġġ taħt l-art u tal-blokka l-ġdida tal-outpatients. | Tkompliet il-ħidma sabiex isir parkeġġ temporanju billi ġiet abbozzata s-sejħa għall-offerti għall-iskavar u l-bini u nbeda l-vetting meħtieġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti.<br><br>Wara li tlesta l-abbozzar, is-sejħa għall-offerti għall-iskavar tas-sit u r-rilokazzjoni tas-servizzi eżistenti ntbagħtet lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-vetting meħtieġ bi tħejjija għall-pubblikazzjoni.<br><br>Intemmet il-konsultazzjoni mal-entitajiet konċernati filwaqt li ngħata bidu għall-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-bini tal-parkeġġ taħt l-art u l-bini tal-outpatients ġdid. | Tkompla l-vetting mid-Dipartiment tal-Kuntratti tas-sejħa għall-offerti għall-iskavar u l-bini tal-parkeġġ temporanju kif ukoll għas-sejħa għall-offerti għall-iskavar u r-rilokazzjoni tas-servizzi eżistenti.<br><br>Tkompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-bini tal-parkeġġ taħt l-art u l-bini tal-Outpatients. | Mistennija jiġu ppubblikati s-sejħiet għall-offerti għall-iskavar u l-bini tal-parkeġġ temporanju kif ukoll għas-sejħa tal-offerti għall-iskavar u r-rilokazzjoni tas-servizzi eżistenti.<br><br>Mistenni li jitlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-bini tal-parkeġġ taħt l-art u l-bini tal-Outpatients. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 149 | Se nkunu qed ninvestu f'apparat ġdid ta' robotic surgery, li hu essenzjali f'interventi bħal fil-qasam tal-Onkoloġija. | L-Iptar Mater Dei (MDH) | Wasal l-apparat tar-robotic surgery u sar l-ikkummissjonar tiegħu u beda jintuża mid-Dipartiment tal-Kirurġija f'Ottubru 2019. | | | | Implimentata |
| 150 | Wara li l-Isptar Mater Dei ġie rikonoxxut bħala ċentru awtorizzat li jifforma parti mill-European Reference Networks, pazjenti Maltin se jkunu jistgħu jibdew jibbenefikaw mill-kura offruta f'dawn iċ-ċentri ta' referenza mifruxin mal-pajjiżi Ewropej. | Id-Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa (CMO) | Ġew iffirmati ftehimiet bilaterali bejn l-Isptar Mater Dei u 15 minn 24 European Reference Networks differenti barranin sabiex pazjenti Maltin ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-kura offruta minn ċentri rikonoxxuti f'pajjiżi Ewropej. Il-ftehimiet bilaterali ffirmati huma f'oqsma varji inkluż fejn jidħol mard tal-kliewi u dak respiratorju, kundizzjonijiet fl-għajn u oħrajn fl-għadam, il-kanċer, mard newroloġiku u mard rari. | Ġew iffirmati tmien (8) ftehimiet bilaterali oħra bejn l-Isptar Mater Dei u European Reference Networks sabiex it-total ta' ftehimiet li saru s'issa huwa dak ta' 23. Il-ftehimiet bilaterali ffirmati jinkludu l-oqsma tal-epilessija, kundizzjonijiet tal-ġilda, kundizzjonijiet tal-ENT kif ukoll mard tal-qalb. | Ġew iffirmati l-aħħar ftehimiet bilaterali, b'total ta' 24 ftehim bilaterali bejn l-Isptar Mater Dei u networks differenti barranin. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 151 | Il-Gvern behsiebu wkoll jintensifika l-investiment tiegħu fil-Kura Primarja għax jemmen bis-sħiħ li dan is-settur għandu l-potenzjal li joffri numru ta' servizzi speċjalizzati, b'ritmu iktar effiċjenti, aktar qrib iċ-ċittadin u mill-komunità fejn persuna tgħix. Diġà bdejna nsarrfu dan l-impenn b'investiment f'Ċentru Reġjonali fin-Nofsinhar ta' Malta. Dan bl-introduzzjoni ta' tagħmir mediku ġdid u servizzi ġodda. | Il-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS) | Kompliet il-ħidma fuq il-proġett tal-hub reġjonali ġdid Ċensu Moran, li jinsab fis-sit magħruf bħala x-Schreiber, b'mod partikolari t-tlestija tax-xogħol tal-piling mat-tul tal-ħajt tax-Schreiber. | Beda u tlesta x-xogħol tal-capping beams li huma parti mil-infurzar tal-ħajt, ix-xogħlijiet tal-vireg (taranti) li jservu bħala ankri għall-ħajt u x-xogħol ta' finish (shotcrete) tal-ħajt tas-Schreiber. Tkompla l-iddisinjar tal-binja u bdew jiġu approvati diversi disinji bi tħejjija għall-bini u s-servizzi, skont kif meħtieġ. | Beda l-ippjanar għax-xogħlijiet ta' skavar fosthom il-qtugħ tal-blat bis-saw cut. Komplew ix-xogħlijiet fuq il-buttress walls tal-inclined wall. Komplew il-piling u l-capping beams fl-aħħar parti tas-sit li kienet okkupata mit-taraġ temporanju. Bdiet l-installazzjoni tal-propping system li se tkun tissapportja x-xelter. Beda wkoll ix-xogħol ta' tħejjija għal piling works viċin ix-xelter. | Mistenni li jitkompla l-ippjanar għax-xogħlijiet ta' skavar fosthom il-qtugħ tal-blat bis-saw cut, jitkomplew ix-xogħlijiet fuq il-buttress walls tal-inclined wall, jitkomplew il-piling u l-capping beams fl-aħħar parti tas-sit, titkompla l-installazzjoni tal-propping system li se tkun tissapportja x-xelter, kif ukoll jitkompla x-xogħol ta' tħejjija għal piling works viċin ix-xelter. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 152 | Issa sejrin niffukaw sabiex noħolqu Ċentru Reġjonali ieħor fit-Tramuntana ta' Malta. Dan bl-introduzzjoni ta' tagħmir mediku ġdid u servizzi ġodda. | Id-Dipartiment tal-Kura Primarja (PHC) | Tkomplew id-diskussjonijiet sabiex jiġi identifikat l-aħjar mekkaniżmu li bih għandu jiġi identifikat is-sit minn fejn se jibda jopera ċ-ċentru reġjonali fit-Tramuntana ta' Malta. | Tkomplew id-diskussjonijiet dwar it-twettiq ta' dan il-proġett li għandu jwassal sabiex ikun hemm ċentru reġjonali fit-Tramuntana ta' Malta. | Tkomplew id-diskussjonijiet sabiex jiġi identifikat jekk hemmx art tal-Gvern li tista' tingħata għall-bini taċ-ċentru reġjonali fit-Tramuntana ta' Malta. | Mistenni li jitkomplew id-diskussjonijiet sabiex jiġi identifikat jekk hemmx art tal-Gvern li tista' tingħata għall-bini taċ-ċentru reġjonali fit-Tramuntana ta' Malta. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 153 | It-tisħiħ fil-qasam tal-Kura Primarja se jkompli jiġi indirizzat permezz ta' investiment fit-tiġdid ta' ħafna miċ-Ċentri tas-Saħħa eżistenti. Dan bl-introduzzjoni ta' tagħmir mediku ġdid u servizzi ġodda. | Id-Dipartiment tal-Kura Primarja (PHC) | Il-pjan għas-sena 2020 huwa li jiġu msebbħa, u mgħammra b'apparat ġdid, iċ-ċentri tal-kura primarja f'Birkirkara, f'Bormla, fil-Furjana, fil-Mosta, f'Ħal Qormi u fir-Rabat, Malta. Beda l-abbozzar tas-sejħiet għall-offerti għat-tagħmir mediku li se jinxtara għaċ-ċentri kollha, kif ukoll għar-refurbishment meħtieġ fl-istess ċentri tas-saħħa indikati. Beda refurbishment fil-podiatry clinic li tagħmel parti miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara. | Tkompla l-abbozzar tas-sejħiet għall-offerti għat-tagħmir mediku fiċ-ċentri indikati kif ukoll ir-refurbishment fil-podiatry clinic li tagħmel parti miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara. | Tlesta l-abbozzar u ġew ippubblikati s-sejħiet għall-offerti għat-tagħmir mediku li se jinxtara għaċ-ċentri kollha indikati għal din il-miżura kif ukoll għar-refurbishment meħtieġ fl-istess ċentri tas-saħħa indikati.<br><br>Tkompla r-refurbishment fil-klinika tal-podoloġija li tagħmel parti miċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara. | Mistennija jagħlqu u jiġu mħabbra r-rebbieħa tas-sejħiet għall-offerti għat-tagħmir mediku kif ukoll għar-refurbishment meħtieġ fl-istess ċentri tas-saħħa indikati.<br><br>Mistennija wkoll li titlesta s-sezzjoni tal-podoloġija fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Birkirkara li se tiġi konvertita f'Ċentru ta' Eċċellenza. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 154 | Se jinbena wkoll Ċentru għall-Kura Primarja f'Għawdex. Dan bl-introduzzjoni ta' tagħmir mediku ġdid u servizzi ġodda. | Id-Dipartiment tal-Kura Primarja (PHC) | Sar l-abbozzar u ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għall-Mechanical and Electrical u l-finishes. Wara li ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għall-apparat mediku, intlaqgħu l-offerti u bdiet l-evalwazzjoni tagħhom. Wara l-pubblikazzjoni, saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għall-għamara, madanakollu l-ebda offerta ma ġiet aċċettata u ġie deċiż li din is-sejħa terġa' tiġi ppubblikata. | Is-sejħa għall-offerti tal-Mechanical and Electrical u l-finishes ġiet ikkanċellata minħabba li ma rriżultax offerent preferut. Reġa' beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti oħra sabiex tiġi ppubblikata fil-ġimgħat li ġejjin. Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għall-apparat mediku u ntgħażel l-offerent preferut. | Reġgħet ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti tal-Mechanical and Electrical u Interior Finishes.<br><br>Tlestiet l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti għall-apparat mediku, madankollu din is-sejħa għall-offerti se terġa' tiġi ppubblikata minħabba li ż-żewġ offerti mitfugħa ġew irrifjutati. Beda x-xogħol preparatorju biex terġa' toħroġ is-sejħa għall-offerti għall-għamara.<br><br>Beda jsir ix-xogħol preparatorju biex terġa' toħroġ is-sejħa għall-offerti għall-għamara, din id-darba f'forma ta' lots. | Mistennija tagħlaq is-sejħa għall-offerti tal-M&Es u Interior Finishes.<br><br>Mistenni li jerġa' jibda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-apparat mediku.<br><br>Mistenni li jitkompla x-xogħol preparatorju biex terġa' toħroġ is-sejħa għall-offerti għall-għamara. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 155 | Saħħa Mentali. Sejrin inkomplu nsostnu u nsaħħu r-ritmu ta' tiġdid meħtieġ għall-Isptar Monte Karmeli. | Servizzi tas-Saħħa Mentali (MHS) | Matul l-2020 ġew identifikati 4 swali li fihom ser isir xogħol ta' tiġdid. Fil-Female Dual Diagnosis Unit (Transit Ward), sar xogħol ta' kostruzzjoni inkluż l-estensjoni tal-bini fuq barra u l-alterazzjonijiet fuq ġewwa. Beda x-xogħol tal-Mechanical & Electrical (M&Es). Bdew in-negozjati mal-kuntrattur magħżul sabiex jissupplixxi l-għamara li trid tkun apposta għall-ħtiġijiet tal-pazjenti li ser jagħmlu użu minn din is-sala.<br><br>Fir-rigward tal-Female Ward 2, sar id-disinn tal-proġett. Tkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni, li nbeda fl-2019, u li jinkludi l-bdil ta' parti mis-saqaf. Komplew in-negozjati mal-kuntrattur li ser jissupplixxi l-għamara li trid tkun apposta għall-pazjent li ser jagħmel użu minn din is-sala. | Tkompla x-xogħol tal-M&Es. Beda x-xogħol tal-aħħar irtokki bħal żebgħa u twaħħil tat-twieqi. Tkomplew in-negozjati mal-kuntrattur li ser jissupplixxi l-għamara li trid tkun apposta għall-pazjent li ser jagħmel użu minn din is-sala.<br><br>Fil-Female Ward 2, tkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni li jinkludi l-bdil ta' parti mis-saqaf. Beda x-xogħol fuq ġewwa bħal partitioning u l-M&Es. Beda x-xogħol ta' tikħil tal-post.<br><br>Fil-każ tal-Female Ward 7 beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħol ta' membrane għas-saqaf.<br><br>Għar-rigward tal-SB (Isolation) Ward, beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. | Minkejja li matul dawn ix-xhur ir-riżorsi umani kollha tal-Isptar Monte Karmeli kienu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19, tkompla x-xogħol tal-M&Es bħall-installazzjoni tal-fire dampers u x-xogħol tal-aħħar irtokki fuq ġewwa fis-sala Female Dual Diagnosis Unit (Transit Ward) u qegħdin isiru laqgħat interni dwar l-implimentazzjoni tal-proġett dwar is-sala Female Ward 2.<br><br>Fil-każ tal-Female Ward 7, wara li ġie mwaqqaf l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti ta' xogħol ta' membrane għas-saqaf, tkompliet il-ħidma mill-Perit biex jiġu stabbiliti l-kundizzjonijet speċjali.<br><br>Għar-rigward tal-SB (Isolation) Ward, qegħdin isiru laqgħat interni dwar l-implimentazzjoni ta' dan il-proġett. | Mistenni li f'dawn ix-xhur, ir-riżorsi umani tal-Isptar Monte Karmeli jkunu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura se jkollu jiġi pospost. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **155 kont.** | | | Fil-każ ta' Female Ward 7, bdew in-negozjati mal-kuntrattur sabiex jissupplixxi l-għamara. Beda x-xogħol ta' kostruzzjoni li jinkludi l-bdil ta' parti mis-saqaf u xogħol fuq is-saqaf tat-travi tal-injam. Sar id-disinn tal-kmamar fis-sala inkluż kif ser titqassam, partitioning u xogħlijiet ta' alterazzjonijiet fuq ġewwa.<br><br>Fir-rigward tal-SB (Isolation) Ward, beda jsir id-disinn tal-proġett sabiex jkun jista' jibda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet infrastrutturali li jinkludu alterazzjonijiet meħtieġa fis-sala indikata. | | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 156 | **Saħħa Mentali. Sejrin nibqgħu mixjin fuq il-pjanijiet tal-bini ta' sptar ġdid għal kura akuta psikjatrika.** | Il-Fondazzjoni għas-Servizzi Mediċi (FMS) | Beda u tlesta s-survey tal-art fejn se jinbena l-isptar. Intbagħtu d-dokumenti kollha lill-Awtorità tal-Artijiet sabiex jiġi determinat f'iżjed dettall il-burdura ta' fejn tispiċċa l-art allokata għal dan il-proġett. Saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għad-disinn preliminari tal-isptar u ntgħażel l-offerent preferut. Saru konsultazzjonijiet ma' dawk kollha kkonċernati dwar il-ħtiġijiet li ser ikollu sptar bħal dan. | Beda u tkompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għas-servizzi ta' konsulenza għat-tħejjija tad-disinn tal-Isptar Psikjatriku Akut. | Tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti (kwotazzjonijiet) għas-servizzi ta' konsulenza għat-tħejjija tad-disinn u l-bini tal-Isptar Psikjatriku Akut u l-abbozz intbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-vetting. | Mistenni li jibda l-vetting mid-Dipartiment tal-Kuntratti tas-sejħa għall-offerti (kwotazzjonijiet) għas-servizzi ta' konsulenza għat-tħejjija tad-disinn u l-bini tal-Isptar Psikjatriku Akut. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 157 | **Saħħa Mentali. Sejrin nagħtu enfasi fuq kura għas-saħħa mentali fil-komunità.** | Servizzi tas-Saħħa Mentali (MHS) | Matul l-2020 il-mira hi li jsiru Klinika tas-Saħħa Mentali fit-Tramuntana ta' Malta, Ċentru ta' Matul il-Jum kif ukoll li jkun hemm hostels li jospitaw persuni sabiex dawn ma jibqgħux fl-Isptar Monte Karmeli.<br><br>Intemmu d-diskussjonijiet mal-LEAP sabiex ikun hemm post għal użu ta' Klinika tas-Saħħa Mentali fit-Tramuntana ta' Malta u ntgħażel il-bini tal-LEAP fil-Qawra. Infetħet il-klinika fil-Qawra u bdiet topera b'servizz mogħti minn tim multidixxiplinarju lill-pazjenti riferuti mit-tabib tagħhom.<br><br>Tkomplew id-diskussjonijiet mal-LEAP sabiex jinstab post għal użu ta' Ċentru ta' Matul il-Jum.<br><br>Bdiet ir-riċerka dwar x'postijiet speċjalizzati (hostels) jeżistu fejn jistgħu jiġu trasferiti pazjenti mill-Isptar Monte Karmeli sabiex dawn ikunu jistgħu jkomplu jieħdu l-kura waqt li jkunu integrata bħala parti mill-komunità. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-LEAP sabiex jinstab post adegwat għall-użu ta' Ċentru ta' Matul il-Jum.<br><br>Tlestiet ir-riċerka dwar x'postijiet speċjalizzati (hostels) jeżistu fejn jistgħu jiġu trasferiti pazjenti mill-Isptar Monte Karmeli sabiex dawn ikunu jistgħu jkomplu jieħdu l-kura fil-komunità. | Minkejja li matul dawn ix-xhur ir-riżorsi umani kollha tal-Isptar Monte Karmeli kienu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19, tkomplew id-diskussjonijiet sabiex jinstab post adegwat għall-użu ta' Ċentru ta' Matul il-Jum, iżda dawn id-diskussjonijiet ma rriżultawx fil-pożittiv.<br><br>Għaldaqstant bdew id-diskussjonijiet interni sabiex tiġi implimentata din il-miżura.<br><br>Ġew identifikati l-pazjenti li jistgħu jibbenefikaw minn akkomodazzjoni speċjalizzata (hostels). Bdew diskussjonijiet fuq ir-riżorsi meħtieġa għal dan il-proċess. | Mistenni li f'dawn ix-xhur, ir-riżorsi umani tal-Isptar Monte Karmeli jkunu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura se jkollu jiġi pospost. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 158 | **Mediċini Ġodda. L-investiment fl-introduzzjoni ta' mediċini ġodda se jibqa' wieħed konsistenti u impenjattiv. L-investiment li beħsiebna nagħmlu se jinkludi x-xiri ta' mediċini tal-qalb u ċ-ċirkulazzjoni.** | Id-Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa (CMO) | Inkisbet l-approvazzjoni tal-Government Formulary List Advisory Committee (GFLAC) għall-mediċini l-ġodda tal-qalb u ċ-ċirkolazzjoni wara li sar il-Health Technology Assessment u saru diskussjonijiet mal-esperti dwar il-mediċini. Sar budget impact assessment sabiex jiġu kkonfermati l-finanzi meħtieġa. Beda l-proċess biex tinkiseb l-approvazzjoni tal-Advisory Committee for Health Care Benefits (ACHCB). | Inkisbu r-rakkomandazzjonijiet tal-ACHCB għall-mediċini ġodda tal-qalb u ċ-ċirkolazzjoni fil-formularju. Sar l-abbozzar tal-ispeċifikazzjonijiet ta' dawn il-mediċini. Beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-mediċini ġodda tal-qalb u ċ-ċirkolazzjoni. Saret talba lill-Ministeru għall-Finanzi għall-fondi meħtieġa. | Komplew id-diskussjonijiet dwar il-fondi meħtieġa. | Mistennija tinkiseb l-approvazzjoni tal-fondi meħtieġa u jibda l-proċess tax-xiri tal-mediċini tal-qalb u ċ-ċirkolazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 159 | **Mediċini Ġodda. L-investiment fl-introduzzjoni ta' mediċini ġodda se jibqa' wieħed konsistenti u impenjattiv. L-investiment li beħsiebna nagħmlu se jinkludi x-xiri ta' mediċini tal-kanċer.** | Id-Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa (CMO) | Ġiet ippubblikata u għalqet is-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-mediċini tal-kanċer. Bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. | Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti u ntgħażel l-offerent preferut. | Ġie ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur magħżul għax-xiri ta' mediċini tal-kanċer. Saret laqgħa fejn ġie kkalkulat kemm ser tkun l-ordni tal-mediċini tal-kanċer. | Mistennija ssir l-ordni tax-xiri tal-mediċini tal-kanċer u jaslu f'pajjiżna. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 160 | Mediċini Ġodda. L-investiment fl-introduzzjoni ta' mediċini ġodda se jibqa' wieħed konsistenti u impenjattiv. L-investiment li beħsiebna nagħmlu se jinkludi x-xiri ta' mediċini tal-mard tal-ġilda. | Id-Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa (CMO) | Bdew id-diskussjonijiet mal-esperti biex jibagħtu l-Integrated Care Pathways li fuqhom jiġu konklużi l-Health Technology Assessments u dan fid-dawl ta' żviluppi internazzjonali fit-trattament tal-pazjenti. | Beda l-proċess biex dawn il-mediċini jiġu ppreżentati lill-Government Formulary List Advisory Committee (GFLAC) u lill-Advisory Committee for Health Care Benefits (ACHCB). | Tkompla l-proċess biex dawn il-mediċini tal-mard tal-ġilda jiġu ppreżentati lill-Government Formulary List Advisory Committee (GFLAC) u lill-Advisory Committee for Health Care Benefits (ACHCB). | Mistenni li jitkompla l-proċess biex dawn il-mediċini tal-mard tal-ġilda jiġu ppreżentati lill-Government Formulary List Advisory Committee (GFLAC) u lill-Advisory Committee for Health Care Benefits (ACHCB). | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 161 | Mediċini Ġodda. L-investiment fl-introduzzjoni ta' mediċini ġodda se jibqa' wieħed konsistenti u impenjattiv. L-investiment li beħsiebna nagħmlu se jinkludi x-xiri ta' mediċini għall-mard rari. | Id-Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa (CMO) | Saret applikazzjoni mill-konsulent għall-mediċini ġodda għall-mard rari. Sar il-Health Technology Assessment tal-mediċini l-ġodda għall-mard rari. | Tlesta Budget Impact Assessment u tressqet talba lill-Ministeru għall-Finanzi għall-fondi meħtieġa. | Komplew id-diskussjonijiet dwar il-fondi meħtieġa. | Mistennija tinkiseb l-approvazzjoni tal-fondi meħtieġa u jibda l-proċess tax-xiri tal-mediċini għall-mard rari. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 162 | Mediċini Ġodda. Se nestendu wkoll il-programm għall-eradikazzjoni tal-Epatite Ċ. | Id-Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa (CMO) | Bdiet u tlestiet ir-riċerka, flimkien ma' diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati, sabiex isir fuljett b'informazzjoni dwar l-Epatite Ċ. Il-fuljett ġie ddisinjat (easy-read version). | Bdiet il-ħidma meħtieġa dwar il-kampanja edukattiva nazzjonali dwar dan is-suġġett. F'dawn ix-xhur, il-maġġoranza tar-riżorsi umani fl-Uffiċċju tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern kienu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura kellu jiġi pospost. | Minħabba l-pandemija tal-Covid-19, il-programm ta' eradikazzjoni tal-Epatite Ċ beda permezz ta' screening ta' persuni li jinsabu fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin peress li huma meqjusin bħala high-risk group. Il-kampanji pubbliċi se jsiru aktar 'il quddiem. | Mistenni li jitkompla l-iscreening ta' persuni li jinsabu fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin peress li huma meqjusin bħala high-risk group. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 163 | Mediċini Ġodda. Se nkomplu nsaħħu l-formolarju. | Id-Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa (CMO) | Fir-rigward tal-mediċini ġodda tal-qalb u ċirkolazzjoni, inkisbet l-approvazzjoni tal-Government Formulary List Advisory Committee (GFLAC) wara li sar il-Health Technology Assessment u saru diskussjonijiet mal-esperti dwar dawn il-mediċini. Beda l-proċess biex tinkiseb l-approvazzjoni tal-Advisory Committee for Health Care Benefits (ACHCB).<br><br>Fejn jidħlu mediċini għall-mard tal-ġilda, bdew id-diskussjonijiet mal-esperti biex jibagħtu l-Integrated Care Pathways li fuqhom jiġu konklużi l-Health Technology Assessments u dan fid-dawl ta' żviluppi internazzjonali fit-trattament tal-pazjenti li jbatu minn kundizzjonijiet relatati. | Inkisbu r-rakkomandazzjonijiet tal-ACHCB għall-mediċini ġodda tal-qalb u ċ-ċirkolazzjoni fil-formularju. Sar l-abbozzar tal-ispeċifikazzjonijiet ta' dawn il-mediċini. Beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-mediċini ġodda tal-qalb u ċ-ċirkolazzjoni filwaqt li tressqet talba lill-Ministeru għall-Finanzi għall-fondi meħtieġa.<br><br>Beda l-proċess biex il-mediċini għall-mard tal-ġilda jiġu ppreżentati lill-Government Formulary List Advisory Committee (GFLAC) u lill-Advisory Committee for Health Care Benefits (ACHCB). | Komplew id-diskussjonijiet dwar il-fondi meħtieġa għal mediċini ġodda tal-qalb u ċirkolazzjoni, kif ukoll għall-mediċini l-ġodda għall-mard rari.<br><br>Tkompla l-proċess biex dawn il-mediċini tal-mard tal-ġilda jiġu ppreżentati lill-Government Formulary List Advisory Committee (GFLAC) u lill-Advisory Committee for Health Care Benefits (ACHCB). | Mistennija tinkiseb l-approvazzjoni tal-fondi meħtieġa u jibda l-proċess tax-xiri tal-mediċini tal-qalb u ċ-ċirkolazzjoni kif ukoll tal-mediċini għall-mard rari.<br><br>Mistenni li jitkompla l-proċess biex dawn il-mediċini tal-mard tal-ġilda jiġu ppreżentati lill-Government Formulary List Advisory Committee (GFLAC) u lill-Advisory Committee for Health Care Benefits (ACHCB). | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **163 kont.** | | | Fil-każ ta' mediċini għal mard rari, saret applikazzjoni mill-konsulent għal mediċini ġodda għall-kundizzjonijiet indikati u sar il-Health Technology Assessment tal-mediċini l-ġodda għall-mard rari. | Tlesta l-Budget Impact Assessment u tressqet talba lill-Ministeru għall-Finanzi għall-fondi meħtieġa għall-mediċini għal mard rari. | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
| --- | --- | --- | --- | --- | --- | --- | --- |
| 164 | L-investiment fil-kura tal-kanċer mhux se jkun limitat biss għax-xiri tal-mediċini relatati iżda se jinkludi l-introduzzjoni ta' servizzi li jindirizzaw il-bżonnijiet ta' numru ta' persuni li jirnexxilhom jegħlbu l-marda tal-kanċer b'suċċess. | Id-Direttorat tal-Cancer Care Pathways | Ġiet ingaġġata Infermiera Kordinatur tas-Sopravivenza (Survivorship). Beda u ntemm l-orjentament lill-Infermiera Kordinatur tas-Sopravivenza flimkien mal-Infermiera Kordinatur eżistenti. Ġew mistħarrġa tipi eżistenti ta' programmi ta' sopravivenza (Survivorship) f'pajjiżi oħra differenti. Bdew diskussjonijiet mal-professjonisti tat-tim multidixxiplinarju dwar kif programm tas-sopravivenza jista' jiġi żviluppat fil-kuntest lokali. | Saru diskussjonijiet mal-professjonisti tat-tim multidixxiplinarju dwar kif programm tas-sopravivenza jista' jiġi żviluppat fil-kuntest lokali. Ġie studjat u żviluppat il-pathway tas-sopravivenza. Ġew żviluppati l-oġġettivi u l-istrument ta' riċerka kwalitattiva sabiex jiġu identifikati l-bżonnijiet tal-pazjenti b'kanċer kolorettali permezz ta' intervisti fil-fażi tas-sopravivenza fil-kuntest Malti. Intalab permess meħtieġ mill-konsulenti tal-pazjenti, kif ukoll mill-Bord tal-Protezzjoni tad-Data tal-Isptar, sabiex issir ir-riċerka kwalitattiva mal-pazjenti permezz ta' intervisti. | Bdiet u spiċċat ir-riċerka kwalitattiva permezz ta' intervisti mal-pazjenti li kellhom kanċer kolorettali u li spiċċaw it-trattament, sabiex jiġu identifikati l-bżonnijiet tal-pazjenti. Pazjenti b'kanċer kolorettali ġew riferuti għand l-Infermier Kordinatur sabiex issir evalwazzjoni tal-pazjent biex jiġu identifikati problemi li jkun qiegħed jiffaċċja inkluż problemi fiżiċi, emozzjonali, soċjali u psikoloġiċi. Hekk jiġu determinati l-aspetti fejn l-istess pazjent jeħtieġ sapport u b'hekk tingħata l-għajnuna meħtieġa. Saru l-evalwazzjonijiet one-to-one mal-pazjenti riferuti lill-Infermier Kordinatur tas-Sopravivenza (Survivorship) mill-Infermier Kordinatur kolorettali. | Skont kif se tkun is-sitwazzjoni tal-pandemija f'dan il-perjodu, mistennija jsiru diskussjonijiet dwar kif ser jiġu introdotti servizzi li jindirizzaw lill-individwi li jkunu spiċċaw it-trattament. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **164 kont.** | | | | Ġiet żviluppata Formola ta' Valutazzjoni (Needs Assessment Form) biex tintuża mill-Infermiera tas-Sopravivenza għall-ewwel inkontru mal-pazjenti fejn jiġu identifikati l-bżonnijiet individwali u ħolistiċi ta' kull persuna li tuża s-servizz. Ġie miksub il-permess meħtieġ mill-konsulenti tal-pazjenti kif ukoll mill-Bord tal-Protezzjoni tad-Data tal-Isptar sabiex issir ir-riċerka kwalitattiva. Bdew jiġu identifikati l-pazjenti li ser jieħdu sehem fir-riċerka. | Saru wkoll diskussjonijiet mal-professjonisti tat-tim multidixxiplinarju u ġie miftiehem pjan ta' kif ser jiġi żviluppat il-programm sħiħ tas-Sopravivenza li jinkludi d-dati u oġġettivi li jridu jintlaħqu. Inħarġet is-sejħa għall-professjonisti u/jew voluntiera sabiex joffru servizzi relatati mal-Programm tas-Sopravivenza. | | |
| **165** | L-introduzzjoni ta' Clinical Risk Management Unit li se tkun qed tassigura titjib fil-kwalità tas-servizzi mogħtija. | L-Isptar Mater Dei (MDH) | Twaqqfet il-Clinical Risk Management Unit fl-Isptar Mater Dei u nħarġet ċirkolari biex tispjega dan kif ukoll ingħatat informazzjoni lil kull min hu kkonċernat dwar il-ħidma tal-istess Unit. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 166 | **Se nibqgħu nisħqu fuq politika ta' prevenzjoni, filwaqt li nrawmu u nsaħħu kultura bbażata fuq l-edukazzjoni u mmirata lejn impenn sħiħ favur is-saħħa fiżika u psikoloġika ta' kull individwu. Se nkunu għalhekk qed ninvestu biex insaħħu u nwessgħu l-iskeda nazzjonali tat-tilqim kontra l-mard infettiv.** | Id-Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa (CMO) | Beda u tlesta l-vetting meħtieġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti tal-abbozz tas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-vaċċini. Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-vaċċini. | Għalqet is-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-vaċċini u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. | Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-vaċċini. | Mistenni li jintgħażel l-offerent preferut għas-sejħa għall-offerti, jiġi ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur magħżul u ssir l-ordni tal-vaċċini. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 167 | **Se nniedu wkoll National Poison Centre li minnu se jiġi offrut servizz ġdid għall-persuni esposti għal kimiċi tossiċi varji.** | Id-Dipartiment għas-Servizzi tas-Saħħa | Bdew u tlestew id-diskussjonijiet mal-Malta Life Sciences Park, sabiex jinstab post li se jakkomoda l-Malta National Poison Centre. Beda l-proċess biex jiġi konkluż il-ftehim bejn iż-żewġ naħat. | Tkompla l-proċess mal-Malta Life Sciences Park biex jiġi konkluż il-ftehim. Għaddejjin taħditiet dwar ir-riżorsi umani meħtieġa għat-tmexxija ta' dan iċ-ċentru. | Ġew diskussi d-dettalji tal-kuntratt dwar minn fejn se jibda jopera n-National Poison Centre, u beda jiġi finalizzat il-ftehim. Bdew diskussjonijiet interni dwar is-sejħa għall-ingaġġ ta' professjonisti. | Mistenni li jiġi finalizzat il-ftehim mal-Life Sciences Park dwar it-twaqqif tal-National Poison Centre, kif ukoll mistennija jkomplu d-diskussjonijiet interni sabiex joħorġu s-sejħiet għall-ingaġġ ta' professjonisti varji. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 168 | **Se nvaraw ukoll politika ġdida fil-qasam tal-mard kroniku.** | Id-Dipartiment tar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa (SPH) | Beda l-mapping tal-indikaturi kif ukoll l-evalwazzjoni tal-miżuri inklużi fi strateġiji u politiki diġà eżistenti fil-qasam tal-mard kroniku. | F'dawn ix-xhur, ir-riżorsi umani kollha fis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika kienu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura kellu jiġi pospost. | F'dawn ix-xhur ukoll, ir-riżorsi umani kollha fis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika kienu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura kellu jiġi pospost. | Mistenni li f'dawn ix-xhur, ir-riżorsi umani kollha fis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika se jkunu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura se jkollu jiġi pospost. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 169 | Se nvaraw ukoll politika ġdida fil-qasam tal-attività fiżika. | Id-Dipartiment tar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa (SPH) | Saru l-preparamenti meħtieġa biex jingħata bidu għal konsultazzjoni mal-istakeholders involuti. Tkompla t-tfassil tal-abbozz tad-dokument dwar il-Pjan Nazzjonali għas-Saħħa Fiżika. | F'dawn ix-xhur, ir-riżorsi umani kollha fis-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika kienu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija COVID-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura kellu jiġi pospost. | Reġa' beda x-xogħol fuq il-preparamenti loġistiċi u amministrattivi sabiex issir konsultazzjoni pubblika kif ukoll isir it-tfassil tal-abbozz tad-dokument dwar il-Pjan Nazzjonali għas-Saħħa Fiżika. Madankollu, minħabba li l-pandemija reġgħet ħadet spinta matul dan il-perjodu, ir-riżorsi umani kollha fis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika kienu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura kellu jiġi pospost. | Mistenni li f'dawn ix-xhur, ir-riżorsi umani kollha fis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika se jkunu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura se jkollu jiġi pospost. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 170 | Se nvaraw ukoll politika ġdida fil-qasam tar-reżistenzi għall-antibijotiċi. | Id-Dipartiment tar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa (SPH) | Saret ir-riċerka meħtieġa sabiex ikun jista' jiġi emendat l-Avviż Legali 122 tal-2008 - Regolamenti għall-Kumitat Nazzjonali dwar ir-Reżistenza għall-Antimikrobiċi. Beda l-abbozzar tal-emendi għal dan l-istess avviż legali. Bdew diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol dwar l-inklużjoni ta' suġġetti relatati mar-reżistenza għall-antimikrobiċi fil-kurrikulu tat-tfal tal-iskejjel primarji u sekondarji. | F'dawn ix-xhur, ir-riżorsi umani kollha fis-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika kienu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija COVID-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura kellu jiġi pospost. | F'dawn ix-xhur ukoll, ir-riżorsi umani kollha fis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika kienu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura kellu jiġi pospost. | Mistenni li f'dawn ix-xhur, ir-riżorsi umani kollha fis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika se jkunu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura se jkollu jiġi pospost. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 171 | Se nvaraw ukoll politika ġdida fil-qasam tas-saħħa sesswali. | Id-Dipartiment tar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa (SPH) | Bdiet ir-riċerka għall-evidenza riċenti u strateġiji użati, sew internazzjonali kif ukoll lokalment, dwar is-saħħa sesswali. Ġew identifikati esperti f'dan il-qasam sabiex tkun tista' ssir konsultazzjoni magħhom. | F'dawn ix-xhur, ir-riżorsi umani kollha fis-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika kienu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura kellu jiġi pospost. | F'dawn ix-xhur ukoll, ir-riżorsi umani kollha fis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika kienu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura kellu jiġi pospost. | Mistenni li f'dawn ix-xhur, ir-riżorsi umani kollha fis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika se jkunu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19. Għaldaqstant dan ix-xogħol fuq din il-miżura se jkollu jiġi pospost. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 172 | Politika soda trid tkun imsejsa fuq riċerka infurmata u evidenza. Għaldaqstant se nkunu qed ninvestu f'riċerka speċjalizzata fi wħud minn dawn l-oqsam kif ukoll riċerka ta' natura aktar ġenerika, magħrufa bħala l-European Health Interview Survey. | Id-Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa (CMO) | Kompliet tinġabar l-informazzjoni għall-European Health Interview Survey (EHIS) permezz ta' kwestjonarju li qed isir wiċċ imb wiċċ fejn saru mistoqsijiet dwar il-kwalità tal-ħajja, dieta, eżerċizzju fiżiku, piż u tul, mard u diżabilità u l-użu tas-servizzi tas-saħħa u mediċini filwaqt li bdew quality checks tad-data miġbura. | Inġabret l-informazzjoni permezz tal-kwestjonarju. Matul il-pandemija tal-Covid-19 l-informazzjoni nġabret permezz tat-telefown. Tlestew il-quality checks tad-data miġbura u beda x-xogħol tat-tindif u kodifikazzjoni wara laqgħa bejn id-Directorate for Health Information and Research (DHIR) u l-NSO. | Minkejja li matul dawn ix-xhur ir-riżorsi umani kollha kienu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19, tkompla x-xogħol ta' tindif u kodifikazzjoni fuq aktar minn 4,000 kwestjonarju, kif ukoll id-dejta qiegħda tiġi ppreparata għall-Eurostat. Dan ix-xogħol għadu għaddej. | Mistenni li f'dawn ix-xhur, ir-riżorsi umani se jkunu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura se jkollu jiġi pospost. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 173 | **Se ninvestu b'impenn ikbar f'kampanji li jindirizzaw temi ta' saħħa.** | Id-Dipartiment tar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa (SPH) | Bdiet ir-riċerka flimkien mal-preparamenti loġistiċi u amministrattivi sabiex titnieda kampanja biex inħeġġu l-użu ta' kontraċettivi u nħeġġu lill-pubbliku jagħmel testijiet aktar regolari. | F'dawn ix-xhur, ir-riżorsi umani kollha fis-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika kienu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura kellu jiġi pospost. | Beda l-iżvilupp/aġġornament tal-website www.sexualhealth.gov.mt sabiex din tiġi modernizzata u tibda tkun aċċessibbli minn mezzi teknoloġiċi differenti. | Mistenni li f'dawn ix-xhur, ir-riżorsi umani se jkunu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura se jkollu jiġi pospost. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 174 | **Se nsaħħu wkoll is-servizzi mogħtija f'każ ta' stupru sabiex is-sapport lill-vittmi involuti jkun wieħed iktar ħolistiku.** | Id-Dipartiment għall-Politika tas-Saħħa (CMO) | Ġiet abbozzata sejħa għar-reklutaġġ ta' tobba u infermiera biex jagħmlu parti mis-Sexual Assault Response Team (SART). Bdew diskussjonijiet dwar il-pathways li l-klijenti jsegwu kif dawn imorru, jew jittieħdu, fil-post ta' Victim Support Malta fejn ikun jistgħu jiġu assessjati u eżaminati mill-professjonisti fi ħdan is-SART. | F'dawn ix-xhur, il-maġġoranza tar-riżorsi umani fl-Uffiċċju tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern kienu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura kellu jiġi pospost. | F'dawn ix-xhur ukoll, il-maġġoranza tar-riżorsi umani fl-Uffiċċju tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern kienu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija COVID-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura kellu jiġi pospost. | Mistenni li f'dawn ix-xhur ukoll, il-maġġoranza tar-riżorsi umani fl-Uffiċċju tat-Tabib Ewlieni tal-Gvern ser ikunu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura se jkollu jiġi pospost. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 227 | Ser inniedu proġetti pilota li jaħdmu bl-AI - AI in Health Care (Pharmacy of Your Choice). | Spiżerija tal-Għażla Tiegħek (POYC) | Tnieda l-proġett pilota sabiex it-tobba jkollhom informazzjoni iktar fid-detall dwar l-effett li mediċina jista' jkollha fuq mediċini oħra (interazzjoni bejn il-mediċini, meta dawn ikunu qed jinkitbu lill-pazjenti tagħhom). Beda jinġabar il-feedback mit-tobba dwar l-użu tas-sistema meta huma jkunu qed jiktbu r-riċetti għall-mediċini mingħajr ħlas għall-pazjenti b'mod elettroniku. | Baqa' jinġabar il-feedback mit-tobba dwar l-użu tas-sistema. Ingħata wkoll aċċess tas-sistema lill-ispiżjara tal-komunità sabiex ikunu jistgħu jaqraw ir-riċetti għall-mediċini tal-pazjenti b'mod elettroniku. | Inġabar il-feedback kollu meħtieġ mit-tobba tal-Gvern u tal-privat dwar l-użu tas-sistema meta huma jkunu qed jiktbu r-riċetti għall-mediċini, kif ukoll inġabar il-feedback mill-ispiżjara tal-komunità sabiex ikunu jistgħu jaqraw ir-riċetti għall-mediċini mingħajr ħlas għall-pazjenti b'mod elettroniku. | Mistenni li wara li jiġi evalwat il-feedback riċevut mit-tobba kif ukoll mill-ispiżjara, is-sistema tiġi adottata fuq bażi permanenti. | Implimentata |
| 283 | Ser tiġi inawgurata l-Barts Medical School. | Special Projects Unit | Fetħet l-iskola medika ta' Barts u bdiet tilqa' l-istudenti f'Ottubru 2019. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 367 | Se ninvestu b'impenn ikbar f'kampanji li jindirizzaw id-donazzjoni tal-organi. | Id-Dipartiment tar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa (SPH) | Bdew u tlestew id-diskussjonijiet mal-istakeholders involuti direttament fir-reġistrazzjoni tad-donazzjoni tal-organi kif ukoll mal-kordinaturi tat-trapjanti tal-organi wara l-mewt sabiex jiġu identifikati u ppjanati attivitajiet li jippromovu r-reġistrazzjoni tad-donaturi tal-organi. | Fid-dawl tar-restrizzjonijiet imħabbra mill-awtoritajiet fejn jikkonċernaw attivatijiet pubbliċi u bil-għan li titwaqqaf l-imxija, l-avvenimenti kollha ta' promozzjoni biex wieħed jirreġistra x-xewqa tiegħu fir-rigward tad-donazzjoni tal-organi, li kienu se jlaqqgħu ħafna nies flimkien, kellhom jiġu kkanċellati. Madankollu ttieħdet l-opportunità u ntbagħtu fuljetti ta' informazzjoni lil madwar 2,000 familja. Intbagħtet ukoll informazzjoni lil dawk il-persuni li jixtiequ jirċievu formola bil-posta. Ipparteċipajna wkoll f'numru ta programmi tat-televiżjoni u r-radju dwar dan is-suġġett. | Minħabba s-sitwazzjoni tal-Covid-19, l-avvenimenti kollha li kienu se jlaqqgħu gruppi ta' nies flimkien kellhom jiġu kkanċellati. Madankollu kompliet il-ħidma fuq mezzi oħra biex tippromovi r-reġistrazzjoni tad-donaturi tal-organi, li tinkludi 5 sessjonijiet waqt programmi tar-radju u tat-televiżjoni bħala promozzjoni dwar ir-reġistrazzjoni tad-donaturi. Sabiex inżidu l-impenn f'kampanja dwar id-donazzjoni tal-organi, ġiet ippubblikata paġna fuq facebook, ġie ppubblikat banner fuq il-pjattaforma ta' tqassim ta' informazzjoni tal-Gvern (Intranet), tlesta l-abbozzar ta' stħarriġ online biex id-Direttorat ikollu aktar informazzjoni dwar kemm in-nies għandhom informazzjoni fuq ir-reġistrazzjoni tad-donaturi tal-organi, u nħoloq fuljett bl-informazzjoni kollha meħtieġa biex persuna tirreġistra x-xewqa tagħha fir-rigward tad-donazzjoni tal-organi. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Miżura Supplimentari (SD) 003 /2020** | Isir studju li jeżamina b'mod partikolari r-rata ta' obeżità f'Malta fejn jidħlu tfal ta' 4-5 snin. Ir-riżultati ta' dan l-istudju għandhom jelenkaw ix-xejriet u b'hekk jinħarġu rakkomandazzjonijiet dwar kif nistgħu nsostnu s-saħħa aktar sana għat-tfal. | Id-Dipartiment tar-Regolamentazzjoni tas-Saħħa (SPH) | Twaqqaf grupp ta' ħidma biex ikun responsabbli għall-monitoraġġ tat-twettiq ta' dan l-istudju li jeżamina r-rata ta' obeżità f'Malta fejn jidħlu tfal ta' 4 snin li jattendu l-kindergarten. Beda t-tfassil fuq il-metodoloġija ta' kif ser jitwettaq l-istudju. | F'dawn ix-xhur, ir-riżorsi umani kollha fis-Supretendenza tas-Saħħa Pubblika kienu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija COVID-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura kellu jiġi pospost. | F'dawn ix-xhur ukoll, ir-riżorsi umani kollha fis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika kienu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura kellu jiġi pospost. | Mistenni li f'dawn ix-xhur, ir-riżorsi umani kollha fis-Sovrintendenza tas-Saħħa Pubblika se jkunu ffukati fuq l-eliminazzjoni tat-tixrid tal-pandemija Covid-19. Għaldaqstant ix-xogħol fuq din il-miżura se jkollu jiġi pospost. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 358 | **Qed isiru preparamenti sabiex tinfetaħ l-Ambaxxata f'Tokjo.** | Id-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi (DCS) | Saret iż-żjara mit-tim tekniku f'Tokjo u ġew identifikati numru ta' proprjetajiet. Sar rapport b'rakkomandazzjoni għall-aħjar post u ġew stabbiliti l-bżonnijiet meħtieġa ta' tisbiħ u manutenzjoni tal-post. Ġiet pubblikata sejħa għall-offerti għas-servizzi ta' traduzzjoni tal-kuntratt għall-kiri ta' proprjetà mill-ilsien Ġappuniż, saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti u ntgħażel l-offerent preferut. Bdiet it-traduzzjoni tal-kuntratt rispettiv. | Minħabba li twaqqaf l-ivvjaġġar lejn il-Ġappun fid-dawl taċ-ċirkostanzi relatati mal-pandemija tal-COVID-19 il-proġett kellu jitwaqqaf. | Il-Ministeru identifika proprjetà f'Tokjo sabiex isservi bħala Ambaxxata. | Mistenni li l-Ambaxxata għal Malta f'Tokjo tibda topera. | Implimentata |
| 359 | **Jibda proċess biex tinfetaħ Ambaxxata oħra fl-Amerika t'Isfel.** | Id-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi (DCS) | Saru diskussjonijiet interni dwar l-għażla tal-pajjiż fl-Amerika t'Isfel fejn tista' tinfetaħ din l-Ambaxxata. | Komplew id-diskussjonijiet interni dwar l-għażla tal-pajjiż fl-Amerika t'Isfel fejn tista' tinfetaħ l-Ambaxxata. | L-implimentazzjoni ta' din il-miżura ser tkun qiegħda tiġi evalwata mill-ġdid f'qafas sħiħ tal-mod li bih il-Ministeru ser ikun qiegħed ikopri r-relazzjoni mal-Amerika Latina. | Mistennija titlesta l-evalwazzjoni u tibda l-ħidma skont il-pjan imfassal. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 360 | **Inkomplu naħdmu biex jinbnew kuntatti diplomatiċi kemm ma' mexxejja kif ukoll ma' pajjiżi barranin sabiex Malta tieħu postha fil-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Magħquda għas-snin 2023-2024.** | Permanent Representation of Malta to the United Nations in New York | Ġew identifikati t-temi prinċipali tal-kandidatura ta' Malta, kif ukoll is-slogan u l-logo magħżula, sabiex tinbena n-narrattiva tal-kandidatura li fuqha Malta ser tkun qed tiffoka matul is-sentejn li ġejjin. | Saret ir-riċerka dwar il-materjal promozzjonali għall-kandidatura ta' Malta. Din ir-riċerka tinkludi l-kunsiderazzjoni mill-ambitu diplomatiku u politiku sabiex jintlaħaq aktar l-għan ta' din il-kampanja. | Saru diversi laqgħat fejn ġie finalizzat il-logo, temi u prijoritajiet tal-kampanja għall-UNSC li bdiet waqt il-laqgħa annwali tal-Assemblea Ġenerali fejn tnedew materjali li jinkludu fuljetti, vidjows u banners. Saru wkoll diskussjonijiet fil-Ministeru dwar ir-rekwiżiti tal-persunal għat-tim tal-Ambaxxata ta' Malta fi New York kif ukoll it-tkomplija tat-tħejjijiet għax-xiri ta' bini tal-ambaxxata ġdida fi New York. | Mistennija jiġu finalizzati d-diskussjonijiet dwar il-kiri u x-xiri eventwali ta' ambaxxata ġdida fi New York u l-ftehim tal-kera jiġi ffirmat. Mistennija jiġu finalizzati r-rekwiżiti tal-persunal għall-ambaxxata għall-erba' snin li ġejjin, li jkopru s-sentejn tal-kampanja u s-sentejn meta Malta tifforma parti mill-Kunsill tas-Sigurtà. Diskussjonijiet mal-Irlanda dwar is-sekondar ta' żewġ aġenti diplomatiċi Maltin fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin tagħhom kif ukoll fil-Missjoni tagħhom fi New York, bħala taħriġ għar-rwol tagħna fuq il-Kunsill tas-Sigurtà, mistennija jiġu wkoll konklużi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 361 | Id-diplomatiċi tagħna se jibqgħu jipparteċipaw f'bosta fora reġjonali u internazzjonali li jittrattaw numru sew ta' suġġetti ta' interess nazzjonali u globali, fosthom il-paċi u s-sigurtà fil-Mediterran, l-immigrazzjoni, is-sitwazzjonijiet fil-Libja, is-Sirja u l-Lvant Nofsani, it-tibdil fil-klima u l-ħarsien tal-oċeani. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Ġie maqbul il-format ta' dokument li ser jintuża sabiex jiddaħħlu d-dettalji dwar il-parteċipazzjoni tad-diplomatiċi tagħna fil-laqgħat relatati ma' suġġetti ta' interess nazzjonali u globali, li jinkludu laqgħat dwar il-paċi u s-sigurtà fil-Mediterran, l-immigrazzjoni, is-sitwazzjonijiet fil-Libja, is-Sirja u l-Lvant Nofsani, it-tibdil fil-klima u l-ħarsien tal-oċeani. | Tfassal id-dokument, bdiet tinġabar l-informazzjoni u din iddaħħlet fid-dokument li beda jintuża. B'hekk, sar aktar faċli li jiġu identifikati l-parteċipanti f'dawn il-laqgħat u hemm aċċess għall-informazzjoni meħtieġa, skont il-bżonn. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 362 | Sejra titkompla l-ħidma mill-Ambaxxati jew Missjonijiet tagħna barra minn xtutna sabiex mhux biss jibqa' jingħata servizz siewi lill-Maltin li jgħixu f'dawn il-pajjiżi u lill-pubbliku Malti f'ċirkustanzi fejn isibu ruħhom f'diffikultajiet waqt żjajjar barra minn Malta, iżda nkomplu nkabbru s-servizzi permezz ta' relazzjonijiet bilaterali, multilaterali u kummerċjali ma' pajjiżi barranin li jwasslu biex numru sostanzjali ta' kumpaniji Maltin jibdew jew ikabbru l-operat tagħhom fi swieq barranin b'opportunitajiet għal skambji kummerċjali. | Id-Diviżjoni għall-Affarijiet Globali, Affarijiet Ekonomiċi u Żvilupp Internazzjonali | Bdew il-preparamenti għall-ħruġ tas-sejħa għall-applikazzjonijiet ta' proġetti tal-Official Development Assistance (ODA), inkluż l-organizzar ta' sessjoni ta' informazzjoni f'Jannar li għaliha attendew NGOs u kumpaniji privati.<br><br>Tkomplew ukoll il-boroż ta' studju mill-Università ta' Malta, mogħtija mill-Ministeru għal studenti mill-Ghana u n-Niġerja skont ftehim li sar fil-Valletta Summit on Migration fl-2015. | Is-sejħa għall-applikazzjonijiet ta' proġetti għall-ODA ma ħarġitx minħabba r-realtà li ġabet magħha l-Covid-19. Għaldaqstant, il-Ministeru għamel rievalwazzjoni tat-tqassim ta' dawn il-fondi fejn ingħatat għajnuna permezz ta' proviżjoni ta' ikel (470 tunnellata patata mkabbra minn bdiewa Maltin) lin-Namibja, taħt l-inizjattiva Solidarity Malta.<br><br>Barra minn hekk, il-Ministeru kellu laqgħat li ċċaraw is-sitwazzjoni f'żewġ pajjiżi Afrikani biex tgħin kumpaniji reġistrati f'Malta jifirxu l-operat u l-prodotti tagħhom f'dawn il-pajjiżi.<br><br>Intlaħaq ftehim mal-Istitut Internazzjonali għal-Liġi Marittima (IMLI) f'Malta, biex jingħataw boroż ta' studju lil żewġ studenti mil-Libja. | Beda l-proċess ta' konsultazzjoni interna bil-ħsieb li tinħareġ sejħa ta' interess għal proġetti definiti marbuta mal-ODA bi skop ta' sħubija bejn NGOs u kumpaniji privati fl-Afrika.<br><br>Fl-istess ħin beda kordinament mal-Università ta' Malta sabiex ikomplu jingħataw boroż ta' studju ffinanzjati mill-Ministeru għal studenti minn pajjiżi li qed jiżviluppaw u li huma eliġibbli mill-ODA.<br><br>Ingħataw boroż ta' studju minn korsijiet tal-IMLI (l-Istitut Internazzjonali għal-Liġi Marittima) lil żewġ studenti mil-Libja. | Mistenni li tibda l-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula mill-ħruġ tas-sejħa ta' interess waqt li jibdew il-korsijiet offruti mill-boroż ta' studju mill-Università ta' Malta. | Kontinwa |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 363 | **Se nikkonsolidaw it-tħejjijiet tagħna għal kull eventwalità fir-rigward tat-tluq tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea permezz ta' kampanji interministerjali u informattivi għas-soċjetà ċivili u għall-industriji.** | Id-Dipartiment tal-Kordinazzjoni tal-Unjoni Ewropea (EUCD) | Il-Gvern għamel il-preparamenti kollha meħtieġa għal xenarju ta' tluq mhux ordnat tar-Renju Unit mill-UE, liema preparamenti u pjanijiet ġew komunikati permezz ta' pjattaformi tal-midja, helpline dedikat u laqgħat iffukati ma' partijiet konċernati. Saret il-kampanja pubblika Brexit - Be Prepared.<br><br>Madanakollu t-tluq tar-Renju Unit kien wieħed ordnat u l-arranġament tal-ħruġ ġie ratifikat mill-Parlament tar-Renju Unit u tal-UE. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 364 | Se ninvestu fl-esperti tagħna biex inġibu l-aqwa pakkett għal Malta fin-negozjati dwar il-baġit tal-Unjoni Ewropea għas-seba' snin li ġejjin. | Diviżjoni għall-Istrateġija u l-Implimentazzjoni (SID) | Saret riċerka biex jiġu identifikati korsijiet relevanti. | Ġew identifikati l-korsijiet li għalihom ser jattendu l-uffiċċjali tal-Ministeru. Attendew għat-taħriġ l-ewwel sitt uffiċċjali li tħarġu fuq Advanced Leadership, Management Skills and Designing, Monitoring and Evaluation u Learning Systems. | In-negozjati dwar il-baġit tal-Unjoni Ewropea għas-seba' snin li ġejjin intemmu b'suċċess. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Miżura Supplimentari (SD) 008 /2020** | **Bil-għan li jintlaħqu aħjar il-miri relattivi mal-iżvilupp sostenibbli, jibda proċess ta' rievalwazzjoni tal-ftehimiet ta' koperazzjoni bilaterali ma' pajjiżi terzi fejn fihom jibdew jiġu inklużi għodod u miri ċari. Dan isir ukoll fil-każ ta' ftehimiet ġodda li jiġu negozjati. Dan ser isir sabiex nixprunaw aktar bil-għaqal il-programmi li Malta tħaddan kif ukoll nindirizzaw l-indikaturi ta' żvilupp sostenibbli.** | Id-Diviżjoni għall-Affarijiet Globali, Affarijiet Ekonomiċi u Żvilupp Internazzjonali | Tlesta l-abbozzar tal-iStandard Operating Procedures (SOPs) dwar il-mekkaniżmu li ser jiżgura l-inklużjoni tal-Miri għall-Iżvilupp Sostenibbli (SDGs) fi ftehimiet bejn Malta u pajjiżi terzi. Dawn l-SOPs ġew approvati. | Saret diskussjoni mad-Direttur responsabbli mill-Iżvilupp Sostenibbli fil-Ministeru fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru (MSD) dwar l-abbozz tal-SOPs li ġew preparati biex jagħtu direzzjoni fuq l-inklużjoni ta' referenza għall-SDGs fil-ftehimiet kollha ġodda u dawk li attwalment għadhom qed jiġu negozjati. Dawn ġew iċċirkolati lill-punti fokali dwar l-SDGs tal-Ministeri kollha. | Beda l-proċess ta' konsultazzjoni interna bil-ħsieb li tinħareġ sejħa ta' interess għall-proġetti definiti marbuta mal-ODA bi skop ta' sħubija bejn NGOs u kumpaniji privati fl-Afrika.<br><br>Saret laqgħa permezz ta' video conferencing bejn id-Direttorati għall-Affarijiet Esterni u tal-Mediterran, id-Direttorat Ewropew fi ħdan l-MFEA u d-Direttur għall-Iżvilupp Sostenibbli fl-OPM u l-Punti Fokali tal-Ministeru fuq l-SDGs. Matul din il-laqgħa, il-punti fokali rċevew informazzjoni dwar l-SOPs għall-inklużjoni tal-SDGs fi ftehimiet bilaterali ġodda bejn Malta u pajjiżi terzi. Inżamm rekord ta' ftehimiet bilaterali ġodda u l-inklużjoni ta' SDGs. | Mistenni li tibda l-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula mill-ħruġ tas-sejħa ta' interess. | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-FINANZI
U S-SERVIZZI FINANZJARJI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 4 | Bonus addizzjonali. Għal sena waħda, dik tal-2020, se jagħti bonus addizzjonali lil kull familja. Dan il-bonus se jkun ta' ħmistax-il ewro (€15) għal familji b'persuna waħda u ta' ħamsa u tletin ewro (€35) għal familji b'iżjed minn persuna waħda. Dan il-bonus addizzjonali se jiffinanzjah il-Gvern mingħajr ma jintefa' piż fuq l-intrapriżi privati. | Id-Dipartiment tat-Teżor | Iċ-ċekkijiet ġew stampati u ntbagħtu lill-familji fi Frar 2020. | | | | Implimentata |
| 6 | Aktar tnaqqis ta' taxxi għal kull min jaħdem. It-tax refund li ngħata f'dawn l-aħħar sentejn, is-sena d-dieħla se jerġa' jingħata. Din il-miżura se tiswa lill-Gvern €11.5 miljun u se jibbenefikaw minnha 'l fuq minn mitejn elf (200,000) persuna li qegħdin fis-suq tax-xogħol. L-ogħla refund jieħdu min jaqla' l-anqas u anki min jaqla' l-paga minima u ma jħallasx taxxa. | L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Tlesta l-istampar taċ-ċekkijiet iżda, minħabba r-riskji marbuta mal-COVID-19, ġie deċiż illi jitqassmu meta s-sitwazzjoni terġa' tiġi għan-normal. | Iċ-ċekkijiet intbagħtu lill-pubbliku f'Ġunju 2020, hekk kif il-pandemija COVID-19 battiet. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **6 kont.** | | | Dan fid-dawl li l-ħruġ ta' dawn iċ-ċekkijiet dejjem jirriżulta fil-ġenerazzjoni ta' traffiku mdaqqas lill-call centre. Din is-sena, dan il-call centre kien involut ukoll direttament fil-ħidma ta' tweġib tat-telefonati relatati mal-COVID-19. Għaldaqstant ma kienx loġiku li jiġi dirett traffiku kbir lejn dan l-istess ċentru b'tali mod li jkun hemm impatt negattiv fejn jidħol response time relatat ma' każijiet potenzjali ta' COVID-19. | | | | |
| **7** | Tnaqqis tar-rata tat-taxxa fuq dħul minn overtime. Għas-sena 2020, l-ewwel mitt siegħa ta' overtime fis-sena għal dawk il-ħaddiema li l-paga bażika tagħhom ma teċċedix l-għoxrin elf ewro fis-sena u li ma għandhomx pożizzjoni maniġerjali, se tibda tiġi ntaxxata bil-15 fil-mija. Din il-miżura mistennija li tiswa madwar €5.3 miljun. | L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Wara li, f'Marzu 2020, daħal fis-seħħ l-Att li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi, ġew abbozzati r-Regolamenti dwar il-Final Settlement System (FSS) li permezz tagħhom titwettaq din il-miżura. | L-Avviż Legali 245 tal-2020, Regoli tal-2020 dwar Taxxa fuq is-Sahra ġie ppubblikat f'Ġunju 2020. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 9 | Miżuri biex jonqsu l-abbużi fuq il-ħlas tal-bolla. Sejrin naraw li kull min iħaddem josserva l-liġi dwar il-ħlas tal-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali, magħrufa bħala l-Bolla. Mhux se jkun iktar ittollerat li min iħaddem, wara li jkun naqqas il-Bolla mill-paga tal-impjegati tiegħu, dan il-ħlas ma jgħaddihx lill-Gvern, bil-konsegwenza li fil-futur l-impjegat jispiċċa ma jkollux il-kontribuzzjonijiet suffiċjenti biex jikkwalifika għal pensjoni aktar għolja. Se jinghata ċans biex kull min iħaddem jirregolarizza ruħu jekk mhux qed josserva l-liġijiet. Fin-nuqqas ta' dan, il-Gvern se jkun qed jieħu passi neċessarji biex dan iseħħ. | L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Id-Direttorat tal-Ġbir, fi ħdan l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi, iddefinixxa l-parametri dwar meta, u kif, għandhom jiskattaw ir-reminders li jintbagħtu b'mod awtomatiku lil min iħaddem. | Ġiet żviluppata s-sistema u ttestjata. Il-module l-ġdid ġie varat u beda jitħaddem. B'hekk l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi joħroġ reminders b'mod awtomatiku lil kull min iħaddem u ma jkunx għamel il-ħlasijiet dovuti. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 10 | Konċessjoni għat-Trasferiment ta' Negozju. Biex inħeġġu lin-negozju tal-familja jibqa' miexi 'l quddiem minn ġenerazzjoni għal oħra, il-miżura li daħħalna fejn ir-rata tal-Boll li hu dovut għat-trasferiment tan-negozju jonqos għal 1.5 fil-mija se tigi estiża għal sena oħra. | L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | L-Ordni tal-2019 li jemenda u jestendi l-Eżenzjonijiet (Att dwar it-Taxxi fuq Dokumenti u Trasferimenti) - Avviż Legali 281 tal-2019 ġie ppubblikat f'Novembru 2019. | | | | Implimentata |
| 11 | Eżenzjoni mill-ħlas ta' VAT fuq servizzi edukattivi. Mis-sena d-dieħla, il-provvista ta' edukazzjoni jew riċerka edukattiva, taħriġ vokazzjonali jew taħriġ mill-ġdid, inkluż tagħlim li jsir f'ċerta distanza, minn skola jew istituzzjoni rikonoxxuta għal dan l-iskop, dan is-servizz se jkun eżentat minn ħlas ta' VAT. | L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Fid-19 ta' Novembru 2019 ġie ppubblikat ir-Regolament tal-2019 li jemenda l-Ħames Skeda li tinsab mal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Emenda Nru 3) - Avviż Legali 302 tal-2019. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 12 | Miżuri mid-Dipartiment tat-Taxxi biex il-pubbliku jiġi moqdi aħjar. Minn Jannar li ġej se jkunu jistgħu jirreġistraw, jiddereġistraw jew jikkanċellaw ir-reġistrazzjoni tagħhom għall-VAT/PE online u tiġi validata fil-pront. | L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Ġie mfassal il-business process tal-formoli konċernati u ġie identifikat it-tibdil meħtieġ sabiex ikun rifless fl-eforms il-ġodda. Wara li sar l-ewwel testing, intalbu xi tibdiliet u validazzjonijiet oħra. Saru diskussjonijiet interni mat-Taqsima tal-Konforma u Legali fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi dwar validazzjonijiet fis-sistemi awtomatiċi. Saru wkoll laqgħat mal-MITA sabiex jiġu ċċarati ċerti punti fejn jidħol żvilupp fis-sistema.<br><br>Saret diskussjoni speċifika dwar il-proċess involut fejn ikun hemm ħtieġa ta' riattivazzjoni tan-numru tal-VAT u dan sabiex jiġi determinat kif l-informazzjoni titwassal lil entitajiet governattivi oħra konċernati fil-parametri permessibbli tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data. | L-applikazzjonijiet għal Reġistrazzjoni ta' Numru tal-PE (Employer); għad-Diattivazzjoni ta' Numru tal-PE (Employer); għar-Riattivazzjoni ta' Numru tal-PE (Employer); għall-VAT Change in Option - Minn Reġistru li Jibdel il-VAT għal Exempt Status u Viċi Versa u dik għal Bidla fl-Attività Ekonomika ġew kollha varati f'Ġunju 2020.<br><br>L-applikazzjoni għal Riattivazzjoni tan-Numru tal-VAT għadha fil-proċess ta' żvilupp. Dan filwaqt li l-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi beda jaħdem mal-MITA biex tiġi żviluppata sistema biex in-numri tal-VAT jiġu riattivati minn dan is-servizz. | Saru laqgħat mal-MITA sabiex tiġi żviluppata s-sistema biex in-numri tal-VAT jiġu riattivati minn dan is-servizz. Is-sistema bdiet tiġi żviluppata u ttestjata. | Mistennija li s-sistema se tidħol fis-seħħ. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 13 | **Miżuri mid-Dipartiment tat-Taxxi biex il-pubbliku jiġi moqdi aħjar. Għall-pensjonanti, se nkunu qed nagħtu ċans li ma jibqgħux iħallsu t-taxxa proviżorja kull tliet xhur, imma din titnaqqsilhom persentaġġ mill-pensjoni nazzjonali.** | L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Ġiet identifikata l-popolazzjoni tal-pensjonanti li bħalissa qed iħallsu t-taxxa proviżorja kull erba' xhur. Saret konsultazzjoni mal-Ministeru għall-Familja, Drittijiet tat-Tfal u Solidarjetà Soċjali (MFCS), il-MITA u servizz.gov biex flimkien naħdmu għall-proċess li jimxi bl-iktar mod sempliċi għall-pensjonanti u li jkollu l-inqas impatt fuq l-operat tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. | Bdiet tinġabar informazzjoni riveduta u aġġornata biex jiġu identifikati l-pensjonanti eliġibbli għal din il-miżura u jinħadem l-impatt li dawn il-pensjonanti ser ikollhom fuq il-pensjoni tagħhom. | Intbagħtet l-ittra lill-pensjonanti eliġibbli fejn kellhom l-opportunità jagħżlu t-tnaqqis mill-pensjoni minflok iħallsu t-taxxa proviżorja. L-informazzjoni miġbura dwar il-pensjonanti li għażlu din il-miżura ntbagħtet lid-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali biex tibda titnaqqas it-taxxa mill-pensjoni. | | Implimentata |
| 14 | **Miżuri mid-Dipartiment tat-Taxxi biex il-pubbliku jiġi moqdi aħjar. Se tidhol fis-seħħ il-miżura fejn koppji jkunu jistgħu jissottomettu r-rendikont tat-taxxa u jiġu assessjati b'mod separat.** | L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Saru diskussjonijiet dwar ir-rekwiżiti meħtieġa għall-iżvilupp tas-sistema sabiex taċċetta l-applikazzjoni ta' persuni miżżewġa li jixtiequ jissottomettu rendikont tat-taxxa u jiġu assessjati b'mod separat. Beda l-iżvilupp tas-sistema u tlesta t-testing u saru l-emendi meħtieġa. | Ġie maqbul li jsiru FAQs dwar dan is-servizz u dawn ġew ippubblikati fil-website tal-Kummissarju tat-Taxxi f'Mejju 2020. Il-formola elettronika sabiex persuni miżżewġa jkunu jistgħu japplikaw għas-servizz li jissottomettu redikont tat-taxxa b'mod separat tlestiet u ddaħħlet fis-seħħ. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 14 kont. | | | F'Marzu 2020 daħal fis-seħħ l-Att li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi li kien jinkludi l-provvedimenti legali li permezz tagħhom titwettaq din il-miżura. | | | | |
| 15 | Miżuri mid-Dipartiment tat-Taxxi biex il-pubbliku jiġi moqdi aħjar. Se nkunu wkoll qed nirrevedu l-proċeduri ħalli jitnaqqas il-bżonn li timtela l-formola tat-taxxa, billi t-taxpayers jirċievu rendikont proviżorju li jiġi kkonfermat minnhom. | L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Saret analiżi tal-popolazzjoni li bħalissa qed tirċievi l-formola tat-taxxa (return filers) sabiex jiġu identifikati r-raġunijiet għalfejn dawn il-persuni qed jintalab minnhom li jibagħtu l-formola tat-taxxa. Saru diskussjonijiet interni dwar ir-raġunijiet misjuba ħalli tittieħed deċiżjoni finali dwar liema setturi ta' taxpayers mhux ser ikollhom l-obbligu li jibagħtu l-formola tat-taxxa għaliex dan ser jibda jintbagħat awtomatikament mill-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi. | Saru l-emendi fis-sistema u bdiet titħaddem wara l-ittestjar meħtieġ. B'hekk cohort ta' persuni identifikati bdew ma jirċevux il-formola tat-taxxa. Permezz ta' din l-inizjattiva, il-persuni li tnaqqsilhom l-obbligu li jibagħtu l-formola tat-taxxa żdiedu bi kważi 60,000. L-ammont ta' persuni li ser jintalab minnhom li jibagħtu l-formola tat-taxxa għas-sena bażi 2019 naqas minn madwar 130,000 għal madwar 70,000. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 16 | Miżuri mid-Dipartiment tat-Taxxi biex il-pubbliku jiġi moqdi aħjar. Miżura oħra li se tkun qed tiġi implimentata hi dik li r-rifużjoni tat-taxxa se tkun qed titħallas sa mhux aktar tard minn sitt xhur u mhux sa wara sena kif qiegħda llum. | L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Din il-miżura daħlet fis-seħħ bil-pubblikazzjoni tal-Att li jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi għall-2020, f'Marzu 2020. | | | | Implimentata |
| 18 | Aġġustament għall-ħelsien mit-taxxa fuq pensjonijiet. Biex iż-żieda li qed tingħata fil-pensjonijiet inkluż iż-żieda tal-COLA u l-Bonus Addizzjonali ma tkunx intaxxata għas-sena d-dieħla, se nerġgħu ngħollu l-massimu ta' dħul minn pensjonijiet, li mhux se jkun intaxxat, għal tlettax-il elf, seba' mija u tmienja u disgħin ewro (€13,798). | L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Din il-miżura daħlet fis-seħħ bil-pubblikazzjoni tal-Avviż Legali 326 tal-2019 - Tax Rebate (Amendment No. 2) Rules li ġie ppubblikat f'Diċembru 2019. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 19 | Aġġustament għall-ħelsien mit-taxxa fuq pensjonijiet. Dawk il-koppji b'pensjoni waħda ser jiżdied għal elfejn ewro (€2,000) id-dħul ieħor li jkun eżentat minn ħlas ta' taxxa, jiġifieri għal ħmistax-il elf, seba' mija u tmienja u disgħin ewro (€15,798). | L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Din il-miżura daħlet fis-seħħ bil-pubblikazzjoni tal-Avviż Legali 326 tal-2019 - Tax Rebate (Amendment No. 2) Rules li ġie ppubblikat f'Diċembru 2019. | | | | Implimentata |
| 28 | Inċentivi fiskali għal pensjonijiet privati. L-inċentivi fiskali li daħħalna ħames snin ilu, liema inċentivi ngħataw kemm lil individwi li jinvestu f'pensjoni privata magħrufa bħala Third Pillar Pension Scheme, kif ukoll lil min iħaddem li jiddeċiedi li joffri skema volontarja u mhux kontributorja min-naħa tal-impjegat - għall-iskema Volontary Occupational Pension Scheme, se jerġgħu jingħataw lil individwi u kumpaniji li se jinvestu f'dawn l-iskemi. | L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Ir-Regoli dwar l-Iskema Personali tal-Irtirar kienu daħlu fis-seħħ bis-saħħa tal-Avviż Legali 468 tal-2014. Il-benefiċċji fiskali kienu miżjuda b'emendi fir-regoli inklużi fl-Avviż Legali tal-2019. Ir-Regoli dwar Skemi ta' Pensjoni Okkupazzjonali Volontarja daħlu fis-seħħ bis-saħħa tal-Avviż Legali 228 tal-2017 filwaqt li l-benefiċċji fiskali żdiedu bl-Avviż Legali 114 tal-2019 u għadhom applikabbli. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 32 | Government Savings Bonds għall-pensjonanti. Wara s-suċċess ta' dawn l-aħħar tliet snin għall-ħruġ ta' Savings Bonds 62+ indirizzati għal dawk li għalqu t-tnejn u sittin sena, fejn 'il fuq minn erbgħa u għoxrin elf u sitt mitt (24,600) pensjonant investew ftit anqas minn €3 miljun fil-ħruġ ta' dawn il-Bonds, se nkunu qegħdin nerġgħu noħorġu Bond simili matul is-sena d-dieħla; dan fl-isfond li r-rati ta' mgħax fuq kontijiet bankarji fissi baqgħu baxxi. Hu mistenni li 'l fuq minn sitt elef u tliet mitt (6,300) anzjan ġdid se jkunu eliġibbli għal dan il-ħruġ. | Id-Dipartiment tat-Teżor | Ħafna mix-xogħol marbut ma' din il-miżura tlesta fl-ewwel xhur tas-sena bi tħejjija biex is-Savings Bonds jinħarġu f'dan il-perjodu. Dan kien jinkludi t-tlestija ta' Riżoluzzjoni Parlamentari, il-formola tal-applikazzjoni u ittra b'informazzjoni lil applikanti prospettivi. Iżda l-proċess twaqqaf b'mod temporanju minħabba s-sitwazzjoni marbuta mal-COVID-19. | Ġiet approvata r-Riżoluzzjoni Parlamentari u komplew il-preparamenti sabiex il-prospett jinħareġ f'Lulju 2020. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 37 | Għotja fuq xiri ta' apparat speċjali għall-użu minn persuni b'diżabilità. Sentejn ilu konna daħħalna skema biex nassistu lill-persuni b'diżabilità li jkollhom il-bżonn li jixtru apparat speċjali sabiex ikomplu fil-ħajja tagħhom. Skont il-livell ta' diżabilità, qed tingħata għotja biex tkopri parti sostanzjali tal-VAT li jkun tħallas. Mis-sena d-dieħla, din l-għotja sejrin inżiduha b'€400 u l-massimu tal-għotja se titla' għal elf ewro (€1,000). | Budget Affairs Division | Din il-miżura ġiet implimentata bis-saħħa tan-notifika fil-Gazzetta tal-Gvern Nru 1391 - Grant on the Purchase of Special Equipment for Use by Persons with Disability, li ġiet ippubblikata f'Novembru 2019. | | | | Implimentata |
| 48 | Housing. Estensjoni ta' skemi eżistenti. L-iskemi eżistenti li daħħalna tul dawn l-aħħar snin se jerġgħu jiġu estiżi għal sena oħra. Hawn qed nirreferi għall-iskemi tat-tnaqqis fit-taxxa tal-boll għall-first time buyers; għas-second time buyers; xiri ta' proprjetà vakanti fl-Urban Conservation Areas; xiri ta' proprjetà f'Għawdex, kif ukoll l-iskemi ta' rifużjoni ta' spejjeż fuq xogħol ta' restawr. | L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | L-Iskema Tnaqqis fit-Taxxa tal-Boll First Time Buyers; l-Iskema Tnaqqis fit-Taxxa tal-Boll Second Time Buyers u l-Iskema Xiri ta' Proprjetà Vakanti fl-Urban Conservation Areas ġew implimentati bis-saħħa tal-Avviż Legali 281 tal-2019 li ġie ppubblikat f'Novembru 2019.<br><br>L-Iskema Xiri ta' Proprjetà f'Għawdex ġiet implimentata wkoll bis-saħħa ta' Avviż Legali 281 tal-2019. | L-Iskema ta' Rifuzjoni ta' Spejjeż fuq Xogħol ta' Restawr ġiet implimentata mill-Awtorità tal-Ippjanar li taqa' taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Ppjanar (MECP) meta ġiet estiża l-iskema estiża Irrestawra Darek. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 49 | Minn għada, 15 ta' Ottubru 2019, kull kuntratt li jsir fuq xiri ta' proprjetà taħt l-iskema tal-first time buyers se jkun eżentat mit-taxxa tal-boll fuq l-ewwel mija u ħamsa u sebgħin elf ewro (€175,000) minflok fuq l-ewwel mija u ħamsin elf (€150,000). B'dan issa l-first time buyers se jibdew jiffrankaw sitt elef u ħames mitt ewro (€6,500). | L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Din il-miżura ġiet implimentata bis-saħħa tal-Ordni tal-2019 li jemenda u jestendi l-Eżenzjonijiet (Att dwar it-Taxxa fuq Dokumenti u Trasferimenti) (Avviż Legali 281 tal-2019) li ġie ppubblikat f'Novembru 2019. | | | | Implimentata |
| 50 | Tnaqqis fit-taxxa tal-boll għal kull min jixtri d-dar fejn joqgħod anke jekk mhux first time buyer, u għal dawk li diġà jgħixu f'dar li mhix tagħhom u din id-dar titħalla lilhom b'wirt, l-ammont li fuqu titħallas rata mnaqqsa ta' 3.5 fil-mija se jitla' għal mija u ħamsa u sebgħin elf ewro (€175,000). | L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | F'Marzu 2020, daħal fis-seħħ l-Att li Jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi li kien jinkludi l-provvedimenti legali li permezz tagħhom titwettaq din il-miżura. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 63 | Taxxa tal-Boll fuq Ċessjonijiet. Kwalunkwe qligħ jew profitti li jsir mill-assenjazzjoni ta' kwalunkwe dritt miksub f'termini ta' wegħda ta' bejgħ (konvenju), inkluża wegħda li tbiegħed b'xi mod proprjetà immobbli jew wegħda fir-rigward ta' enfitewsi, huma llum intaxxati bir-rata ta' 35 fil-mija. B'effett mill-1 ta' Jannar 2020, l-ewwel mitt elf ewro (€100,000) ta' tali qligħ jew profitti se jiġu ntaxxati bir-rata ta' taxxa finali ta' 15 fil-mija. Din it-taxxa għandha tinġabar min-nutar bl-istess mod bħat-taxxa miġbura fuq it-trasferimenti tal-proprjetà. L-għan ta' din il-miżura huwa li jkompli jintroduċi t-taxxi finali miġbura fil-punt ta' kuntratt fuq il-qligħ jew il-profitti derivati mit-trasferimenti tal-proprjetà, kemm jekk direttament kif ukoll permezz ta' ftehim ta' wegħda ta' bejgħ. Kull profitt iktar mill-valur imsemmi hawn fuq jibqa' jiġi ntaxxat bir-rata ta' 35 fil-mija. | L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Saru diskussjonijiet interni u tfassal l-ewwel abbozz ta' liġi dwar iċ-ċessjonijiet tal-konvenji. Ġie finalizzat l-abbozz tal-Avviż Legali sabiex jirregola l-jeddijiet miksuba taħt konvenju u ġiet ippreżentata l-enabling provision tal-Att prinċipali għall-istadju ta' Kumitat fil-Parlament (it-Tieni Qari). F'Marzu 2020 daħal fis-seħħ l-Att li Jimplimenta l-Miżuri tal-Estimi li kien jinkludi l-provvedimenti legali li permezz tagħhom seta' jsir l-avviż legali. | Ġie ppreparat l-abbozz tal-Avviż Legali u, wara konsultazzjonijiet interni, f'Mejju 2020 ġie ppubblikat bħala Avviż Legali 191 tal-2020 - Regoli tal-2020 dwar Assenjamenti ta' Jeddijiet Miksuba taħt Konvenju. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 134 | Trasport. Bil-għan li nħeġġu aktar nies jixtru karozzi li ma jħammġux l-arja, sejrin inkomplu neżentaw minn kull taxxa ta' reġistrazzjoni lil kull min jixtri karozzi elettriċi jew elettriċi ibridi. | Budget Affairs Division | Fl-2018 l-Att dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur ġie emendat sabiex karozzi elettriċi u karozzi elettriċi ibridi (plug-in) jiġu eżentati milli jħallsu t-taxxa tar-reġistrazzjoni. Dawn l-emendi għadhom fis-seħħ u kull minn jixtri karozzi elettriċi, jew karozzi elettriċi ibridi (plug-in), fl-2020 ser ikun eżentat mit-taxxa tar-reġistrazzjoni. | | | | Implimentata |
| 142 | Għotja fuq xiri ta' roti, roti tal-elettriku (pedelec bicycles) u muturi. L-iskema fejn qed tingħata għotja fuq roti u roti elettroniċi li hi ekwivalenti għal refund sħiħ tal-VAT se tiġi estiża għal sena oħra. | Budget Affairs Division | Din il-miżura ġiet implimentata bis-saħħa tan-notifika fil-Gazzetta tal-Gvern Nru 1470 - A Once Only Grant on the Purchase of a Bicycle and a Pedelec Bicycle - Gazzetta tal-Gvern Nru 20,296 datata Novembru 2019. | | | | Implimentata |
| 144 | Investiment f'mezzi ta' trasport alternattivi. L-iskema li daħħalna tliet snin ilu, fejn qed jingħata grant kemm lill-Kunsilli Lokali kif ukoll lil dawk il-kumpaniji privati li jwaħħlu bicycle racks biex aktar persuni jitħajru jużaw ir-rota, se terġa' tiġi estiża għal sena oħra. | Budget Affairs Division | Il-grant lill-Kunsilli Lokali u lil kumpaniji privati li jwaħħlu bicycle racks ġiet implimentata permezz ta' Avviż fil-Gazzetta tal-Gvern numru 1626 - Gazzetta tal-Gvern numru 20,316 datata Diċembru 2019. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 217 | Is-sena d-dieħla l-Borża ta' Malta se tkun qed timplimenta inizjattivi ġodda biex tippromovi l-ħruġ tal-Green Bonds. Dawn l-inizjattivi għandhom l-għan li jinċentivaw investiment fi proġetti fl-oqsma tal-ħarsien tal-ambjent, riżorsi sostenibbli u enerġija nadifa. | Il-Borża ta' Malta | Saru laqgħat ta' konsultazzjoni mad-dipartimenti konċernati fil-Ministeru għall-Finanzi u Servizzi Finanzjarji (MFIN) kif ukoll mal-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar (MECP), sabiex jiġu identifikati l-inizjattivi ġodda li jistgħu jittieħdu sabiex jiġu promossi l-Green Bonds. | Kompliet il-konsultazzjoni interna dwar il-ħruġ ta' Green Bonds. | Wara konsultazzjoni interna, ġew evalwati l-inċentivi sabiex jiddaħħlu bħala parti mill-Baġit. L-abbozz ta' regolamenti għadda għand ir-regolatur għall-evalwazzjoni. | Mistennija titkompla l-evalwazzjoni tal-abbozz ta' regolamenti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 218 | F'Marzu li ġej, grazzi għall-kuntatti siewja li qed tagħmel il-Borża ta' Malta, il-Federazzjoni tal-Boroż Mondjali sejra tagħmel il-konferenza tagħha fuq settur speċifiku tal-finanzi. | Il-Borża ta' Malta | Il-Konferenza kienet ippjanata li ssir f'Marzu 2020. Minħabba s-sitwazzjoni marbuta mal-COVID-19, il-World Federation of Exchanges (WFE) iddeċidiet li tipposponiha għall-2022. | | | | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 219 | Dan is-settur qed inkomplu ntejbuh u nsaħħuh permezz ta' kunsilli konsultattivi għas-servizzi finanzjarji fejn il-Gvern flimkien mal-awtoritajiet regolatorji u stakeholders importanti oħra jkunu jistgħu jaħdmu b'mod strutturali flimkien fuq strateġiji tas-settur kif ukoll dak fiskali. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Saru diskussjonijiet interni dwar it-tisħiħ tas-settur tas-servizzi finanzjarji u l-għan tal-kunsill konsultattiv. | Tressaq memo għall-approvazzjoni interna sabiex jitwaqqaf il-Kunsill Konsultattiv għas-Servizzi Finanzjarji. Il-membri tal-Kunsill Konsultattiv għas-Servizzi Finanzjarji ġew identifikati. | Il-kunsill ġie kompost u beda jitlaqqa'. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 220 | Qegħdin nesploraw niċeċ ekonomiċi ġodda f'dan il-qasam fosthom il-Fintech, li dwaru aktar kmieni din is-sena tnediet l-istrateġija għal dan il-qasam, kif ukoll oqsma bħal Regtech u Blockchain li dan il-Gvern qed joħloq ekosistema ideali biex dawn in-niċeċ jikbru. | L-Awtorità Maltija għas-Servizzi Finanzjarji (MFSA) | Tkompla x-xogħol fuq l-implimentazzjoni tar-Regulatory Sandbox billi nħareġ dokument għall-konsultazzjoni pubblika msejjaħ Feedback Statement to the Consultation Document on Pillar 1 - Regulations. Il-feedback illi nġabar wara l-konsultazzjoni ġie analizzat u r-regolamenti proposti ġew emendati fuq l-informazzjoni miksuba.<br><br>Beda wkoll ix-xogħol preparatorju biex jitwaqqaf il-Fintech Innovation Hub, inkluż kif ser ikun qed jopera. Saret riċerka dwar hubs simili madwar id-dinja. | Kompla x-xogħol fuq il-website dwar ir-Regulatory Sandbox. Saru wkoll laqgħat ma' parteċipanti prospettivi għas-Sandbox.<br><br>Bdiet ukoll l-ewwel fażi tal-inizjattiva Fintech Innovation Hub li tinkludi kordinazzjoni interna fi ħdan l-Awtorità u beda jiġi żviluppat il-business case għal din l-inizjattiva li tinkludi kemm l-identifikazzjoni ta' ħtiġijiet tekniċi kif ukoll dawk tan-negozju. | Il-FinTech Regulatory Sandbox fi ħdan l-MFSA ġiet imnedija fit-23 ta' Lulju 2020 f'konferenza stampa fl-uffiċċji tal-Awtorità. Fid-29 ta' Lulju 2020 ġiet sottomessa l-ewwel proposta taħt din l-inizjattiva. Kompliet il-ħidma relatata mal-ewwel fażi tal-proġett Fintech Innovation Hub (li jsir l-operational set-up u li jsiru l-Marketing Strategy, Visual Identity u Brand Guidelines). | Mistennija tibda t-tieni fażi tal-proġett Fintech Innovation Hub.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 221 | Intelliġenza Artifiċjali. Se nkunu qegħdin nagħmlu kampanja ta' informazzjoni edukattiva. | L-Awtorità ta' Malta dwar l-Innovazzjoni Diġitali (MDIA) | Saru laqgħat mal-eSkills Foundation u mal-Università ta' Malta sabiex jiġu diskussi d-dettalji tal-kampanja edukattiva. | Komplew il-preparamenti tal-kampanja edukattiva dwar l-Intelliġenza Artificjali fl-iskejjel sekondarji ta' Malta u Għawdex. Tlesta l-kontenut u l-materjal u saru l-arranġamenti mal-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol (MEDE) dwar il-proċess kif se jitwasslu l-korsijiet. | Il-kors ġie ppreżentat u wara li saru d-diskussjonijiet ġie approvat internament. Beda l-proċess biex dan il-kors jingħata fis-sena skolastika li jmiss fi skejjel tal-gvern u tal-privat. | Mistenni jibda jingħata l-kors. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 222 | Se nkunu qed nagħtu boroż ta' studju għall-istudenti li se jkunu qegħdin jistudjaw l-AI. | L-Awtorità ta' Malta dwar l-Innovazzjoni Diġitali (MDIA) | Saret laqgħa mal-MITA fir-rigward ta' kif il-qafas eżistenti tal-blockchain jiġi estiż għall-AI. Saru wkoll laqgħat mad-Dipartiment tal-AI u l-Fakultà tal-ICT fl-Università ta' Malta sabiex jitfassal pjan ta' azzjoni. Ġie deċiż li l-grant jingħata lill-Università ta' Malta sabiex jiġu ffinanzjati 10 programmi ta' studju. | Komplew id-diskussjonijiet mal-Università ta' Malta, bl-MDIA tesplora l-possibilità li dawn il-boroż ta' studju jkunu jistgħu jiġu ffinanzjati minn programmi oħra tal-Gvern ħalli n-numru ta' studenti prospettivi li jibbenefikaw minn dawn il-boroż ta' studju jkun akbar. Intlaħaq ftehim mal-Università ta' Malta dwar il-boroż ta' studju li ser jitnedew f'Lulju 2020. | Fis-27 ta' Lulju, l-MDIA nediet il-boroż ta' studju flimkien mal-Università ta' Malta. | | Implimentata |
| 223 | Se nkunu qed inwaqqfu AI Innovation Hub. | L-Awtorità ta' Malta dwar l-Innovazzjoni Diġitali (MDIA) | Saru laqgħat mal-Università ta' Malta biex jibdew jinġabru rekwiżiti għall-high performance computer li se jagħmel parti mid-Digital Innovation Hub (DIH). Ġie diskuss il-potenzjal li ż-żewġ entitajiet jingħaqdu flimkien biex iħaddmu d-Digital Innovation Hub. Saret ukoll evalwazzjoni ta' proġetti simili li diġà jitħaddmu madwar id-dinja. | L-MDIA ingħatat ir-responsabilità tal-Programm Ewropew tad-Digital Innovation Hubs. B'hekk bdiet ħidma fuq id-dokument inizjali li jispjega aħjar il-kunċett ta' Digital Innovation Hub bil-għan li jiġi ppreżentat għall-kunsiderazzjoni tal-finanzjament tiegħu. | Abbażi tar-riċerka li saret fix-xhur li għaddew u skont l-aħħar deċiżjonijiet meħuda mill-Unjoni Ewropea f'dak li għandu x'jaqsam mal-qafas finanzjarju multiannwali (MFF), l-MDIA lestiet l-ewwel abbozz tal-applikazzjoni. | Hu mistenni li l-applikazzjoni tkun imtejba wara li ssir diskussjoni mal-partijiet interessati. Se jkun hemm ukoll l-involviment ta' konsulent sabiex jiġi massimizzat il-potenzjal kollu tal-applikazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 224 | **Intelliġenza Artifiċjali. Se nkunu qed naħdmu fuq roadmap għall-infrastruttura tat-teknoloġija.** | L-Awtorità ta' Malta dwar l-Innovazzjoni Diġitali (MDIA) | Ġew analizzati l-istudji preliminari li saru bħala parti mill-iżvilupp tal-Istrateġija Nazzjonali tal-AI u saru laqgħat mal-istakeholders konċernati. Saru laqgħat mal-MCST dwar ir-riċerka u l-innovazzjoni u ġew diskussi l-istrateġija għar-riċerka u r-roadmap għall-infrastruttura tat-teknoloġija.<br><br>Saru wkoll laqgħat mal-Università ta' Malta dwar riċerka għall-iżvilupp tat-teknoloġija tal-AI f'Malta. Inġabru numru ta' stimi ta' proġetti li se jiġu amministrati minn 6 ministeri differenti sabiex jitqassmu l-fondi għall-proġetti rispettivi. | L-istimi ġew ippreżentati lill-Ministeru għall-Finanzi u Servizzi Finanzjarji (MFIN) u ngħatat spjegazzjoni dettaljata ta' kull proġett. Qed issir ħidma fuq ir-roadmap għat-titjib tal-infrastruttura teknoloġika. Id-dokument li jispjega r-roadmap beda jiġi abbozzat. | L-MDIA kompliet taħdem fuq roadmap għat-titjib tal-infrastruttura teknoloġika. Kompla jiġi abbozzat id-dokument. | Mistenni jiġi ppreżentat l-abbozz għad-diskussjoni ma' esperti fit-teknoloġija.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 231 | Teknoloġija oħra li tikkumplimenta dik tal-Intelliġenza Artifiċjali hija l-Internet of Things. Għal dan il-għan se nkunu qegħdin ninvestu sabiex isir proġett pilota li jaħdem b'din it-teknoloġija u se naraw li jilħaq lill-komunità. | L-Awtorità ta' Malta dwar l-Innovazzjoni Diġitali (MDIA) | Wara konsultazzjonijiet interni, bdew diskussjonijiet ma' kumpanija telefonika lokali fuq kif se titħaddem b'mod pilota s-sistema ta' parkeġġ intelliġenti f'Ħal Luqa. | Saret l-implimentazzjoni tal-proġett pilota. Is-sistema intelliġenti ser titħaddem permezz ta' sensors. Għalhekk ġew installati u kkummissjonati 180 sensor li huma kordinati minn 20 gateway fi 8 toroq fiċ-ċentru ta' Ħal Luqa. Sar xogħol fuq is-sit elettroniku u l-proġett ġie varat. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 232 | Is-Sigurtà Diġitali hija ta' prijorità għal dan il-pajjiż. Cyber-attacks isiru kull ħin u kull mument u għalhekk, kif jgħidu, il-prevenzjoni hija aħjar mill-kura. Għaldaqstant, irridu naraw li l-esperti tagħna jkunu mgħammra bl-aħħar teknoloġija u apparat u għalhekk se nkunu qegħdin nallokaw fondi lill-MITA sabiex tkun tista' tagħmel dan u ssaħħaħ il-ħidma tagħha fis-Sigurtà Diġitali. | L-Aġenzija tat-Teknoloġija tal-Informatika ta' Malta (MITA) | Ġiet implimentata teknoloġija emerġenti (Security Assessment Framework) biex ittejjeb il-livell ta' protezzjoni tas-servizz tal-emails tal-Gvern. | Filwaqt illi t-taħriġ li kellu jsir fl-ewwel kwart tas-sena ġie pospost minħabba l-COVID-19, f'Mejju 2020 ġiet konkluża l-installazzjoni tal-għodod ġodda sabiex attakki diġitali jkunu jistgħu jiġu identifikati fi stadju bikri. | Bdiet l-aħħar fażi tar-reviżjoni tal-MITA Information Security Policy. Ġiet installata pjattaforma bil-għan li l-komunikazzjoni ta' threat intelligence ma' istituzzjonijiet lokali u internazzjonali tkun tista' ssir b'mod iktar sigur. Twaqqaf id-Digital Forensics & Malware Analysis Laboratory fil-MITA sabiex l-analiżi, l-evalwazzjoni u l-eżaminazzjoni tad-data jsiru b'mod aħjar. Jitnieda s-Secure Software Development Framework sabiex jiġu adottati best practices u jiġu pprovduti għodod sabiex software developers jiżviluppaw il-kunċett ta' security by design. | Mistenni jingħata aktar tagħlim lill-esperti tal-MITA permezz tat-tieni edizzjoni tas-Cyber Security Summit fejn ser jinġiebu taħt saqaf wieħed numru ta' professjonisti, akkademiċi u kumpaniji u fejn isiru diskussjonijiet tekniċi fil-qasam tas-sigurtà diġitali.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 233 | Strateġija Nazzjonali tal-Ispazju. Ser jitħejja qafas leġiżlattiv sabiex kumpaniji li jaħdmu f'dan il-qasam jinvestu f'pajjiżna. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Bdiet ħidma fuq it-twaqqif ta' Task Force ġdida responsabbli għat-tfassil ta' strateġija nazzjonali. | Il-lista tan-nominazzjonijiet għall-ħatra ta' Task Force ġdida ġiet approvata u t-Task Force bdiet tiltaqa' f'Ġunju 2020. Fl-ewwel laqgħa ġiet diskussa l-proċedura sabiex jiġi magħżul il-kuntrattur responsabbli għall-abbozzar tad-dokument konsultattiv tal-Istrateġija li jiddetermina l-qafas leġiżlattiv. | Ġie magħżul il-kuntrattur u beda l-abbozzar tad-dokument. | Mistenni jkompli l-abbozzar tad-dokument u jibda l-abbozzar tal-liġi sabiex kumpaniji li jaħdmu f'dan il-qasam jinvestu f'pajjiżna. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 234 | Strateġija Nazzjonali tal-Ispazju. Se jkun qed jitfassal dokument konsultattiv għall-pubbliku biex iservi ta' bażi għall-istrateġija nazzjonali, liema strateġija tkopri wkoll l-aspett ta' riċerka u innovazzjoni. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Bdiet ħidma fuq it-twaqqif ta' Task Force ġdida responsabbli għat-tfassil ta' strateġija nazzjonali. | Il-lista tan-nominazzjonijiet għall-ħatra ta' Task Force ġdida ġiet approvata u t-Task Force bdiet tiltaqa' f'Ġunju 2020. Fl-ewwel laqgħa ġiet diskussa l-proċedura sabiex jiġi magħżul il-kuntrattur responsabbli għall-abbozzar tad-dokument konsultattiv tal-Istrateġija li jiddetermina l-qafas leġiżlattiv kif ukoll l-aspett ta' riċerka u innovazzjoni f'dan il-qasam. | Ġie magħżul il-kuntrattur u beda l-abbozzar tad-dokument konsultattiv tal-Istrateġija. | Mistenni jkompli l-abbozzar tad-dokument konsultattiv tal-Istrateġija. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 235 | Video Game Development u Esports. Wara li l-Gvern nieda l-viżjoni tiegħu dwar Strateġija għall-Iżvilupp tal-Video Games u Esports f'pajjiżna, issa se jkunu qed jiġu varati miżuri li jgħinu sabiex nassistu lil dawn is-setturi ekonomiċi ġodda bħal tad-digital arts, games programming u produzzjoni tal-media. Dan sabiex nattiraw aktar kumpaniji sabiex jipproduċu l-logħob f'pajjiżna. | GamingMalta Foundation | Bdew diskussjonijiet mal-Bord ta' Sorveljanza dwar l-Għajnuna Mogħtija mill-Istat (SAMB) sabiex jiġi approvat it-Tax Relief propost fuq Logħob tal-Vidjow (Video Game Tax Relief). Ġie ffirmat ftehim ma' kumpanija rinomata fid-dinja fil-qasam tal-esports bil-għan li titkabbar l-ekosistema ta' esports f'Malta. Ġew sottomessi u approvati l-pjanijiet relatati ma' incubator space għal start-ups. | Ġiet organizzata missjoni virtwali li matulha ġew ippreżentati l-istrateġiji u l-inċentivi lil 12-il kumpanija tal-video gaming mir-Renju Unit. Intlaħaq arranġament ma' esports accelerator Ewropew rinomat, li jinkludi sensiela ta' attivitajiet f'pajjiżna fl-2021. Tkomplew diskussjonijiet mal-Malta Enterprise sabiex jinġiebu aktar studios f'pajjiżna bis-saħħa ta' numru ta' inċentivi u saru taħditiet mal-Malta Business Registry (MBR) dwar kiri ta' spazju fejn jista' jsir l-inkubatur. | Saru sforzi sabiex Malta tipparteċipa fil-fiera virtwali Gamescon, anke minħabba l-fatt illi l-fieri internazzjonali tħassru minħabba l-pandemija. GamingMalta ppparteċipat fil-Games For Change Festival (li sar b'mod virtwali) fejn ġiet varata l-iskema bejn Gaming Malta u l-Insitute of Digital Games fl-Università ta' Malta. Matul il-festival, kumpaniji bbażati f'Malta kellhom ukoll l-opportunità li jagħmlu preżentazzjonijiet fuq ix-xogħol tagħhom. F' Lulju wkoll, GamingMalta laħqet arranġament ma' żewġ accelerators internazzjonali – HYPE u GTI – fejn start-ups fil-kamp tal-video games u esports ikkollhom l-opportunità biex jikkollaboraw ma' investituri internazzjonali f'dan il-qasam. | Mistennija titkompla l-formulazzjoni tal-pakkett ta' inċentivi mmirati lejn l-industrija li tipproduċi l-logħob u jitnieda l-inkubatur għal start-ups fiż-Żejtun. Se jiġi mħabbar il-pakkett ta' inċentivi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 236 | Video Game Development u Esports. Se nkunu qegħdin nassiguraw li jsir investiment sabiex insaħħu l-korsijiet edukattivi relatati mal-ħiliet meħtieġa minn din l-industrija. B'hekk ngħinu lill-istudenti u ż-żgħażagħ tagħna sabiex jispeċjalizzaw f'dan il-qasam u jkunu jistgħu jaħtfu l-opportunitajiet ta' xogħol li joffri dan is-settur. | GamingMalta Foundation | Bdew diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati fosthom mal-European Gaming Institute of Malta (EGIM). Ġie identifikat konsulent internazzjonali sabiex jaħdem fuq dokument ta' pożizzjoni fuq l-Iżvilupp u l-Isport tal-Videogame fl-Edukazzjoni ta' Malta. | Saru laqgħat konsultattivi u riċerka mal-istakeholders (jiġifieri l-istituti tal-edukazzjoni) sabiex jiġi identifikat il-bdil meħtieġ fil-kurrikulu tas-settur tal-logħob bil-vidjow. | Id-dokument ta' riċerka u rakkomandazzjonijiet ġie abbozzat mill-konsulent internazzjonali u ġie mgħoddi lil GamingMalta għal aktar taħditiet mal-istakeholders. | Ir-rakkomandazzjonijiet li ħarġu mid-dokument qed jiġu studjati internament. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 267 | Inkomplu ninvestu f'Għawdex. Qed jiġi estiż il-back office tad-Dipartiment tat-Taxxa. | L-Uffiċċju tal-Kummissarju tat-Taxxi (CFR) | Ġiet trasferita t-Taqsima tad-Direct Credit lejn Għawdex. Din tieħu ħsieb l-ipproċessar tal-credit advices dwar pagamenti tal-Income Tax, VAT u kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali.<br><br>Numru żgħir ta' nutara bdew jittestjaw is-sistema elettronika tar-reġistrazzjoni tal-kuntratti inter vivos. Skont l-eżitu ta' dan l-ittestjar saru l-emendi meħtieġa fis-sistema. Ix-xogħol ta' back office marbut ma' dan is-servizz ser isir minn Għawdex. | Aktar nutara ġew mistiedna jittestjaw is-sistema. Mill-feedback miġbur intlaħaq ftehim fuq data għall-implimentazzjoni tas-sistema li tagħti biżżejjed żmien lin-nutara sabiex jidraw l-istess sistema. | Kompla l-ittestjar tas-sistema tar-reġistrazzjoni online tal-kuntratti inter vivos min-nutara. 700 nutar ġew reġistrati biex jużaw is-sistema online. Saret laqgħa mal-MITA biex jiġu indirizzati s-suġġerimenti tan-nutara. | Mistennija tiġi varata s-sistema lin-nutara kollha. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 306 | Titwaqqaf Aġenzija ġdida li se tkun magħrufa bħala l-Financial Organised Crimes Agency. Din l-Aġenzija se tkun qed tikkumplimenta l-Economic Crimes Unit li tinsab taħt il-Korp tal-Pulizija. Strutturi bħal dawn jinsabu f'pajjiżi madwar id-dinja u fil-fatt fir-riorganizzazzjoni tal-istituzzjonijiet tagħna qed ikollna l-għajnuna ta' awtoritajiet ta' pajjiżi oħra, fosthom ir-Renju Unit u l-Istati Uniti tal-Amerika. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Saret riċerka estensiva flimkien ma' konsultazzjoni dwar it-twettiq ta' din il-miżura sabiex tittieħed deċiżjoni infurmata dwar dan il-proġett. Bdew jitfasslu l-proposti għall-kunsiderazzjoni tal-awtoritajiet kompetenti. | Wara kunsiderazzjonijiet legali u loġistiċi, ġie deċiż illi, minflok tinħoloq aġenzija ġdida, tiġi imsaħħa l-iSkwadra kontra Reati Ekonomiċi fi ħdan il-Pulizija. | Komplew it-taħditiet mal-awtoritajiet tal-Pulizija dwar it-tisħiħ tal-Iskwadra kontra Reati Ekonomiċi. | Mistennija jibdew jitwettqu r-rakkomandazzjonijiet diskussi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 307 | Kontroll tal-użu ta' flus kontanti. Il-pass li jmiss hu li nindirizzaw u nikkontrollaw l-użu ta' flus kontanti fix-xiri ta' oġġetti ta' valur. Malta hija fost il-ftit pajjiżi fejn għad hemm l-użanza li jsir ħafna xiri bl-użu ta' flus kontanti. Ħafna drabi dan hu sintomu ta' evażjoni ta' taxxa.<br><br>Dan l-abbuż irridu nnaqqsuh sabiex ikollna soċjetà u negozju aktar ġusti. Għalhekk, mis-sena d-dieħla, fejn jidħol xiri ta' proprjetà, karozzi, dgħajjes u jottijiet, djamanti, ħaġar prezzjuż u oġġetti ta' arti, mhux se jkunu aktar possibbli li jsir ħlas fi flus kontanti li jaqbeż l-għaxart elef ewro (€10,000). | Financial Intelligence Analysis Unit (FIAU) | Saret riċerka dettaljata sabiex jiġi stabbilit kif dan il-mekkaniżmu hekk imsejjaħ Cash Limitation Policy qiegħed jitħaddem f'pajjiżi Ewropej. Wara li saret ir-riċerka u l-evalwazzjoni tagħha, saret żjara fil-Belġju sabiex jiġi studjat kif dan il-pajjiż qed iħaddem is-sistema tiegħu.<br><br>Bdew isiru preparazzjonijiet sabiex jinkiteb il-qafas leġiżlattiv dwar il-kontroll tal-użu ta' flus kontanti bbażat fuq r-riċerka u l-esperjenza miksuba fil-Belġju. | Komplew il-preparazzjonijiet sabiex jinkiteb il-qafas leġiżlattiv dwar il-kontroll tal-użu ta' flus kontanti. | Tlesta l-abbozz leġiżlattiv. | L-abbozz leġiżlattiv mistenni jiġi ppreżentat internament għall-approvazzjoni. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 308 | Aktar investiment fid-Dwana. Se jitkompla t-taħriġ professjonali. | Id-Dipartiment tad-Dwana | Wara d-diskussjonijiet meħtieġa, id-Dipartiment tad-Dwana u l-Akkademja għall-Korpi Dixxiplinati ħadmu fuq id-dokumenti illi jservu ta' bażi għat-tfassil tal-iskeda għat-taħriġ professjonali lill-uffiċjali tad-Dwana.<br><br>Fl-istess waqt beda t-taħriġ marbut mal-implimentazzjoni tal-Union Customs Code fejn bdew jingħataw il-korsijiet lill-uffiċjali tad-Dwana dwar ir-Release for Free Circulation u l-iSpecial Procedures Other Than Transit.<br><br>Beda wkoll il-proġett e-cliKc tal-Organizzazzjoni Dinija tad-Dwana fejn infetħu l-ewwel online modules li jkopru setturi differenti bħal Risk Management, Customs Controls, Intellectual Property Rights u Drug Precursor Control. | Komplew id-diskussjonijiet mal-Akkademja għall-Korpi Dixxiplinati sabiex jiġi żviluppat aktar taħriġ iffukat inkluż kif issir xhieda quddiem il-qrati u kif tiġi ppreżervata l-evidenza. Il-programm propost ġie emendat biex jikkumplimenta taħriġ konġunt ieħor tal-FRONTEX offrut mill-istess Akkademja.<br><br>Dawn l-emendi ġew aċċettati u beda l-proċess biex jinstabu l-għalliema għall-korsijiet proposti. Ġie maqbul li għandu jibda l-proċess tal-abbozzar tal-Memorandum of Understanding bejn l-Akkademja u d-Dipartiment tad-Dwana.<br><br>Tkompla l-proġett e-cliKc fejn ingħata aktar taħriġ b'modules ġodda dwar Integrity, Customs Valuation, Harmonised Systems u Customs Transit. | Komplew id-diskussjonijiet u l-preparamenti għall-ewwel kors. Saret laqgħa ma' wieħed mil-lecturers biex jiġu indirizzati xi punti li tqajmu. Ġiet imfassla skeda apposta. Ingħata kors ieħor bis-suġġett 'Releasing for Free Circulation' lil 10 uffiċjali. Dwar il-proġett e-cliKc tal-Organizzazzjoni Mondjali tad-Dwana, infetħu żewġ online modules u beda jingħata taħriġ dwar 'The TIR System' u 'Harmonised System 2017'. | Mistenni jiġi ffirmat MoU bejn id-Dipartiment tad-Dwana u l-Akkademja tal-Forzi Dixxiplinati. Mistenni jibda jingħata t-taħriġ. Uffiċjali tad-Dwana se jtemmu korsijiet dwar Customs Valuation u Customs Transit u jsirilhom l-assessment meħtieġ. Se jingħataw il-kumplament tal-modules offruti mill-e-cliKc.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 309 | Aktar investiment fid-Dwana. Se jkun hemm investiment f'xiri ta' x-ray tunnel van. | Id-Dipartiment tad-Dwana | Kompla x-xogħol fuq l-X-Ray tunnel van mill-kuntrattur. | Ix-xogħol fuq il-vann tlesta, però minħabba l-pandemija COVID-19 l-apparat ma setax jiġi trasportat lejn Malta minħabba l-għeluq tal-portijiet. Madanakollu bdew il-preparamenti biex il-vann jasal Malta hekk kif jinfetħu l-portijiet, inkluż il-User Acceptance Testing meħtieġ. | Wasal il-vann u beda jopera. | | Implimentata |
| 310 | Aktar investiment fid-Dwana. Se jkun hemm investiment f'xiri ta' żewġ magni għal scanning tal-bagalji. | Id-Dipartiment tad-Dwana | Baqgħu għaddejjin id-diskussjonijiet dwar it-tibdiliet infrastrutturali meħtieġa fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta biex ikun hemm spazju akbar li jakkomoda ż-żewġ magni li se jiġu installati. Ġew ippreżentati l-pjanti neċessarji u beda x-xogħol relatat mal-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-magni. | Saru diskussjonijiet ġodda mal-MIA fid-dawl tal-fatt li nbidlu l-pjanijiet fuq l-espansjoni tal-ajruport kaġun tal-imxija tal-COVID-19. Tkomplew id-diskussjonijiet dwar il-pjanti u ġie ffinalizzat l-abbozz tas-sejħa għall-offerti għall-apparat meħtieġ. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għall-apparat meħtieġ. | Mistennija ssir l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti u jintgħażel l-offerent preferut. Mistenni jiġi installat l-apparat u jiġu mħarrġa l-uffiċjali tad-Dwana li se joperaw fuqu.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 311 | Aktar investiment fid-Dwana. Se jitkompla l-proċess li l-operazzjonijiet ta' scanning li jitwettqu fil-Freeport ikunu replikati fil-Port il-Kbir. | Id-Dipartiment tad-Dwana | Komplew id-diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Artijiet dwar spazju adegwat fejn jista' jsir dan il-proġett fil-Port il-Kbir. Beda jsir il-market research għall-apparat ta' scanning meħtieġ. | Kompla jsir il-market research għall-apparat ta' scanning. | Intemm l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-apparat ta' scanning u nfetħet is-sejħa għall-offerti. | Saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għall-apparat tal-iscanning u għall-offerti għax-xogħlijiet infrastrutturali. Beda x-xogħol infrastrutturali. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Miżura Supplimentari (SD) 002/2020** | **Permezz tal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika tinġabar statistika dwar l-użu ta' mezzi differenti ta' trasport minn residenti f'Malta. Ir-riżultati miksuba jiġu analizzati u jsiru rakkomandazzjonijiet sabiex inkomplu ninkoraġġixxu l-użu ta' trasport alternattiv u sostenibbli.** | L-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta (NSO) | Kompla l-ġbir tal-istatistika dwar il-mezzi ta' trasport billi ntużaw sorsi amministrattivi. Il-pubblikazzjoni ta' din id-dejta saret fil-31 ta' Jannar, 2020. Saru laqgħat ma' Transport Malta fejn kien diskuss kif jista' jsir stħarriġ dwar l-użu tal-mezzi differenti ta' trasport minn residenti f'Malta. | Saret laqgħa bejn l-NSO, l-MTIP u l-MSD fejn ġew diskussi l-implikazzjonijiet fuq dan il-proġett minħabba l-COVID-19. F'din il-laqgħa ġie maqbul li minħabba raġunijiet tekniċi, ikun aħjar jekk dan l-istħarriġ jiġi pospost għal meta l-ħajja tal-familji Maltin tiġi aktar għan-normal wara l-COVID-19. Dan sabiex l-istħarriġ jagħti stampa aktar reali. | Saru diversi laqgħat bejn l-NSO, Transport Malta u l-ERA fejn ġie maqbul ir-rwol tal-NSO u ta' Transport Malta. L-NSO ser tiffoka fuq il-metodoloġija, sampling, analiżi, u pubblikazzjoni tal-istatistika, filwaqt li Transport Malta ser tanalizza l-istatistika għall-fini ta' policy making. Ġie wkoll maqbul bejn l-entitajiet kollha involuti li minħabba raġunijiet tekniċi u ta' saħħa, l-istħarriġ għandu jiġi pospost għat-tieni kwart tal-2021. Bdew il-preparamenti biex jinbeda x-xogħol biex issir sistema tal-IT għall-ġbir ta' informazzjoni f'ħin reali u xogħol ieħor relatat mal-istħarriġ. | Mistennija jkomplu l-preparamenti biex jinbeda x-xogħol biex issir sistema tal-IT għall-ġbir ta' informazzjoni f'ħin reali u xogħol ieħor relatat mal-istħarriġ. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Miżura Supplimentari (SD) 009 /2020** | **Isir eżerċizzju li jwassal għall-identifikazzjoni ta' nuqqas ta' data kurrenti sabiex fuqha jitkejjel il-progress li qed isir fir-rigward tal-miri għall-Iżvilupp Sostenibbli, titfassal il-metodoloġija meħtieġa u tiġi aġġornata l-istatistika.** | L-Awtorità tal-Istatistika ta' Malta (NSO) | Flimkien mad-Direttorat responsabbli mill-Iżvilupp Sostenibbli, saru laqgħat ma' numru ta' Sustainable Development Focal Points f'Ministeri differenti sabiex jiġu identifikati d-data gaps. Beda jsir eżerċizzju mill-NSO sabiex l-indikaturi eżistenti jkunu ppubblikati fuq data platform. | Komplew il-laqgħat mal-Ministeri sabiex jiġu identifikati d-data gaps. Fl-istess ħin, l-NSO kompliet taħdem fuq indikaturi eżistenti sabiex dawn ikunu ppubblikati fuq data platform. | Wara li saru numru ta' laqgħat mal-Ministeri, l-NSO qiegħda tiffinalizza rapport li fih tidentifika d-data li hija eżistenti kemm għand il-Ministeri kif ukoll għand l-NSO sabiex ikunu magħrufa d-data gaps eżistenti. Ir-rapport ukoll jidentifika ċerta data li tista' b'xi mod tintuża bħala proxy, minflok data li m'hemmx jew li mhux possibbli tinġabar.<br><br>Sabiex l-NSO tkompli tibni fuq ix-xogħol li diġà għamlet u tipprepara biex taħdem fuq pubblikazzjoni dwar is-Sustainable Development Indicators (SDIs) f'Malta, saret rakkomandazzjoni lill-OPM biex tinħatar task force magħmula minn nies tekniċi minn kull Ministeru sabiex tkompli tissaħħaħ id-data eżistenti kif ukoll jiġi diskuss l-aħjar mod kif innaqqsu d-data gaps. | Mistenni jiġi ppubblikat ir-rapport. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-ENERĠIJA U
L-IMMANIĠĠJAR TAL-ILMA

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 73 | Tariffi tad-dawl orħos biex tiċċarġja l-vetturi elettriċi. Biex ninċentivaw ix-xiri ta' vetturi li jaħdmu bl-elettriku, mis-sena d-dieħla se nibdew nagħtu tariffi orħos għall-individwi li għandhom dan it-tip ta' vetturi li ma jħammġux l-ambjent u għalhekk ikunu jridu jiċċarġjaw dawn il-vetturi minn ġewwa djarhom. Dan ser isir permezz ta' rata speċjali fejn djar residenzjali jibdew iħallsu ftit inqas minn tlettax-il ċenteżmu ta' ewro kull unit (€0.1298) meta jiċċarġjaw il-vetturi minn ġewwa r-residenza tagħhom. | Enemalta | Inħarġet sejħa pubblika għal individwi li jixtiequ japplikaw biex jibbenefikaw minn tariffa orħos ta' charging points fir-residenza tagħhom. Għalqet is-sejħa u tlesta l-ivverifikar u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet riċevuti. Intgħażlu u ġew notifikati l-applikanti filwaqt li saru d-disinji ta' electric vehicle dedicated meters sabiex bihom jiġi kkalkulat il-konsum tal-elettriku. | Bdew jiġu installati l-electric vehicle dedicated meters u sar l-ittestjar tas-sistema elettronika tal-billing. | Komplew jiġu installati l-electric vehicle dedicated meters; ġiet żviluppata, ittestjata u introdotta l-faċilità li wieħed jara t-tariffa l-ġdida fuq il-kont finali. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 106 | Enerġija. Wara li s-sena li għaddiet ġie konkluż l-abbozz tal-Pjan Nazzjonali tal-Enerġija u l-Klima għall-perjodu 2021-2030, il-pjan finali se jkun qed jiġi sottomess lill-Kummissjoni Ewropea f'Diċembru ta' din is-sena. F'dan il-pjan il-Gvern qed jidentifika numru ta' xenarji li jikkunsidraw miżuri bbażati fuq l-istrateġija tal-Unjoni Ewropea għall-Enerġija u l-Klima u li se jikkontribwixxu biex jintlaħqu l-miri tal-Unjoni Ewropea għall-2030. | Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma (EWA) | Tlesta l-Pjan Nazzjonali tal-Enerġija u Klima 2021-2030 u ġie sottomess lill-Kummissjoni Ewropea. Il-Pjan Nazzjonali se jibda jiġi implimentat permezz ta' diversi miżuri li t-twettiq tagħhom ser isir minn ministeri varji. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 107 | Enerġija. Skemi u miżuri varji li qed jikkontribwixxu għall-użu iktar effiċjenti tal-enerġija u produzzjoni tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli se jkomplu jiġu amministrati fl-. Dawn jinkludu skemi għall-installazzjoni ta' pannelli fotovoltajċi solari, heat pump water heaters, solar water heaters u insulazzjoni aħjar tad-djar. | Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) | Ġew ippubblikati tliet avviżi legali li permezz tagħhom tnedew erba' skemi. B'hekk inħarġu l-applikazzjonijiet għas-sejħiet il-ġodda relatati ma' (a) Installazzjoni ta' Pannelli Fotovoltajċi Solari (b) Heat Pump Water Heaters (ċ) Solar Water Heaters u (d) Insulazzjoni Aħjar tad-Djar. Ġew proċessati l-applikazzjonijiet riċevuti u ngħata s-sussidju lill-applikanti eliġibbli. Dan il-proċess ser jitkompla bħala parti mill-operat tal-entità konċernata. | | | | Implimentata |
| 108 | Enerġija. Barra minn hekk se tkompli tiġi stabbilita feed-in tariff għall-elettriku ġġenerat minn installazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx. | Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) | Ġie ppreżentat u approvat il-pakkett ta' inċentivi fosthom il-feed-in tariff għall-elettriku ġġenerat minn installazzjonijiet fotovoltajċi tax-xemx. Beda l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet riċevuti u bdiet issir l-allokazzjoni tal-feed-in tariff. Dan il-proċess ser jitkompla bħala parti mill-operat tal-entità konċernata. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 109 | Grant għal batteriji għall-ħażna ta' enerġija rinnovabbli. Miżura li tidħol matul is-sena d-dieħla. Dik li se nagħtu grant ta' ħamsa u għoxrin fil-mija tan-nefqa kkappjata sa elf ewro (€1,000) biex jinxtraw batteriji għall-ħażna tal-enerġija rinnovabbli. Se jkunu eliġibbli għal din l-iskema dawk l-individwi li diġà kienu installaw pannelli solari u spiċċalhom il-kuntratt li kellhom tal-feed-in tariff. | Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) | Komplew id-diskussjonijiet interni kif ukoll il-preparamenti għall-konsultazzjoni pubblika dwar l-emendi meħtieġa fl-iskema għall-grant ta' batteriji għall-ħażna ta' enerġija rinnovabbli. Bdiet tiġi preparata n-notifika għall-Kummissjoni Ewropea skont Direttiva (EU) 2015/1535 sabiex tinħareġ din l-iskema. | Saret il-konsultazzjoni pubblika dwar l-emendi neċessarji għall-iskema kif proposta. Ġiet notifikata l-Kummissjoni Ewropea skont Direttiva (EU) 2015/1535. Tlesta l-abbozzar tal-iskema għas-sena bl-applikazzjoni għall-grant ta' batteriji għall-ħażna ta' enerġija rinnovabbli. | Ġiet ippubblikata l-iskema għall-grant ta' batteriji għall-ħażna ta' enerġija rinnovabbli u bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għall-iskema. | Mistenni jibda jingħata s-sussidju lill-applikanti eliġibbli wara li ssir il-verifika meħtieġa tal-applikazzjonijiet. Din l-inizjattiva titkompla bħala parti mill-operat tal-entità konċernata. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 110 | L-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma se tkompli tappoġġja l-effiċjenza fl-enerġija u l-enerġija rinnovabbli permezz ta' diversi azzjonijiet u miżuri għall-familji, inkluż djar vulnerabbli, l-industrija u s-settur tas-servizzi. | L-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma (EWA) | Kompliet il-pubbliċità, inkluż fuq il-media soċjali, dwar l-energy audits kemm għall-familji kif ukoll għall-industriji. Komplew iż-żjarat għand dawk li talbu appuntament relatat ma' audits għall-familji filwaqt li ġew proċessati l-applikazzonijiet relatati ma' energy audits għall-industriji u ngħataw il-grants.<br><br>Ġiet ippubblikata s -sejħa għall-offerti għall-bdil ta' aktar appliances qodma lil nies vulnerabbli. Għalqet is-sejħa u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. | Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa tal-offerti għall-bdil ta' appliances qodma lil nies vulnerabbli u ġie notifikat l-offerent magħżul. Ġie ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur magħżul u beda t-tqassim tal-appliances.<br><br>Din l-inizjattiva fejn isiru energy audits għall-familji kif ukoll għall-industriji ser titkompla bħala parti mill-operat tal-entità konċernata. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 111 | Pass ieħor importanti fl-istrateġija tal-enerġija huwa l-proġett infrastrutturali tal-gas pipeline bejn Malta u Sqallija. Dan se jissupplixxi lill-Power Station f'Delimara flok il-Floating Storage Unit li qed jintuża bħalissa. Dan il-proġett mistenni jsir b'investiment ta' erba' mitt miljun ewro (€400 miljun) sal-2024 u ser jgħaqqad lil Malta man-network Ewropew tal-gass. B'din l-infrastruttura, Malta se tkompli ttejjeb il-kwalità tal-arja u s-sigurtà tal-provvista tal-gass naturali. | Melita Transgas | Tlesta l-istudju ambjentali (EIA) tal-impatt f'Malta u ġie sottomess lill-awtoritajiet Maltin. Komplew l-istudji ambjentali relatati mal-applikazzjoni tal-permessi fl-Italja. Kompla jsir id-disinn preliminari tal-inġinerija (FEED). Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għal studju arkeoloġiku f'Gela, liema sejħa għalqet u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. Saret il-konsultazzjoni pubblika mill-ERA dwar l-istudju ambjentali sabiex tkun tista' tinkiseb il-validazzjoni tal-applikazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar f'Malta. | Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti sabiex isir studju arkeoloġiku f'Gela u ntgħażel l-offerent preferut. Tlestew ir-rapporti tad-disinn preliminari tal-inġinerija (FEED) tal-pipeline u t-terminal stations f'Malta u fi Sqallija. Inkisbu l-permessi għall-istudju ekoloġiku fuq il-parti tal-baħar. Kompla wkoll l-istudju ekoloġiku fuq il-parti tal-art f'Gela filwaqt li kompla l-proċess ta' validazzjoni tal-applikazzjoni għall-permessi f'Malta mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Kompla l-istudju ekoloġiku fuq il-parti tal-art u dik marittima ġewwa Gela fi Sqallija. Beda wkoll l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti tal-bini tal-proġett. Beda l-istudju arkeoloġiku f'Gela. | Mistenni jkompli l-istudju ekoloġiku fuq il-parti tal-art u dik marittima ġewwa Gela fi Sqallija. Mistenni jkompli l-istudju arkeoloġiku f'Gela u wkoll l-abbozzar għas-sejħa tal-offerti tal-bini tal-proġett. Se jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet u l-istudji ambjentali (EIA) għall-ħruġ tal-permessi fl-Italja. Mistennija jibdew ix-xogħlijiet fuq ir-rapporti arkeoloġiċi filwaqt li jibda wkoll l-iskrutinju tal-applikazzjonijiet għall-permessi fl-Italja. Mistenni wkoll li tiġi validata l-applikazzjoni għall-permessi f'Malta mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 112 | Bil-għan li nkomplu nsaħħu s-servizz tal-elettriku mogħti lill-konsumatur, l-Enemalta ser tkompli ssaħħaħ id-distribuzzjoni tal-elettriku bl-estensjoni u x-xogħol f'diversi ċentri ta' distribuzzjoni. | Enemalta | Komplew ix-xogħlijiet ċivili u l-installar tal-apparat fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni ta' Paceville u Marsaskala. Saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għall-installazzjoni u kkummissjonar ta' transformers fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni ta' Ħal Tarxien. | Komplew ix-xogħlijiet ċivili fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni ta' Paceville. Komplew il-preparamenti tax-xogħlijiet fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni ta' Marsaskala filwaqt li wasal l-apparat meħtieġ għal dan l-istess ċentru. Fir-rigward taċ-ċentru ta' distribuzzjoni ta' Ħal Tarxien intgħażel l-offerent preferut għas-sejħa għall-offerti għall-installazzjoni u l-ikkummissjonar ta' transformers. | Komplew ix-xogħlijiet ċivili u kompliet ukoll l-installazzjoni tal-apparat fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni ta' Paceville. Mistennija tkompli l-ħidma fuq ix-xogħlijiet ċivili u l-installazzjoni tal-apparat fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni ta' Marsaskala. Fir-rigward taċ-ċentru ta' distribuzzjoni ta' Ħal Tarxien, beda l-abbozzar tal-kuntratt għall-installazzjoni u l-ikkumissjonar tat-transformers. | Mistennija jkomplu x-xogħlijiet ċivili u l-installazzjoni tal-apparat fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni ta' Paceville. Mistennija tkompli l-ħidma fuq ix-xogħlijiet ċivili u l-installazzjoni tal-apparat fiċ-ċentru ta' distribuzzjoni ta' Marsaskala. Fir-rigward taċ-ċentru ta' distribuzzjoni ta' Ħal Tarxien, mistenni jiġi ffirmat il-kuntratt u jibdew id-diskussjonijiet meħtieġa. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 113 | Permezz ta' aktar investiment fl-infrastruttura tal-informatika, l-ARMS se tipprovdi lill-konsumatur faċilitajiet ta' ħlas aktar affidabbli u mgħaġġel. | Automated Revenues Management Services (ARMS) | Komplew diskussjonijiet mad-dipartimenti interni u entitajiet esterni konċernati sabiex ikun jista' jibda studju dwar is-servizzi mogħtija lill-pubbliku u kif dawn jistgħu jittejbu, inkluż jekk meħtieġ titjib fl-infrastruttura tal-ARMS. | Ġew finalizzati d-diskussjonijiet mad-dipartimenti u l-entitajiet involuti. | Beda u tlesta l-istudju minn stakeholders interni dwar is-servizzi client facing (kemm dawk preżenti u kemm dawk previsti). | Mistennija tibda l-identifikazzjoni tal-infrastruttura tal-informatika meħtieġa, tas-servizzi diġitali ġodda jew it-titjib ta' dak eżistenti, l-istruttura tal-HR meħtieġa kif ukoll it-taħriġ li jeħtieġu l-impjegati.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 114 | **Enerġija. Sabiex titqajjem aktar kuxjenza dwar miżuri ekoloġiċi u ta' effiċjenza fl-enerġija, matul is-snin li ġejjin il-Gvern se jaħdem fuq ir-riġenerazzjoni ta' diversi pjazez madwar Malta u Għawdex sabiex dawn iż-żoni jkunu awtosostenibbli.** | Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati sabiex jiġi identifikat sit fejn ser jitwettaq dan il-proġett bħala proġett pilota. | Ġie identifikat sit fil-Mosta fejn ser isir dan il-proġett pilota. Tlesta d-disinn tas-sit u ġiet sottomessa d-dokumentazzjoni meħtieġa lill-Awtorità tal-Ippjanar. Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għar-riġenerazzjoni fis-sit identifikat. | Ġie approvat id-DNO mill-PA. Tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għar-rinovazzjoni tas-sit ġewwa l-Mosta u ġie ppubblikat. | Mistennija ssir l-evalwazzjoni mill-kumitat nominat. Mistenni wkoll jiġi ffirmat il-kuntratt u jibdew ix-xogħlijiet fuq is-sit.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 115 | **Fir-rigward tal-immaniġġjar tal-ilma, il-Gvern se jkompli jsaħħaħ b'mod aktar konkret il-ħidma sfiqa biex jiżgura provvista ta' ilma ta' kwalità aħjar li tkun ukoll aktar sigura u sostenibbli. Dawn id-diversi xogħlijiet li qed isiru mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, b'nefqa ta' 'l fuq minn mija u tletin miljun ewro (€130 miljun) li qed jiġu kofinanzjati mill-Unjoni Ewropea, sejrin jitkomplew. Dan qed iwassal biex tiġi introdotta teknoloġija ġdida fl-impjanti tar-reverse osmosis biex jitnaqqas il-konsum tal-enerġija filwaqt li titjieb l-effiċjenza.** | Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | Tlestew ix-xogħlijiet, inkluż l-upgrading ta' pompi u l-installazzjoni ta' sistemi energy saving fuq Train 7 f'Pembroke u din ġiet ikkummissjonata. Kompliet l-istennija sabiex jibda x-xogħol ta' upgrading ta' pompi u installazzjoni ta' sistemi energy saving fuq Train 8 f'Pembroke. | Kompliet l-istennija sabiex jibda x-xogħol ta' upgrading ta' pompi u installazzjoni ta' sistemi energy saving fuq Train 8 f'Pembroke. | Tlesta x-xogħol preparatorju fuq Train 8 f'Pembroke filwaqt li beda x-xogħol preparatorju fuq Train 7 f'Lapsi. | Mistennija tiġi kkummissjonata Train 8 f'Pembroke, filwaqt li jibdew ix-xogħlijiet ta' upgrading ta' pompi u installazzjonijiet ta' sistemi energy saving fuq Train 7 f'Lapsi u Train 4 f'Pembroke. Mistennija jiġu kkummisjonati Train 7 f'Lapsi u Train 4 f'Pembroke.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 116 | L-immanġġjar tal-ilma. Sabiex tlaħħaq maż-żieda fil-popolazzjoni, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma se tbiddel il-pompi fil-pumping station Tax-Xama' f'San Pawl il-Baħar. | Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | Kompliet l-istennija għall-apparat mixtri sabiex tkun tista' tibda l-installazzjoni tal-pompi fil-pumping station Tax-Xama' f'San Pawl il-Baħar. | Wasal l-apparat meħtieġ. Tlestiet l-installazzjoni tal-pompi u tlesta wkoll l-ittestjar neċessarju. Ġiet ikkummissjonata l-pumping station f'Tax-Xama' f'San Pawl il-Baħar. | | | Implimentata |
| 117 | L-immanġġjar tal-ilma. Sabiex tlaħħaq maż-żieda fil-popolazzjoni, il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma se tbiddel il-pompi fil-pumping station f'Tal-Pwales fix-Xemxija. | Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | Kompliet l-istennija għall-apparat mixtri sabiex tkun tista' tibda l-installazzjoni tal-pompi fil-pumping station f'Tal-Pwales fix-Xemxija. | Wasal l-apparat meħtieġ. Tlestiet l-installazzjoni tal-pompi u tlesta wkoll l-ittestjar neċessarju. Ġiet ikkummissjonata l-pumping station f'Tal-Pwales fix-Xemxija. | | | Implimentata |
| 118 | L-immaniġġjar tal-ilma. Il-Gvern sejjer ikompli wkoll jaħdem biex jissalvagwardja l-kwalità tal-ilma prodott mill-impjanti tad-drenaġġ, li jipproduċu ilma ġdid riċiklat ta' livell terzjarju. Għaddej xogħol kbir, fejn il-Korporazzjoni qed testendi n-network ta' dan l-ilma ġdid sabiex ikunu jistgħu jgawdu minnu aktar bdiewa fit-Tramuntana ta' Malta. | Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | Komplew diskussjonijiet mal-kuntrattur dwar ix-xogħlijiet fit-toroq tat-Tramuntana ta' Malta. Dawn jinkludu toroq fil-Mellieħa, l-Imġarr u l-Miżieb. | Bdew ix-xogħlijiet fit-toroq fit-Tramuntana ta' Malta sabiex jiġi estiż in-network ta' ilma ġdid. | Komplew ix-xogħlijiet fit-toroq fit-Tramuntana ta' Malta sabiex jiġi estiż in-network ta' ilma ġdid. | Mistennija jkomplu x-xogħlijiet fit-toroq fit-Tramuntana ta' Malta sabiex jiġi estiż in-network ta' ilma ġdid. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 119 | L-immaniġġjar tal-ilma. Il-Gvern sejjer ikompli wkoll jaħdem biex jissalvagwardja l-kwalità tal-ilma prodott mill-impjanti tad-drenaġġ, li jipproduċu ilma ġdid riċiklat ta' livell terzjarju. Għaddej xogħol kbir, fejn il-Korporazzjoni qed testendi n-network ta' dan l-ilma ġdid sabiex ikunu jistgħu jgawdu minnu aktar bdiewa fin-Nofsinhar ta' Malta. | Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | Komplew ix-xogħlijiet fit-toroq fin-Nofsinhar ta' Malta sabiex jiġi estiż in-network ta' ilma ġdid. Dawn jinkludu toroq fiż-Żejtun, Marsaskala, Marsaxlokk u l-Kalkara. | Komplew ix-xogħlijiet fit-toroq fin-Nofsinhar ta' Malta sabiex jiġi estiż in-network ta' ilma ġdid. | Komplew ix-xogħlijiet fit-toroq fin-Nofsinhar ta' Malta sabiex jiġi estiż in-network ta' ilma ġdid. | Mistennija jkomplu x-xogħlijiet fit-toroq fin-Nofsinhar ta' Malta sabiex jiġi estiż in-network ta' ilma ġdid. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 120 | L-immaniġġjar tal-ilma. Ix-xogħol ta' tqattigħ tal-mina mir-reverse osmosis f'Pembroke għall-ġibjun f'Ta Qali qed jitkompla. | Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | Komplew ix-xogħlijiet infrastrutturali u drilling mill-Ibraġ għal Pembroke, l-Ibraġ u Iklin għal San Ġwann u minn Ta' Qali għall-Iklin. | Tniffdet il-mina bejn Pembroke u l-Ibraġ. Komplew ix-xogħlijiet infrastrutturali bejn Pembroke u l-Ibraġ u bejn Ta' Qali u l-Ibraġ. Kompla x-xogħol infrastrutturali għal San Ġwann u l-Iklin. | Komplew ix-xogħlijiet bejn Pembroke u l-Ibraġ, id-drilling bejn Ta' Qali u l-Ibraġ, u tlesta d-drilling għal San Ġwann filwaqt li komplew ix-xogħlijiet infrastrutturali f'dawn il-lokalitajiet. | Mistennija jkomplu x-xogħlijiet infrastrutturali f'Pembroke, minn Ta' Qali u mill-Iklin u f'San Ġwann. Mistennija wkoll jibdew xogħlijiet ta' pajpijiet.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 121 | L-immaniġġjar tal-ilma. Il-Gvern se jkompli bil-ħidma fuq il-kampanja nazzjonali għall-konservazzjoni tal-ilma li se titwassal f'kull belt u raħal ta' pajjiżna u b'hekk tkompli xxerred l-għarfien dwar kif jiġu adottati prattiki effiċjenti fl-użu ta' din ir-riżorsa importanti. | L-Aġenzija dwar l-Enerġija u l-Ilma (EWA) | Kompla t-tqassim ta' water saving kits għar-residenzi fl-ibliet u rħula Maltin u Għawdxin. Kompliet tingħata wkoll informazzjoni dwar kif jista' jiġi kkonservat aktar ilma fil-ħajja ta' kuljum.<br><br>Kemm it-tqassim ta' water saving kits kif ukoll it-tixrid ta' informazzjoni dwar kif jista' jiġi kkonservat aktar ilma fil-ħajja ta' kuljum ser jitkomplew matul l-2020. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 147 | **Skemi oħra: Irridu naraw li b'mod gradwali kull petrol station tibda tkun attrezzata wkoll biex toffri servizz ta' charging points u forniment ta' gass.** | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati sabiex b'mod gradwali l-petrol stations jibdew ikunu attrezzati wkoll bis-servizz ta' charging points u forniment ta' gass. | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders. | Tlestew id-diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati. Kompliet il-ħidma ta' identifikazzjoni tal-petrol stations li se jiffurmaw parti minn proġett pilota sabiex joffru charging points u jfornu l-gass. | Mistennija jiġu identifikati l-petrol stations li se jiffurmaw parti minn proġett pilota u jibdew joffru charging points u jfornu l-gass.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 230 | **Ser inniedu proġetti pilota li jaħdmu bl-AI - AI for Better Utilities (Information Management Unit).** | Information Management Unit (IMU) | Komplew diskussjonijiet mal-istakeholders involuti. Kompliet riċerka dwar disinn, infrastruttura teknoloġika u valutazzjoni tal-impatt u saret ukoll riċerka dwar għodod li qed jintużaw riċentement minn entitajiet li għandhom l-expertise fis-settur. | Komplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders involuti. Kompliet ukoll ir-riċerka dwar disinn, infrastruttura teknoloġika u valutazzjoni tal-impatt tal-proġett. | Tlestiet ir-riċerka dwar disinn, infrastruttura teknoloġika u valutazzjoni tal-impatt tal-proġett filwaqt li ġew identifikati r-rekwiżiti tal-hardware. | Mistenni jibda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti tal-hardware meħtieġ.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 295 | Bi spiża ta' madwar 11-il miljun ewro oħra, beda wkoll ix-xogħol ta' restawr f'binja eżistenti tal-Korporazzjoni f'Ħondoq ir-Rummien, fejn Għawdex se jkollu l-ewwel reverse osmosis bi produzzjoni ta' disa' miljun litru ilma kuljum. Permezz ta' din ir-reverse osmosis, se nkunu qed nissalvagwardjaw l-ilma tal-pjan filwaqt li Għawdex mhux se jibqa' dipendenti fuq is-submarine pipeline eżistenti li bħalissa jintuża biex jittella' l-ilma mir-reverse osmosis taċ-Ċirkewwa. | Il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC) | Komplew ix-xogħlijiet ċivili inkluż restawr tar-Reverse Osmosis f'Ħondoq ir-Rummien. Kompla wkoll ix-xogħol ta' kostruzzjoni fuq parti tal-impjant sabiex ikun hemm uffiċċji flimkien ma' kamra għat-taħriġ. | Komplew ix-xogħlijiet ċivili inkluż ir-restawr tar-Reverse Osmosis f'Ħondoq ir-Rummien. Kompla wkoll ix-xogħol ta' kostruzzjoni fuq parti tal-impjant sabiex ikun hemm uffiċċji flimkien ma' kamra għat-taħriġ. | Komplew ix-xogħlijiet ċivili inkluż ir-restawr tar-Reverse Osmosis f'Ħondoq ir-Rummien u wkoll ix-xogħol ta' kostruzzjoni tal-uffiċċji flimkien mal-kamra għat-taħriġ, filwaqt li bdiet l-installazzjoni tal-apparat. | Mistennija jitlestew ix-xogħlijiet ċivili inkluż ir-restawr tar-Reverse Osmosis f'Ħondoq ir-Rummien u tkompli l-installazzjoni tal-apparat ġewwa r-Reverse Osmosis f'Ħondoq ir-Rummien.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
U X-XOGĦOL

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 3 | Kumpens għall-għoli tal-ħajja. Għas-sena d-dieħla ż-żieda għall-għoli tal-ħajja se tkun ta' tliet ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€3.49) fil-ġimgħa. L-istipendji tal-istudenti se jkunu qed jogħlew prorata. | Student Maintenance Grants Unit | Twettqet il-ħidma amministrattiva meħtieġa sabiex l-istudenti eliġibbli għall-istipendju jibdew jibbenefikaw minn żieda prorata fl-istipendji. | | | | Implimentata |
| 175 | Malta kienet l-ewwel pajjiż li għamel użu minn blockchain fl-edukazzjoni, fejn ċertifikati maħruġa mill-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol, mill-MCAST, mill-ITS, mill-NCFHE u mill-Istitut għall-Edukazzjoni saru disponibbli permezz ta' din it-teknoloġija sigura u aċċessibbli. Għas-sena d-dieħla din it-teknoloġija se tiġi estiża iktar biex tkopri iktar istituzzjonijiet fosthom l-Università ta' Malta. | Information Management Unit (IMU) | Ġew identifikatati l-persuni tekniċi sabiex jikkordinaw l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Bdiet ħidma mal-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi biex iċ-ċertifikati maħruġa minnhom jibdew jinħarġu permezz ta' sistema li titħaddem bi blockchain. Bdiet il-popolazzjoni fis-sistema, l-identifikazzjoni tal-metadata meħtieġa u t-taħriġ lill-utenti. | Ix-xogħol relatat mal-ħruġ taċ-ċertifikati bis-sistema blockchain mill-Università ta' Malta (MATSEC) tlesta, inkluż li ngħata t-taħriġ meħtieġ lill-utenti. Saret ukoll il-ħidma meħtieġa mill-MCAST sabiex ikun jista' jsir il-ħruġ ta' ċertifikati bis-sistema li titħaddem bil-blockchain. | Sar ix-xogħol relatat mal-ħruġ taċ-ċertifikati bis-sistema blockchain mill-Kunsill Notarili. Saret ukoll il-ħidma meħtieġa biex jibda jinħareġ rapport kull sitt xhur dwar in-numru ta' ċertifikati maħruġa permezz tal-blockchain tal-entitajiet differenti. | Mistennija tibda tintuża s-sistema blockchain mill-iSkills Council u mill-Jobs Skills Card fejn kull ċertifikat maħruġ minnhom jibda jkun f'forma diġitali u notarizzat għal dejjem fuq il-blockchain. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 176 | Wara l-introduzzjoni tal-One Tablet per Child mill-Year 4 sal-Year 6 tal-primarja fl-aħħar tliet snin, sejrin ngħaddu għat-tieni fażi ta' dan il-proġett, fejn is-sena d-dieħla ser jitwettaq proġett pilota fi skejjel medji. Dan il-proġett pilota għandu jwassal biex isir rapport b'rakkomandazzjonijiet dwar il-possibilità li nespandu l-użu tat-teknoloġija fl-iskejjel, bħala għodda li tgħin fit-tagħlim, għall-istudenti fl-iskejjel medji wkoll. | Id-Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u l-Ħiliet Trasversali | Ingħata t-tagħmir teknoloġiku kif ukoll it-taħriġ lill-għalliema parteċipanti fil-proġett pilota. Intgħażel il-kuntrattur li ser iwettaq ir-riċerka dwar kif jintuża t-tablet mit-tfal fil-klassi kif ukoll fid-dar. Saru laqgħat mal-kapijiet tal-iskejjel u tal-kulleġġi sabiex dawn ikunu infurmati dwar kif ser titwettaq ir-riċerka tul il-proġett pilota. | Minħabba l-għeluq tal-iskejjel ikkawżat mill-Covid-19, ġie deċiż li r-riċerka ssir b'mod virtwali sabiex imbagħad tkompli fl-ambjent tal-klassi meta jiftħu l-iskejjel. Il-proċess u l-iskadenzi meħtieġa għar-riċerka ġew diskussi mal-partijiet interessati kollha. Bdiet issir ir-riċerka li inkludiet focus groups virtwali mal-edukaturi. | Kompliet ir-riċerka, inkluż permezz ta' intervisti u kwestjonarju, dwar kif qed tintuża t-teknoloġija fit-tagħlim u dwar l-impatt tagħha fuq l-istudenti u l-għalliema, liema riċerka saret b'mod virtwali. | Mistennija titlesta r-riċerka li tinkludi żjarat fl-iskejjel sabiex jiġi osservat l-użu tat-teknoloġija waqt il-lezzjonijiet. Barra minn hekk, se jiġi ppreżentat rapport bir-rakkomandazzjonijiet dwar l-użu tat-teknoloġija fit-tagħlim u l-impatt tagħha. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 177 | **L-Università ta' Malta: Matul is-sena d-dieħla sejrin inkomplu ninvestu fl-infrastruttura fl-Università ta' Malta sabiex l-istudenti tagħna jkollhom faċilitajiet aktar xierqa għaż-żminijiet tal-lum, fosthom laboratorji moderni.** | L-Università ta' Malta (UOM) | Komplew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni li nbdew fl-2019. Is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi u finituri tal-binjiet tal-Matematika u l-Fiżika ġiet abbozzata u wara vvettjata mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Sar ukoll l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għall-għamara għal dawn il-binjiet.<br><br>Barra minn hekk, għall-bini tal-Postdoc komplew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti wara li ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi u finituri. Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għall-għamara meħtieġa għal din il-binja. | Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-binjiet tal-Matematika u l-Fiżika tlestew. Ġew ippubblikati s-sejħiet għall-offerti għax-xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi u finituri kif ukoll għall-għamara.<br><br>Ix-xogħlijiet tal-kostruzzjoni tal-bini għall-Postdoc għadhom għaddejjin. Intgħażel il-kuntrattur li ser iwettaq ix-xogħlijiet tal-M&Es u l-finishes. Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-għamara meħtieġa. | Wara l-konklużjoni tal-proċess tas-sejħiet għall-offerti għax-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi u l-finituri, beda x-xogħol relatat fil-binjiet tal-Matematika u l-Fiżika.<br><br>Kompla x-xogħol ta' kostruzzjoni tal-bini tal-Postdoc kif ukoll ix-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi u l-finituri. | Ix-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi u l-finituri relatati mal-binjiet tal-Matematika u l-Fiżika mistennija jitkomplew.<br><br>Mistenni wkoll li jitkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni tal-bini tal-Postdoc u x-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi u l-finituri. Kif ukoll tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għat-tagħmir. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 178 | MCAST - Matul is-sena d-dieħla sejrin inkomplu ninvestu fl-infrastruttura fl-MCAST, sabiex l-istudenti tagħna jkollhom faċilitajiet aktar xierqa għaż-żminijiet tal-lum, fosthom laboratorji moderni. | Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija (MCAST) | Il-binjiet il-ġodda tal-MCAST huma parti mill-proġett tal-kampus li se joffri faċilitajiet ġodda u jtejjeb il-kwalità tas-servizzi mogħtija lill-istudenti.<br><br>Għalhekk, bħala parti minn dan il-proġett, tkompliet il-kostruzzjoni tal-binja taċ-Ċentru tar-Riżorsi u tal-ICT kif ukoll komplew ix-xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi u l-finishes. | Ix-xogħol ta' kostruzzjoni tal-binja taċ-Ċentru tar-Riżorsi tlesta u tkompla x-xogħol ta' installazzjoni mekkanika u elettrika.<br><br>Barra minn hekk, tkompliet il-kostruzzjoni tal-binja tal-ICT kif ukoll ix-xogħlijiet tal-M&Es u l-finishes f'din il-binja. | Tkompla x-xogħol ta' installazzjoni mekkanika u elettrika tal-binja taċ-Ċentru tar-Riżorsi.<br><br>Kif ukoll kompliet il-kostruzzjoni tal-binja tal-ICT u l-installazzjoni tas-servizzi u l-irfinar fil-binja. | Mistenni jiġi finalizzat ix-xogħol kollu tal-binja taċ-Ċentru tar-Riżorsi, inkluż l-installazzjoni tas-servizzi. Se jitlestew il-finishes u jiġi installat it-tagħmir.<br><br>Mistennija titlesta l-kostruzzjoni tal-binja tal-ICT u tkompli l-installazzjoni tas-servizzi u l-irfinar f'din il-binja. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 179 | Din is-sena ser nagħtu allokazzjoni lill-Università biex ninċentivaw aktar akkademiċi biex jaħdmu fuq riċerka innovattiva. | L-Università ta' Malta (UOM) | Inħarġet u għalqet is-sejħa għall-proġetti ta' riċerka taħt l-iskema Research Excellence Fund. L-evalwazzjoni u l-proċess tal-għażla tal-proġetti proposti twettqet. Il-monitoraġġ tal-implimentazzjoni tal-proġetti magħżula, qabel ma jingħataw il-fondi, ser tkompli bħala parti mill-operat tal-Università ta' Malta. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 180 | **Inkomplu x-xogħlijiet ta' manutenzjoni u t-tisbiħ u tibdil ta' għamajjar f'għadd ta' skejjel.** | Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS) | Wara li tfassal pjan abbażi tal-iskejjel kif identifikati u l-ħtiġijiet tagħhom, beda jitfassal pjan ta' xogħlijiet skont kif ġew prijoritizzati l-ħtiġijiet ta' kull skola. Fil-frattemp beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-għamara. | Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-għamara. | Bdiet il-preparazzjoni tal-Bill of Quantities (BOQ)s għal xogħljiet fuq tqegħid ta' turf ġdid f'numru ta' skejjel tal-Istat. Barra minn hekk, inbeda x-xogħol fuq Design Brief biex ikunu jistgħu jiġu kkummissjonati surveys fuq il-faċċati u deterioration mapping tal-faċċati ta' xi skejjel. | Mistennija tiġi ppubblikata u tibda l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti tal-għamara għall-klassijiet. Se jibdew ukoll ix-xogħlijiet fuq tqegħid ta' turf ġdid f'numru ta' skejjel. Mistenni jitlesta wkoll ix-xogħol fuq Design Brief u jiġu kkummissjonati s-surveys tal-faċċati ta' xi skejjel.<br><br>B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 181 | **Wara li din is-sena ftaħna l-iskola primarja l-ġdida ta' Marsaskala u lestejna childcare centre ġdid f'San Ġiljan, se nkunu lestejna madwar tmenin workshop state-of-the-art għas-suġġetti vokazzjonali u applikati.** | Id-Diviżjoni għall-Istrateġija u Sapport (DSS) | Biex jiġi massimizzat il-potenzjal ta' kull student biex jitgħallem, tlestew total ta' 76 laboratorju mifruxa madwar il-kulleġġi kollha tal-Istat. Bi tħejjija għar-riforma My Journey, il-laboratorji saru f'oqsma varji fosthom l-agribusiness; l-inġinerija; l-information technology; il-media; ir-retail; il-health & social care; l-ospitalità; it-tessuti u l-moda; u l-hairdressing & beauty. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 182 | Se nkunu mmodernizzajna l-ewwel żewġ blokki tal-iskola sekondarja taż-Żejtun. Jinbdew ix-xogħlijiet fuq il-bqija tal-blokki tal-iskola taż-Żejtun. | Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS) | Bħala parti mill-proġett estensiv ta' modernizzazzjoni u estensjoni tal-iskola taż-Żejtun, komplew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fil-Blokk 3, saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għall-għamara meħtieġa u ntgħażel l-offerent preferut.<br><br>Fil-każ ta' Blokk 4 tal-istess skola, saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, M&Es u l-finishes u ntgħażel l-offerent preferut.<br><br>Fir-rigward ta' Blokk 5 kompla l-ipproċessar mill-Awtorità tal-Ippjanar tal-applikazzjoni għall-permess għall-estensjoni. | Fi Blokk 3 tal-iskola taż-Żejtun tlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni tas-sular il-ġdid u kompla x-xogħol tal-M&Es u finishes fuq il-livelli kollha ta' din il-blokka.<br><br>Wara li ġie ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur magħżul, bdew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq il-Blokk 4.<br><br>Fir-rigward ta' Blokk 5 għaddej l-abbozzar tas-sejħiet għall-offerti għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, M&Es u finishes kif ukoll l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Fi Blokk 3 tal-iskola taż-Żejtun tlesta x-xogħol tal-M&Es u finishes fuq il-livelli kollha ta' din il-blokka.<br><br>Ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq is-sular il-ġdid ta' Blokk 4 lesti. Tkompla x-xogħol ta' M&Es u finishes fuq is-sulari ta' taħt li qegħdin jiġu rinnovati.<br><br>Is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, M&Es u finishes fuq Blokk 5 ġiet ippubblikata. L-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar għadu għaddej. | Mistenni jitlesta x-xogħol kollu tal-M&Es u finishes fuq Blokk 3 u titqiegħed l-għamara fuq il-post.<br><br>Se jitkompla ix-xogħol ta' M&Es u finishes fuq is-sulari kollha ta' Blokk 4.<br><br>Mistennija titlesta l-evalwazzjoni tat-tender għax-xogħol ta' kostruzzjoni, M&Es u finishes ta' Blokk 5.<br><br>B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 183 | Is-sena d-dieħla se niftħu l-iskola primarja l-ġdida tal-Qawra. | Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS) | Tlestew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tas-sala. Tkomplew ix-xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi u l-finishes fl-iskola primarja tal-Qawra, b'investiment ta' €13-il miljun. Tkompla wkoll ix-xogħol tal-landscaping u l-kisi tal-faċċata. | Komplew għaddejjin ix-xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi u l-finishes fuq l-ikbar skola primarja f'Malta, li se takkomoda wkoll childcare centre u kindergarten ġodda. Beda x-xogħol fuq l-outside areas tal-iskola u waslet l-ewwel għamara li bdiet titpoġġa fl-iskola. | B'investiment ta' € 13-il miljun, ix-xogħlijiet fuq l-akbar skola primarja f'Malta huma lesti. Total ta' 39 klassi li jistgħu jospitaw sa 500 student. Il-bini jinkludi wkoll sala, ċentru għall-kura tat-tfal u parkeġġ taħt l-art. | | Implimentata |
| 184 | Jinbeda l-proċess biex tinbena s-sala tal-iskola sekondarja ta' Santa Luċija. | Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS) | Bħala parti mill-proġett għall-kostruzzjoni ta' sala ġdida fi ħdan l-iskola sekondarja ta' Santa Luċija, tkompla x-xogħol ta' skavar u kostruzzjoni. Dan wara li ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għal dawn ix-xogħlijiet fl-2019, saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti u ntgħażel l-offerent preferut. Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet tal-M&Es u l-finishes f'din l-iskola u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għall-għamara meħtieġa. | Tlesta l-iskavar u kompliet il-kostruzzjoni f'din l-iskola filwaqt li tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għall-M&Es u l-finishes u ntgħażel l-offerent preferut. Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-għamara meħtieġa. | Ix-xogħol ta' kostruzzjoni fuq is-sala kompla. Il-kuntratt għas-sejħa għall-offerti għall-M&Es u l-finishes ġie ffirmat. | Mistennija jibdew ix-xogħlijiet mekkaniċi u elettriċi, kif ukoll dawk tal-finishes.<br><br>B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 185 | **Jissoktaw it-tħejjijiet għall-bidu tal-iskola primarja tal-Imsida.** | Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS) | Wara li ntgħażel l-offerent preferut għas-sejħa għall-offerti għall-iskavar u twaqqigħ, bdew ix-xogħljiet ta' skavar għall-iskola primarja l-ġdida fl-Imsida. Minbarra hekk, saru l-preparamenti biex ikun jista' jibda l-iżmantellar tal-faċċata li ser tiġi preservata. Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. | Tkomplew ix-xogħljiet ta' skavar għall-iskola l-ġdida li se tospita ċentru għall-ħarsien tat-tfal, librerija pubblika, sala u parkeġġ taħt l-art. Fl-istess żmien, tkompla x-xogħol tar-rilokazzjoni tas-siġar li hemm fis-sit. Saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni f'din l-iskola u ntgħażel l-offerent preferut. Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet tal-M&Es u tal-finishes. | Wara li nħareġ il-permess għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, beda x-xogħol. Minbarra hekk, kompliet il-preparazzjoni ta' sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet tal-M&Es u tal-finishes. | Mistenni jitkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni f'din l-iskola. Wara l-konklużjoni tal-perjodu ta' pubblikazzjoni, se ssir l-evalwazzjoni ta' sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet tal-M&Es u tal-finishes.<br><br>B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 186 | **Jissoktaw it-tħejjijiet għall-bidu tal-iskola primarja tar-Rabat, Għawdex.** | Il-Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada (FTS) | Wara li saret l-applikazzjoni fl-2019, inħareġ il-permess mill-Awtorità għall-Ippjanar. Komplew id-diskussjonijiet mas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali sabiex jibdew ix-xogħlijiet tal-iskavar taħt is-superviżjoni tal-archaeological monitor. | Tkompla x-xogħol ta' skavar u tħammil tas-sit taħt sorveljanza tas-Sovrintendenza u beda x-xogħol fuq il-pedamenti tal-blokok A, B u Ħ tal-iskola. Sar l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-M&Es u l-finishes. | Tkompla x-xogħol tal-kostruzzjoni fuq blokok A u B tal-iskola. Tlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq Area H li hi l-play area tal-iskola. It-tender tal-M&Es u finishes ġiet ippubblikata u beda l-proċess ta' evalwazzjoni. | Mistenni jibda x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq blokok C, D, E, F,u G u mistenni jasal fi tmiemu x-xogħol tal-kostruzzjoni fuq blokok A u B.<br><br>B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 187 | Matul l-aħħar sena skolastika, ġiet introdotta l-iskema ta' trasport b'xejn għall-istudenti kollha fil-primarja u s-sekondarja, għall-istudenti li jattendu skejjel tal-Gvern kif ukoll dawk indipendenti u tal-Knisja. 'Il fuq minn sitta u għoxrin elf student qed jużaw dan is-servizz b'xejn li għalkemm l-ispiża laħħqet is-sebgħa u għoxrin miljun ewro fis-sena, qed tindirizza l-konġestjoni tat-traffiku u tnaqqas it-tniġġis tal-arja. B'din il-miżura, il-familji qed jiffrankaw medja ta' €700 għal kull wild. Din il-miżura ġiet estiża għas-sena skolastika li għadha kif bdiet. | Id-Diviżjoni għall-Istrateġija u Sapport (DSS) | L-istudenti kollha li jattendu mill-kindergarten sal-iskola sekondarja f'Malta u Għawdex tal-Istat, privati u tal-Knisja komplew jużaw is-servizz ta' trasport b'xejn. Dan wara li dan is-servizz ġie introdott fl-2018. Aktar minn 28,000 student qed jibbenefikaw minn dan is-servizz. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 189 | Bil-għan li nkomplu nistimulaw l-użu tal-Malti, se jiġi organizzat konkors fil-kitba tal-Malti u s-sinjifikat letterarju tax-xogħol ta' Dun Karm u l-lingwa Maltija se jingħataw iktar piż. | Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb | Wara li sar it-tfassil ta' linji gwida għall-applikazzjoni għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, f'Marzu inħarġet l-applikazzjoni għall-konkors.<br><br>Fl-istess perjodu, kompliet it-traduzzjoni ta' xi xogħlijiet ta' Dun Karm għal-lingwa Ingliża, Taljana u l-Għarbi bil-għan li nippromovu iktar lill-awturi Maltin. | Wara l-għeluq tal-applikazzjonijiet għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, bdew il-verifika u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet riċevuti għall-konkors.<br><br>It-traduzzjoni tax-xogħlijiet ta' Dun Karm għal-lingwa Taljana ġiet finalizzata u kompliet dik għal-lingwa Ingliża u Għarbija. | Tħabbret il-lista finali għall-konkors Premju Nazzjonali tal-Ktieb u beda x-xogħol ta' loġistika marbut mal-attività.<br><br>Kompliet it-traduzzjoni tax-xogħlijiet ta' Dun Karm fil-lingwa Ingliża u Għarbija. | Mistennija tittella' l-attività Premju Nazzjonali tal-Ktieb u jingħataw il-premjijiet.<br><br>Fl-istess perjodu se titkompla t-traduzzjoni ta' xi xogħlijiet ta' Dun Karm fil-lingwa Ingliża u Għarbija. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 190 | Biex inkomplu ngħinu liż-żgħażagħ iwessgħu l-orizzonti tagħhom u jesperjenzaw kulturi differenti, il-Gvern se jagħti sa massimu ta' €850 lil kull żagħżugħ u żagħżugħa li jitgħallmu lingwa barranija f'pajjiż ieħor. | Scholarships Unit | Kompla l-abbozzar tal-iskema li fiha ser ikun hemm il-kriterji, l-eliġibilità u l-kundizzjonijiet għall-applikazzjoni u kif tinkiseb borża ta studju. | Tlesta l-abbozzar tal-iskema li tippromovi l-mobilità, il-kultura u l-lingwi barranin. Fl-istess ħin, saret it-tħejjija kollha meħtieġa għas-sejħa għar-reklutaġġ ta' personnel li ser jamministraw din l-iskema. | Is-sejħa għar-reklutaġġ ta' personnel sabiex jamministra l-iskema ħarġet. | Mistennija jsiru l-intervisti u jinħareġ ir-riżultat tas-sejħa għar-reklutaġġ ta' personnel sabiex jamministra l-iskema. Minħabba l-COVID-19, it-tnedija tal-iskema u x-xogħol relatat mal-promozzjoni ta' din l-iskema mistenni jidħol fis-seħħ fil-bidu tal-2021. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 191 | **Jerġa' jitfassal studju nazzjonali fost l-istudenti biex jitkejjel il-piż ta' kull student u kif ukoll it-toqol tal-basktijiet. Naraw li jitfassal qafas ta' gwida dwar il-piż tal-basktijiet tal-istudenti.** | Id-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà | Inħatar grupp ta' ħidma sabiex jimmonitorja l-ġbir tal-informazzjoni meta l-istudenti jintiżnu. Bdew id-diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati, inkluż l-għalliema, il-Kummissarju tat-Tfal, u ġenituri. Ġie abbozzat pjan kif se jitmexxa dan l-istudju filwaqt li tħejjew numru ta' linji gwida dwar il-piż tal-basktijiet li tqassmu lill-kulleġġi u lill-iskejjel. | Saret analiżi u diskussjoni fi ħdan it-Taqsima tal-Analiżi Interna u Sapport tal-Iskejjel dwar il-feedback li ġie mgħoddi lit-Taqsima bil-għan li jiġu identifikati l-oqsma li jistgħu jinbidlu fil-Linji Gwidi dwar il-Piż u l-Ġarr tal-Basktijiet tal-Iskola. Inxtara t-tagħmir meħtieġ sabiex ikunu jistgħu jintiżnu l-istudenti. | Kompliet u ġiet fi tmiemha l-preparazzjoni tal-għodda li ser tintuża biex tinġabar id-data. Id-diskussjonijiet mal-partijiet interessati ġew konklużi u t-tħejjijiet loġistiċi meħtieġa ġew finalizzati. | Mistenni jibda jittieħed il-kejl tal-BMI tal-istudenti, permezz tal-għalliema peripatetiċi tal-Edukazzjoni Fiżika fl-iskejjel tal-Istat, u permezz tal-għalliema tal-Edukazzjoni Fiżika fl-iskejjel tal-Knisja u dawk Indipendenti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 192 | **Se jitfassal ukoll pjan li bih l-iskejjel tal-Istat ikunu pprovduti bi drinking water fountains.** | Id-Diviżjoni għall-Istrateġija u Sapport (DSS) | Wara diskussjonijiet mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u mal-Ministeru għall-Finanzi ġie deċiż li, fi tliet snin, 93 skola tal-Istat se jkunu pprovduti b'funtani tal-ilma tax-xorb. Bdew ix-xogħlijiet infrastrutturali li permezz tagħhom ser jitwasslu s-servizzi sabiex jitħaddmu l-funtani. | Tkompla x-xogħol relatat mal-installazzjoni tal-water fountains fl-iskejjel u sar qbil mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fuq it-timeline tal-installazzjoni tal-water fountains. | Ix-xogħlijiet relatati mal-installazzjoni ta' mitejn funtana tal-ilma tax-xorb fi 93 skola tal-Istat tkomplew. | Il-funtani tal-ilma tax-xorb mistennija jibdew jiġu installati f'għadd ta' skejjel filwaqt li f'oħrajn jiġu konklużi.<br><br>il-funtani li se jkunu lesti mhux se jintużaw għalissa skont ir-regolamenti maħruġa mid-dipartiment tas-Saħħa Pubblika minħabba l-imxija tal-pandemija. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 193 | Wara li ħdimna b'suċċess il-Youth Guarantee, fejn kull żagħżugħ jew ikun fl-istudju jew fix-xogħol, se nestendu s-servizzi tagħna biex naħdmu maż-żgħażagħ li għal xi raġuni jieqfu mill-istudji tagħhom waqt li qegħdin isegwu kors postsekondarju permezz ta' Reach Out. Dan is-servizz se jgħinhom biex isolvu l-isfidi li qed jiltaqgħu magħhom waqt li jieħdu deċiżjonijiet infurmati biex ikomplu jistudjaw jew isibu impjieg. | Aġenzija Żgħażagħ | Saret analiżi tas-sitwazzjoni ta' dropouts tal-istudenti fl-ewwel term u wara l-eżamijiet ta' nofs is-sena ma' waħda mill-istituzzjonijiet postsekondarji. Saret ukoll riċerka dwar proġetti simili li qed isiru f'pajjiżi oħra. | Ġew identifikati ż-żgħażagħ u beda jingħata l-programm individwali fejn il-youth worker ikellimhom u jagħtihom direzzjoni sabiex jimxu lejn programm ieħor jew lejn impjieg. | Komplew il-follow-ups tal-istudenti identifikati sabiex jiġi assigurat li tali studenti bdew impjieg jew programm ta' studju. | | Implimentata |
| 194 | Se nibdew ukoll programm ta' youth work fiċ-Ċentru Korrettiv tal-Imtaħleb li se jagħti ħiliet liż-żgħażagħ biex jagħrfu aħjar il-potenzjal tagħhom u jrabbu aktar kunfidenza; b'hekk nippreparawhom għal inklużjoni fis-soċjetà. | Aġenzija Żgħażagħ | Inġabar il-profil li jelenka l-bżonnijiet għal taħriġ u edukazzjoni għaż-żgħażagħ li jinsabu fiċ-Ċentru Korrettiv tal-Imtaħleb (CORRS). Dan wassal sabiex isir pjan ta' kif ser jingħata s-servizz ta' youth work. Ingħata taħriġ lil uffiċjali tal-Aġenzija sabiex dawn ikunu preparati joffru s-servizzi fiċ-ċentru indikat. | Tkomplew il-preparamenti fuq il-programm ta' taħriġ u edukazzjoni għaż-żgħażagħ. Ħarġet espressjoni ta' interess għal Creative Practitioners u s-sejħa għar-reklutaġġ ta' youth workers oħra u ntgħażel il-personnel meħtieġ. | Komplew il-preparamenti tal-programm u sar it-taħriġ tal-persuni li ser imexxu l-programm. | Mistenni jiġi varat il-programm biex b'hekk nippreparaw iż-żgħażagħ taċ-Ċentru Korrettiv tal-Imtaħleb biex jagħrfu aħjar il-potenzjal tagħhom u għall-inklużjoni fis-soċjetà. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 199 | **Inkomplu nnaqqsu l-iskills gap. Se nkunu qed naraw li nkomplu nsaħħu l-Kunsill Malta għall-Ħiliet sabiex jintlaħaq l-għan li l-industrija u l-edukazzjoni jaħdmu flimkien biex jiżguraw li l-esperjenza ta' xogħol u tagħlim tkun wahda aktar effettiva.** | Il-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet (KNĦ) | Bħala parti mill-istrateġija biex jitnaqqas l-iskills gap, ġie komplut il-manwal li jirregola l-kwalità tal-apprendistat. Ġiet ukoll estiża d-diskussjoni ma' iżjed stakeholders dwar il-kejl tal-ħiliet soċjo-ekonomiċi waqt l-apprendistat. Ġie żviluppat software li ser ikun riferiment ċentrali ta' informazzjoni dwar l-apprendistat f'Malta fil-livelli differenti tiegħu. Sal-lum il-ġurnata din l-informazzjoni kienet mifruxa f'numru ta' databases. Ġie abbozzat avviż legali li hu intiż sabiex il-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet jirregola l-apprendistat u dawk li joffruh. | Tlesta d-desk research dwar l-assessjar ta' ħiliet soċjo-ekonomiċi u soċjo-emozzjonali u dan ġie diskuss ma' industrijalisti li jipprovdu apprendistat. Saru diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati sabiex b'hekk tlesta l-qafas ta' kwalità tal-apprentistat. | It-tim legali qed ifassal l-avviż legali li ser jemenda provvedimenti leġiżlattivi dwar il-Work Based Learning u l-Apprenticeship sabiex ikunu koperti r-responsabbiltajiet tal-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet bħala bord superviżorju tal-Work Based Learning. | Mistenni jitressaq l-avviż legali għall-approvazzjoni interna. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 200 | **Inkomplu nnaqqsu l-iskills gap. Il-ħolqien tal-Industry Education Hub se jkun qed jiżgura li d-diversi bordijiet operattivi tal-apprendistat ikunu qegħdin jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalità.** | Il-Kunsill Nazzjonali għall-Ħiliet (KNĦ) | L-Industry Education Hub se jieħu f'idejh ir-responsabbiltà li jiżgura li d-diversi bordijiet operattivi tal-apprendistat ikunu jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalità. Waħda mill-azzjonijiet li ttieħdu fil-ħolqien tal-hub kienet l-iżvilupp tal-portal li ser ikun riferiment ċentrali ta' informazzjoni miżmuma f'numru ta' databases. | Is-software portal li jżomm informazzjoni dwar kumpaniji li għandhom forom differenti ta' work based learning; informazzjoni dwar apprendistat f'livelli differenti; kompetenzi tekniċi li jistgħu jattiraw apprendisti; kif ukoll database bl-istandards okkupazzjonali qiegħed fil-fażi finali tal-ittestjar. | Qed isir proġett pilota fis-settur pubbliku tal-procurement, ir-Recognition of Prior Learning flimkien ma' Occupational Standards u Competence Framework. Beda wkoll il-proċess ta' ingaġġ tan-nies dedikati biex jaħdmu mal-industrija u fuq il-Work Based Learning. | Mistenni jitkompla l-proċess ta' ingaġġ tan-nies dedikati biex jaħdmu mal-industrija u fuq il-Work Based Learning. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 226 | **Ser inniedu proġetti pilota li jaħdmu bl-AI fis-Servizz Pubbliku - AI in Education (Department of Learning and Assessment of Programmes).** | Id-Direttorat għall-Programmi tat-Tagħlim u l-Evalwazzjoni | Wara li saru l-laqgħat meħtieġa mad-Dipartiment tal-AI fil-Fakultà tal-ICT fl-Università ta' Malta sabiex jitfasslu l-outcomes tal-programm, beda jitħejja Memorandum of Understanding mal-istess Fakultà tal-ICT fl-Università ta' Malta. Ġie deċiż li l-proġett pilota jsir fuq is-suġġett tal-Matematika. | Il-Memorandum of Understanding ġie approvat mit-tim legali fi ħdan il-Ministeru u evalwat mill-Università. Komplew id-diskussjonijiet mal-Fakultà tal-IT dwar dan l-MOU u dwar il-proġett pilota. | Ġie ffirmat il-Memorandum of Understanding dwar l-outcomes tal-programm mad-Dipartiment tal-AI fil-Fakultà tal-ICT fl-Università ta' Malta. Beda x-xogħol tal-iżvilupp tal-programm diġitali mill-istudenti tad-Dipartiment tal-Intelliġenza Artifiċjali. | Mistenni jitkompla l-iżvilupp tal-programm diġitali mill-istudenti tad-Dipartiment tal-Intelliġenza Artifiċjali. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 348 | Se nkunu qed naħdmu sabiex organizzazzjonijiet volontarji ambjentali, li jkunu ilhom iskritti iktar minn ħames snin u li jkunu konformi mal-Att dwar Organizzazzjonijiet Volontarji, jiddaħħal capping massimu ta' elf ewro (€1,000) li dawn l-organizzazzjonijiet iħallsu meta jagħmlu appelli quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar. | Il-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju (MCVS) | Saru d-diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Ppjanar dwar il-parametri tal-iskema. Ġew identifikati l-organizzazzjonijiet iskritti mal-Kummissarju għall-Għaqdiet Volontarji li jaħdmu fil-qasam ambjentali u li jistgħu jibbenefikaw mill-iskema. | Saret sessjoni ta' informazzjoni għall-għaqdiet ambjentali fejn din il-iskema kienet diskussa u promossa. Twettqet il-ħidma amministrattiva meħtieġa u tnediet l-iskema indikata. Bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet u jiġu verifikati. Dan il-proċess u l-għoti tal-fondi ser ikompli jsir bħala parti mill-operat tal-entità. | | | Implimentata |
| 349 | Sejrin jitkomplew il-preparazzjonijiet meħtieġa biex ikun miftuħ ċentru tal-volontarjat ġewwa Marsaxlokk. | Il-Kunsill Malti għas-Settur Volontarju (MCVS) | Ġiet imfassla sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni, M&Es, IT, finishes, aperturi u għamara għaċ-ċentru f'Marsaxlokk. | Id-Dipartiment tal-Kuntratti beda l-ivvettjar tas-sejħa għall-offerti sabiex din tkun tista' tiġi ppubblikata. | Kompla l-ivvettjar tas-sejħa għall-offerti mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Sadanittant ġiet konkluża konsultazzjoni interna dwar il-proċess ta' implimentazzjoni tal-proġett. | Mistenni jiġi finalizzat l-abbozz ta' sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet relatati mal-kostruzzjoni, mekkaniċi u elettriċi u wkoll finituri. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 350 | **Malta se tkun qiegħda tipprepara bis-sħiħ għal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar li se jsiru f'pajjiżna fl-2023. Għalhekk, se nibdew bit-tħejjijiet biex sas-sena indikata nkunu f'pożizzjoni li nġeddu, nimmodernizzaw u nniedu numru ta' faċilitajiet sportivi ġodda għad-dixxiplini sportivi bħalma huma r-Racing Track, it-tennis, l-isquash, il-weightlifting u l-handball.** | SportMalta | Saru laqgħat mal-assoċjazzjonijiet u l-federazzjonijiet sportivi u ntlaħaq qbil għal kull sit identifikat u l-iżvilupp li ser isir. Bi tħejjija għal-Logħob tal-Pajjiżi ż-Żgħar, saru studji ġeotekniċi għall-faċilità ta' squash u s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet meħtieġa bdiet tiġi mfassla. Inħarġu s-sejħiet għall-offerti għall-proġetti tal-Padiljun tal-Basketball u taċ-Ċentru Nazzjonali tat-Tennis u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. | Wara li ntgħażel il-kuntrattur, bdew ix-xogħlijiet tal-proġett tal-Padiljun tal-Basketball u tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għaċ-Ċentru Nazzjonali tat-Tennis.<br><br>Fl-istess waqt kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet tal-kostruzzjoni u finishes tal-isquash qourts u l-Weightlifting Centre. | Tkomplew ix-xogħlijiet fuq is-sit tat-tieni fażi tal-proġett tal-Padiljun tal-Basketball.<br><br>Fl-istess perjodu, tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti tat-tender taċ-Ċentru Nazzjonali tat-Tennis.<br><br>Tkompla wkoll ix-xogħol fuq l-offerta għax-xogħlijiet tal-kostruzzjoni u finituri tal-binja tal-iSquash Courts u Weightlifting Centre. | Mistennija jitlestew ix-xogħlijiet fuq is-sit tat-tieni fażi tal-proġett tal-Padiljun tal-Basketball.<br><br>Barra minn hekk, il-proċess ta 'evalwazzjoni tal-offerti tat-tender taċ-Ċentru Nazzjonali tat-Tennis mistenni jiġi konkluż.<br><br>Se jibdew x-xogħlijiet meħtieġa għall-kostruzzjoni u finituri tal-binja tal-iSquash Courts u Weightlifting Centre.<br><br>B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 351 | **Se jitkompla x-xogħol fuq il-pixxina indoor ġewwa l-Kottonera.** | SportMalta | Ġiet abbozzata s-sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni u l-finishes tal-pixxina u ntbagħtet għall-verifika mid-Dipartiment tal-Kuntratti sabiex terga' tiġi ppubblikata. | Wara li għalqet is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u finishes tal-pixxina, saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. | Il-proċess tal-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni u finishes tal-pixxina ġie konkluż u saru diskussjonijiet meħtieġa mal-offerent magħżul. | Mistennija jibdew ix-xogħlijiet tal-kostruzzjoni u l-finishes tal-aħħar fażi tal-pixxina. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 352 | Se jitkompla x-xogħol tal-pixxina l-ġdida f'Marsaskala. | SportMalta | Kompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni għal permess tal-iżvilupp mill-Awtorità tal-Ippjanar filwaqt li tlestew ir-rapporti tekniċi mitluba inkonnessjoni mal-istess applikazzjoni. Dawn l-istudji jinkludu l-hydro dynamic testing, noise studies u sediment waste testing. | L-ipproċessar tal-applikazzjoni ngħalaq u r-rapporti tekniċi ttellgħu quddiem il-Bord tal-Awtorità tal-Ippjanar għall-kunsiderazzjoni tiegħu. | Il-bord tal-Awtorità tal-Ippjannar ikkonferma l-applikazzjoni biex tinbena pixxina ġdida ġewwa Marsaskala. Għaldaqstant, bdew ix-xogħlijiet tal-iskavar u xogħol ta' taħt l-ilma. | Mistennija jkomplu x-xogħlijiet tal-iskavar u xogħol ta' taħt l-ilma biex tinbena pixxina ġdida. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 353 | Għalaqna l-proċess sabiex b'investiment tas-settur privat ta' aktar minn tmienja u għoxrin miljun ewro (€28 miljun) se ssir ir-riġenerazzjoni tat-trakka taż-żwiemel ġewwa l-Marsa, li se tpoġġi lil pajjiżna fuq il-mappa internazzjonali ta' dan l-isport. | SportMalta | Ġie mnedi l-investiment li kellu jsir għar-riġenerazzjoni tat-trakka taż-żwiemel fil-Marsa. Il-proġett jinkludi stands li jżommu madwar 4,500 persuna, b'1,500 minnhom bilqiegħda, u parkeġġ għal 1,200 karozza. | | | | Implimentata |
| 354 | Fejn tidħol it-trakka tal-karozzi, għaddejja ħidma sabiex fi żmien qrib, inkunu f'pożizzjoni li nħabbru żviluppi konkreti. | SportMalta | Komplew id-diskussjonijiet dwar kif jista' jitwettaq dan il-proġett. | Komplew id-diskussjonijiet dwar kif jista' jitwettaq dan il-proġett. | Komplew id-diskussjonijiet dwar kif jista' jitwettaq dan il-proġett. | Komplew id-diskussjonijiet dwar kif jista' jitwettaq dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 355 | Se inkunu qed nimbuttaw 'il quddiem il-proposta li f'pajjiżna norganizzaw kompetizzjonijiet sportivi bis-sehem tal-Malta Special Olympics. | SportMalta | Ġew identifikati liema dixxiplini sportivi ser jintgħażlu għall-Malta Special Olympics. Dan sar wara diskussjonijiet ma' partijiet interessati. Id-dixxiplini sportivi magħżula jinkludu l-atletika, l-għawm, il-boċċi, il-bowling, il-futbol u t-table tennis. | Sar studju ta' x'impatt ser ikollhom il-Malta Special Olympics fuq l-atleti Maltin u ġie analizzat sa liema punt dawn il-logħob jistgħu jħallu wirt soċjali. | Ġew identifikati liema dixxiplini sportivi ntgħażlu għall-Malta Special Olympics. | Mistennija tiġi mfassla legacy ibbażata fuq studju dwar l-impatt fuq l-atleti nazzjonali u fuq l-impatt ambjentali, kulturali u soċjali. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 356 | Se nniedu kampanja edukattiva u ta' għarfien soċjali għall-promozzjoni tal-isport u l-ġlieda kontra l-abbuż ta' sustanzi fl-isport fost udjenzi differenti inklużi tfal tal-iskola, żgħażagħ u organizzazzjonijiet tal-isport. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Ġew identifikati r-riżorsi meħtieġa sabiex issir il-kampanja edukattiva. Intwerew żewġ videos edukattivi fuq it-televiżjoni li nħolqu speċifikament sabiex iqajmu kuxjenza dwar l-anti-doping fost il-pubbliku. Ġew ukoll identifikati kompetizzjonijiet li fihom jistgħu jsiru outreach activities. | Ġew identifikati aktar stejjer u riżorsi sabiex isiru videos edukattivi oħra. Dawn l-istejjer ixxandru fuq it-televiżjoni u ġew promossi online. Ġew identifikati żewġ trainers u t-taħriġ u l-preparazzjoni meħtieġa qed iseħħu. | Saret kampanja edukattiva fuq il-media soċjali dwar sustanzi projbiti u doping fl-isport. Il-pjan oriġinali ġie impattat mid-direttivi ġodda maħruġa mill-awtoritajiet tas-saħħa. | Mistennija tintemm kampanja edukattiva fuq il-media soċjali dwar sustanzi projbiti u doping fl-isport. Se tintemm ukoll il-konsultazzjoni sabiex jiġu identifikati clubs tal-isport u federazzjonijiet interessati li jieħdu sehem attiv f'din il-kampanja.<br><br>B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena ġiet imwettqa. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 357 | Se jinbeda l-proċess ta' applikazzjoni għal park ta' avventura għall-familja kollha fil-Kottonera. Se nkunu qed naraw li dan il-park jagħmel użu minn art mitluqa u li jipproteġi l-ambjent naturali tal-post billi jitfassal park innovattiv bħala parti mir-riġenerazzjoni tal-istess inħawi. | SportMalta | Ġew identifikati l-ispeċi tas-siġar li hemm fis-sit u tlestew l-ispeċifikazzjonijiet biex ikun protett l-ambjent naturali tal-post. Ġie ppreparat pjan proviżorju għat-trattament tas-siġar mill-arborista. Wara li kienet sottomessa applikazzjoni, intbagħtet is-site plan lill-Awtorità tal-Artijiet biex tiġi annessa mal-applikazzjoni għat-trasferiment ta' biċċa art żgħira. | Ġew identifikati l-esperti li magħhom se ssir konsultazzjoni dwar dan it-tip ta' parks. Barra minn hekk, tlesta l-pjan għat-trattament tas-siġar sabiex dawn jiġu salvati. Beda d-disinnjar tal-park. | Sar it-tfassil tal-pjanta bħala proposta għall-park ta' avventura għall-familja kollha fil-Kottonera. | Mistennija tiġi finalizzata l-pjanta tal-park u bdiet il-preparazzjoni tal-applikazzjoni għall-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Miżura Supplimentari (SD) 004 /2020** | Isir analiżi bejn il-metodoloġija kurrenti u dik adottata mill-Unjoni Ewropea li permezz tagħha titkejjel ir-rata ta' Early School Leavers li twassal għal (i) reviżjoni fil-metodoloġija kurrenti (ii) ġabra ta' statistika li tirrifletti s-sitwazzjoni preżenti fejn jidħlu Early School Leavers, kif ukoll (iii) twassal għal rakkomandazzjonijiet dwar x'jista' jsir biex jinżammu aktar studenti fis-sistema edukattiva. | Id-Direttorat għar-Riċerka, Tagħlim Tul il-Ħajja u Impjegabbiltà | Saret konsultazzjoni interna u evalwazzjoni dwar dak imwettaq mill-Pjan Strateġiku għall-Prevenzjoni tat-Tluq mill-Iskola f'Malta tal-2014 kif ukoll dwar proposti ġodda li għandhom jiġu inklużi fl-istrateġija l-ġdida. | Saret riċerka dwar kif tinġabar l-istatistika relatata mal-early school leaving f'pajjiżi Ewropej oħra. Bdew diskussjonijiet mal-istakeholders tal-istituzzjonijiet postsekondarji dwar dak li nstab mir-riċerka. Saru wkoll laqgħat mal-istakeholders biex tiġi diskussa l-analiżi ta' kif l-istudenti jistgħu jintlaħqu aħjar u kif dan l-aspett jista' jiġi rivedut fil-istrateġija li jmiss. | Kompla x-xogħol ta' diskussjoni mal-istakeholders biex tiġi diskussa l-analiżi ta' kif l-istudenti jistgħu jintlaħqu aħjar u kif dan l-aspett jista' jiġi rivedut fl-istrateġija li jmiss. | L-abbozz tal-istrateġija l-ġdida mistenni jiġi diskuss mal-partijiet interessati kollha għal skopijiet ta' alinjament ma' strateġiji oħra u identifikazzjoni ta' miri u riżultati speċifiċi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-WIRT NAZZJONALI,
L-ARTI U L-GVERN LOKALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 85 | Park Nazzjonali f'Ta' Qali. F'dan is-sit ukoll se jkun hemm binja ġdida biex tilqa' fiha l-Arkivji Nazzjonali. Dawn mhux biss jaħżnu fihom mijiet ta' eluf ta' dokumenti, ritratti, awdjo u vidjow, iżda huma sors ta' rikkezza fuq l-Identità Maltija. Dan il-wirt arkivjali uniku li għandna jrid ikun aċċessibbli għal kulħadd filwaqt li jiġi mħares kif jixraq. | L-Arkivji Nazzjonali ta' Malta | Beda x-xogħol fuq l-Operations Review tal-Arkivji minn tliet esperti barranin, liema review ser iħares lejn il-proċessi, is-sistemi u s-servizzi offruti mill-Arkivji Nazzjonali. Saru diskussjonijiet mal-Ministeru għat-Trasport, Infrastruttura u Proġetti Kapitali (MTIP) dwar kordinament fix-xogħlijiet li ser isiru fil-Park Nazzjonali f'Ta' Qali minħabba l-fatt li l-binja l-ġdida tal-Arkivji Nazzjonali ser tkun proprju f'dan il-Park. Ġew proposti Concept Design u Concept Model tal-binja proposta. Delegazzjoni mill-Arkivji Nazzjonali u mill-MTIP żaret l-Estonja biex tistudja proġett simili għal dak ta' Malta. Ġie abbozzat Memorandum of Understanding mal-MTIP li jikkonċerna l-istudji ġeofiżiċi meħtieġa fis-sit. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-MTIP dwar il-proġett. Intlaħaq qbil li Infrastruttura Malta twettaq l-istudji ġeofiżiċi tas-sit u twassal is-servizzi lejn l-istess post. Tlesta d-dokument bi preparazzjoni għall-ħruġ ta' Espressjoni ta' Interess dwar stimi aktar eżatti tal-proġett li fuqhom ser isiru t-talbiet għall-finanzjament tal-proġett. Beda t-twaqqigħ tal-istruttura eżistenti fejn ser issir il-binja tal-Arkivji Nazzjonali. | Twettqu l-istudji ġeofiżiċi fis-sit li qed ikun propost sabiex fuqu jinbnew l-Arkivji Nazzjonali. Twaqqa' bini li kien fuq is-sit propost għall-proġett. Ser tinħareġ espressjoni ta' interess għal assistenza teknika lill-Arkivji Nazzjonali sabiex jinbena d-design brief għall-istess Arkivji. | Mistenni jsir cost-benefit analysis tal-proġett biex iservi ta' bażi għat-talbiet finanzjarji sabiex jiġi finanzjat il-proġett. Ir-riżulati tal-istudji ġeofiżiċi se jingħaqdu mal-assistenza teknika li ser tingħata biex jingħalaq id-Development Brief. Dan iwitti t-triq biex tinħareġ sejħa internazzjonali għad-disinn matul is-sena d-dieħla. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 188 | Se nkunu qed nibdew il-proċess meħtieġ sabiex il-lingwa Maltija, bħalma nsibu għal lingwi oħrajn, ikollha Spellchecker tal-Malti disponibbli għall-użu online. Din l-inizjattiva ġdida qed tittieħed biex tintuża aktar u aħjar il-lingwa Maltija waqt li tinżamm ħajja billi jagħmilha iktar faċli li tuża l-lingwa Maltija għall-komunikazzjoni bil-kitba. | Information Management Unit (IMU) | Wara diskussjonijiet interni dwar it-twettiq ta' din il-miżura, intgħażlu l-membri tal-grupp ta' ħidma magħmul minn esperti biex ikunu responsabbli mit-tfassil tad-dokument, magħruf bħala Preliminary Market Consultation (PMC), li permezz tiegħu jittieħed kont tas-suq u x'teknoloġija teżisti li kapaċi tilħaq il-miri tekniċi u lingwistiċi. Ġew abbozzati t-termini ta' referenza tal-grupp ta' ħidma. | Ġew aġġornati t-termini ta' referenza tal-grupp ta' ħidma, kif ukoll sar aġġornament tal-pjan ta' azzjoni dwar l-implimentazzjoni. Sar kuntatt ma' diversi msieħba fil-proġett, biex ikunu kkordinati inizjattivi simili li setgħu kienu għaddejjin b'mod parallel fil-Gvern jew li jistgħu jikkollaboraw sabiex isir dan iċ-ċekkjatur, fosthom l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali (MDIA) u l-Kunsill Nazzjonali tal-Malti. | Il-membri tal-bord ikkonċernat inqasmu fi-gruppi sabiex jitfassal pjan ta' azzjoni konkret kif ukoll ikunu preparati sabiex jirċievu proposti minn stakeholders li diġà qed jaħdmu fil-qasam. Bdiet il-konsultazzjoni mill-grupp fuq il-pubblikazzjoni tal-Public Market Consultation sabiex jittieħed stock take ta' x'teknoloġija teżisti fis-suq li kapaċi tilħaq il-miri tekniċi u lingwistiċi. | Hu previst li l-informazzjoni miġbura permezz tas-sejħa tiġi analizzata. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 201 | Ninvestu fil-konservazzjoni, ir-restawr u l-immodernizzar tal-bini storiku tal-Biblijoteka Nazzjonali. Il-konservazzjoni u l-aġġornament ta' bini bħal dan jagħmel is-sit iktar aċċessibbli u attraenti għat-turisti u r-riċerkaturi. | Malta Libraries | Sar xogħol ta' fumigazzjoni u konservazzjoni ta' madwar 500 volum fis-sezzjoni tal-arkivji tal-Università tal-Imdina u beda jsir tindif ta' kotba moderni. Wara sejħa għall-kwotazzjonijiet, inxtraw projector u screen ġodda u saret l-ordni għal sound system ġdida għas-sala tal-Biblijoteka. Ġiet abbozzata sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex isir risk assessment ħolistiku fil-Biblijoteka u dan bil-għan li jiġu identifikati jekk hemmx riskji fil-binja u jiġu implimentati l-miżuri meħtieġa. Ingħata taħriġ dwar saħħa u sigurtà lill-impjegati tal-Biblijoteka Nazzjonali inkluż dwar Manual Handling and Lifting, First Aid and Safety at Work, Basic Fire Awareness u Use of Fire Extinguishers. | Sar aktar xogħol ta' tindif u tiswija tal-kollezzjoni ta' kotba. Tkompliet il-fumigazzjoni u konservazzjoni tal-volumi tas-sezzjoni tal-arkivji tat-Teżor. Saret l-installazzjoni tas-sound system il-ġdida fis-sala, inbidel id-dawl fis-Sala tal-Qari u twaħħlu tabelli ġodda fil-bini. Sar risk assessment ħolistiku tal-bini tal-Biblijoteka u nħarġu r-rapporti bir-rakkomandazzjonijiet. Inxtraw numru ta' slielem ġodda sabiex dejjem tiġi żgurata s-sigurtà fl-operat fil-Biblijoteka Nazzjonali. | Kompla r-restawr tal-kollezzjoni tal-Fine Bookbindings u sadanittant ix-xogħol ta' fumigazzjoni tal-volumi tal-arkivju tat-Teżor baqa' għaddej. Il-kamra ħdejn il-Conservation Unit tlestiet u ġiet mgħammra b'mejda u cabinets ġodda. Sar fire drill lill-istaff tal-Biblijoteka u beda jsir upgrade tas-sistema tal-elettriku fil-bini, skont ir-Risk Assessment Report. Sar ukoll service tas-sistema tan-nar kif ukoll tal-fire extinguishers preżenti fil-bini. | Mistenni jitlesta r-restawr tal-kollezzjoni tal-Fine Bookbindings kif ukoll il-proċess ta' fumigazzjoni tal-arkivju tat-Teżor. Il-proċess ta' fumigazzjoni fil-Biblijoteka se jibqa' għaddej fuq kollezzjonijiet oħra skont il-bżonnijiet tagħhom. Mistennija titfassal pjanta ta' evakwazzjoni għall-bini kollu kif ukoll se jsir pjan ċar dwar kif ser jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet kollha li joħorġu mir-Risk Assessment Report. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 202 | **Ser nibdew il-proċess biex jitnieda proġett ta' indiċi diġitali tal-kotba, dokumenti u manuskritti fl-istess Biblijoteka Nazzjonali ħalli dawn id-dokumenti jkunu jistgħu jiġu aċċessibbli online.** | Malta Libraries | Saret il-migrazzjoni tal-metadata tal-materjal diġitali li kien jinsab fuq il-pjattaforma DigiVault għal fuq il-Vsmart u sar il-proċess ta' verifika tal-kwalità kif meħtieġ. Ġie deċiż li l-indiċi diġitali għandu jieħu l-forma ta' katalgu online biex b'hekk tiftix mill-pubbliku jsir b'mod faċli. Beda jsir it-tindif tad-data biblijografika. Kien deċiż ukoll li dan il-katalgu jkun separat mill-katalgu attwali li għandha l-Biblijoteka. L-iskop aħħari hu li dan il-proġett iservi ta' portal nazzjonali tal-wirt kulturali Malti. | Tkompla t-tindif tal-metadata li kienet ġiet migrata mill-pjattaforma DigiVault għall-Vsmart. Saret sessjoni ta' taħriġ fuq is-software. Saret riċerka dwar kif jista' jiċċekken id-daqs tal-fajls li jitpoġġew online. Sar studju fuq il-proċessi fotografiċi tal-proġett. | Intgħażel il-materjal fotografiku tal-Incunabula u gazzetta u ġew proċessati l-files. Is-servizzi fotografiċi mhux ser jiġu użati f'din il-fażi peress li qed jintużaw ritratti meħuda għal Digivault. Tali sejħa għal dan is-servizz tiġi użata fil-fażi ta' xogħol kontinwu meta jkunu ġew eżawriti r-ritratti eżistenti. | Il-files diġitali mistennija jingħaqdu mal-metadata rranġata u jiġu ppubblikati biex b'hekk ikunu aċċessibbli online. B'hekk il-proġett pilota jkun lest sal-aħħar tas-sena. Mis-sena 2021 'il quddiem il-proġett jitkompla bħala xogħol kontinwu.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 203 | Se jsir ukoll investiment fil-Librerija Nazzjonali biex jinħoloq spazju interattiv li jiffaċilita aktar l-inklużjoni u jservi ta' riżorsa b'saħħitha favur aktar litteriżmu. | Malta Libraries | Ġiet abbozzata sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex isir risk assessment ħolistiku dwar kull tip ta' riskju fil-Librerija Pubblika Ċentrali. Bdiet issir id-dokumentazzjoni meħtieġa għas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' rinovar tal-Librerija tal-Adulti. Saru diskussjonijiet ma' diversi ambaxxati u komunitajiet fejn ġew akkwistati madwar 600 ktieb b'lingwi differenti sabiex b'hekk tkompli tikber il-kollezzjoni ta' libreriji multikulturali. | Numru ta' impjegati ngħataw kors marbut mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Tħejjew ir-rapporti bl-eżitu tar-risk assessment ħolistiku u tar-riskju marbut man-nar. Inkisbu madwar 100 ktieb ieħor u l-kotba u materjal miksub mill-komunitajiet barranin din is-sena ġew katalogati u jistgħu jiġu mislufa mill-pubbliku. Ittellgħu sessjonijiet ta' qari b'lingwi differenti, bħala mezz biex komunitajiet differenti jintegraw iktar fis-soċjetà. | Komplew isiru l-korsijiet marbuta mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol. Ħarġu r-rakkomandazzjonijiet mir-risk assessment ħolistiku u tar-riskju marbut man-nar u anke bdew jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet li jirrigwardaw health and safety issues. Komplew jittellgħu sessjonijiet ta' qari b'lingwi differenti sabiex komunitajiet differenti jintegraw aktar fis-soċjetà. Uħud minn dawn is-sessjonijiet komplew fuq pjattaforma online minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19. | Ser tiġi mfassla pjanta t'evakwazzjoni u pjan ta' fire drills skont kif ġie ggwidat mill-assessjar tar-riskji. Se jkomplu jiġu implimentati xi rakkomandazzjonijiet li ħarġu mir-rapport. Mistennija jkomplu jittellgħu sessjonijiet ta' qari b'lingwi differenti. Uħud minn dawn is-sessjonijiet se jkomplu fuq pjattaforma online minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 204 | Se nibdew proċess ta' konsultazzjoni dwar xi rridu mill-ispazju li llum fih hemm Pjazza Teatru Rjal, inkluż dwar jekk irridux nagħmlu xogħlijiet fih biex jaqdi aħjar il-kalendarju kulturali. M'aħna qed neskludu xejn f'dan l-istadju u se nilqgħu kull proposta bil-għan li dan is-sit jiġi valorizzat iktar b'rispett lejn il-patrimonju tagħna, inkluż li nsaqqfu l-istess teatru. | Pjazza Teatru Rjal | Ġiet finalizzata l-analiżi tal-ewwel focus group li twaqqaf sabiex jitfassal stħarriġ pubbliku dwar l-użu fil-futur tat-Teatru Rjal. Intlaħaq ftehim ta' kollaborazzjoni ma' Heritage Malta u kittieb għall-implimentazzjoni tal-produzzjonijiet awdjo-viżivi għall-promozzjoni waqt il-konsultazzjoni pubblika. Saru focus groups ma' tekniċi u nies fil-qasam tal-ispettaklu kif ukoll ma' entitajiet pubbliċi b'interess dirett fis-sit u li jfasslu l-politika kulturali. Saret laqgħa mal-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta biex titfassal strateġija għal laqgħa mar-residenti u l-komunità kummerċjali. | Saret il-laqgħa tal-focus group mal-komunità tan-negozju permezz ta' mezzi online. Saret ukoll laqgħa mal-Ambaxxatur għall-UNESCO. Sar l-istħarriġ mal-pubbliku ġenerali permezz ta' mezzi online kif ukoll permezz ta' telefonati. Saret laqgħa mal-uffiċċju ta' Renzo Piano. Saret analiżi tad-data miġbura mill-focus groups. Sar stħarriġ fost ir-residenti li joqogħdu viċin it-Teatru. | Tkompliet l-analiżi tad-data kollha. Sar stħarriġ online mal-udjenzi ta' Pjazza Teatru Rjal. Saret l-aħħar laqgħa pubblika li tagħlaq il-proċess ta' ġbir ta' data. Kompliet l-analiżi u ġie mħejji l-ewwel abbozz tar-rapport finali. | Mistennija ssir ir-reviżjoni tal-abbozz u jiġi ppubblikat ir-rapport finali tal-istħarriġ. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 205 | Il-kultura hija għodda importanti tad-diplomazija u għal dan il-għan se naħdmu biex insaħħu r-rwol ta' pajjiżna billi nisfruttaw l-opportunitajiet li jinħolqu minn ftehim bilaterali fil-qasam tal-kultura. | Id-Dipartiment tal-Kultura | Bdew jiġu esplorati t-talbiet li kien hemm (waħda minn Washington, waħda minn Toronto u oħra minn Krakova) biex isir proġett artistiku Malti barra minn xtutna. Meħud kont tal-finanzi disponibbli, ġie deċiż li setgħet issir inizjattiva waħda biss. Għalhekk, bdiet issir analiżi biex wieħed jevalwa l-vijabilità ta' kull inizjattiva u fejn l-artisti Maltin jibbenefikaw l-iktar meta xogħolhom jiġi esebit barra minn Malta. | Minħabba l-pandemija u l-projbizzjoni fuq is-safar, din l-inizjattiva ma setgħetx tissokta b'ritmu sostnut. Però tkompla x-xogħol ta' preparazzjoni relatat mal-istess inizjattiva. Malli kienu mnaqqsa xi restrizzjonijiet dwar l-ivvjaġġar, reġgħu bdew id-diskussjonijiet dwar it-talba minn Washington, fejn kien propost li ssir wirja ta' arti reliġjuża b'opri ta' artisti Maltin f'The Bible Museum. Għal dan il-għan tfassal abbozz ta' ftehim li dwaru ser tkompli d-diskussjoni. | Sar ftehim ma' The Museum of the Bible f'Washington sabiex issir wirja ta' 10 presepji artistiċi maħduma minn presepisti Maltin. Tfasslu wkoll linji gwida ta' parteċipazzjoni. Il-kompetizzjoni nazzjonali ġiet imnedija u saret laqgħa pubblika għal min hu interessat. Il-presepisti jridu jressqu x-xogħol tagħhom u wara jsir judging biex jingħażlu l-aħjar għaxra. Sadanittant ħarġet tender għall-ġarr tal-presepji magħżula minn Malta għal Washington. | L-għaxar presepji Maltin mistennija jaslu Washington, u wara tinfetaħ il-wirja fil-Museum of the Bible. Din il-wirja ser tibqa' esebita sa Marzu 2021. Wieħed mill-presepji ser jibqa' esebit b'mod permanenti. Se jsir xogħol ta' promozzjoni għall-artisti Maltin u pubbliċità għal Malta sabiex tintwera fil-Museum of the Bible. Din il-wirja għandha tkun opportunità unika biex inkunu ta' attrazzjoni għal turiżmu reliġjuż u artistiku mis-suq Amerikan. Dan kollu ser ikun jiddependi miċ-ċirkostanzi li Washington tkun fihom minħabba l-COVID 19 u jekk l-ivvjaġġar ikunx permessibbli.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 206 | Se nniedu politika nazzjonali għall-kultura sal-aħħar tal-2020 li tirrifletti l-aspirazzjonijiet ta' eċċellenza f'dan il-qasam biex inkattru l-ħiliet u l-kompetenzi artistiċi u kulturali. | Id-Dipartiment tal-Kultura | L-abbozz tad-dokument dwar il-politika nazzjonali ġdida kompla jiġi aġġornat b'kont meħud tat-tibdil fid-dekasteru tal-Ministeru. L-abbozz tad-dokument ġie finalizzat u bdiet diskussjoni interna fil-Ministeru dwaru. Inħasset il-ħtieġa li fl-abbozz tiddaħħal ukoll taqsima dwar kif il-kultura u l-industrija kreattiva għandha tkun megħjuna f'ċirkostanzi straordinarji. Barra minn hekk, issaħħet it-taqsima li tittratta kif it-tibdil fil-klima qed jaffettwa l-wirt kulturali. | Wara d-diskussjoni interna fil-Ministeru, bdiet konsultazzjoni mal-istakeholders konċernati sabiex jinkiseb feedback mingħandhom u jsiru numru ta' emendi li jirriflettu kif jista' jirreaġixxi l-qasam tal-kultura u l-industrija kreattiva wara l-pandemija u kif jistgħu jittieħdu miżuri li jilqgħu għal xi għawġ fil-futur. Saret ukoll analiżi ta' miżuri li qed jittieħdu fi Stati Membri oħra tal-UE. Reġgħet saret analiżi tal-prijoritajiet kulturali fil-gżira Għawdxija. | Tlesta d-dokument fil-verżjoni Ingliża u dik Maltija. Wara diskussjoni interna, saru l-emendi neċessarji. | Id-dokument mistenni jitressaq għall-approvazzjoni interna u wara jitressaq għall-konsultazzjoni pubblika. Mistennija jiġu analizzati s-suġġerimenti u l-kritika mill-konsultazzjoni pubblika u d-dokument finali jiġi ppubblikat. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 207 | Sejrin ukoll inġeddu inizjattivi fil-qasam tal-Wirt Dinji tal-UNESCO, biex bħala pajjiż inkunu nistgħu nressqu wirt intanġibbli Malti u postijiet oħra f'Malta u Għawdex biex jitpoġġew fuq il-Lista ta' Wirt Dinji. | Id-Dipartiment tal-Kultura | Fil-qasam tal-Wirt Kulturali Intanġibbli, tkompla x-xogħol fuq l-applikazzjoni lill-UNESCO dwar l-għana. Din ġiet approvata mill-Bord Nazzjonali tal-Wirt Kulturali u l-applikazzjoni ntbagħtet f'Marzu 2020.<br><br>Fil-qasam tal-Wirt Kulturali Tanġibbli, bdiet il-kumpilazzjoni, riċerka u kitba tal-applikazzjoni lill-UNESCO World Heritage Committee dwar il-kandidatura taċ-Ċittadella u tal-Imdina biex dawn iż-żewġ siti jiddaħħlu fil-Lista ta' Wirt Dinji. Għal dan il-għan kellhom isiru numru ta' laqgħat ta' diskussjoni dwar diversi aspetti tekniċi tal-applikazzjoni.<br><br>Ġie ppreżentat abbozz dwar strateġija nazzjonali dwar applikazzjonijiet futuri ta' siti kandidati għall-inklużjoni fil-Lista ta' Wirt Dinji. | Fil-qasam tal-Wirt Kulturali Intanġibbli, saret l-ewwel laqgħa tal-Bord il-ġdid tal-Wirt Kulturali Intanġibbli. Saret ħidma dwar il-possibilità ta' applikazzjonijiet oħrajn li jistgħu jsiru. Kompla x-xogħol dwar l-Inventarju Nazzjonali, kif ukoll l-aġġornament tas-sit elettroniku ichmalta.org. Bdiet ħidma sabiex issir applikazzjoni wkoll fejn tidħol il-festa Maltija.<br><br>Fil-qasam tal-Wirt Kulturali Tanġibbli, saret ħidma biex jitwaqqaf unit tekniku li joffri sapport lill-Kumitat Tekniku Nazzjonali għall-Wirt Dinji. Tkompla x-xogħol fuq l-applikazzjoni taċ-Ċittadella u tal-Imdina, inkluż riċerka u aktar laqgħat ta' diskussjoni ma' stakeholders. | Fil-qasam tal-Wirt Kulturali Intanġibbli, kompla x-xogħol fuq it-tielet applikazzjoni lill-UNESCO sabiex il-festa Maltija tkun rikonoxxuta bħala wirt dinji. Kompla x-xogħol fuq l-Inventarju Nazzjonali fejn qed isir rikonoxximent uffiċjali ta' kull element li diġà hu rikonoxxut fuq l-Inventarju Nazzjonali. Beda kuntatt ma' Heritage Malta sabiex tiġi mistħarrġa l-possibilità li ssir wirja permanenti f'xi wieħed mill-mużewijiet dwar l-elementi tal-Wirt Kulturali Intanġibbli Malti.<br><br>Fil-qasam tal-Wirt Kulturali Tanġibbli, tressqu proposti u estimi tal-baġit lill-Ministeru biex jitwaqqaf unit tekniku biex jagħti sapport lill-Kumitat Nazzjonali għall-Wirt Dinji. Dawn il-proposti kienu akkumpanjati minn abbozz ta' dokument ta' strateġija. Qed ikompli xogħol fuq l-applikazzjoni taċ-Ċittadella u tal-Imdina, inkluż riċerka. | Huwa mistenni li f'nofs Diċembru, waqt il-15-il Laqgħa Intergovernmentatali tal-UNESCO, insiru nafu jekk l-ewwel applikazzjoni dwar il-ftira Maltija hix ser tkun rikonoxxuta fuq il-lista tal-Wirt Dinji. Din l-applikazzjoni ġiet imressqa lill-UNESCO f'Marzu 2019. Mistennija jsiru preparamenti sabiex jekk il-UNESCO tagħtina dan l-ewwel rikonoxximent, issir pubbliċità għal dan il-fatt. Ser ikompli jsir ix-xogħol fuq it-tielet applikazzjoni lill-UNESCO dwar il-festa Maltija. Mistenni jkompli jsir ix-xogħol fuq l-Inventarju Nazzjonali.<br><br>Fil-qasam tal-Wirt Kulturali Tanġibbli, mistennija tkompli l-kumpilazzjoni tal-applikazzjoni dwar iċ-Ċittadella u l-Imdina u riċerka neċessarja. Tibda tkun implimentata d-direzzjoni ġdida ministerjali. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 208 | Fejn jidħol il-Partimonju Nazzjonali, se nkomplu nwettqu l-proġett li jwassal għall-Inventarju Nazzjonali tal-Patrimonju (immobbli u mobbli) b'mod xjentifiku u aġġornat. | Is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali (SCH) | Ġiet analizzata d-data fil-programm CHIMS u ġew stabbiliti l-istandards applikabbli. Beda l-proċess biex jiġu identifikati l-iskrizzjonijiet li ser jitpoġġew fl-inventarju. Ġew maħduma l-iskoperti arkeoloġiċi għas-snin 2000 - 2009 u 2018 - 2019 u pproċessati biex jitpoġġew fl-inventarju. Wasal ukoll fi stadju avvanzat ix-xogħol fuq il-perjodi 2010 - 2017 u 1900 - 1999. Tkomplew id-diskussjonijiet għax-xiri tas-sistema diġitali GIS li permezz tagħha jkun jista' jsir il-plotting tal-inventarju. | Il-proċess tal-issortjar tad-data taċ-CHIMS ġie marbut ma' dak tal-iskoperti ġodda. Dan wassal sabiex kienet issortjata data fuq 2,112-il sit differenti, li tista' tittella' fuq pjattaforma ta' sistema informattiva ġeografika. Ġew konklużi d-diskussjonijiet interni fuq il-finanzjament tax-xiri ta' tali sistema kif ukoll id-distribuzzjoni tal-liċenzji. | L-istock taking tar-Reġistru tas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali jinsab għaddej b'ritmu tajjeb. Tlesta wkoll ix-xogħol fuq il-perjodi 1934-2000, u qed jigi finalizzat il-perjodu 2001-2010. | Hekk kif id-data taċ-CHIMS ġiet marbuta ma' dik ta' skoperti oħra, il-preparazzjoni tad-data mistenni li jitlesta. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 209 | Se nkomplu nsaħħu l-Fond għall-Patrimonju Kulturali bil-għan li jkun hemm aktar investiment għal riċerka marbuta mal-arkeoloġija, l-esplorazzjoni, ir-riċerka fl-arkivji u oħrajn. | Is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali (SCH) | Saru diskussjonijiet fir-rigward tar-riċerka marbuta mal-arkeoloġija, l-esplorazzjoni u r-riċerka fl-arkivji, kemm b'mod virtwali kif ukoll permezz ta' komunikazzjoni diretta. Dawn saru bejn is-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali, l-Università ta' Malta, Heritage Malta u d-Direttorat tar-Restawr, kif ukoll permezz ta' parteċipazzjoni f'laqgħat fuq livell Ewropew taħt il-kappa tal-programm E-RIHS. | Id-diskussjonijiet bejn l-entitajiet interessati baqgħu għaddejjin, speċjalment dwar proposti ta' riċerka bi prijorità xjentifika dwar aspetti differenti tal-patrimonju. Uffiċjali tas-Sovrintendenza ġew nominati fuq grupp ta' ħidma Ewropew sabiex jiġi assigurat aċċess għal riżorsi Ewropej li jikkumplimentaw il-Fond għall-Patrimonju Kulturali. | Komplew id-diskussjonijiet sabiex tingħata l-approvazzjoni rigward il-parteċipazzjoni tal-E-RIHS. Kompliet il-kollaborazzjoni bejn l-entitajiet għall-aġenda nazzjonali ta' riċerka, riċerka ta' informazzjoni ġdida bi prijorità xjentifika dwar aspetti differenti tal-patrimonju. | Mistennija jkomplu d-diskussjonijiet fir-rigward tar-riċerka b'mod virtwali kif ukoll permezz ta' komunikazzjoni diretta f'laqgħat fuq livell Ewropew. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 210 | Se nibdew l-iskavar arkeoloġiku biex jiġu salvati l-fdalijiet tat-tempju neolitiku ta' Xrobb l-Għaġin. | Heritage Malta | Ġew ippreżentati r-riżultati ta' studji li saru fl-2019. Ġie finalizzat il-Memorandum of Understanding li ser isir mal-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar (MECP) dwar il-kollaborazzjoni bejn iż-żewġ partijiet fil-ħidma fuq dan il-proġett. Tqabbad l-arkeologu tal-proġett. Tlesta s-surveying bi preparazzjoni għax-xogħol fis-sit u bdew il-preparamenti u l-ippjanar dwar surveys biex jiġi studjat qiegħ il-baħar taħt it-tempju. Saret applikazzjoni għall-permess għat-tneħħija ta' arbuxxelli u ħaxix fiż-żona tal-iskavi. | Wara studji ġeofiżiċi, sar mudell 3D tas-sit. Ġie ġeoreferenzjat is-survey li sar mid-Dipartiment tar-Restawr. Sar filmat bi drone tal-irdum biex jgħin fit-tkomplija tal-istudji ġeoloġiċi u fl-istess ħin ipproduċa filmat tas-sit min-naħa tal-baħar. Inħarġu sejħiet għax-xiri ta' tagħmir u attrezzatura diġitali biex ikun jista' jsir il-proġett. Tlesta l-proċess ta' teħid ta' cuttings t'arbuxxelli protetti fiż-żona tat-tempju u nqalgħu l-arbuxxelli u l-ħaxix kollu sabiex l-iskavi u l-istudji l-oħra jkunu jistgħu jipproċedu. | Tlesta l-'cores' tal-blat u beda l-proċess ta' konsultazzjoni biex il-blat jiġi ttestjat bi tħejjija għat-tower crane. Bdew l-analiżi fuq l-irdum ta' taħt it-tempju sabiex jiġi miftiehem kif qed jaħdem. | Mistenni jibda t-tħaffir ta' trial trenches biex jingħata ħjiel ta' x'fadal mit-tempju kif ukoll ix-xogħol ta' tiswija fuq il-kamra li fiha se tiġi installata sub-station u tibda tiġi analizzata l-informazzjoni li se toħroġ minnhom. Se jitfasslu u jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet neċessarji biex jibda jinħatt it-tempju b'metodoloġiji konservattivi. Se jibda l-proċess ta' dokumentazzjoni 3D tal-fdalijiet tat-tempju u l-iskav. Se jibda l-proċess biex fil-bidu tal-2021 jidħol it-tieni arkeologu. Se jibdew id-diskussjonijiet fuq il-post u l-metodoloġija ta' rilokazzjoni tat-tempju. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 211 | **Ser inkomplu nsostnu t-twaqqif tal-Unit tal-Wirt Kulturali ta' taħt il-Baħar bil-għan illi jipproteġi, jiddokumenta, jippromovi u jagħmel aktar aċċessibbli l-patrimonju kulturali ta' taħt il-baħar.** | Heritage Malta | Inħarġet sejħa għall-offerti għall-installazzjoni ta' tliet bagi għall-irmiġġ viċin relitti. Beda jintuża dinghy ġdid mill-Underwater Cultural Heritage Unit sabiex jittieħdu għaddasa arkeoloġiċi, isiru spezzjonijiet fuq ir-relitti u tinġabar dokumentazzjoni/ informazzjoni dwar is-sit. Beda jsir scanning 3D ta' oġġetti misjuba taħt il-baħar. | L-offerti riċevuti għas-sejħa għax-xiri ta' bagi għall-irmiġġ ġew evalwati u ntgħażel l-offerent preferut. Inbeda l-proċess biex ikunu mġedda l-passaporti għall-bugħaddasa ta' għaqdiet lokali.<br><br>B'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta, komplew isiru s-surveys tas-siti magħrufa u ta' żoni ġodda. Inħarġu wkoll numru ta' posts informattivi sabiex il-pubbliku jiġi infurmat dwar il-wirt li għandna taħt il-baħar. Tfassal pjan ta' strateġija sabiex jiġu promossi dawn is-siti ladarba s-settur turistiku jirpilja wara l-impatt tal-imxija.<br><br>Tkompla wkoll it-3D scanning, fejn ġew skennjati 'l fuq minn 400 oġġett. Dan il-proċess ser jitkompla bħala parti mill-operat tal-entità. | Komplew il-patrols fuq is-siti ta' taħt il-baħar. Kompliet il-kampanja edukattiva permezz tal-webinar u xogħol fuq il-mużew virtwali. Kompla wkoll il-pjan ta' strateġija sabiex jiġu promossi dawn is-siti ladarba s-settur turistiku jirpilja wara l-impatt tal-imxija Covid-19. Kompla x-xogħol fuq ix-xini Feniċju biex tissaħħaħ il-kollezzjoni tal-Aġenzija. Beda jitfassal pjan biex jitneħħew ix-xbieki minn fuq xi siti storiċi. | Mistennija jkomplu l-patrols fuq is-siti ta' taħt il-baħar. Jinbeda l-proċess biex jinfetħu siti ġodda fl-2021. Jitkompla l-pjan ta' strateġija sabiex jiġu promossi dawn is-siti ladarba s-settur turistiku jirpilja. Se jitkompla x-xogħol fuq ix-xini Feniċju biex tissaħħaħ il-kollezzjoni tal-Aġenzija. Mistenni jsir ukoll xogħol fuq proġett ġdid fix-Xlendi biex isir park arkeoloġiku uniku fid-dinja kif ukoll jitlesta l-pjan biex jiġu installati l-cameras tas-sigurtà fuq it torri tax-Xlendi. Se jsir il-proġett mal-klabbs lokali biex jitneħħew ix-xbieki minn fuq xi siti storiċi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 212 | **Fejn jidħol ix-xogħol ta' restawr fuq il-wirt arkitettoniku, matul is-sena d-dieħla bosta binjiet ta' importanza nazzjonali, bħall-Cottonera Lines, se jsir xogħol ta' restawr fuqhom.** | Id-Direttorat għar-Restawr | Is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet għar-restawr tal-Bastjun ta' San Ġwann ġiet ippubblikata. Tlestiet id-dokumentazzjoni meħtieġa u beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' restawr tas-Sur ta' San Ġwann (inkluż il-Bieb Barokk). Bdiet il-preparazzjoni tad-dokumenti għall-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar fejn jirrigwarda r-restawr ta' parti mill-Bastjun ta' Notre Dame. | Is-sejħa għax-xogħlijiet għar-restawr tal-Bastjun ta' San Ġwann għalqet u ġew evalwati l-offerti riċevuti. L-abbozz tas-sejħa għax-xogħlijiet fuq is-Sur ta' San Ġwann (inkluż il-Bieb Barokk) tlesta u ntbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-ivvettjar. L-applikazzjoni għall-permessi fejn jirrigwarda r-restawr ta' parti mill-Bastjun ta' Notre Dame ġiet sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Tlestew l-istudju u l-estimi, u s-sejħa għall-offerti għar-restawr tal-Bastjun ta' San Ġwann inħarġet u ġiet aġġudikata.<br><br>Id-dokument għas-sejħa għax-xogħlijiet fuq is-sur maġenb il-Bastjun ta' San Ġwann, inkluż il-Bieb Barokk, tlesta u ntbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-vetting.<br><br>L-applikazzjoni għall-permess (biswit il-grawnd ta' Ħaż-Żabbar) ġiet sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Mistenni jibda x-xogħol tar-restawr tal-Bastjun ta' San Ġwann. Se jsir vetting mid-Dipartiment tal-Kuntratti tas-sejħa għax-xogħlijiet fuq is-sur maġenb il-Bastjun ta' San Ġwann.<br><br>Mistennija tinkiteb is-sejħa għall-offerti għat-twettiq tar-restawr tal-Bastjun ta' Notre Dame bl-għan li din tiġi ppubblikata fil-bidu tas-sena 2021. Mistenni jinħareġ il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 213 | **Fejn jidħol ix-xogħol ta' restawr fuq il-wirt arkitettoniku, matul is-sena d-dieħla bosta binjiet ta' importanza nazzjonali, bħall-Victoria Lines, se jsir xogħol ta' restawr fuqhom.** | Id-Direttorat għar-Restawr | Tlesta r-restawr ta' medda ta' madwar 47 metru tul il-Victoria Lines fil-limiti ta' Ħal Għargħur. | Tlesta r-restawr ta' medda ta' madwar 28 metru u nofs tul il-Victoria Lines fil-limiti ta' Ħal Għargħur. | Jitlesta r-restawr ta' medda ta' madwar 25 metru tul il-Victoria Lines fil-limiti ta' Ħal Għargħur. | Jitlesta r-restawr ta' medda ta' madwar 25 metru oħra tul il-Victoria Lines fil-limiti ta' Ħal Għargħur. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 214 | **Fejn jidħol ix-xogħol ta' restawr fuq il-wirt arkitettoniku, matul is-sena d-dieħla bosta binjiet ta' importanza nazzjonali, bħall-Forti Rikażli, se jsir xogħol ta' restawr fuqhom.** | Id-Direttorat għar-Restawr | Ġie deċiż li matul din is-sena jsir xogħol ta' restawr fuq diversi binjiet ta' importanza nazzjonali.<br><br>Wara li ġie ffirmat il-kuntratt għax-xogħlijiet meħtieġa, beda r-restawr tas-St Dominic Counterguard. Fil-każ tal-Fire Control Tower fin-No. 1 Curtain, bdew l-istudji mill-Università ta' Malta dwar il-konkos użat u d-deterjorazzjoni li kien hemm matul is-snin.<br><br>Tlestiet id-dokumentazzjoni, inkluż il-pjanti dettaljati, u bdiet il-preparazzjoni tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' restawr tal-kantuniera tas-St Dominic Demi Bastion. Tkompla x-xogħol ta' restawr tal-Casemated Battery fin-No. 1 Curtain.<br><br>Fil-każ tal-faċċata tal-Casemates along Tenaille Trace, tlestiet id-dokumentazzjoni u bdiet il-preparazzjoni tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet. | Għalkemm b'ritmu ftit aktar kajman minħabba l-impatt tal-imxija fid-dawl tal-fatt li l-kuntrattur magħżul hu Taljan, komplew ix-xogħlijiet ta' restawr tas-St Dominic Counterguard.<br><br>Fil-każ tal-Fire Control Tower fin-No. 1 Curtain, tkomplew l-istudji mill-Università ta' Malta. Tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' restawr tal-kantuniera tas-St Dominic Demi Bastion u dan intbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-ivvettjar.<br><br>Tkomplew ix-xogħlijiet ta' restawr fuq il-Casemated Battery fin-No. 1 Curtain. Fil-każ tal-faċċata tal-Casemates along Tenaille Trace, is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' restawr tlestiet u ntbagħtet lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-ivvettjar. | Jitkomplew ix-xogħlijiet ta' restawr tas-St Dominic Counterguard.<br><br>Fil-każ tal-Fire Control Tower fin-No. 1 Curtain, l-Università ta' Malta ġiet ikkuntattjata sabiex ikomplu l-istudji. Dan għalissa għadu wieqaf minħabba li l-Università hija magħluqa.<br><br>Tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' restawr tal-Kantuniera tas-St Dominic Demi Bastion u ntbagħtet għall-ivvettjar lid-Dipartiment tal-Kuntratti.<br><br>Tlestew ix-xogħlijiet ta' restawr fuq il-Casemated Battery fin-No. 1 Curtain.<br><br>Fil-każ tal-faċċata tal-Casemates along Tenaille Trace, is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' restawr tlestiet u ntbagħtet lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-ivvettjar. | Mistennija jitlestew ix-xogħlijiet ta' restawr tas-St Dominic Counterguard.<br><br>Fil-każ tal-Fire Control Tower fin-No. 1 Curtain, mistennija jitkomplew it-taħditiet mal-Università ta' Malta biex ikomplu l-istudji.<br><br>Ladarba tiġi vvettjata s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' restawr tal-Kantuniera tas-St Dominic Demi Bastion, tiġi ppublikata s-sejħa għall-offerti.<br><br>Hekk kif l-abbozz tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' restawr tal-faċċata tal-Casemates along Tenaille Tracet tiġi vvettjata, tiġi ppublikata s-sejħa għall-offerti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 338 | Kunsilli Lokali. Se nniedu skema li permezz tagħha, numru ta' persuni jiġu assenjati mal-Kunsilli Reġjonali sabiex jassistu lill-istess Kunsilli Reġjonali biex jaqdu l-funzjonijiet ġodda tagħhom. | Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali (DLG) | Saret konsultazzjoni ma' diversi stakeholders biex jittieħed kont tas-sitwazzjoni attwali. Inġabar rendikont tal-impjegati eżistenti, kemm mal-Kunsilli Reġjonali kif ukoll mal-Kunsilli Lokali kollha. Saret laqgħa konsultattiva mal-Presidenti u s-Segretarji Eżekuttivi tal-Kumitati Reġjonali fejn ġiet diskussa din il-miżura u l-bżonnijiet attwali. Saru proposti dwar l-aħjar mod ta' kif dawn jistgħu jiġu indirizzati. | Mill-konsultazzjonijiet ħareġ ċar li l-Kunsilli Reġjonali jeħtieġu servizzi professjonali ta' persunal kwalifikat u b'ħiliet tekniċi. Il-materja ġiet diskussa ma' Jobsplus. Kienet proposta sistema li biha kull reġjun jingaġġa tim ta' persuni speċjalizzati u kwalifikati li joffru gwida u jagħmlu monitoraġġ tal-kunsilli lokali rispettivi, waqt li jżommu kuntatt mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Il-ħames pożizzjonijiet identifikati kienu jirrigwardaw l-oqsma kulturali, tal-benesseri, ambjentali, amministrattiv u fondi u ICT. | Ġiet abbozzata l-Job Description ta' Uffiċjal reponsabbli mill-Waste Management u kompla jiddiskuti fir-rigward ta' kif jiżviluppa strutturi ċari ta' rappurtar għal dawn l-uffiċjali. Tfassal Reporting Document li ser ikun qed jintuża mis-sitt uffiċjali sabiex permezz tiegħu, kull kwart tas-sena, jirrappurtaw lill-Kunsilli Reġjonali rispettivi l-andament tas-servizzi u proġetti li jkunu qed jitwettqu mill-Kunsilli Lokali. Dan id-dokument ser ikun qed iservi ta' għodda għall-monitoraġġ tal-flejjes allokati. | Mistennija tiġi ppubblikata ċirkulari bil-linji gwida biex b'hekk jinbeda l-proċess tal-ingaġġ. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 339 | Kunsilli Lokali. Sejrin inkomplu bl-iskema li jiżdiedu aktar l-ismart bins imferrxa madwar il-Gżejjer. | Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali (DLG) | Fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-pandemija, bl-approvazzjoni tal-Ministeru għall-Finanzi, kien deċiż li parti mill-allokazzjoni tal-flus għal din il-miżura tintuża biex jiġu megħjuna l-kunsilli lokali biex jittieħdu l-prekawzjonijiet għas-saħħa u s-sigurtà fl-irħula. | Tkomplew id-diskussjonijiet interni fil-Ministeru dwar l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. Il-pjan hu li tinħareġ skema li japplikaw għaliha l-Kunsilli Lokali fejn dawn jimplimentaw din il-miżura fil-belt jew ir-raħal tagħhom. | Ġiet abbozzata s-sejħa sabiex il-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu japplikaw għal din l-iskema li l-għan tagħha hu li l-Kunsilli Lokali jissottomettu l-ideat tagħhom taħt kriterji speċifiċi biex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn din l-iskema. | Mistennija tiġi ppubblikata s-sejħa sabiex il-Kunsilli Lokali jkunu jistgħu japplikaw għal din l-iskema. Mistennija ssir l-aġġudikazzjoni u l-għotja tal-flus lill-Kunsilli Lokali dwar din l-iskema. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦAT-TRASPORT,
L-INFRASTRUTTURA U L-PROĠETTI KAPITALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 33 | Tal-Linja Card b'xejn għall-anzjani 75+. Mis-sena d-dieħla t-Trasport Pubbliku b'xejn se jingħata wkoll lill-anzjani li jagħlqu l-75 sena. 'Il fuq minn dsatax-il elf (19,000) anzjan ser igawdu minn din il-miżura. | L-Awtorità tat-Trasport f'Malta (TM) | Saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema elettronika sabiex, mill-1 ta' Jannar 2020, persuni li għandhom 75 jew aktar bdew jibbenefikaw minn użu tat-trasport pubbliku b'xejn. Dan waqt li persuni ta' bejn 14 u 20 sena, studenti ta' 21 sena u aktar, kif ukoll persuni b'diżabilità komplew jibbenefikaw minn trasport pubbliku b'xejn. | | | | Implimentata |
| 59 | Il-qasam tal-proprjetà. Qegħdin naħdmu sabiex titwaqqaf awtorità ġdida għall-bini u l-kostruzzjoni bil-għan li tirregola dan il-qasam. | Building and Construction Agency (BCA) | Wara li kienet twaqqfet l-Aġenzija tal-Bini u Kostruzzjoni, bdiet ħidma sabiex isir l-abbozz ta' liġi li permezz tiegħu se titwaqqaf l-Awtorità tal-Bini u Kostruzzjoni. | Tkompla l-abbozzar tal-liġi li permezz tagħha ser titwaqqaf l-Awtorità għall-Bini u Kostruzzjoni. Bdew diskussjonijiet interni dwar l-abbozz preżentat. | L-abbozz wasal fil-fażi finali fejn saret it-traduzzjoni għall-Malti. | L-Abbozz ta' Liġi għandu jkun lest u potenzjalment jiġi ppreżentat fil-Parlament. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 60 | Il-qasam tal-proprjetà. L-Awtorità ġdida għall-Bini u l-Kostruzzjoni tara li jkun introdott Kodiċi tal-Bini fil-liġijiet tagħna li jiġbor taħt liġi waħda bosta liġijiet li dejjem ħaddimna sa issa favur aktar sigurtà, responsabbiltà u trasparenza. | Building and Construction Agency (BCA) | Il-preparamenti tal-Kodiċi tal-Bini ġie fdat lill-Building Industry Consultative Council (BICC), fejn saru diversi laqgħat u diskussjonijiet ma' min hu involut fl-industrija tal-bini u kostruzzjoni. Beda l-abbozzar tal-Kodiċi ġdid tal-Bini. | Il-Kodiċi tal-Bini kif abbozzat kompla għaddej minn skrutinju qabel ma dan jiġi ppreżentat għall-kunsiderazzjoni u għall-approvazzjoni. | Kompla x-xogħol fuq l-abbozzar tal-Kodiċi tal-Bini fuq il-kostruzzjoni, it-twaqqigħ u l-iskavar. | Mistenni li jitlesta l-abbozz u jiġi ppreżentat għall-approvazzjoni meħtieġa u jiġi ppubblikat. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 72 | Biex ninċentivaw ix-xiri ta' vetturi li jaħdmu bl-elettriku, mis-sena d-dieħla sejrin inkomplu nsaħħu l-infrastruttura bl-installazzjoni ta' aktar minn mitejn charging pillar li diġà installajna u b'hekk inżidu n-numru ta' charging points madwar Malta u Għawdex. | L-Awtorità tat-Trasport f'Malta (TM) | Is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' trinek bi preparazzjoni għall-installazzjonijiet neċessarji għaċ-charging pillars ġie abbozzat u wara mgħoddi lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-ivvettjar meħtieġ. Beda l-iżvilupp tas-sistema tal-informatika li permezz tagħha ser ikun immaniġġjat in-network taċ-charging pillars. | Kompla l-iżvilupp tas-sistema tal-informatika li permezz tagħha ser ikun immaniġġjat in-network taċ-charging pillars. | Bdew isiru diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma sabiex din il-miżura tkun trasferita lil dan il-Ministeru. | Mistennija jġu konklużi d-diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Enerġija u l-Immaniġġjar tal-Ilma sabiex din il-miżura tkun trasferita lil dan il-Ministeru. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 79 | L-ikbar proġett ambjentali, bla dubju ta' xejn, hu l-Park Nazzjonali li se jinħoloq ġewwa Ta' Qali. Dan jinkludi proġetti kbar ta' afforestazzjoni f'siti ġodda f'Ta Qali. | Id-Dipartiment tax-Xogħlijiet u Infrastruttura (WID) | Dan il-proġett huwa maqsum f'żoni differenti hekk kif ġej: Żona A fejn ser isir it-tisbiħ u l-estensjoni tal-ġnien formali eżistenti kif ukoll fejn hemm ippjanat li jsiru l-Arkivji Nazzjonali. Żona B hija fejn ser ikun hemm area miftuħa fejn ikunu jistgħu jsiru kunċerti, inkluż parkeġġ u BMX pump track. Żona Ċ hija dik fejn hemm l-Adventure Park u fejn isir il-Farmers' Market. Żona D hija ż-żona fejn ser isir sit għall-ikkampjar, jogging track u trakka għaċ-ċiklisti. | Tħejjew il-pjanti u saru applikazzjonijiet lill-Awtorità tal-Ippjanar biex tiġi żviluppata t-tielet żona fil-proġett (Żona A).<br><br>Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għal Żona Ċ u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. Għalqet is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' Żona B u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet f'Żona A. | Saret l-evalwazzjoni ta' offerti ta' Żona A - 'Estensjoni u Tisbiħ fil-Park Formali'. Saret l-għotja ta' kuntratt ta' Żona B - 'Żona spazju miftuħ għall-kunċerti u bidu ta' xogħlijiet'. Saret l-għotja ta' parti mil-kuntratt ta' Żona Ċ - 'Tisbiħ ta' Adventure Park'.<br><br>Ġew sottomessi l-applikazzjonijiet lill-Awtorità tal-Ippjanar ta' Żona D - 'Riorganizzazzjoni tal-Farmers' Market u Żona ta' Kkampjar, Jogging Track u Trakka għaċ-Ċiklisti'. | Mistennija jiġu ppubblikati sejħiet għall-offerti tax-xogħlijiet fil-Farmers' Market u jingħata l-kuntratt. Mistennija jitkomplew ix-xogħlijiet fuq is-siti f'Żona B. Mistennija jibdew ix-Xogħlijiet f'Żoni A u Ċ.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **79 kont.** | | | Tħejjew il-pjanti u saru l-applikazzjonjiet lill-Awtorità tal-Ippjanar biex jiġu żviluppati l-ewwel żewġ żoni tal-proġett, jiġifieri Żona B u Żona Ċ.<br><br>Beda l-abbozzar ta' sejħiet għall-offerti għax-xogħlijiet f'Żona A. Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet f'Żona B. | | | | |
| **84** | Aktar afforestazzjoni u proġetti ambjentali. Bdew il-preparamenti inizjali sabiex tissaqqaf parti minn Triq Reġjonali u dan sabiex il-lokalità ta' Santa Venera ma tibqax maqsuma f'żewġ partijiet u, aktar importanti minn hekk, biex din iż-żona b'konċentrazzjoni urbana jkollha wkoll pulmun ta' arja u spazju rikreattiv fejn ir-residenti jistgħu jistrieħu mingħajr periklu u tniġġis riżultat tat-traffiku. | Infrastruttura Malta | Beda stħarriġ tekniku sabiex jinstab l-aħjar mod ta' kif it-triq tista' tiġi msaqqfa. | Komplew id-diskussjonijiet tekniċi sabiex isir id-disinn ta' dan il-proġett. | Bdew id-diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar hekk kif dan huwa proġett li għandu miri ambjentali. | Mistennija jkomplu d-diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Ambjent, it-Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar hekk kif huwa proġett li għandu miri ambjentali. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 88 | Industrija tal-kostruzzjoni iktar sostenibbli. Bla dubju ta' xejn il-qasam tal-bini u l-kostruzzjoni huwa settur li jaffettwa l-indafa. Għalhekk il-proċess li bdejna biex inwaqqfu awtorità regolatorja fil-qasam tal-bini u kostruzzjoni mhux biss se sservi bħala l-veikolu biex indaħħlu iktar dixxiplina u osservanza tar-reoglamenti f'dan il-qasam, iżda wkoll biex jonqos l-impatt ta' tniġġis ta' din l-industrija fuq l-indafa tal-pajjiż. | Building and Construction Agency (BCA) | Beda l-abbozzar ta' regolamenti ġodda.<br><br>Saru tħejjijiet għal kampanja pubbliċitarja sabiex il-pubbliku jkun mgħarraf kif għandu jiġi mmaniġġjat l-iskart minn siti ta' kostruzzjoni. | Kompla l-abbozzar ta' regolamenti ġodda.<br><br>Saret il-kampanja pubbliċitarja fuq it-televiżjoni, il-media stampata u s-social media. | Kompla l-abbozzar tar-regolamenti, li wasal fi stadju avvanzat. | Mistenni jitlesta l-abbozz tal-liġi li twaqqaf l-Awtorità l-ġdida u potenzjalment jibda jiġi diskuss fil-Parlament. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 92 | Aktar riġenerazzjoni u tisbiħ. Sabiex jiżdiedu ż-żoni tal-għawm ramlin, tkabbru u żdiedu l-faċilitajiet li wieħed isib f'numru ta' bajjiet fin-Nofsinhar ta' Malta. Fl-istess waqt qegħdin naraw liema bajjiet nistgħu nestendu s-sena d-dieħla fosthom il-Bajja tal-Għadira. | Projects Malta Ltd | Komplew isiru l-istudji numeriċi u teoretiċi relatati mat-tkabbir tal-Bajja tal-Għadira. Dawn l-istudji jinkludu dawk li jikkalkulaw il-mewġ u l-kurrenti tal-baħar, il-qiegħ u l-kwalità tar-ramel, u l-mollijiet eżistenti kif ukoll dawk ġodda proposti.<br><br>Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għall-iskavar u bini ta' parkeġġ fl-Għadira. | L-istudji teoretiċi marittimi baqgħu għaddejjin. Tlestew biżżejjed minn dawn l-istudji sabiex ikun jista' jibda jiġi ddisinjat il-kunċett tal-estensjoni tal-bajja u l-bini tal-promenade.<br><br>Tlesta d-disinn tal-kunċett tal-promenade u ntbagħat għall-approvazzjoni.<br><br>Wara li għalqet is-sejħa għall-offerti u saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti, intgħażel il-kuntrattur u bdew ix-xogħlijiet ta' skavar u bini tal-parkeġġ fl-Għadira. | Ingħalqet l-ewwel parti mill-istudji teoretiċi marittimi.<br><br>Tlesta d-disinn tal-kunċett tal-promenade u ntbagħat għall-approvazzjoni. Saru diskussjonijiet biex tittieħed deċiżjoni jekk jitkompliex ix-xogħol fuq dan id-disinn u jiġi żviluppat tender b'dan il-għan.<br><br>Bdew ix-xogħlijiet fuq l-ewwel fażi. Tlestew il-biċċa l-kbira tas-servizzi ta' taħt l-art u ngħata t-tarmak fuq l-ewwel żewġ saffi minn erbgħa li qegħdin fl-ewwel fażi. Fl-ewwel ġimgħat ta' Settembru tlestiet l-ewwel fażi u bdew ix-xogħlijiet fuq it-tieni fażi. | Mistennija titlesta t-tieni fażi u l-parkeġġ ikun lest. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 95 | Aktar riġenerazzjoni u tisbiħ. Għas-sena d-dieħla hemm maħsub li jibda xogħol ta' riġenerazzjoni fuq ix-Xatt tal-Imsida u x-xatt f'Tal-Pietà. | Il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir (GHRC) | Fil-każ tax-Xatt tal-Imsida, ġew konklużi l-konsultazzjonijiet mal-istakeholders. Tlestew ukoll is-surveys tas-sit. Saru diskussjonijiet fit-tul ma' Transport Malta dwar diversi aspetti, inkluż sabiex isir bicycle lane. Tlesta d-disinn finali tal-proġett li huwa intenzjonat li jsebbaħ iż-żona tal-promenade mal-baħar. Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' riġenerazzjoni tal-promenade.<br><br>Fil-każ tax-xatt f'Tal-Pietà, qed isiru taħditiet mal-operaturi tal-Marina di Valletta peress li l-proġett jidħol fuq żona mgħoddija lilhom b'encroachment. Dan bil-għan li jiġu evitati problemi waqt l-implimentazzjoni tal-proġett. Twettaq survey tas-sit u beda jsir id-disinn tas-sit. | L-applikazzjoni għall-permess ġiet sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar u, bħala parti mill- proċess tagħha, twettqet konsultazzjoni mal-istakeholders indikati fil-liġi. Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' riġenerazzjoni tal-promenade. Saru diskussjonijiet dettaljati kemm ma' Transport Malta kif ukoll ma' Infrastruttura Malta sabiex isir il-kordinament meħtieġ minħabba li qed jiġu implimentati numru ta' proġetti differenti fl-istess żona.<br><br>Fil-każ tax-xatt f'Tal-Pietà, tkomplew id-diskussjonijiet mal-Marina di Valletta u ġew iċċarati diversi materji. Saru wkoll diskussjonijiet mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar is-sistema ta' drenaġġ. Kompla x-xogħol fuq aspetti tekniċi tal-proġett. | L-Imsida - kompla l-proċess tal-applikazzjoni għall-permess. Saru laqgħat fuq il-post mal-Kunsill u rappreżentant tal-armar tal-festa dwar il-lokalizzazzjoni ta' diversi toqob għall-użu tal-arbli tal-festa. Saru diskussjonijiet ukoll dwar il-materjal li jista' jintuża għall-pavimentar u anke saru viżti f'postijiet oħra biex isir tqabbil tal-materjal. Kompliet titħejja s-sejħa għall-offerti.<br><br>Tal-Pietà - tħejja disinn inizjali tal-proġett u saru diskussjonijiet aktar intensivi ma' Transport Malta minħabba l-wisa' tal-moll għad-dgħajjes. Saru laqgħat ma' stakeholders oħrajn. | L-Imsida - mistennija titlesta s-sejħa għall-offerti, tiġi ppubblikata u tibda l-evalwazzjoni. Jitkompla l-proċess tal-permessi.<br><br>Tal-Pietà - mistenni jitlesta d-disinn finali u ssir l-applikazzjoni għall-permess mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 96 | Aktar riġenerazzjoni u tisbiħ. Għas-sena d-dieħla hemm maħsub li jibda xogħol ta' riġenerazzjoni fuq ix-Xatt tal-Kalkara. | Il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir (GHRC) | Kompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni sottomessa lill-Awtorità tal-Ippjanar għall-permess tal-iżvilupp. Saru diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Ambjent u Riżorsi dwar is-siġar fis-sit li jeħtieġ li jiġu trasferiti f'post ieħor. Saret diskussjoni mal-Enemalta dwar is-servizzi li jridu jingħaddu. Tkompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ċivili meħtieġa. | Kompla jsir id-disinn tas-sit. Ġew finalizzati l-aħħar dokumenti ta' perizja u kompla jinbena l-abbozz għas-sejħa tal-offerti għax-xogħlijiet ċivili. Dan huwa proġett massiv f'terminu ta' area li jlaħħaq 610 metri tul u 16,000 metru kwadru u jmiss mal-baħar. Komplew id-diskussjonijiet mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar il-post fejn ser tinbena l-pompa u sistema ta' drenaġġ ġdida. | Tlesta survey tax-xatt bl-għajnuna ta' Infrastructure Malta. Inkiseb in-no objection minn Transport Malta u l-ERA, fejn twaħħlet site notice tal-permess u bdiet il-konsultazzjoni pubblika. | Mistenni jingħata l-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. Mistennija tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ċivili u servizzi li jikkostitwixxu l-parti l-kbira tal-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 97 | Aktar riġenerazzjoni u tisbiħ. Għas-sena d-dieħla hemm maħsub li jibda xogħol ta' riġenerazzjoni fuq il-Ġnien tal-Mall. | Il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir (GHRC) | Għalqet is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ċivili, saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti u ntgħażel l-offerent preferut. Sadanittant bdew taħditiet mal-konsulent tad-dwal u beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għas-sistema tad-dawl. Saru konsultazzjonijiet ma' Heritage Malta u l-SCH dwar il-monumenti u l-funtani li hemm il-Mall biex jiġi stabbilit x'tip ta' intervent u restawr huwa meħtieġ. | Mistennija jitlestew it-tieni u tielet fazi tal-proġett li jikkonsisti f'servizzi ġodda u pavimentar ġdid. Mistenni jitkompla xogħol fuq fażi ġdida. Mistennija tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti tad-dawl.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. | Komplew ix-xogħlijiet ċivili u mxew għal fażi ġdida. Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti tar-restawr. | Mistennija jitlestew it-tieni u t-tielet fażi tal-proġett li jikkonsistu f'servizzi ġodda u pavimentar ġdid. Mistenni jitkompla xogħol fuq fażi ġdida. Mistennija tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti tad-dawl.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 98 | Aktar riġenerazzjoni u tisbiħ. Għas-sena d-dieħla hemm maħsub li jibda r-restawr tad-daħla tal-Isla u l-Belvedere. | Il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir (GHRC) | L-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet il-permess għall-ewwel fażi tax-xogħlijiet fl-Isla. Dawn jikkonsistu fir-restawr ta' swar, il-belvedere u t-torri tal-arloġġ. Ħarġet sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet tar-restawr, saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti u ntgħażel l-offerent preferut. Sadanittant bdiet titħejja l-applikazzjoni għall-permess għat-tieni fażi tal-proġett, li tikkonċerna r-restawr u l-upgrading tad-daħla tal-Isla. | Ingħata l-kuntratt għax-xogħlijiet tar-restawr tas-swar, tal-belvedere u tat-torri tal-arloġġ. Beda r-restawr fosthom tal-belvedere u żoni oħra tas-swar. Ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar għat-tieni fażi tal-proġett. Beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għal xogħlijiet relatati mad-dwal u mas-servizzi relatati. | Restawr ta' swar: Sar progress tajjeb u tlestew 70% tax-xogħlijiet. Ħarġet is-sejħa għall-offerti tat-tieni fażi tal-proġett. Kompla l-proċess tal-permess għat-tieni fażi. | Mistenni jitlesta r-restawr kollu u allura l-ewwel fażi tal-proġett tas-swar mad-daħla tal-Isla u t-Torri tal-Arloġġ. Mistennija tibda l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti dwar it-tieni fażi u potenzjalment jingħata l-kuntratt. Mistennija tiġi ppubblikata wkoll is-sejħa għall-offerti tat-tieni fażi tal-proġett.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 99 | **Aktar riġenerazzjoni u tisbiħ. Għas-sena d-dieħla se jitkompla r-restawr tal-interventi f'binjiet proprjetà tal-gvern li se jitkompla fiż-żoni ġewwa l-Belt Valletta.** | Il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir (GHRC) | Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għall-installazzjoni ta' dawl mal-koppli tal-Bażilika tal-Karmnu, Tal-Pilar u ta' Santu Wistin u ntgħażel l-offerent preferut. Wara li nkiseb il-permess, ġiet ippubblikata u għalqet is-sejħa għall-offerti għar-restawr tal-faċċati tad-djar fiż-żona tal-Blata, Marsamxett u fit-taraġ fi Triq l-Arċisqof. Tlesta x-xogħol ta' restawr tal-Bereġ u l-proġett tal-appartamenti fi Triq il-Karmelitani. Tkompla x-xogħol strutturali u tas-servizzi relatat ma' proġetti b'aspett soċjali fosthom fi Triq il-Punent, Triq San Ġużepp, Triq San Karlu u Triq Zekka. Tlesta l-proġett tal-bankina ġdida fi Triq Marsamxett. Beda xogħol ta' restawr mas-swar magħruf bħala French Curtain. Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għar-restawr u modernizzar tal-faċċata u l-komun ta' Blokk 4 fi Pjazza Mattia Preti. | Avvanza x-xogħol fi tliet postijiet li ser jilqgħu l-akkomodazzjoni soċjali fi Triq Zekka, Charles Street u Triq il-Punent. Ġew ordnati l-liftijiet għall-blokok fi Triq San Ġużepp u Triq Zekka. Wara li ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti, ingħata l-kuntratt għall-bdil tal-ħames pontijiet fi Triq il-Funtana u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. Beda studju dwar proposti għal-lift li jwassal mill-ferry ta' Marsamxett sa Pjazza Mattia Preti. Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għar-restawr u modernizzar tal-faċċata u l-komun tal-blokk fi Pjazza Mattia Preti. Beda x-xogħol tal-installazzjoni tas-sistema ġdida ta' dawl mal-koppla tal-Bażilika tal-Karmnu. | Waslu fl-aħħar fażijiet ta' finishes il-postijiet fi Triq Zekka u fi Triq Karlu li ser jilqgħu l-akkomodazzjoni soċjali. Waslu fl-aħħar fażijiet xogħlijiet ta' finishes fil-binja ta' Triq il-Punent li ser tkun għal 'independent living' ta' anzjani. Waslu l-liftijiet għall-blokok fi Triq San Ġużepp u Triq Zekka. Tkompla xogħol marbut ma' restawr tal-French Curtain. Tlestiet 50% tal-bankina li qiegħda tmiss mas-swar min-naħa ta' fuq.<br><br>Beda xogħol fuq il-bdil tal-ħames pontijiet fi Triq il-Funtana u bdew isiru toqob ta' spezzjoni biex jiġi determinat il-materjal ta' taħt u disinni aktar dettaljati.<br><br>Tlesta l-istudju dwar proposti għal-lift li jwassal mill-ferry ta' Marsamxett sa Pjazza Mattia Preti. | Mistennija jitlestew l-isnags fi Triq Zekka u l-post jingħata lill-FSWS għal użu soċjali, kif ukoll mistennija jitlestew l-isnags ta' Triq Karlu u Triq il-Punent u l-postijiet jingħataw lill-Housing Authority għal użu soċjali.<br><br>Mistennija jitwaħħlu liftijiet għall-blokok fi Triq San Ġużepp u Triq Zekka u jitlestew xogħlijiet relatati.<br><br>Għandu jitlesta xogħol fuq is-swar magħruf bħala Tal-French u l-bankina li tmiss miegħu min-naħa ta' fuq.<br><br>Se jinbeda l-bdil tal-ħames pontijiet fi Triq il-Funtana.<br><br>Mistenni jibda d-disinn ta' xogħlijiet marbuta mal-lift li jwassal mill-ferry ta' Marsamxett sa Pjazza Mattia Preti u mistennija ssir laqgħa mas-Supretendent tal-Kultura (SCH). Barra minn hekk, mistennija jsiru aktar spezzjonijiet fuq is-sit minħabba swar u tħaffir li jrid isir. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **99 kont.** | | | | | Ħarġet is-sejħa għall-offerti għar-restawr u modernizzar tal-faċċata u l-komun tal-blokk nru 4 fi Pjazza Mattia Preti.<br><br>Tlestiet l-installazzjoni tas-sistema ġdida ta' dawl mal-koppla tal-Bażilika tal-Karmnu. Bdiet l-installazzjoni mal-Knisja ta' Santu Wistin u Tal-Pilar.<br><br>Beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għar-restawr tal-Kunvent tal-Karmnu. Beda jiġi preparat disinn tal-lift li ser iwassal lill-viżitaturi sal-kampnar tal-knisja u l-mużew li jinkludi l-espożizzjoni tal-affarijiet antiki tal-kunvent. | Mistennija ssir l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti għar-restawr u modernizzar tal-faċċata u l-komun tal-blokk nru 4 fi Pjazza Mattia Preti u jibda x-xogħol. Sadanittant tibda t-tħejjija għas-sejħa tal-offerti għal Blokki 1, 2 u 3.<br><br>Mistennija titlesta l-installazzjoni tas-sistema ġdida ta' dawl mal-koppli tal-Knisja ta' Santu Wistin u Tal-Pilar.<br><br>Mistennija tiġi ppubblikata u ssir l-evalwazzjoni tas-sejħa għall-offerti għar-restawr tal-faċċata tal-Kunvent tal-Karmnu. Mistennija tibda titħejja l-applikazzjoni għall-permess u sejħa għall-offerti tal-lift li ser iwassal lill-viżitaturi sal-kampnar u l-mużew/espożizzjoni tal-affarijiet antiki u reliġjużi tal-kunvent tal-Karmnu.<br><br>Mistenni jibda l-ippjanar u d-disinn tal-upgrading ta' diversi toroq u bankini fiż-żona ta' Marsamxett. | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **100** | Aktar riġenerazzjoni u tisbiħ. F'Marsaxlokk ser isir xogħol biex jiġu preservati l-karatteristiċi ta' dan ir-raħal tas-sajjieda. | Il-Korporazzjoni għar-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir (GHRC) | Għalqet is-sejħa għall-offerti u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għar-riġenerazzjoni u tisbiħ f'Tal-Magħluq, Marsaxlokk.<br>Ġiet sottomessa l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar.<br>Saru taħditiet mal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fuq pompa u sistema ġdida tad-drenaġġ u ma' entitajiet oħra sabiex is-servizzi kollha jsiru mill-ġdid u minn taħt l-art. | Kompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp mill-Awtorità tal-Ippjanar. Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għar-riġenerazzjoni u t-tisbiħ fiż-żona Tal-Magħluq u ġie ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur magħżul. Ġew riveduti l-pjanti tal-proġett sabiex jieħdu kont tas-servizzi li ser jingħaddu u li ser jagħmlu użu minn enerġija alternattiva. | Wara konsultazzjoni mal-Ministeru għat-Turiżmu ġie deċiż li l-proġett jiġi temporanjament pospost matul is-sajf minħabba l-fatt li din iż-żona hija waħda turistika u ffrekwentata wkoll minn ħafna Maltin. Għaldaqstant, il-proġett beda fit-tielet ġimgħa ta' Settembru fil-parti tal-Magħluq Parking Area. | Mistenni jibda x-xogħol min-naħa taż-żona fejn ser jgħaddu tal-linja billi tinqala' t-triq u jitħaffer kanal għas-servizzi. Jibda wkoll tħaffir fejn ġejja l-pompa tad-drenaġġ. Ix-xogħlijiet marbuta mal-pompa tad-drenaġġ ser ikunu l-ewwel xogħlijiet importanti u sinjifikanti għal dan il-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 122 | **Sal-aħħar tas-sena d-dieħla nkunu lestejna s-seba' flyovers u madwar tliet kilometri u nofs ta' passaġġi għar-roti u l-mixi li qed isiru permezz tal-Marsa Junction Project.** | Infrastruttura Malta | Matul l-2019 tlestew tliet strutturi ta' flyovers u dawn infetħu għall-użu tal-pubbliku. Tlesta x-xogħol tal-gverta fuq ir-raba' struttura u tlesta x-xogħol fuq il-ħames struttura. Bdew ukoll ix-xogħlijiet ta' infrastruttura għas-servizzi fil-madwar tal-istrutturi. Inbena mill-ġdid il-ġibjun tan-naħa ta' Raħal Ġdid. Beda l-bini tal-pontijiet pedonali. | Tlesta x-xogħol fuq is-sitt struttura. Tkompla x-xogħol tas-servizzi fil-parkeġġi l-ġodda u xogħol ieħor ta' livellar tal-art. Tlestew is-seba' strutturi u ż-żewġ ġibjuni. Tkomplew l-istrutturi tal-pontijiet pedonali u nbdew il-parkeġġi tal-park and ride. Għaddew il-cables ġodda tal-elettriku u ġew eliminati xi servizzi qodma. | Sar xi xogħol fi Vjal Sir Paul Boffa fejn it-triq tbaxxiet biex tagħqad ma' triq ġdida fil-livell tal-art, direzzjoni minn Raħal Ġdid għall-Marsa. Hekk seta' jkompli x-xoghol tar-rampi għall-istrutturi ta' livell intermedju. Bdew isiru wkoll il-ġonot finali fil-gverti tal-istrutturi lesti. Sar ukoll xogħol tal-asfalt. Inbniet mill-ġdid u nbidlu s-servizzi tat-telgħa Vjal Santa Luċija direzzjoni lejn in-Nofsinhar. | Mistennija jinfetħu l-istrutturi kollha għall-pubbliku, u jiġu armati u installati l-istrutturi tal-pontijiet tal-azzar għas-sistemi pedonali. Tibda l-aħħar fażi tax-xogħlijiet ta' servizzi u bini tat-triq, Triq il-Labour mill-Marsa direzzjoni għal Raħal Ġdid. Mistennija jibdew ukoll ix-xogħlijiet tal-uċuħ tal-parkeġġi, kif ukoll it-tisbiħ tal-inħawi taħt l-istrutturi, skont disinn ta' ħdura u installazzjonijiet artistiċi. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 123 | Se nlestu wkoll il-mini taħt ir-roundabout ta' Santa Luċija. Se nkomplu nżidu l-korsiji għar-roti fosthom fi Vjal Santa Luċija. | Infrastruttura Malta | Beda x-xogħol fuq it-tħaffir tal-mina u xi xogħlijiet għall-bażi tal-ħitan tal-mina u r-rampi tagħha kif ukoll xogħol relatat mas-servizzi. Sar xi tindif tal-art għal skopijiet arkeoloġiċi. | Tlesta x-xogħol fuq it-tħaffir tal-mina u komplew ix-xogħlijiet relatati mal-bażi tal-ħitan. Bdew jinbnew il-ħitan tal-mina. Saru x-xogħlijiet relatati mal-pedestrian underpass. Komplew ix-xogħlijiet ta' servizzi mirdumin, għall-ilma tax-xita u tal-komunikazzjoni. | Bdew jitqiegħdu l-ewwel travi tas-saqaf tal-mina, kif ukoll il-predalle, biex jissaqqaf bejniethom. Tlestew 3 minn 4 rampi li se jservu biex jgħaddu r-rotta ewlenija min-Nofsinhar għaċ-ċentru, għal-livell tar-roundabout. Bdew ir-raba' u l-aħħar minn dawn it-toroq. Ingħatat rotta bejn in-Nofsinhar u ċ-ċentru ta' Malta, sal-aħħar ta' Settembru. Tkompla x-xogħol fuq ir-rotta pedonali biswit Santa Luċija, u l-mina pedonali li taqsam Triq tal-Barrani u tgħaqqad Santa Luċija ma' Ħal Tarxien. Sar xogħol ta' ġbid tal-linji tal-elettriku ġol-mini tas-servizzi. | Hu mistenni li x-xoghol jiffoka fuq il-livell tar-roundabout, u jitkompla xogħol ta' tisbiħ fil-ġnien ta' Santa Luċija, kif ukoll fl-inħawi tal-madwar tal-proġett. Mistennija titlesta l-mina pedonali u r-rampi t'aċċess għaliha.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 124 | Se jitkompla x-xoghol fuq is-Central Link Project. Se nkomplu nżidu l-korsiji għar-roti fosthom dik tas-Central Link Project. | Infrastruttura Malta | Beda xogħol ta’ tindif, taħmil u skavar ta’ materjal sabiex tkun tista’ tiġi ffurmata t-triq il-ġdida. Sar xogħol ta' ħitan ġodda, pedamenti tat-triq, bankini ġodda, infrastruttura għaċ-ċiklisti, tqegħid ta’ servizzi ġodda u asfaltar ġdid għall-wiċċ tat-triq. Sar xogħol ta' asfaltar sabiex tkun tista' issir devjazzjoni tat-traffiku li jgħaddi minn Ħ'Attard f'każ li jkun hemm bżonn. Numru ta' siġar ġew maqlugħa u mħawla f'post ġdid. It-taħmil u t-tqattigħ tal-blat sar taħt is-superviżjoni tal-arkeologi u fuq struzzjonijiet tas-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. | Bdiet tinħatt waħda mill-kmamar ta' wirt storiku, sabiex tkun tista’ terġa' tinbena bl-istess materjal. Dan ix-xogħol qed isir taħt is-superviżjoni tal-esperti mqabbda. Sar ukoll xogħol ta' qlugħ ta' siġar, skont il-permess maħruġ mill-ERA, sabiex dawn reġgħu ġew imħawla f'postijiet oħra. Tkompla x-xogħol fuq is-servizzi l-ġodda li hemm bżonn jiġu mgħoddija inkluż is-sistema ta' drenaġġ u s-sistema ta' ġbir tal-ilma tax-xita. Kompla għaddej il-bini tal-pedamenti tat-triq u l-ħitan il-ġodda. Sar it-tindif tal-blat sabiex ikunu jistgħu jiġu dokumentati numru ta' cart ruts li nstabu f'din iż-żona qabel jitkompla x-xogħol. Matul dawn ix-xogħlijiet saru numru ta' devjazzjonijiet ta’ servizzi eżistenti. Saret ir-rilokazzjoni tal-qabar ta’ valur arkeoloġiku li nstab fi Triq Ferdinandu Inglott, Ħ'Attard. Beda xogħol fuq il-Kappella ta' San Pawl sabiex tissewwa l-ħsara li ġrat fl-2015. | Tkompla u tlesta x-xogħol fuq l-ewwel fażi bejn il-bini tal-MFSA u dak ta' Wied Inċita. Tkompla x-xogħol fuq it-tieni fażi tal-proġett permezz ta' taħmil u tindif għall-arkeoloġija kif ukoll beda l-bini tal-ħitan il-ġodda. | Mistenni jitkompla x-xogħol fuq it-toroq residenzjali fl-ewwel fażi tal-proġett. Mistenni jitkompla l-bini tal-ħitan, xogħol ta' servizzi u l-pedamenti tat-triq il-ġdida fit-tieni fażi tal-proġett bejn Ħ'Attard u r-Rabat. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 125 | Wara li jkun hemm l-approvazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar jingħata bidu għall-proġetti tal-flyovers fl-Imsida, Msida Creek Project. | Infrastruttura Malta | Ġew riveduti l-pjanti ta' dan il-proġett. Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-permess għall-iżvilupp mill-Awtorità tal-Ippjanar. Beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet meħtieġa. | Tkompla l-proċess tal-applikazzjoni għall-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar. Sar id-disinn tas-sistema tal-istormwater. | Ġie ppreparat it-tender sabiex isiru x-xogħlijiet għall-flyover u ntbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti. L-applikazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar ġiet maqsuma f'żewġ partijiet: fresh plans tal-pjanti tal-kumplament tal-proġett u li ġew sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar. Sar u ġie kkonfermat it-traffic modelling bil-pjanti riveduti tal-proġett. Tlestew id-dettalji tad-disinn tal-proġett li jinkludu s-sistema tal-istorm water. | Mistennija jitlestew id-dokumenti u l-informazzjoni addizzjonali mitluba mill-Awtorità tal-Ippjanar fir-rigward taż-żewġ applikazzjonijiet relatati ma' dan il-proġett. F'dan il-perjodu se jibda wkoll il-proċess relatat mal-pubblikazzjoni tat-tender. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 126 | Wara li jkun hemm l-approvazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar jingħata bidu tat-twessigħ ta' Triq Sant' Andrija u l-erba' mini ġodda tal-Pembroke - St Julian's Connections Project. | Infrastruttura Malta | Tkompla x-xogħol fuq id-disinn tal-proġett. Bdew jitħejjew l-istudji li ntalbu bħala parti mill-proċess tal-Awtorità tal-Ippjanar. | Inbdew diskussjonijiet mal-konsulenti dwar il-mudell tat-traffiku. Tlestew ir-rapporti li ntalbu mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Ġiet idddisinjata flyover fl-inkroċju ta' High Ridge kif ukoll ġiet imkabbra r-roundabout ta' ħdejn il-Luxol, li għaddew mit-traffic model. Sar disinn ġdid fl-inħawi ta' Paceville li jagħti għar-roundabout ta' taħt l-art li tinsab biswit il-lukandi Radisson u DB. Dan id-disinn intbagħat għand il-konsulenti sabiex jiġi verifikat it-traffic model. | Mistennija jkomplu jiġu mħejjija d-dokumenti u l-informazzjoni addizzjonali mitluba mill-Awtorità tal-Ippjanar fir-rigward ta' tali applikazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 127 | Il-Gvern qed jaħdem ukoll biex joħloq spazji aktar siguri biex inħajru aktar persuni jużaw mezzi tal-ivvjaġġar alternattivi u aktar sostenibbli. Fil-fatt, is-sena d-dieħla se nintroduċu f'Malta l-ewwel pontijiet pedonali mibnija b'rampi apposta biex jintużaw b'aktar kumdità miċ-ċiklisti. Ix-xogħol fi Blata l-Bajda beda diġà. | Infrastruttura Malta | Tkompla x-xogħol ta' fabbrikazzjoni tal-istruttura tal-pont fi Blata l-Bajda. Beda x-xogħol fuq il-pedamenti u fuq l-istruttura tal-bini. L-istruttura tal-pont ġiet immuntata fil-post fuq l-istruttura li nbniet. Beda x-xogħol fuq il-pavimentar tal-pont kif ukoll fuq ir-rampa li ser tgħaqqad il-pont mal-bankina li tagħti lejn il-Ħamrun. | Ix-xogħol ġie ffukat fuq il-kostruzzjoni u l-installazzjoni tar-rampi fin-naħa tal-Ħamrun. Saru xogħlijiet ta' finishing fuq il-ħadid tal-pont kif ukoll xogħol ta' pavimentar. Saret l-installazzjoni tal-lift u b'hekk dan il-pont beda jintuża mill-pubbliku. | | | Implimentata |
| 128 | Il-Gvern qed jaħdem ukoll biex joħloq spazji aktar siguri biex inħajru aktar persuni jużaw mezzi tal-ivvjaġġar alternattivi u aktar sostenibbli. Fil-fatt, is-sena d-dieħla se nintroduċu f'Malta l-ewwel pontijiet pedonali mibnija b'rampi apposta biex jintużaw b'aktar kumdità miċ-ċiklisti. Ix-xogħol fil-Gudja beda diġà. | Infrastruttura Malta | Tkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni u installazzjoni fuq ir-rampi u l-istruttura tal-pont pedonali. L-istruttura tal-pont ġiet fabbrikata f'post barra mis-sit. Meta din tlestiet, tpoġġiet f'postha f'biċċa waħda. | Tlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni u installazzjoni fuq ir-rampi u l-istruttura tal-pont pedonali. Ġew installati l-lifts u tlesta x-xogħol fuq ir-railings u fuq id-dwal għall-pont u r-rampi. Tlestew l-aħħar xogħlijiet ta' finishings, CCTV u snags. | Tkomplew l-aħħar xogħlijiet ta' finishings, CCTV u snags. | Mistennija jitlestew l-isnags. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 129 | **Il-Gvern qed jaħdem ukoll biex joħloq spazji aktar siguri biex inħajru aktar persuni jużaw mezzi tal-ivvjaġġar alternattivi u aktar sostenibbli. Fil-fatt, is-sena d-dieħla se nintroduċu f'Malta l-ewwel pontijiet pedonali mibnija b'rampi apposta biex jintużaw b'aktar kumdità miċ-ċiklisti. Infrastructure Malta se taghmel ieħor ħdejn l-MCAST, biex tgħaqqad flimkien l-inħawi ta' Kordin mal-qalba ta' Raħal Ġdid.** | Infrastruttura Malta | Qed tiġi proċessata l-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp mill-Awtorità tal-Ippjanar. Il-kuntrattur għax-xogħlijiet meħtieġa ntgħażel u beda jipprepara d-dokumenti neċessarji u jkellem lill-entitajiet tas-servizzi sabiex jippjana l-programm tax-xogħol. | Tlesta d-disinn tal-pedamenti tal-pont kif ukoll id-disinn ta' partijiet oħra tas-sit fejn hemm il-pedamenti. Tlestiet l-analiżi ġeoloġika fis-sit. Beda x-xogħol ta' manifattura tal-istruttura tal-ħadid tal-pontijiet pedonali. | L-istruttura twasslet Malta u tpoġġiet fil-post, bdew ix-xogħlijiet tar-rampi, passaġġi, taraġ, ħitan u fuq ix-xaft tal-lift. Bdew xogħlijiet ta' finishings u fittings. Ingħata l-executable permit mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Mistennija jitlestew ix-xogħlijiet ta' finishes. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 130 | Se jkompli wkoll il-programm ta' tiswijiet u manutenzjoni tat-toroq u l-bini mill-ġdid tat-toroq fil-kampanja biex noħolqu aċċessi aħjar għall-bdiewa tagħna. | Infrastruttura Malta | Bdew ix-xogħlijiet f'toroq rurali li fihom kellhom isiru xogħlijiet ta' tiswijiet, manutenzjoni u wiċċ ġdid. | Tlestew ix-xogħlijiet fit-toroq rurali li kienu ppjanati għal din is-sena. Mill-bidu tas-sena sal-aħħar ta' April 2020 tlestew xogħlijiet f'24 triq rurali. It-toroq huma Triq Misraħ il-Barrieri, l-Imġarr; Triq Hanibal, H'Attard; Sqaq San Tumas, iż-Żurrieq; Unnamed Road off Triq Ħal Farruġ; Triq in-Nadur, Birżebbuġa; Sqaq il-Mejda, il-Qrendi; Unnamed Road off Triq San Ġużepp No. 2, Ħaż-Żabbar; Triq il-Kaċċa, Ħaż-Żebbuġ; Road in limits of Ħlantun, iż-Żurrieq; Unnamed Road off Triq il-Mellieħa, il-Mellieħa; Triq Limiti ta' Wied Ganu, iż-Żurrieq; Triq Brolli, Ħas Saptan; Unnamed Road off Triq Gianpula, ir-Rabat; Triq Limiti tar-Raba' Nemel, ir-Rabat; Triq il-Fortizza, il-Wardija; New Street in Triq ir-Rabat, Ħad-Dingli; Triq Santa Katarina tal-Baqqari, iż-Żurrieq; P/O Triq is-Serer, Ħaż-Żabbar; | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 130 kont. | | | | Unnamed Road off Vjal l-Avjazzjoni, Ħal Luqa; Unnamed Road off Triq Ta' Santi, ir-Rabat; Triq Prepostu, San Ġwann; Trejqet il-Prof. B. Griffiths, Tas-Salib, ir-Rabat; Unnamed Road off Triq Bur ix-Xewk, is-Siġġiewi; Triq Wied Fulija, iż-Żurrieq; Triq tal-Għaqba, Ħaż-Żebbuġ. | | | |
| 131 | Fil-qasam marittimu, il-Gvern se jibda xogħol fuq tliet ferry landing sites oħra. Wara li tlestiet l-ewwel fażi tal-proġett tal-ferry landing site ta' Marsamxett, b'investiment ta' madwar mitejn elf ewro (€200,000), it-taqsima tal-infrastruttura marittima ta' Infrastructure Malta se timmodernizza tliet siti oħra simili. Barra minn hekk, fit-tieni fażi tal-proġett se jinħolqu faċilitajiet ta' kenn aħjar għall-persuni li jkunu qed jistennew biex jirkbu l-laneċ. | Infrastruttura Malta | Bdew l-istudji sabiex jiġu identifikati portijiet fejn jistgħu jinbnew ferry landing sites. Ġew ikkunsidrati l-portijiet tal-Mellieħa, Marsaxlokk u Marsaskala. | Komplew l-istudji fuq il-portijiet tal-Mellieħa, Marsaxlokk u Marsaskala. | Saru laqgħat bejn Infrastruttura Malta u Transport Malta biex tiġi stabbilita kif se jipproċedu ż-żewġ entitatjiet fuq din il-miżura. | Mistennija jiġu konklużi d-diskussjonijiet bejn iż-żewġ entitajiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 133 | Fil-qasam marittimu, se jitkompla l-bini ta' breakwater tal-Qrejten ġewwa l-bajja ta' Marsaxlokk. | Infrastruttura Malta | Tkompla l-bini tal-breakwater fis-sit bix-xogħlijiet jinkludu t-taħmil, tqegħid ta' blokok tal-konkos u mili tal-istess blokok bil-konkos sabiex b'hekk jinbena l-breakwater. Bdiet l-installazzjoni ta' numru ta' servizzi fuq il-breakwater. Sal-aħħar ta' Marzu 2020 kienu tlestew l-ewwel għaxar fażijiet ta' dan il-proġett fejn kull fażi għandha tul totali ta' 60 metru. | Tlesta x-xogħol kollu li għandu jsir taħt wiċċ l-ilma. Beda xogħol fuq il-breakwater 'il fuq minn wiċċ il-baħar. Beda jitpoġġa blat man-naħa ta' quddiem tal-breakwater li jservi ta' lqugħ sabiex miegħu titkisser il-qawwa tal-mewġ. | Kompla x-xogħol tad-deck u l-wave wall, bdew jitpoġġew is-sleeves għas-servizzi u kompla jitpoġġa l-blat man-naħa ta' quddiem tal-breakwater. | Mistenni jitkompla x-xogħol tal-kostruzzjoni tad-deck u l-installazzjoni tas-servizzi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 136 | Is-servizz tat-trasport pubbliku li nedejna permezz tal-On Demand Buses, fejn wieħed jista' jibbukkja vettura permezz ta' telefonata jew mobile app, sejrin inkomplu nsaħħuħ. | L-Awtorità tat-Trasport f'Malta (TM) | Is-servizz tat-Transport on Demand ġie introdott f'Malta f'Mejju 2019. Dan is-servizz jgħin lil min ikun irid jivvjaġġa minn post għal ieħor fl-inħawi li jinkludu San Ġiljan, Tas-Sliema, Pembroke, l-Isptar Mater Dei u l-Belt Valletta, fejn jirriserva post fuq waħda mill-vetturi tal-operatur permezz ta' app. Minn meta ġie introdott is-servizz sa Marzu 2020 kien hemm madwar 30,000 persuna li bbenefikaw minn dan is-servizz ġdid. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 137 | **Fil-qasam marittimu se nkomplu nikkonsolidaw il-pożizzjoni ta' pajjiżna bħala ċentru marittimu ta' eċċellenza. Se jibqa' jkun hemm inċentivi biex nattiraw aktar kumpaniji li joperaw f'din l-industrija lejn pajjiżna.** | L-Awtorità tat-Trasport f'Malta (TM) | Saru diversi laqgħat ma' stakeholders fl-industrija biex twettqu diversi konsultazzjonijiet sabiex b'hekk tkompli tissaħħaħ il-pożizzjoni ta' Malta bħala ċentru marittimu. L-Avviż Legali Nru 31 tal-2020 intitolat Merchant Shipping (Shipping Organisations – Private Companies) (Amendment) Regulations, 2020 ġie ppubblikat. Dan jintroduċi emendi għar-regolamenti prinċipali biex jikkoreġu l-iżbalji jew omissjonijiet fir-regolamenti prinċipali. Dan l-avviż legali jżid karatteristiċi innovattivi li diġà jeżistu f'partijiet oħra tal-liġi Maltija dwar il-kumpaniji tat-tbaħħir, kif ukoll jinkorpora penali għall-ksur tar-regolamenti. Ġew introdotti dispożizzjonijiet ġodda dwar il-kontijiet annwali kif ukoll eżenzjonijiet għall-kumpaniji żgħar. | Komplew diversi laqgħat u konsultazzjonijiet ma' stakeholders fl-industrija. L-Avviż Legali Nru 248 tal-2020 intitolat Regolamenti dwar Companies Act (Shipping and Aviation Cell Companies), 2020 ġie ppubblikat. Dawn ir-Regolamenti jippermettu li kumpaniji tat-tbaħħir joħolqu strutturi ġodda permezz ta' kumpaniji 'Cell'. Il-vantaġġi ta' kumpaniji 'Cell' jinkludu li l-kumpaniji japplikaw mas-sistema tat-taxxa ta' Malta u jkun hemm bord wieħed tad-diretturi u sett wieħed ta' Memorandum and Articles. | Kompliet il-ħidma biex tiġi konsolidata l-pożizzjoni ta' pajjiżna bħala Ċentru Marittimu ta' eċċellenza permezz ta' diversi laqgħat u konsultazzjonijiet ma' diversi stakeholders fl-industrija. Ġiet ikkonsultata l-industrija biex isiru l-emendi meħtieġa fl-Att dwar il-Bastimenti Merkantili. | Ser ikun qed jiġi introdott Ktieb tal-Baħar (Yachting Log Book) għall-ekwipaġġ kollu fuq yachts u super yachts li jkunu rreġistrati taħt il-bandiera Maltija. Ser tiġi introdotta s-sistema diġitali ta' soluzzjoni integrata għaċ- Ċertifikazzjoni ta' Baħħara, fejn l-applikant ikun jista' japplika għas-servizz ta' ċertifikazzjoni online. Ser jiġi rivedut il-Commercial Yacht Code kif ukoll in-Non Convention Vessel Code f' konsultazzjoni ma' diversi stakeholders fl- industrija, inklużi surveyors maħtura. Ser jiġu ppubblikati l-emendi fl-Att dwar il-Bastimenti Merkantili u jitkomplew il-konsultazzjonijiet ma' diversi stakeholders fl-industrija biex nikkonsolidaw il-pożizzjoni ta' pajjiżna bħala Ċentru Marittimu ta' eċċellenza. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 138 | Fil-qasam marittimu se nkomplu nikkonsolidaw il-pożizzjoni ta' pajjiżna bħala ċentru marittimu ta' eċċellenza. Ser nikkonsolidaw ir-Reġistru tal-Bastimenti Merkantili sabiex jibqa' l-ewwel fl-Unjoni Ewropea u sitt l-akbar fid-dinja. | L-Awtorità tat-Trasport f'Malta (TM) | Tkomplew il-laqgħat ma' stakeholders fl-industrija marittima li jippromovu l-bandiera Maltija għar-reġistrazzjoni ta' bastimenti merkantili. | Tkomplew il-laqgħat ma' stakeholders fl-industrija marittima li jippromovu l-bandiera Maltija għar-reġistrazzjoni ta' bastimenti merkantili. Ġie mħabbar li r-Reġistru Marittimu Malti jinsab mal-aqwa 20 reġistru fil-lista l-bajda tal-ftehim ta’ Pariġi. Dan juri li r-Reġistru Marittimu Malti jimxi ma’ konformi u konvenzjonijiet internazzjonali ta’ sigurtà u prevenzjoni ta’ tniġġis. | Komplew il-laqgħat ma’ stakeholders fl-industrija marittima biex tibqa' tiġi reklamata l-bandiera Maltija għar-reġistrazzjoni ta’ bastimenti merkantili sabiex inkomplu nikkonsolidaw il-pożizzjoni ta’ pajjiżna bħala ċentru marittimu ta’ eċċellenza. | Fix-xhur li ġejjin ser isiru laqgħat ma' diversi stakeholders fl-industrija marittima li jippromovu l-bandiera Maltija għar-reġistrazzjoni ta’ bastimenti merkantili. Dawn il- laqgħat ikomplu jistabbilixxu l-pożizzjoni ta’ pajjiżna bħala Ċentru Marittimu ta’ eċċellenza. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 139 | Qegħdin insaħħu l-liġi sabiex l-investigazzjonijiet relatati mas-sigurtà fit-trasport bil-baħar, bl-ajru u fit-triq ikunu jaqgħu taħt aġenzija waħda msejħa Transport Safety Investigation Agency. Ir-rapporti li toħroġ din l-aġenzija jkun jista' jarahom il-pubbliku, bl-intenzjoni tagħha ma tkunx li tara ta' min kien it-tort li seħħ l-inċident iżda minflok tirrakkomanda metodi li bihom intejbu l-livell tas-sigurtà fit-trasport. | Transport Safety Investigation Agency | Bi tħejjija għat-twaqqif tal-Aġenzija, beda x-xogħol fuq MoUs ma' entitajiet li l-Aġenzija se taħdem magħhom fosthom il-Korp tal-Pulizija, Infrastruttura Malta, Transport Malta, id-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili u l-Awtorità tas-Saħħa u Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol. Inbeda xogħol fuq il-branding tal-Aġenzija kif ukoll xogħol strutturali fuq il-binja li ser tospita lill-Aġenzija. Tlesta l-proċess biex l-Aġenzija tingħata l-apparat elettroniku meħtieġ biex tagħmel l-investigazzjonijiet tagħha. Beda l-abbozzar tal-qafas legali li permezz tiegħu ser titwaqqaf u tkun regolata din l-Aġenzija. | Ġew trasferiti l-Marine Safety Investigation Unit ta' Transport Malta u l-Bureau of Air Accident Investigation fil-binja l-ġdida. Tkompla x-xogħol fuq il-qafas legali b'konsultazzjoni mal-Avukat tal-Istat. Bdew sensiela ta' laqgħat mal-Industrial Relations Unit biex tiġi maqbula l-istruttura tal-Aġenzija u s-salarji tagħha. Bdew l-ewwel xogħlijiet fuq is-sit elettroniku tal-Aġenzija. | Ġie konkluż ix-xogħol fuq il-branding tal-Aġenzija. Saru preparamenti u bdew il-laqgħat mal-Ministeru għall-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza, l-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat fejn ġie diskuss l-operat u l-abozz tal-Aġenzija bħala entità investigattiva tas-sigurtà fl-avjazzjoni, marittima u tal-art. Bdiet ukoll l-analiżi tal-abbozz tal-liġi sussidjarja fuq GDPR. | Mistennija jiġu diskussi r-rakkomandazzjonijiet li ġew riċevuti wara l-laqgħat li saru biex l-emendi meħtieġa jintbagħtu lill-Ministeru għall-Ġustizzja, Ugwaljanza u Governanza.<br><br>Mistennija titlesta l-analiżi tal-GDPR. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 140 | **Konnettività fuq il-baħar. Qegħdin ninvestu wkoll fil-ferry landing sites eżistenti sabiex intejbuhom.** | Infrastruttura Malta | Wara li tlestew l-investigazzjonijiet ġeotekniċi, bdew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tas-substructure fuq ferry landing sites f'Bormla u f'Tas-Sliema. Bdiet il-preparazzjoni tad-dokumenti għall-applikazzjoni għall-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar għas-superstructure f'Bormla.<br><br>Għaddej studju fuq il-proġett ta' Marsamxett. Kompla wkoll l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-permess għal dan is-sit.<br><br>Beda xogħol fuq id-disinn ta' Ta' Xbiex u Buġibba u ġie riċevut rapport fuq id-disinn konċeptwali. | F'Bormla u f'Tas-Sliema tkomplew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-istruttura ta' taħt wiċċ il-baħar. Ġew ippubblikati sejħiet għall-offerti għas-superstructure f'Bormla u f'Tas-Sliema filwaqt li beda wkoll l-abbozzar ta' sejħiet għall-offerti għax-xogħol ta' rampi u fenders f'dawn is-siti.<br><br>Kompla l-proċess mal-Awtorità tal-Ippjanar fuq il-proġett ta' Marsamxett. Beda x-xogħol fuq id-disinn kif ukoll l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għas-superstructure għal dan is-sit.<br><br>Ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar fuq il-proġett ta' Ta' Xbiex. Tkompla x-xogħol ta disinn fuq il-proġett ta' Buġibba u Ta' Xbiex kif ukoll saru s-surveys meħtieġa taħt l-ilma. Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għall-istudji ġeotekniċi għaż-żewġ siti. | F'Bormla u f'Tas-Sliema tkomplew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-istruttura ta' taħt wiċċ il-baħar. Qed jiġu evalwati s-sejħiet għall-offerti għas-superstructure f'Bormla u f'Tas-Sliema, filwaqt li qed jitkompla wkoll l-abbozzar ta' sejħiet għall-offerti għax-xogħol ta' rampi u fenders f'dawn is-siti.<br><br>Marsamxett - Tkompla l-istudju matematiku. Tlesta d-disinn tas-superstructure għal dan is-sit.<br><br>Ta' Xbiex - Ġie mħejji l-Project Description Statement u saret sejħa għall-offerti għal studji ġeotekniċi, arkeoloġiċi u kimiċi. Is-survey topografiku u tal-bugħaddasa ġie komplut. Ġie sottomess dokument għall-approvazzjoni tal-ERA relatat mal-metodoloġija ta' kif se jsir il-benthic study u beda x-xogħol ta' disinn u dokumentazzjoni għas-sejħa għall-offerti. | Bormla u Tas-Sliema - Mistennija jitkomplew ix-xogħlijiet fuq is-sit.<br><br>Marsamxett - Mistenni jitlesta l-istudju matematiku u jiġi finalizzat id-disinn biex jiġi eventwalment approvat mill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Ta' Xbiex - Mistenni jitkompla l-proċess tal-Awtorità tal-Ippjanar u jitlestew id-dokumenti għas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet u tiġi ppubblikata. Mistennija jinbdew studji arekeoloġiċi u ambjentali ladarba jiġu mitluba mill-Awtorità għall-Ambjent u Riżorsi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **140 kont.** | | | | | San Pawl il-Baħar - Ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-permess lill-PA. Is-survey topografiku ġie komplut. Ġie sottomess dokument għall-approvazzjoni tal-ERA relatat mal-metodoloġija ta' kif se jsir il-benthic study. Kompla jiġi ppreparat il-Project Description Statement. Saret sejħa għall-offerti għal studji ġeotekniċi u kimiċi. | San Pawl il-Baħar - Mistenni jitkompla l-proċess tal-Awtorità tal-Ippjanar. Mistennija jinbdew studji ambjentali ladarba jiġu mitluba mill-Awtorità għall-Ambjent u Riżorsi. Għandha toħroġ is-sejħa għall-offerti għal studju matematiku tal-mewġ fiż-żona. | |
| **141** | **Konnettività fuq il-baħar. Sejrin nagħmlu sejħiet ġodda sabiex inżidu l-konnessjonijiet bil-baħar li fost l-oħrajn se jinkludu żoni bħall-Kottonera, Marsaxlokk, Marsaskala, San Pawl il-Bahar, San Ġiljan u l-Mellieħa u oħrajn.** | L-Awtorità tat-Trasport f'Malta (TM) | Bdiet tiġi preparata sejħa għall-proposti ta' servizz bil-baħar bejn il-portijiet indikati. | Tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-proposti ta' servizz bil-baħar bejn il-portijiet indikati u d-dokument intbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-ivvettjar meħtieġ. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-proposti għall-provvediment ta' servizzi skedati ta' ferry għall-passiġġieri bil-baħar. Ġew riċevuti xi appelli minn partijiet diversi u dawn bdew jiġu mwieġba. | Mistennija jitlestew u jiġu mwieġba l-appelli, titlesta l-evalwazzjoni tal-proposti riċevuti u jiġi nominat l-offerent preferut. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| **143** | **L-iskema li tinċentiva wkoll ix-xiri ta' muturi, scooters, u roti assistiti b'mutur tal-elettriku għal massimu ta' €400 se tiġi estiża għas-sena d-dieħla.** | L-Awtorità tat-Trasport f'Malta (TM) | Saru l-preparamenti meħtieġa sabiex l-iskema tiġi mnedija, inkluż it-tlestija tal-applikazzjoni għal din l-iskema li permezz tagħha ser jiġi inċentivat ix-xiri ta' muturi, scooters u roti assistiti b'mutur elettriku. | L-iskema ġiet imnedija f'April 2020. Bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet u ngħataw il-fondi lill-applikanti li jikkwalifikaw għal din l-iskema. Dan il-proċess ser jibqa' jsir bħala parti mill-operat tal-entità. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 145 | Skemi oħra: Għal sena oħra se jiġu estiżi l-iskemi ta' skrappjar ta' vetturi. Il-grant se tvarja skont kemm tniġġes il-vettura l-gdida. Vettura li tniġġes l-inqas il-grant tkun ta' elf u ħames mitt ewro. | L-Awtorità tat-Trasport f'Malta (TM) | Saru l-preparamenti meħtieġa sabiex l-iskema tiġi mnedija, inkluż it-tlestija tal-applikazzjoni għal din l-iskema li permezz tagħha ser jiġi inċentivat l-iskrappjar ta' karozzi li jniġġsu. | L-iskema ġiet imnedija f'April 2020. Bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet u ngħataw il-fondi lill-applikanti li jikkwalifikaw għal din l-iskema. Dan il-proċess ser jibqa jsir bħala parti mill-operat tal-entità. | | | Implimentata |
| 146 | Skemi oħra: L-għoti ta' grant għal min jaqleb il-vettura tiegħu biex taħdem bil-gass minflok bil-petrol hija ta' €200. | L-Awtorità tat-Trasport f'Malta (TM) | Saru l-preparamenti meħtieġa sabiex l-iskema tiġi mnedija, inkluż it-tlestija tal-applikazzjoni għal din l-iskema li permezz tagħha ser jiġi inċentivat l-użu ta' vetturi b'enerġija aktar nadifa. | L-iskema ġiet imnedija f'April 2020. Bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet u ngħataw il-fondi lill-applikanti li jikkwalifikaw għal din l-iskema. Dan il-proċess ser jibqa' jsir bħala parti mill-operat tal-entità. | | | Implimentata |
| 225 | Ser inniedu proġetti pilota li jaħdmu bl-AI - AI for Traffic Management (Transport Malta). | L-Awtorità tat-Trasport f'Malta (TM) | Beda studju ta' kif din il-miżura tista' tkun implimentata. | Tkompla l-istudju, inkluż konsultazzjoni mal-istakeholders, ta' kif din il-miżura se tkun implimentata u tħejja pjan ta' azzjoni mifrux fuq medda ta' 3 snin. | Saru laqgħat interni biex jiġi diskuss il-futur u l-iżvilupp għal din il-miżura. Ġie mwaqqaf grupp internament magħmul minn speċjalisti fis-setturi varji (Teknoloġija, Immaniġġjar ta' Proġetti, Uffiċjali fuq Privatezza tal-Informazzjoni u avukat) biex jassistu f'dan il-proġett. Inkitbet ukoll sejħa għall-offerti biex jinħatar l-espert fuq l-Intelliġenza Artifiċjali biex jgħin għas-suċċess ta' dan il-proġett. | Mistenni jiġi maħtur l-espert tal-Intelliġenza Artifiċjali u jibdew jinkitbu l-abbozzi li se jwasslu għat-tnedija tal-offerti li se jkunu jistgħu jiġu sottomessi fuq is-sistema tal-e-procurement. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 260 | **Avjazzjoni. Il-Gvern huwa kommess li jkompli jkabbar dan is-settur fosthom bl-iżvilupp ta' setturi ġodda bħal dak tad-drones. Se nkunu qed naħdmu biex naraw kif niżviluppaw niċċa ġdida ta' attività ekonomika fis-settur tad-Drones (Remotely Piloted Aircraft Systems) li qed jiżviluppa b'rata mgħaġġla madwar id-dinja. Malta għandha l-potenzjal li tattira kumpaniji barranin għal skopijiet ta' riċerka u esperimentazzjoni ta' teknoloġiji innovattivi u taħriġ f'dan il-qasam ġdid.** | L-Awtorità tat-Trasport f'Malta (TM) | Saru diversi laqgħat fosthom mal-Kummissarju tal-Pulizija, il-Kummissarju tal-Protezzjoni tad-Data u l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur. Ġew ikkuntattjati diversi awtoritajiet Maltin sabiex jiġu identifikati żoni fejn l-użu tad-drones huwa projbit jew ristrett bħall-isptarijiet, faċilitajiet korrettivi u riżervi naturali. Malta, flimkien ma' pajjiżi oħra membri tal-European Union Aviation Safety Agency (EASA), ipparteċipat f'kull laqgħa li saret sabiex jiġu żviluppati l-mistoqsijiet għall-eżami tal-piloti tad-drones. | Inġabret lista ta' żoni f'Malta fejn l-użu tad-drones huwa projbit jew ristrett. Ġew riċevuti mingħand l-EASA bosta dokumenti relatati mal-introduzzjoni tar-regolamenti għad-drones sabiex jiksbu l-opinjonijiet u l-kummenti ta' Malta bħala stat membru tal-EASA. Peress li l-EASA pposponiet il-ħruġ tar-Regolamenti Ewropej tad-Drones għall-31 ta' Diċembru 2020, il-ħruġ tar-regolamenti lokali għad-drones ser isir aktar tard, peress li dawn ser ikunu bbażati fuq ir-regolament li se toħroġ l-EASA. | Tkompla l-proċess ta' ħidma mal-Malta Enterprise, sabiex b'hekk ġew evalwati l-artijiet li huma addattati sabiex jintużaw għal dan il-proġett tad-drones. Fosthom intgħażlet l-art li ser tkun qed isservi għat-tagħlim tat-titjir tad-drones. Għaldaqstant, Transport Malta -Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili (TM-CAD) ser toħroġ l-ewwel ċertifikat għal skola tat-tagħlim tad-drones li toffri lezzjonijiet kemm tat-teorija kif ukoll tal-prattika. Komplew għaddejjin id-diskussjonijiet mal-kumpanija li toffri servizz ta' UTM (Unmanned Traffic Management). | Hu mistenni li s-sistema tar-reġistrazzjoni tad-drones online tkun tiffunzjona. Mistennija tidħol fis-seħħ ukoll is-sistema ta' UTM f'Malta, fejn drones jistgħu jintużaw għal bosta użi, b'mezzi aktar effiċjenti u avvanzati. Huwa mistenni li CAD ittemm il-laqgħat u d-diskussjonijiet li ilhom għaddejjin mal- European Union Aviation Safety Agency (EASA) fejn l-istess CAD tkun qed tistenna r-regolamenti jidħlu fis-seħħ sabiex b'hekk dan il-proġett ikun intemm u jibda jaħdem kif suppost. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 261 | **Avjazzjoni. Matul din is-sena, il-Ministeru għat-Turiżmu qed jaġġorna l-politika tal-avjazzjoni.** | L-Awtorità tat-Trasport f'Malta (TM) | Ġie evalwat l-impatt tal-implimentazzjoni ta' politika ġdida tal-avjazzjoni, inkluż l-impatt tal-imxija COVID-19 fuq is-settur. | Bdew il-preparamenti sabiex tiġi abbozzata l-politika tal-avjazzjoni l-ġdida li se tkopri l-għaxar snin li ġejjin. | Ġie determinat li jitwaqqaf aviation advisory committee u roundtable għas-settur. Beda jsir studju bħala preparazzjoni għal policy dwar l-avjazzjoni għall-għaxar (10) snin li ġejjin. | Mistenni jitkompla u jitlesta l-istudju bħala preparazzjoni għal policy dwar l-avjazzjoni. Mistennija jitlaqqgħu l-aviation advisory committee u roundtable għas-settur. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 263 | **Il-Malta Air Traffic Services se tkompli tinvesti f'sistemi ġodda tal-aħħar teknoloġija għall-immaniġġjar tat-traffiku.** | Malta Air Traffic Services Ltd (MATS) | Is-sistema l-ġdida għall-immaniġġjar tat-traffiku tal-ajru waslet u ġie komplut il-Factory Acceptance Test. | Ix-xogħol ma setax jimxi skont il-pjan oriġinali peress li kien jirrikjedi li l-impjegati tal-kumpanija barranija jiġu Malta. Dan ma setax isir minħabba restrizzjonijiet marbuta mal-imxija tal-COVID-19. | Din il-miżura ġiet temporanjament posposta minħabba s-sitwazzjoni kurrenti tal-imxija tal-Covid-19. | Mistenija jitkomplew ix-xogħlijiet jekk il-kuntrattur ikun jista' jiġi Malta. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 264 | **Se jitkompla wkoll ix-xogħol preparatorju għall-bini ta' Air Traffic Control Centre ġdid.** | Malta Air Traffic Services Ltd (MATS) | Il-pjanti u d-disinn tat-torri tal-kontroll komplew jiġu żviluppati. Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għall-iskavar tas-sit fejn se jinbena l-Air Traffic Control Centre l-ġdid. | Is-sistema ta' finanzjament tal-Air Navigation Services, li permezz tagħha kien ser jiġi ffinanzjat il-kumpless, ser tiġi rtirata mill-Kummissjoni Ewropea u għaldaqstant ser tkompli l-ħidma sabiex jinkiseb il-finanzjament meħtieġ sabiex ikun jista' jitwettaq dan il-proġett. | Ġie finalizzat ix-xogħol fuq il-pjanti. | Mistennija tiġi sottomessa l-applikazzjoni tal-bini lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 265 | Wara li din is-sena l-Valletta Cruise Port se jkun qiegħed jilqa' numru rekord ieħor ta' passiġġieri, is-sena d-dieħla tidher li se tkun waħda pożittiva wkoll. Għalhekk, biex inkomplu ntejbu l-faċilitajiet, il-Gvern għaddej f'diskussjonijiet mal-Valletta Cruise Port sabiex isiru l-upgrades li hemm bżonn f'Pinto 4 u 5 u anke fil-faċilitajiet tal-landings ta' Lascaris. | Infrastruttura Malta | Ġew finalizzati u sottomessi d-dokumenti meħtieġa lill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jinkiseb il-permess. Il-kuntrattur li ser joffri landing place alternattiv għad-dgħajjes tal-pass intgħażel u beda jipprepara d-dokumenti neċessarji u jkellem lill-entitajiet tas-servizzi sabiex jippjana l-programm tax-xogħol. Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni tal-mollijiet. | Tkompla l-proċess tal-applikazzjoni għall-permessi tal-Awtorità tal-Ippjanar u tal-ERA. Bdew il-preparamenti amministrattivi u tekniċi rigward il-fabbrikazzjoni tal-landing platform għad-dgħajjes tal-pass. Intemm l-istudju ekoloġiku. Beda x-xogħol fuq landing place ġdid għad-dgħajjes tal-pass. Tlestew it-testijiet kimici fuq il-materjal minn qiegħ il-baħar kif ukoll l-istudju fuq il-kontaminazzjoni f'Lascaris. | Tkompla l-proċess tal-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar fuq is-sit ta' Lascaris. Tkompla x-xogħol fuq il-landing place ġdida għad-dgħajjes tal-pass. | Mistenni jitkompla l-proċess tal-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanaar fuq is-sit ta' Lascaris. Se jitkompla x-xogħol fuq il-landing place ġdida għad-dgħajjes tal-pass. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 277 | Jibqa' għaddej ix-xogħol biex jiġi introdott is-servizz tal-fast ferry. | L-Awtorità tat-Trasport f'Malta (TM) | Sar studju fuq l-implimentazzjoni ta' din il-miżura, saru diversi laqgħat u ġiet abbozzata sejħa għall-offerti għall-operat tal-fast ferry. | Ġie deċiż li dan is-servizz se jiġi integrat mas-servizz ġdid li qiegħed jiġi mfassal ta' ferry bejn portijiet diversi f'Malta u f'Għawdex. Tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-proposti ta' servizz bil-baħar bejn il-portijiet differenti u d-dokument intbagħat lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-ivvettjar meħtieġ. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-proposti għall-provvediment ta' servizzi skedati ta' ferry għall-passiġġieri bil-baħar. Ġew riċevuti xi appelli minn partijiet diversi u dawn bdew jiġu mwieġba. | Mistennija jitlestew u jiġu mwieġba l-appelli, titlesta l-evalwazzjoni tal-proposti riċevuti u jiġi nominat l-offerent preferut. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 279 | Il-Gvern huwa determinat li jwettaq il-ħolma tal-Għawdxin li jkollhom konnessjoni permanenti bejn Malta u Għawdex, konnessjoni li tiftaħ il-gżira Għawdxija għal ħafna opportunitajiet ta' żvilupp ekonomiku u soċjali, konnessjoni li twaqqaf l-eżodu taż-żgħażagħ Għawdxin minn Għawdex. L-istudji għall-proġett tal-mina bejn il-gżejjer li qed iwettqu diversi esperti minn oqsma differenti se jkomplu jiġu konklużi fix-xhur li ġejjin. Fost dawn, hemm id-disinji preliminari tal-mina u l-impatt ambjentali, ekonomiku u soċjali ta' dan l-investiment.<br><br>Wara li f'Diċembru li għadda ħarġet il-pre-information notice fil-ġurnal uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, Infrastructure Malta għaddejja bl-aħħar preparamenti biex fil-ġimgħat li ġejjin jiġi ppubblikat il-pre-qualification questionnaire li fih se jkollu t-tagħrif tekniku kollu meħtieġ | Infrastruttura Malta | Kompla l-proċess marbut mal-Pre-Qualification Questionnaire għad-Design, Build, Finance, Maintain and Transfer tal-mina. Beda jsir l-Environment Impact Assessment tal-proġett u kompla jsir il-Cost Benefit Analysis. | Għalaq il-proċess marbut mal-Pre-Qualification Questionnaire u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. Komplew isiru kemm l-Environment Impact Assessment kif ukoll il-Cost Benefit Analysis. | Tkompliet l-evalwazzjoni tal-Pre-Qualification Questionnaire. Tkomplew l-istudji speċifiċi li jiffurmaw parti mill-Istudju għall-Impatt Ambjentali (EIA), fosthom dawk għall-micro-simulation model. Tkompla x-xogħol fuq il-Cost Benefit Analysis aġġornat. | Mistenija titkompla l-evalwazzjoni tal-Pre-Qualification Questionnaire. Tkomplew l-istudji speċifiċi li jiffurmaw parti mill-Istudju għall-Impatt Ambjentali (EIA), fosthom dawk għall-micro-simulation model, kif ukoll jitkompla x-xogħol fuq il-Cost Benefit Analysis aġġornat. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **279 kont.** | biex investituri/ kuntratturi prospettivi jikkonfermaw li għandhom il-ħiliet u kapaċità biex iwettqu l-proġett. | | | | | | |

MINISTERU GĦALL-FAMILJA, DRITTIJIET TAT-TFAL U SOLIDARJETÀ SOĊJALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Kumpens għall-għoli tal-ħajja. Għas-sena d-dieħla ż-żieda għall-għoli tal-ħajja se tkun ta' tliet ewro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€3.49) fil-ġimgħa. Din iż-żieda se tingħata lill-pensjonanti u lil dawk fuq il-benefiċċji soċjali. | Income Support and Compliance Division | Saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema elettronika, sar l-ittestjar meħtieġ u bdew jinħarġu l-pagamenti dovuti biż-żieda tal-għoli tal-ħajja. | | | | Implimentata |
| 17 | Aktar żidiet fil-pensjonijiet. Għall-ħames sena wara l-oħra se nżidu lill-pensjonanti kollha tas-sigurtà soċjali, cioè pensjonanti tal-irtirar, romol, tal-invalidità u dawk li jirċievu l-pensjoni tal-età. Din iż-żieda se tkun ta' tliet ewro u wieħed u ħamsin ċenteżmu (€3.51) fil-ġimgħa u tkun barra dik maħsuba biex tagħmel tajjeb għall-għoli tal-ħajja biex b'kollox il-pensjonijiet se jiżdiedu b'€7 fil-ġimgħa jew €364 fis-sena. Minn din il-miżura, li se tiswa aktar minn €16-il miljun ewro, liema spiża ma tinkludix iż-żieda tal-għoli tal-ħajja, se jgawdu madwar 92,000 pensjonant. | Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema elettronika u sar l-ittestjar meħtieġ sabiex b'hekk bdew jinħarġu l-ħlasijiet dovuti lill-pensjonanti hekk kif imħabbar f'din il-miżura. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 20 | Persuni li rtiraw mill-Forzi DIxxiplinati. Se ndaħħlu miżura li tolqot lil persuni li kienu fil-Korp tal-Pulizija, fl-Armata, fil-Protezzjoni Ċivili jew fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin u li wara li rtiraw mis-servizz sħiħ bdew jaħdmu xi mkien ieħor. B'tibdil li se jsir meta jilħqu l-età tal-irtirar u ssir l-evalwazzjoni tal-pensjoni kontributorja għall-irtirar, jekk ikun jaqblilhom se jitqiesu wkoll is-snin meta kienu għadhom fis-servizz qabel irtiraw minnu biex ikun ikkalkulat id-dħul pensjonabbli tagħhom sabiex b'hekk, jekk jikkwalifikaw, huma jkunu jistgħu jgawdu minn rata ogħla ta' pensjoni kontributorja għall-irtirar. Dan jista' jiġri kemm immedjatament meta jirtiraw jew inkella fil-futur, skont l-ammont ta' pensjoni tas-servizz li jkollhom. | Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Wara li saru d-diskussjonijiet meħtieġa, tlestew it-tibdiliet meħtieġa fis-sistema elettronika, sar l-ittestjar u bdew jinħadmu l-każijiet tal-pensjonanti li jistgħu jgawdu minn rata ogħla ta' pensjoni kontributorja għall-irtirar. | Ħarġu l-ewwel pagamenti u kompla x-xogħol ta' riassessjar bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | Pensjoni miżjuda għal dawk fis-Servizz jew Settur Pubbliku li baqgħu jaħdmu wara li laħqu l-età bejn l-2016 u l-2018. Miżura ġdida li tolqot lil dawk l-impjegati fis-Servizz jew Settur Pubbliku li minkejja li kellhom biżżejjed kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali biex jirtiraw fl-età ta' 61 sena jew laħqu l-età tal-irtirar bejn l-2016 u l-2018, għażlu li jkomplu fl-impjieg tagħhom mingħajr ma ħadu l-pensjoni għal mill-anqas sena. B'din il-miżura dawn l-impjegati mhumiex ser jitilfu ż-żidiet perċentwali li akkumulaw f'dawn is-snin għaliex b'seħħ minn Jannar li ġej huma se jkollhom ir-rata tal-pensjoni tagħhom aġġustata biex tkun tirrifletti ż-żidiet akkumulati. | Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Wara li twettqu t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema elettronika u sar l-ittestjar, bdew jinħadmu l-każijiet sabiex persuni li rtiraw mill-amministrazzjoni pubblika ma jitilfux iż-żidiet perċentwali li akkumulaw matul is-snin u b'hekk ġiet aġġustata r-rata tal-pensjoni tagħhom sabiex tirrifletti ż-żidiet akkumulati. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 22 | Pensjonanti tas-Servizz. Qed inżidu b'€200 oħra l-ammont ta' pensjoni tas-servizz li jiġi injorat fl-assessjar tal-pensjoni tas-sigurtà soċjali, biex b'hekk is-somma eżentata se tilħaq l-elfejn, sitt mija, sitta u sittin ewro (€2,666). | Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Ix-xogħol meħtieġ fis-sistema elettronika tlesta u ġie ttestjat. Beda x-xogħol ta' riassessjar tal-pensjonanti konċernati li ser jibbenefikaw miż-żieda fir-rata tal-pensjoni. | Kompla x-xogħol ta' riassessjar tal-pensjonanti kkonċernati li ser jibbenefikaw miż-żieda fir-rata tal-pensjoni. Ħarġu l-ewwel pagamenti biż-żieda fir-rata tal-pensjoni. Dan ser ikompli jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | Implimentata |
| 23 | Pensjonanti tas-Servizz. Barra minn hekk se jkompli t-tibdil li bdejna din is-sena li jolqot pensjonanti tas-servizz li jagħlqu t-72 sena. Madwar erbat elef u erba' mija (4,400) gawdew minn dan it-tibdil. | Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Beda x-xogħol ta' riassessjar tal-pensjonanti konċernati li ser jibbenefikaw miż-żieda fir-rata tal-pensjoni. Ix-xogħol kollu marbut mas-sistema tlesta u ġie ttestjat. | Ħarġu l-ewwel pagamenti bir-reviżjonijiet indikati. Dan il-proċess issa huwa parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 24 | Bonus għal min iħallas il-kontribuzzjonijiet imma m'għandux pensjoni. Fil-Baġit għall-2014, konna daħħalna għall-ewwel darba bonus li beda jitħallas kull sena lil numru ta' persuni li ma ħallsux biżżejjed bolol biex jikkwalifikaw għall-pensjoni minima. Mis-sena d-dieħla, dan il-bonus, li jvarja minn €200 sa €300, se jibqa' jingħata anke meta l-persuna tagħlaq il-75 sena. Sittax-il elf u ħames mitt (16,500) persuna se jgawdu mill-għoti ta' dan il-bonus. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema elettronika, sar l-ittestjar u bdew jinħarġu l-pagamenti bil-bonus indikat. | | | | Implimentata |
| 25 | Rata waħda ta' allowance għat-tfal tar-romol. Pensjonanti romol li għandhom tfal taħt l-età ta' 18-il sena, u li huma intitolati għal allowance fil-ġimgħa ta' €4.54 jekk ir-romol ikunu jaħdmu u ta' €9.32 fil-ġimgħa jekk ma jkunux f'impjieg, ser ikollhom l-allowance riveduta għal €10 fil-ġimgħa sew meta armla jew armel isibu impjieg jew jieqfu mix-xogħol. | Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Wara li saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema elettronika u sar l-ittestjar, beda x-xogħol ta' riassessjar fuq il-każijiet identifikati ta' pensjonanti romol konċernati. | Kompla x-xogħol ta' riassessjar u bdew jinħarġu l-ħlasijiet dovuti. Dan il-proċess ser jitkompla bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 26 | Inkomplu nindirizzaw l-inġustizzji tal-imgħoddi. Għas-sena d-dieħla wkoll se nallokaw madwar €13-il miljun fil-fond li minnu se jkomplu jiġu indirizzati inġustizzji u anomaliji tal-imgħoddi fejn jirrigwardaw il-pensjonijiet. Dan il-proċess ra l-bidu tiegħu fl-2017 bit-tnedija ta' skemi mfassla kif imwiegħed biex jitħallsu eks ħaddiema tax-xatt, eks membri tal-korpi tas-snin sebgħin li wara daħlu jaħdmu mal-gvern, u uffiċjali tal-pulizija biex jagħmlu tajjeb għall-anomaliji u inġustizzji li sofrew fl-imgħoddi. Dawn il-kategoriji ta' ħaddiema u l-eredi tagħhom matul is-sena mill-ġdid ser jintalbu japplikaw għall-għotjiet dovuti lilhom. | Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Beda x-xogħol preparatorju sabiex jinħarġu s-sejħiet rispettivi, inkluż l-abbozzar ta' sejħiet għall-applikazzjoni. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-applikazzjonijiet fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex il-ħaddiema jew l-eredi tagħhom japplikaw għall-għotjiet dovuti. Bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. | L-applikazzjonijiet bdew jiġu verifikati manwalment, u bdew jiddaħħlu fis-sistema filwaqt li beda t-testing fuq il-proċessi tal-pagament. | L-ittestjar tal-proċess tal-pagamenti mistenni jiġi finalizzat u jibdew jinħarġu l-pagamenti. Dan il-proċess ta' verifika u ħlas jibqa' għaddej bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 27 | Inkomplu nindirizzaw l-inġustizzji tal-imgħoddi. Separatament għat-tieni sena konsekuttiva se ssir sejħa għall-applikazzjonijiet mingħand dawk il-membri tal-korpi li daħlu jaħdmu fis-settur pubbliku meta spiċċaw l-ingaġġ tagħhom fil-korp għal kategoriji oħra. | Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Beda x-xogħol preparatorju sabiex jinħarġu s-sejħiet rispettivi. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-applikazzjonijiet fil-Gazzetta tal-Gvern sabiex il-ħaddiema jew l-eredi tagħhom japplikaw għall-għotjiet dovuti. Bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet. | L-applikazzjonijiet bdew jiġu verifikati manwalment, u bdew jiddaħħlu fis-sistema filwaqt li beda t-testing fuq il-proċessi tal-pagament. | L-ittestjar tal-proċess tal-pagamenti mistenni jiġi finalizzat u jibdew jinħarġu l-pagamenti. Dan il-proċess ta' verifika u ħlas jibqa' għaddej bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | Implimentata |
| 29 | Aktar titjib fil-ħlas tal-għajnuna supplimentari. Bit-tibdil li se jseħħ l-allowance addizzjonali li titħallas kull sena mal-għajnuna supplimentari lil persuni ta' 65 sena u akbar li jkunu f'riskju ta' faqar se tiżdied b'€50 għal €150 fis-sena. Minn din iż-żieda se jgawdu madwar sittax-il elf (16,000) anzjan u anzjana. | Income Support and Compliance Division | Saru l-emendi meħtieġa fis-sistema elettronika, sar l-ittestjar meħtieġ u nħarġu l-pagamenti biż-żidiet indikati. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 30 | Titjib fl-għotja għall-anzjani li jibqgħu jgħixu f'darhom. Madwar tletin elf (30,000) anzjan u anzjana ta' 75 sena jew aktar, u li jgħixu fi djarhom jew mal-qraba, mill-ġdid se jingħataw l-għotja ta' 300 ewro. Iżda għal dawk fosthom li laħqu l-età ta' 80 sena u aktar, mis-sena d-dieħla l-għotja se tiżdidilhom b'€50 oħra għal €350. Minn din iż-żieda ser igawdu madwar tmintax-il elf (18,000) anzjan u anzjana li jgħixu fil-komunità. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Wara li saru l-emendi meħtieġa fis-sistema elettronika u sar l-ittestja, inħarġu l-pagamenti biż-żidiet dovuti. | | | | Implimentata |
| 31 | Għotja lill-anzjani li qegħdin f'dar residenzjali privata. Mis-sena d-dieħla, għall-ewwel darba din l-għotja ta' €300 ser tingħata wkoll lil persuni anzjani li minn buthom qed iħallsu biex jgħixu fi djar residenzjali għall-anzjani. Dawk li għalqu t-80 sena u aktar ukoll se jibbenefikaw miż-żieda ta' €50. Madwar 900 anzjan u anzjana se jibbenefikaw minn din l-inizjattiva. | Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema elettronika, sar l-ittestjar u nħarġu l-pagamenti biż-żidiet indikati. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 34 | **Introduzzjoni ta' bonus għal twelid ta' tarbija jew adozzjoni. Mill-ewwel ta' Jannar tas-sena d-dieħla ser nintroduċu benefiċċju ġdid, ta' bonus ta' darba ta' €300 għal kull twelid jew adozzjoni biex tgħinhom fiż-żieda fl-ispejjeż tal-familja. Minn dan il-bonus ġdid se jibdew jibbenefikaw madwar erbat elef (4,000) familja kull sena.** | Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Saru t-tibdiliet neċessarji fuq is-sistema kif ukoll beda l-ittestjar ta' dawn it-tibdiliet. | Tlesta l-ittestjar meħtieġ wara t-tibdiliet li saru fis-sistema. Ħarġu l-ewwel pagamenti tal-bonus il-ġdid. Dan ser ikompli jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 35 | L-aħħar fażi tar-riforma tal-Pensjoni tad-Diżabilità. Matul l-2020 se nwettqu l-aħħar fażi tar-riforma sinjifikanti fl-Assistenza għal Diżabilità, mibdija tliet snin ilu li kienet tinkludi l-introduzzjoni tal-Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa għall-persuni li assolutament ma jistgħux jaħdmu.<br>Minn Jannar li ġej il-pagament fil-ġimgħa ta' din l-għajnuna se jiżdied mill-ġdid u minn €150 l-ħlas fil-ġimgħa se jitla' għal mija, wieħed u sittin ewro u erbgħin ċenteżmu (€161.40), biex b'hekk din l-assistenza se tkun ekwivalenti għall-Paga Minima Nazzjonali netta.<br>Minn din il-miżura se jibbenefikaw madwar 650 persuna. | Income Support and Compliance Division | Wara li saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema elettronika u sar l-ittestjar, bdew jinħarġu l-pagamenti biż-żidiet indikati. Dan ser jibqa' jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 36 | Titjib fil-Pensjoni tal-Invalidità. Wegħda oħra li konna semmejna fir-riforma fil-Pensjoni tal-Invalidità kienet dik li persuni li huma severament invalidi jingħataw żidiet fil-pensjoni simili għal dawk mogħtija lil persuni b'diżabilità. Dan se nwettquh billi se ngħollu r-rata tal-Pensjoni Minima Nazzjonali għall-Invalidità ta' xi ħadd li jkollu l-medja massima ta' kontribuzzjonijiet għall-istess livell tal-Assistenza Miżjuda għal Diżabilità Severa u b'hekk fl-2020 se tilħaq il-Paga Minima Nazzjonali netta. Ir-rata l-gdida tkun tapplika l-istess għal persuni miżżewġa jew waħedhom iżda biex wieħed jikkwalifika għal din ir-rata miżjuda jrid ikun ġie ċċertifikat mit-tobba fl-ogħla livell ta' indeboliment skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. F'każ ta' xi ħadd li ma jkollux il-medja massima ta' kontribuzzjonijiet, huwa jitħallas prorata. | Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Wara li twettqu d-diskussjonijiet meħtieġa, saru t-tibdiliet neċessarji fuq is-sistema u beda wkoll l-ittestjar ta' dawn it-tibdiliet. | Ġie konkluż l-ittestjar. Bdew jinħarġu l-pagamenti bit-tibdiliet indikati f'din il-miżura. Dan il-proċess ser jibqa' jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 38 | Assistenza għal diżabilità għal persuni neqsin mis-smigħ jew li ma jitkellmux. Bħala parti mir-riforma fl-Assistenza għal Diżabilità se nwessgħu l-kriterji mediċi sabiex persuni neqsin mis-smigħ jew li ma jitkellmux isiru eliġibbli għall-Assistenza għal Diżabilità meta jagħlqu s-sittax-il sena. | Income Support and Compliance Division | Tlestew id-dokumenti meħtieġa li jkunu jridu jintbagħtu lill-Bord Mediku. Bdew jiġu pproċessati t-talbiet riċevuti u nħarġu l-pagamenti dovuti bit-tibdiliet indikati. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 39 | Assistenza għall-mard mhux kontributorja. Minn Jannar li ġej, dejjem jekk il-kriterji tat-test tal-mezzi kapitali jintlaħqu, il-kalkolu tad-dħul fil-ġimgħa ta' persuni waħedhom jew miżżewġa ser ikun ibbażat fuq mekkaniżmu ġdid fejn it-threshold ikun magħmul mir-rata tal-Pensjoni Minima Nazzjonali u somma miżjuda ta' €22 għall-persuni singoli u ta' €30 fil-każ ta' miżżewġin. B'dan il-mod se nneħħu anomalija li teżisti llum li persuna bi dħul ogħla mill-oħra tista tikkwalifika u l-oħra li għandha dħul anqas ma tikkwalifikax, skont minn liema sors ikun ġej tali dħul. | Income Support and Compliance Division | Wara li saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema elettronika u sar l-ittestjar, bdew jitħallsu l-pagamenti dovuti bil-bidliet indikati f'din il-miżura. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 40 | Assistenza għall-mard mingħajr interruzzjoni. Ser titneħħa l-ħtieġa li armel jew armla, li jkunu diġà benefiċjarji, jerġgħu japplikaw f'każ ta' mewt tal-konjuġi. B'mod awtomatiku d-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali jibqa' għaddej bil-ħlas tal-Assistenza għall-Mard mingħajr interruzzjoni, irrispettivament mir-rata tal-pensjoni tal-armla jew armel. | Income Support and Compliance Division | Wara li twettqu t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema elettronika u sar l-ittestjar tagħhom, inħarġu l-pagamenti li jirriflettu din il-bidla. Dan ser jibqa' jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |
| 41 | Assistenza għal Diżabilità. B'effett minn Jannar il-pagament ta' xi waħda mill-Assistenzi għal Diżabilità li wieħed jew waħda mill-konjuġi jkunu intitolati għalihom, jiġi injorat għal finijiet tat-test tal-mezzi fil-ġimgħa fil-każ li l-kap tal-familja u l-familja tiegħu jew tagħha jkunu eliġibbli għall-għajnuna soċjali jew pensjoni tal-Età. | Income Support and Compliance Division | Twettqu t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema elettronika, sar l-ittestjar u bdew jitħallsu l-pagamenti dovuti. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 42 | Għajnuna għall-Mard. Fil-ħlas għall-Għajnuna għall-Mard ser naraw li f'każ ta' koppji li wieħed jew waħda minnhom tkun qed tirċievi xi wieħed mill-benefiċċji għal diżabilità u ma tkunx taħdem, dan id-dħul jiġi injorat għal finijiet ta' eliġibilità għall-Għajnuna għall-Mard. | Income Support and Compliance Division | Twettqu t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema elettronika, sar l-ittestjar u nħarġu l-pagamenti bit-tibdiliet indikati f'din il-miżura. Dan ser jibqa' jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |
| 43 | Helpline għal Persuni b'Diżabilità. Ser noħolqu Helpline għal persuni b'diżabilità u l-familjari tagħhom biex iservi bħala mezz ta' kuntatt u għajnuna kif ukoll biex jilqa' lmenti u rapporti ta' abbuż. | Aġenzija Sapport | Bdew it-taħditiet mal-partijiet konċernati kif ukoll ix-xogħol neċessarju fuq l-istruttura, it-timelines u s-sistema telefonika tal-helpline. | Tkompla x-xogħol relatat mal-istruttura kompjuterizzata. Beda x-xogħol fuq il-programm ta' taħriġ professjonali biex jiġi mogħti lill-persuni li ser ikunu qed jaħdmu fil-helpline. Sar ukoll ix-xogħol fuq il-formoli tar-riferimenti sabiex permezz tagħhom il-ħaddiema jkunu jistgħu jirreferu lill-klijenti lejn is-servizzi rispettivi. Sar xogħol fuq il-proċeduri relatati ma' kif ser tkun qed taħdem il-helpline. Inħarġet ukoll sejħa interna sabiex jiġu ingaġġati żewġ uffiċjali għall-helpline. Ġie determinat li n-numru tal-helpline jkun 1578. | Intgħażlu ż-żewġ persuni li ser ikunu qed jaħdmu bħala Helpline Officers. Tfassal ukoll id-dokument li jelenka l-proċess kollu bejn il-MITA u l-Aġenzija Sapport u ġiet finalizzata s-sistema kompjuterizzata tal-Helpline. Beda jingħata t-taħriġ lill-ħaddiema tal-Helpline dwar kif tiġi megħjuna persuna li tuża din il-helpline. Komplew d-diskussjonijiet ma' servizz.gov (153) peress li hemm il-possibilità li l-Helpline jingħaqad mal-153. | Mistennija jibqgħu għaddejjin id-diskussjonijiet ma' servizz.gov u l-MEDE li qed jidentifikaw is-servizzi tad-diżabilità u min ser ikun qed jipprovdi dan is-servizz. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 44 | Taħriġ professjonali għall-ħaddiema fis-settur tad-diżabilità. Ser inniedu proġett biex jiġu ingaġġati professjonisti biex iħarrġu u jiżviluppaw il-ħiliet tal-ħaddiema fi ħdan l-Aġenzija Sapport, speċjalment dawk li jaħdmu direttament ma' persuni b'diżabilità fil-komunità. Bis-saħħa ta' dan it-taħriġ il-ħaddiema jkunu mħejjija aktar fil-ħidma tagħhom meta jiltaqgħu ma mġiba diffiċli jew severa u b'hekk inaqqsu r-riskji ta' korriment u inċidenti. | Aġenzija Sapport | Saru diskussjonijiet interni sabiex tiġi ppjanat l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Tlesta t-Training Needs Analysis kif ukoll l-iSkills Audit mal-ħaddiema kollha taċ-Ċentri ta' Matul il-Jum u ġie ppreżentat rapport b'miżuri għall-implimentazzjoni. Sar ukoll taħriġ online lil madwar mitt impjegat fi ħdan iċ-Ċentri ta' Matul il-Jum dwar suġġetti varji relatati ma' xogħolhom u kif jistgħu jaqdu aħjar lill-klijenti. | Reġa' tnieda t-taħriġ speċjalizzat (NAPPI – UK) fi gruppi żgħar u taħriġ ieħor bħal mental health first aid u infection contol. Tlesta wkoll it-TNA u l-iskills audit mal-ħaddiema tar-residenzi. | Mistenni jiġi finalizzat u ppreżentat ir-rapport finali bir-riżultat tat-TNA u l-iskills audit tal-ħaddiema taċ-ċentri tal-komunità u dawk tar-residenzi.<br><br>Ir-rakkomandazzjonijiet li joħorġu min dan ir-rapport se jkunu qed jiffurmaw pjan ta' taħriġ. B'hekk inkunu nistgħu nolqtu l-esiġenzi tal-Aġenzija. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 45 | Ħlas ta' kontribuzzjonijiet akkreditati għal ġenituri bi tfal b'mard rari. Ħsibna f'dawk il-ġenituri li minħabba mard rari li jolqot lill-uliedhom, u li jkunu jeħtieġu l-kura u l-ħarsien kontinwu tagħhom, iwassalhom biex jieqfu mix-xogħol tagħhom u b'hekk jispiċċaw b'kontribuzzjonijiet tas-sigurtà soċjali mnaqqsa. Dawn il-ġenituri ser jingħatawlhom kontribuzzjonijiet akkreditati tas-sigurtà soċjali sabiex il-perjodu ta' waqfien mix-xogħol ma jaffettwax ħażin ir-rekord tal-kontribuzzjonijiet tagħhom, u b'hekk meta jilħqu l-età tal-pensjoni jkunu eliġibbli għal pensjoni aħjar. Il-perjodu ta' kontribuzzjonijiet akkreditati se jkun sa massimu ta' tmien snin, li huwa l-istess ammont li japplika għall-ġenituri ta' tfal b'diżabilità. | Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Saru d-diskussjonijiet mal-MITA dwar it-tibdiliet meħtieġa fis-sistema elettronika u beda x-xogħol fuq it-tibdiliet meħtieġa. | Tlestew il-modifiki fuq is-sistema u wara li ġew ittestjati, bdew jitħaddmu. | Bdew jintlaqgħu l-claims għall-kontribuzzjonijiet akkreditati (credits). Ġew maħduma u akkreditati l-kontribuzzjonijiet. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 46 | Għajnuna għal persuni li jbatu mill-Fibromyalgia u l-ME. Mill-1 ta' Jannar 2020, dawn iż-żewġ kundizzjonijiet se jkunu jiffurmaw parti mil-lista ta' kundizzjonijiet tal-għajnuna għall-mard mhux kontributorja. B'hekk dawk li minħabba l-kundizzjoni tagħhom ma jistgħux jaħdmu, jekk jissodisfaw it-test tal-mezzi u l-kriterji mediċi ta' eliġibilità jkunu jistgħu jibdew jirċievu l-għajnuna medika. Sabiex nassiguraw li ma jkunx hemm abbuż, l-evalwazzjoni medika ser tibda ssir minn bord multidixxiplinarju li se jkun qed jikkonsulta kontinwament mal-professjonisti mediċi tad-Dipartiment tas-Saħħa. Fl-istess waqt tibqa' ssir rievalwazzjoni medika kull tant żmien. | Income Support and Compliance Division | Bdew jintlaqgħu t-talbiet, liema talbiet ġew ipproċessati mill-Bord Mediku. Bdew jinħarġu l-pagamenti dovuti skont kif indikat f'din il-miżura. Din il-ħidma ser tibqa' ssir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 47 | Hlas tal-Benefiċċju għall-Mard. Tibdil ieħor li se nwettqu huwa fil-ħlas tal-Benefiċċju Kontributorju għall-Mard biex ngħinu persuni li jkunu taħt kura medika f'intervalli regolari bħal fil-każ tat-trattament tal-kanċer. Dawn il-persuni se jkunu eliġibbli għall-ħlas tal-benefiċċju mill-ewwel ġurnata, mit-tieni talba 'l quddiem u mhux mir-raba' ġurnata kif iseħħ f'każijiet oħra ta' mard. Dan ikun normalment japplika għal perjodu ta' sena minn meta jkun beda t-trattament. Iżda tali perjodu jista' jkun estiż fuq parir mediku. | Id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali (DSS) | Wara li saru t-tibdiliet meħtieġa fis-sistema elettronika u sar l-ittestjar, inħarġu l-pagamenti dovuti bil-bidliet indikati f'din il-miżura. Dan ser jibqa' jsir bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **47 kont.** | B'dan it-tibdil dawn il-persuni, li llum ma jkollhomx dħul sħiħ mill-paga minħabba li jkunu ħadu l-leave kollu għal waqt il-mard, ma jibqgħux jitilfu aktar mill-Benefiċċju tal-Mard għax mit-tieni talba għall-benefiċċju 'l quddiem ser jibdew ikunu intitolati għall-ħlas tal-benefiċċju għall-ewwel tlett ijiem ukoll. Biex isir dan il-ħlas, applikant irid ikun taħt kura jew trattament fiċ-Ċentru tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo. | | | | | | |

MINISTERU GĦALL-ĠUSTIZZJA,
L-UGWALJANZA U L-GOVERNANZA

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 301 | Se nkomplu nimplimentaw is-separazzjoni tal-funzjonijiet dupplići li kellu l-Avukat Ġenerali. Wara li l-Parlament approva liġi li stabbilixxiet li l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat jista' jaġixxi bħala konsulent legali għall-Gvern, il-pass li jmiss huwa li gradwalment l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jassumi iktar funzjonijiet prosekutorjali skont l-aħjar prattiki Ewropej. | L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali | Tkompla l-proċess tal-għażla tal-binja għall-uffiċċju tal-Avukat tal-Istat. Tlestew ix-xogħlijiet meħtieġa sabiex l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jkun jista' jibda jopera minn binja ġdida fi Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta. Intlaħaq qbil li l-prosekuzzjoni li twassal għal piena ta' mhux inqas minn sentejn priġunerija timxi mingħand il-Pulizija għal għand l-Avukat Ġenerali. Bdew jintlaqgħu applikazzjonijiet għar-reklutaġġ mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali sabiex ikun jista' jassumi aktar funzjonijiet prosekutorjali. | L-Avukat Ġenerali beda jiffunzjona mill-uffiċċju l-ġdid tiegħu. Ġew ingaġġati avukati ġodda mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali kif ukoll ġiet ippublikata sejħa għar-reklutaġġ ta' avukati mal-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat u bdew l-intervisti tal-applikanti. Ġiet identifikata l-binja mnejn ser jibda jopera l-Uffiċċju tal-Avukat tal-Istat u bdew jiġu identifikati l-bżonnijiet tagħha. | Sar ix-xogħol strutturali meħtieġ fuq il-binja li minnha ser jibda jopera l-Avukat tal-Istat. Ġew ippubblikati r-riżultati tar-reklutaġġ meħtieġ. L-Avukat tal-Istat beda jopera mill-binja l-ġdida. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 302 | Filwaqt li ġie rreġistrat progress sostanzjali fl-eżekuzzjoni ta' rkupru ta' assi, kemm lokalment kif ukoll permezz ta' cross-border cooperation, sejrin insaħħu l-Asset Recovery Bureau billi jkollna sistemi moderni li jiffaċilitaw l-identifikazzjoni tal-assi kriminali kif ukoll l-iffriżar, il-konfiska u t-trasferiment tagħhom, filwaqt li l-valur ta' dawn l-assi kriminali jiġi trasferit favur il-Gvern. | L-Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi | Saru diskussjonijiet mal-FIAU dwar it-trasferiment ta' notifiki tal-ordnijiet tal-iffriżar mis-sit elettroniku tagħhom għal dik ta' dan l-uffiċċju u saret il-migrazzjoni tad-data. Saru diskussjonijiet mal-Pulizija (Europol National Unit) dwar l-aċċess għal sistema ta' komunikazzjoni ristretta magħrufa bħala Siena. Din is-sistema trid tinżamm f'post sigur, u kull aċċess dokumentat. Intalbet stima għall-apparat biex nassiguraw li dawn il-kundizzjonijiet ikunu rispettati. | Inġabru l-istimi u saret talba sabiex ikun akkwistat it-tagħmir tekniku 'Siena', kif ukoll tkun aġġornata s-sistema ta' sigurtà tal-uffiċċju. Tkomplew id-diskussjonijiet mal-Korp tal-Pulizija fir-rigward tal-aċċess u konnessjoni mal-Kwartieri Ġenerali ladarba l-installazjoni tkun fil-post. | Ġie installat l-apparat u l-uffiċjali ġew Security Cleared. | Mistenni li s-sistema tibda topera b'mod regolari. | Implimentata |
| 303 | Asset Recovery Bureau. Se jibda wkoll il-bini ta' binja speċjalizzata, li tkun mgħammra bl-aħħar teknoloġija biex tospita laboratorju ta' traċċar ta' assi u spazju adegwat għall-preservazzjoni ta' assi konfiskati. | L-Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi | Bdiet tiġi abbozzata sejħa għall-offerti għal servizz ta' perizja li se jkun inkarigat mid-disinn tal-binja speċjalizzata f'Ħal Far, għall-applikazzjoni għall-permess tal-Awtorità tal-Ippjanar u għaċ-ċertifikazzjoni tax-xogħlijiet li jridu jsiru fl-istess binja. | Ġiet ippubblikat sejħa għall-offerti għas-servizz ta' perizja u ntgħażel l-offerent preferut u sar kuntratt mal-kuntrattur magħżul. | Saru taħditiet mal-arkitett dwar id-disinn tas-sit u beda jiddisinja l-binja. | Mistenni li l-arkitett jippreżenta d-disinni tiegħu għall-kunsiderazzjoni tal-Uffiċċju tal-Irkupru tal-Assi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 304 | **Se nkomplu nippromovu l-Medjazzjoni bħala soluzzjoni alternattiva għat-tilwim, bil-għan li jitnaqqsu l-kawżi pendenti tal-qrati fejn hu possibbli.** | Ċentru għall-Medjazzjoni | Inġabru kwotazzjonijiet għall-iddisinjar u l-istampar ta' flyers informattivi li ser jibdew jitqassmu mal-ittri uffiċjali mill-Qorti. Wara li ntgħażel l-offerent preferut saret l-ordni sabiex jiġu stampati l-flyers. Ġiet abbozzata l-ittra li ser tintbagħat lill-medjaturi. | Il-flyers tlestew u l-fuljett ittella' online fis-sit taċ-Ċentru sabiex ikun aċċessibbli mill-pubbliku. Dawn il-flyers bdew jitqassmu mal-ittri uffiċjali. Ġiet identifikata lista ta' medjaturi li possibbilment ser ikunu qed jipparteċipaw f'sessjonijiet informattivi dwar il-medjazzjoni. Saret parteċipazzjoni fuq programmi televiżivi sabiex titqajjem kuxjenza dwar il-benefiċċji tal-medjazzjoni u r-riżoluzzjonijiet alternattivi tat-tilwim. | Ġie mfassal pjan dwar kif ser isiru s-sessjonijiet informattivi lil partijiet involuti f'tilwim fejn il-kawżi qegħdin quddiem il-Qorti tal-Appell. | Mistenni li jibdew jingħataw sessjonijiet informattivi lill-partijiet involuti. Wara diskussjoni mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali mistennija tiġi organizzata sessjoni informattiva lill-Kunsilli Lokali. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 305 | Sabiex il-Korp tal-Pulizija jkun jista' jiffoka aktar fuq l-ordni pubblika u l-ġlieda kontra l-kriminalità, se nikkonkludu t-trasferiment tal-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali u l-Kondotta mingħand il-Pulizija għad-Direttorat tal-Ġustizzja. | Id-Dipartiment tal-Ġustizzja | Beda xogħol ta' tranġar tal-binja l-ġdida għall-użu mid-Dipartiment tal-Ġustizzja li fiha ser tinkorpora l-Uffiċċju tal-Kondotti. Saru diskussjonijiet mal-Awtoritajiet konċernati dwar it-trasferiment tal-Uffiċċju tal-Kondotti u bdew jiġu identifikati r-riżorsi umani li ser ikun hemm bżonn. | Tkompla x-xogħol ta' tranġar tal-binja l-ġdida kif ukoll tkomplew id-diskussjonijiet dwar it-trasferiment tal-Uffiċċju tal-Kondotti. Saru diskussjonijiet dwar reklutaġġ għall-Uffiċċju l-ġdid u bdew isiru diskussjonijiet dwar tibdil neċessarju fil-liġi għat-trasferiment tal-Uffiċċju tal-Kondotti għall-Ministeru tal-Ġustizzja. Tfassal programm ta' taħriġ li ser jingħata lill-impjegati l-ġodda. | Ġie konkluż l-aħħar tranġar strutturali meħtieġ fil-binja. Tħejja abbozz bit-tibdiliet neċessarji fil-liġi. | Mistenni li d-Dipartiment tal-Ġustizzja jibda jopera mill-uffiċċju l-ġdid tiegħu. Mistennija jsiru diskussjonijiet bejn il-partijiet konċernati dwar l-abbozz legali. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 325 | Matul is-sena d-dieħla se jinbnew uffiċini ġodda għat-Taqsima tal-Prosekuzzjoni fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. | L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali | Intlaħaq qbil li l-prosekuzzjoni li twassal għal piena ta' mhux inqas minn sentejn priġunerija timxi mingħand il-Pulizija għal għand l-Avukat Ġenerali. Tlestew ix-xogħlijiet meħtieġa sabiex l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali jkun jista' jibda jopera minn binja ġdida fi Triq Nofsinhar, il-Belt Valletta. Bdew jintlaqgħu applikazzjonijiet għar-reklutaġġ mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali sabiex ikun jista' jassumi aktar funzjonijiet prosekutorjali. | L-Avukat Ġenerali beda jiffunzjona mill-uffiċċju l-ġdid. Ġew ingaġġati avukati ġodda mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 326 | Il-Korp tal-Pulizija jkollu tim ta' prosekuturi li xogħolhom ikun li jipprosekwixxu l-każijiet fil-Qorti mingħajr ma jkunu parti mill-investigazzjonijiet u dan anke skont rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Venezja. Dan għandu jwassal biex investigaturi jqattgħu ferm anqas ħin fil-Qrati u jiddedikaw aktar ħin għal investigazzjonijiet. | L-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali | Intlaħaq qbil li l-prosekuzzjoni li twassal għal piena ta' mhux anqas minn sentejn priġunerija timxi mingħand il-Pulizija għal għand l-Avukat Ġenerali. B'dan il-mod il-Pulizija jistgħu jiddedikaw iktar ħin u riżorsi fuq l-investigazzjonijiet. Bdew jintlaqgħu applikazzjonijiet għar-reklutaġġ mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali sabiex ikun jista' jassumi aktar funzjonijiet prosekutorjali. | Ġew ingaġġati avukati ġodda mal-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **337** | Se nkomplu l-ħidma biex titwaqqaf Akkademja tal-Integrazzjoni li se toffri servizzi lil dawk li jkunu obbligati li jsegwu programm ta' integrazzjoni. B'hekk inkomplu nixprunaw l-ugwaljanza u d-diversità f'soċjeta interkulturali, it-tisħiħ tad-drittijiet u dmirijiet kemm tas-soċjetà Maltija kif ukoll ta' min għadu jasal fostna, kif ukoll tal-kompetenzi li huma meħtieġa biex kulħadd jirnexxi flimkien. | Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Integrazzjoni (HRID) | Bdew diskusskonijiet ma' diversi stakeholders, primarjament l-MCAST u l-Università ta' Malta, u riċerka rigward integrazzjoni fuq livelli tal-Unjoni Ewropea u lokali kif ukoll dwar aspetti legali. Bdew il-preparamenti għal ftehim ta' koperazzjoni bejn l-MCAST u d-Direttorat tad-Drittijiet Umani dwar programmi edukattivi offruti mill-MCAST. | Intemmu d-diskussjonijiet relatati mal-kurrikulu, intlaħaq qbil mal-MCAST u beda l-abbozzar tar-rapport dwar l-eżitu tad-diskussjonijiet interni kif ukoll mal-istakeholders konċernati. Bdew il-preparazzjonijiet meħtieġa għall-korsijiet kif miftiehem mal-MCAST. | MCAST bdiet il-proċessi interni sabiex fl-2021 tkun tista' toffri servizzi tal-programm "Jien Nappartjeni". Beda l-abbozzar tal-Memordandum of Understanding bejn il-Ministeru għall-Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza u l-Ministeru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol. | Mistenni jitlesta u jiġi ffirmat il-Memorandum of Understanding. | Implimentata |
| **340** | Ugwaljanza u drittijiet tal-bniedem. Matul is-sena d-dieħla se nwaqqfu l-Kummissjoni Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Ugwaljanza u dan skont il-prinċipji ta' Pariġi u r-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja. Din se tkun Kummissjoni indipendenti mill-Gvern u twieġeb lill-Parlament, b'aktar poteri sabiex tiġġieled kwalunkwe aġir diskriminatorju. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Kompla l-proċess parlamentari sabiex jgħaddi l-abbozz ta' liġi. L-Abbozz ta' Liġi Numru 97 qiegħed fl-istadju tat-tieni qari fil-Parlament. | Kompla l-proċess parlamentari sabiex jgħaddi l-abbozz ta' liġi. | Kompla l-proċess parlamentari. | Mistenni jkun finalizzat il-proċess parlamentari sabiex jgħaddi l-abbozz ta' liġi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 341 | Ugwaljanza u drittijiet tal-bniedem. Permezz ta' liġi li se nkunu qed ngħaddu dwar l-ugwaljanza, l-ugwaljanza għal kulħadd u f'kull aspett se tkun jedd fundamentali tal-bniedem. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | Kompla l-proċess parlamentari sabiex jgħaddi l-abbozz ta' liġi. L-Abbozz ta' Liġi Numru 96 qiegħed fl-istadju tat-tieni qari fil-Parlament. | Kompla l-proċess parlamentari sabiex jgħaddi l-abbozz ta' liġi. | Kompla l-proċess parlamentari. | Mistenni jkun finalizzat il-proċess parlamentari sabiex jgħaddi l-abbozz ta' liġi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 342 | Ugwaljanza u drittijiet tal-bniedem. Sejrin nimplimentaw ukoll l-ewwel strateġija u pjan t'azzjoni nazzjonali għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri f'diversi setturi, fosthom fl-edukazzjoni, fis-saħħa u l-ġustizzja, xogħol u l-indipendenza finanzjarja, il-bilanċ bejn ix-xogħol, il-ħajja privata u tal-familja u biex tassigura wkoll li jkollna aċċess u opportunitajiet indaqs għal pożizzjonijiet ta' awtorità għan-nisa u l-irġiel. | Id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Integrazzjoni (HRID) | Wara li fl-2019 saret konsultazzjoni pubblika dwar id-dokument 'Lejn Qafas għall-Integrazzjoni tal-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri', id-Direttorat għad-Drittijiet tal-Bniedem ħejja Strateġija u Pjan ta' Azzjoni għall-integrazzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri. Fl-ewwel kwart ta' din is-sena saret konsultazzjoni fuq il-miżuri proposti ma' diversi partijiet interessati. | Id-Direttorat kompla jirċievi feedback dwar il-miżuri proposti fl-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni. Beda l-proċess tal-analiżi tal-feedback riċevut. | It-Taqsima għall-Integrazzjoni tal-Ġeneru rċeviet il-feedback mill-partijiet interessati kkonċernati u bdew l-emendi fuq l-abbozz tal-istrateġija. | Mistennija jsiru t-tibdiliet finali u tiġi ppreżentata memo flimkien mad-dokument finali tal-istrateġija għall-approvazzjoni interna. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 343 | Nies vulnerabbli li jirrikorru għall-prostituzzjoni. Se nniedu servizz professjonali, f'forma ta' exit programme, għal dawk il-persuni li volontarjament jixtiequ li jkollhom il-mezzi u l-għajnuna meħtieġa sabiex joħorġu mill-prostituzzjoni. Irridu ngħinu lil dawn in-nies iqumu fuq saqajhom u jikkunsidraw alternattivi għall-ħajja lil hinn mill-isfruttament. | Id-Direttorat tal-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programmi | Wara li ġie deċiż li għandu jiġi introdott exit programme għal dawk li jixtiequ joħorġu miċ-ċirku tal-prostituzzjoni, ittieħdet deċiżjoni dwar min ser ikun qed jikkordina dan il-programm. | Bdew jiġu identifikati l-bżonnijiet għall-exit programm u dan sar bil-kollaborazzjoni tal-FSWS. Tkomplew il-laqgħat mal-FSWS sabiex ġie identifikat ix-xogħol mistenni minnhom u ġie abbozzat l-MOU bejn id-Direttorat u l-FSWS li bis-saħħa tiegħu dan l-exit programme ser jibda jiġi mwettaq. | Ġie ffinalizzat il-Memorandum of Understanding bejn id-Direttorat u l-FSWS. | Mistenni jiġi ffirmat l-MOU u jidħol fis-seħħ il-programm għal għajnuna għall-prostituti. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 344 | Riforma tat-traffikar uman. Qed titħejja strateġija nazzjonali fuq dan is-suġġett. Il-Gvern se jkun qed jipprovdi r-riżorsi meħtieġa sabiex tibda l-implimentazzjoni tagħha mifrux fuq il-ħames snin li ġejjin. L-ewwel parti tal-istrateġija se tara tisħiħ tal-istruttura governattiva responsabbli mill-kordinament tal-politika kontra t-traffikar uman, ħidma fuq liġijiet differenti maħsuba sabiex jipprevenu t-traffikar uman u faċilitajiet aħjar għall-vittmi li jirrikorru għall-għajnuna. Se tiġi estiża l-kampanja nazzjonali ta' edukazzjoni: Uman, Bħalek. | Id-Direttorat tal-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programmi | Saru diskussjonijiet fuq livell politiku, amministrattiv u anke tekniku kif l-aħjar wieħed ikompli biex jara kif is-suġġett tat-traffikar uman għandu jkun trattat, inkluż dak li għandu jkun hemm fl-istrateġija nazzjonali dwar is-suġġett u dwar it-twaqqif ta' strutturi sabiex jimplimentaw din l-istrateġija. | Ittieħdet deċiżjoni li fid-Direttorat tad-Drittijiet tal-Bniedem titwaqqaf unit dedikata li tieħu ħsieb il-kordinament mal-istakeholders involuti fil-qasam kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-istrateġija. Kompla l-abbozzar tal-istrateġija, inkluż l-analiżi tal-feedback riċevut waqt il-konsultazzjoni pubblika li saret fl-2019. | Issoktat il-kampanja 'Uman Bħalek'. Għall-ewwel darba, Malta pparteċipat fil-kampanja internazzjonali Blue Hearts Campaign. | Mistenni jitkompla l-abbozzar tal-istrateġija nazzjonali. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 345 | Vjolenza domestika u vjolenza abbażi tal-ġeneru. Barra li se jkompli jingħata taħriġ lill-professjonisti u lil dawk kollha li jaħdmu ma' dawn il-vittmi, se titnieda riċerka lokali dwar l-impatt finanzjarju li għandha l-vjolenza domestika fuq il-vittmi u l-ekonomija Maltija. | Il-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Abbażi tal-Ġeneru u Vjolenza Domestika | Ġie ppreparat Memorandum of Understanding sabiex jiġi ffirmat mal-MCAST sabiex jingħata t-taħriġ meħtieġ lill-professjonisti u lil dawk kollha li jaħdmu mal-vittmi. Bdew laqgħat ma' stakeholders varji dwar l-impatt lokali finanzjarju tal-vjolenza domestika. | Il-Memorandum of Understanding mal-MCAST ġie ffirmat fil-11 ta' Ġunju. Ġie ffirmat ukoll kuntratt bejn l-FSWS u l-Kummissjoni sabiex jingħata aċċess għall-informazzjoni meħtieġa dwar il-vjolenza domestika u jkun possibbli li jsir l-istudju dwar l-impatt lokali finanzjarju tal-vjolenza domestika, kif ukoll ġie ingaġġat akkademiku li ser ikun qed jassisti fil-literature review għall-istudju. | L-MCAST kompliet il-preparamenti neċessarji għall-implimentazzjoni tal-kors. Saret analiżi tal-każijiet kif ukoll survey mal-vittimi sabiex inġabret aktar data dwar l-impatt finanzjarju li għandha fuqhom il-vjolenza domestika. | Mistenni li l-MCAST tibda tagħti t-taħriġ lill-applikanti tal-kors. Barra minn hekk għandu jiġi ppreparat rapport dettaljat tar-riċerka u l-kummissjoni tniedi r-riżultati ta' din ir-riċerka lokali. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 346 | Rappreżentanza ugwali fil-Parlament. Wara li aktar kmieni din is-sena l-Gvern nieda konsultazzjoni pubblika dwar miżuri pożittivi għal rappreżentanza ugwali fil-Parlament, u issa ġie kostitwit il-Kumitat Tekniku għat-Tisħiħ tad-Demokrazija, hu mistenni li dan il-Kumitat iressaq ir-rakkomandazzjonijiet finali tiegħu sa tmiem din is-sena. Fl-istess ħin, il-Gvern se jkun qed jimbarka fuq kampanja ta' informazzjoni fil-media b'fondi mill-Unjoni Ewropea permezz tal-programm EQUAL. | Id-Direttorat tal-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programmi | Tlestew it-taħditiet minn Kumitat Tekniku mal-istakeholders kollha u ntlaħaq konsensus mal-Oppożizzjoni dwar il-metodu kif jista' jkun hemm rappreżentanza ugwali fil-Parlament. Tlesta l-Abbozz tal-Liġi numru 119 u sar l-Ewwel Qari fil-Parlament. Bdew preparamenti sabiex issir kampanja ta' informazzjoni. | L-abbozz tal-liġi li hu maħsub sabiex jassigura rappreżentanza ugwali qiegħed fl-istadju tat-Tieni Qari fil-Parlament. Intant beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-kampanja edukattiva. | Tkompla l-proċess parlamentari tal-abbozz tal-liġi. Ħarġet sejħa għall-offerti għall-kampanja ta' informazzjoni u saret l-evalwazzjoni. | Mistenni jiġi finalizzat il-qari fil-Parlament tal-abbozz ta' liġi u jiġi ffirmat il-kuntratt mal-offerent rebbieħ tal-kampanja ta' informazzjoni u mistenni jibda x-xogħol fuq il-kampanja. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 347 | Kampanji edukattivi għaż-żgħażagħ. Il-Gvern huwa impenjat li jkompli jeduka sa minn etajiet żgħar dwar l-effett li d-droga tista' tħalli fuq saħħet il-bniedem. Fid-dawl ta' deċiżjonijiet li jridu jittieħdu dwar harm reduction approach fl-użu tal-kannabis, għas-sena d-dieħla l-Gvern se jkompli jinvesti f'kampanja edukattiva b'saħħitha fosthom mat-tfal fl-iskejjel li minnha huwa stmat li se jintlaħqu aktar minn disat elef (9,000) student u studenta. Hemm ukoll pjanati inizjattivi oħra fosthom tnedija ta' skema finanzjarja għall-organizzazzjonijiet volontarji bl-isem Achievers bil-għan li dawn jorganizzaw attivitajiet fost it-tfal u ż-żgħażagħ fl-oqsma tal-kultura, mużika u sport. | Id-Direttorat tal-Iżvilupp tal-Politika u l-Implimentazzjoni tal-Programmi | Il-kampanji edukattivi fl-iskejjel dwar dan il-qasam tkomplew matul l-2020, fejn intlaħqu madwar 5,000 tifel u tifla kemm fl-iskejjel primarji kif ukoll dawk sekondarji. Rigward l-iskema finanzjarja 'Achievers' li kienet tnediet fl-2019 għall-benefiċċju tal-kunsilli lokali, kunsilli reġjonali u għaqdiet volontarji, tlestiet l-evalwazzjoni tal-applikazzjonijiet riċevuti. L-applikanti li ser jirċievu fondi taħt din l-iskema ġew mgħarrfa b'dan u bdew il-preparamenti sabiex jitħejja l-grant agreeement. | Uħud mill-attivitajiet li kellhom isiru mill-applikanti tal-iskema Achievers ma setgħux isiru minħabba restrizzjonijiet kawżati mill-COVID-19. Il-kampanji edukattivi fl-iskejjel ukoll ma setgħux jitkomplew minħabba l-impatt tal-imxija. | L-għotjiet finanzjarji tal-iskema Achievers ġew mogħtija permezz ta' grants agreement mal-applikanti rebbieħa. | | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-AGRIKOLTURA,
SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 243 | Aktar investiment fil-qasam tal-Biedja u tas-Sajd. Wara li fix-xhur li għaddew erġajna waqqafna l-Extension Services fl-Agrikultura u ħadna passi sabiex ikun hemm Farm Advisory Service effettiv, issa huwa l-waqt li servizzi simili jiġu replikati wkoll fil-qasam tas-sajd. Fix-xhur li ġejjin se jkompli r-ristrutturar fid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura. L-għan tagħna hu li nassiguraw li l-obbligi regolatorji jitwettqu bl-aktar mod effettiv u effiċjenti. | Id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura (FAD) | Ġie identifikat is-sit minn fejn ser jopera l-uffiċċju tal-extension service għas-sajd. Dan is-servizz ser jingħata mill-Uffiċċju Permanenti, f'Marsaxlokk.<br><br>Bdiet konsultazzjoni mal-koperattivi tas-sajd fuq is-servizz li ser jibda jiġi offrut. | Filwaqt li tkompliet il-konsultazzjoni mal-koperattivi tas-sajd, id-Dipartiment għamel l-arranġamenti interni neċessarji sabiex permezz tal-ingaġġ ta' Assistant Managers (Administration Fisheries) jibda jingħata s-servizz tal-extension service. | Ingħata t-taħriġ neċessarju lill-Assistant Managers u beda jingħata s-servizz. | | Implimentata |
| 244 | Aktar investiment fil-qasam tal-Biedja u tas-Sajd. It-titjib fil-Hard Standing Facility f'Marsaxlokk. | Id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura (FAD) | Tlesta d-disinn finali tal-Hard Standing Facility f'Marsaxlokk u ġew sottomessi d-dokumenti kollha lill-Awtorità tal-Ippjanar bħala parti mill-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-permess. Sadanittant beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għall-bini tal-istess Hard Standing Facility. | Tkompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-bini tal-Hard Standing Facility. Ġew ippreparati u sottomessi dokumenti ulterjuri kif mitluba mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex jitkompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-permess għall-iżvilupp. | Tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-bini tal-faċilità tal-Hard Standing. | Mistenni jinkiseb il-permess għall-iżvilupp mill-Awtorità tal-Ippjanar u tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għall-bini tal-faċilità tal-Hard Standing. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 245 | Aktar investiment fil-qasam tal-Biedja u tas-Sajd. L-iżvilupp ta' Control Hub ċentrali fil-Marsa. | Id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura (FAD) | Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni tal-binja l-ġdida fil-Marsa li ser isservi bħala Control Hub. Sadanittant ġie ffirmat ftehim mal-kuntrattur magħżul li ser jagħmel ix-xogħlijiet ta' twaqqigħ tal-binja eżistenti fis-sit fejn se jsir il-Control Hub il-ġdid. | Tlestew il-pjanti tal-Fisheries Hub. Dawn ġew sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar. Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-kostruzzjoni tal-binja l-ġdida fil-Marsa li ser isservi bħala Control Hub. Beda t-twaqqigħ tal-binja eżistenti. | Il-binja eżistenti ġiet imwaqqgħa u sar ukoll xogħol ta' skavar. Sadanittant saru arranġamenti sabiex jiġi appuntat it-tim ta' esperti tekniċi li se jkunu qed jaħdmu fuq dan il-proġett. | Mistennija tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti tal-kostruzzjoni tal-binja li ser isservi bħala Fisheries Hub. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 246 | Aktar investiment fil-qasam tal-Biedja u tas-Sajd. L-iskema għar-restawr tad-dgħajjes ser tkompli titwettaq. | Id-Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura (FAD) | Sar l-abbozzar tal-iskema għar-restawr tad-dgħajjes u ntbagħtet lill-awtoritajiet rispettivi għall-approvazzjoni. | Inkisbet l-approvazzjoni mill-iState Aid Monitoring Board sabiex tinħareġ l-iskema għar-restawr tad-dgħajjes. Ġew infurmati s-sajjieda dwar din l-iskema permezz ta' ittra. Infetaħ il-perjodu tal-applikazzjoni għal din l-iskema. It-terminu sabiex jiġu sottomessi l-applikazzjonijiet ingħalaq u dawk riċevuti bdew jiġu pproċessati, verifikati u nħarġu l-ħlasijiet dovuti. Dan il-proċess jibqa' għaddej bħala parti mill-operat tad-Dipartiment. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 247 | Fil-qasam tal-agrikultura, se jitkompla x-xogħol ta' ristrutturar fil-Biċċerija Pubblika billi, fost l-oħrajn, jiġu introdotti teknoloġiji moderni li jużaw inqas enerġija u prattiki li jikkonformaw b'mod sħiħ mal-istandards Ewropej. | Il-Biċċerija Pubblika | (a) Installazzjoni ta' Pannelli Solari<br>Tlesta l-abbozzar ta' sejħa għall offerti għax-xiri u l-installazzjoni ta' pannelli solari.<br><br>(b) Installazzjoni ta' Ġenerutur Elettriku<br>Tlesta l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għax-xiri u l-installazzjoni ta' ġeneratur elettriku u nkisbu l-approvazzjonijiet meħtieġa sabiex tinħareġ din is-sejħa.<br><br>(ċ) Installazzjoni ta' Makkinarju Effiċjenti li Jtejjeb il-Proċess tal-Qatla<br>Inxtara l-makkinarju meħtieġ u bdiet l-installazzjoni tal-istess makkinarju sabiex jitjieb il-proċess tal-qatla. | (a) Installazzjoni ta' Pannelli Solari<br>Saru diskussjonijiet mar-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (REWS) fuq skema ġdida li kellha tinħareġ minnhom u dan sabiex is-sejħa għall-offerti li kien ser jippubblika d-Dipartiment tilħaq ir-rekwiżiti neċessarji tal-iskema tar-istess REWS. Wara li ġew ippubblikati t-tresholds ġodda mir-REWS tlesta l-abbozz finali tas-sejħa għall-offerti għax-xiri u l-installazzjoni ta' pannelli solari sabiex jiġi ppubblikat.<br><br>(b) Installazzjoni ta' Ġenerutur Elettriku<br>Ġiet ippubblikata s-sejħa għax-xiri u installazzjoni ta' ġeneratur elettriku. Intlaqgħu l-offerti u beda l-proċess tal-evalwazzjoni tagħhom. | (a) Installazzjoni ta' Pannelli Solari<br>Ġie ppubblikat it-tender u rċevejna s-sottomissjonijiet mingħand il-kuntratturi prospettivi.<br><br>(b) Installazzjoni ta' Ġenerutur Elettriku<br>Wara li ħarġet is-sejħa għall-offerti, bdiet il-ħidma biex jintgħażel il-kuntrattur li ser jagħmel ix-xogħol. | (a) Installazzjoni ta' Pannelli Solari<br>Mistennija jiġu installati u kkummissjonati l-pannelli.<br><br>(b) Installazzjoni ta' Ġenerutur Elettriku<br>Mistenni li jiġi installat il-ġeneratur elettriku. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **247 kont.** | | | | (ċ) Installazzjoni ta' Makkinarju Effiċjenti li Jtejjeb il-Proċess tal-Qatla Il-makkinarju li kellu jiġi installat tlesta, ġie kkummissjonat u qed jintuża. It-tagħmir kien jinkludi fost l-oħrajn serrieq ġdid self-sterilising, magna vacuum ġdida, żidiet fil-monorail, magna ġdida għall-klassifikazzjoni tal-majjal, tagħmir li jneħħi l-ġilda, conveyor belt ġdid u sistema ġdida ta' ġbid tad-demm fuq il-linja tal-majjal. | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 248 | **Sejrin nallokaw fondi sabiex tittejjeb l-infrastruttura regolatorja b'investiment f'erba' laboratorji ewlenin - Il-Laboratorju Nazzjonali Veterinarju.** | Id-Dipartiment għas-Saħħa u l-Ħarsien tal-Annimali (AHWD) | Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għal servizz ta' espert sabiex jipprovdi studju tekniku dwar it-tkabbir tal-laboratorju veterinarju sabiex ikun jista' jilħaq il-livell ta' laboratorju uffiċjali responsabbli mill-analiżi fil-kamp veterinarju skont ir-Regolamenti Ewropej u l-Liġijiet ta' Malta.<br><br>Sar ukoll studju dwar il-ħtieġa ta` strumenti u apparat meħtieġ għat-tkabbir tal-laboratorju. | Wara li għalqet is-sejħa għall-offerti għal servizz ta' espert u ma ġiet sottomessa l-ebda offerta, inkisbet l-approvazzjoni għal xiri dirett u bdew id-diskussjonijiet mal-kumpanija barranija identifikata sabiex tipprovdi l-istudju tekniku dwar it-tkabbir tal-laboratorju veterinarju sabiex jilħaq il-livell ta' laboratorju uffiċjali responsabbli mill-analiżi fil-kamp veterinarju.<br><br>Ġew abbozzati sejħiet għall-offerti għal strumenti u apparat meħtieġa fl-immedjat għal-laboratorju. | Ġie ffirmat il-kuntratt mal-kumpanija barranija li se tagħmel l-istudju tekniku dwar it-tkabbir tal-laboratorju veterinarju.<br>Ġie finalizzat l-abbozz tas-sejħa għall-offerti għal strumenti u apparat meħtieġ fl-immedjat għal-laboratorju. | Mistenni jibda l-istudju mit-tim tekniku barrani dwar it-tkabbir tal-laboratorju veterinarju.<br>Barra minn hekk, mistennija tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għal strumenti u apparat meħtieġ fl-immedjat għal-laboratorju u tiġi aġġudikata. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 249 | **Sejrin nallokaw fondi sabiex tittejjeb l-infrastruttura regolatorja b'investiment f'erba' laboratorji ewlenin - Il-Laboratorju għas-Saħħa tal-Pjanti.** | Id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti | Saru diskussjonijiet interni kif ukoll analiżi tal-istandards u x-xogħol meħtieġ ta' titjib fil-Laboratorju għas-Saħħa tal-Pjanti. | Intgħażel il-kuntrattur preferut għax-xogħlijiet meħtieġa fil-Laboratorju għas-Saħħa tal-Pjanti. Inkisbet ukoll l-approvazzjoni tad-Dipartiment tal-Kuntratti. | Jiġi ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur magħżul biex jagħmel ix-xogħol. | Mistennija jibdew ix-xogħlijiet mill-kuntrattur. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 250 | **Sejrin nallokaw fondi sabiex tittejjeb l-infrastruttura regolatorja b'investiment f'erba' laboratorji ewlenin - Il-Laboratorju għall-Ittestjar tal-Ħamrija u l-Ilma għat-Tisqija.** | Id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti | Ġie kkwantifikat x'investiment hu meħtieġ sabiex jiġi implimentat dan il-proġett. Sadanittant, ġiet abbozzata sejħa għall-offerti għal xogħol ta' titjib fil-Laboratorju tal-Ilma tal-Ħamrija u l-Irrigazzjoni. | Ġiet ippubblikata u għalqet is-sejħa għall-offerti għax-xogħol ta' titjib fil-Laboratorju tal-Ilma tal-Ħamrija u l-Irrigazzjoni. | Saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għax-xogħol ta' titjib fil-Laboratorju tal-Ilma tal-Ħamrija u l-Irrigazzjoni. | Mistenni jiġi ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur magħżul biex jagħmel ix-xogħol. Barra minn hekk, mistenni jibda x-xogħol ta' titjib fil-Laboratorju tal-Ilma tal-Ħamrija u l-Irrigazzjoni, liema xogħol jinkludi tibdil fis-sistema tal-elettriku u l-ilma, l-installazzoni ta' ħitan tal-gypsum kif ukoll l-arja kkundizzjonata, tibdil tal-madum u toilets. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 251 | **Sejrin nallokaw fondi sabiex tittejjeb l-infrastruttura regolatorja b'investiment f'erba' laboratorji ewlenin - It-twaqqif tal-ewwel Genebank Nazzjonali f'Malta.** | Id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti | Kompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar għall-iżvilupp ta' Plant Biotechnology Centre. Ġew ippreparati t-tweġibiet għall-kjarifiki neċessarji li tqanqlu waqt il-perjodu ta' rappreżentazzjoni bħala parti mill-proċess tal-Awtorità tal-Ippjanar. Bdew id-diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Finanzi dwar il-fondi meħtieġa sabiex jiġi implimentat dan il-proġett. | Kompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-permess għall-Plant Biotechnology Centre mill-Awtorità tal-Ippjanar, liema permess ġie approvat f'Ġunju. Bdew isiru l-istudji mill-inġiniera sabiex ikunu jistgħu jitfasslu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom jiddaħħlu bħala parti mis-sejħa għall-offerti li trid tinħareġ. | Komplew l-istudji mill-inġiniera u bdew jitfasslu l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom jiddaħħlu bħala parti mis-sejħa għall-offerti li trid tinħareġ. Intlaħaq ftehim mal-Ministeru għall-Finanzi dwar il-fondi meħtieġa sabiex jiġi implimentat dan il-proġett. | Mistennija tiġi abbozzata s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet strutturali għat-twaqqif ta' bank tal-ġene tal-pjanti u ż-żerriegħa, liema xogħol jinkludi tħaffir u bini tal-istruttura kif ukoll l-installazzjoni ta' sistemi tal-elettriku, ilma u drenaġġ, isir it-tikħil, tqegħid ta' madum u twaħħil ta' aperturi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 252 | Matul is-sena d-dieħla se nlestu pjan ta' riġenerazzjoni u modernizzar tal-Pitkali. | Pitkalija Ltd | Beda t-tfassil ta' pjan ta' riġenerazzjoni u modernizzar tal-Pitkalija.<br>Bdiet ukoll konsultazzjoni mal-bdiewa u stakeholders oħra konċernati dwar l-istess riġenerazzjoni u l-immodernizzar meħtieġ tal-Pitkali.<br>Ġiet installata s-sistema elettronika ġdida għad-dħul fil-Pitkalija li tinkludi r-reġistrazzjoni tal-vetturi li jidħlu. | Inbeda u tlesta l-ewwel abbozz ta' emendi għall-avviż legali intitolat Marketing of Agricultural Produce Regulations.<br>Kompla x-xogħol fuq it-tfassil ta' pjan ta' riġenerazzjoni u mmodernizzar tal-Pitkali.<br>Tkompliet il-konsultazzjoni mal-bdiewa u stakeholders oħra konċernati. | L-avviż legali intitolat Marketing of Agricultural Produce Regulations ġie ppubblikat.<br>Ġie finalizzat u approvat il-pjan ta' riġenerazzjoni u mmodernizzar tal-Pitkali. | Mistenni jsir l-abbozzar ta' sejħiet għall-offerti għax-xiri, xogħlijiet u/jew servizzi kif elenkati fil-pjan ta' riġenerazzjoni u modernizzar tal-Pitkalija. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 253 | Ir-razzett tal-Gvern fl-Għammieri se jinbidel f'Ċentru ta' Innovazzjoni u Riċerka Agrikola. | Id-Dipartiment għall-Affarijiet Rurali | Wara diversi xhur ta' diskussjoni, ġie ffirmat Memorandum of Understanding bejn il-Ministeru u l-Istitut Agronomiku CIHEAM (Centre International de Hautes Etudes Agronomiques Méditerranéennes) ta' Bari sabiex tinkiseb għajnuna teknika u jitfassal pjan ta' riċerka biex iċ-ċentru agrikolu fl-Għammieri jiġi rinovat u trasformat f'Hub Agrikolu għar-Riċerka u Innovazzjoni.<br>Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet meħtieġa fil-post identifikat fejn ser isir ċentru ta' monitoraġġ inkluż it-tagħmir teknoloġiku meħtieġ sabiex jiġu segwiti l-iżviluppi fl-agrikultura b'mod remot.<br><br>Wara li nkisbet l-approvazzjoni meħtieġa sabiex isir enhancement fis-sistema tal-IT eżistenti biex din ikollha l-Intelliġenza Artifiċjali inkorporata fiha, inbeda x-xogħol fuq is-sistema. | Beda t-tfassil tal-pjan ta' riċerka li għandu jindirizza l-bżonnijiet identifikati ta' riċerka fil-Politika Agrikola Nazzjonali għal Malta 2018-2028. Saru laqgħat tekniċi bejn l-uffiċjali tal-Ministeru u ta' CIHEAM dwar kif iċ-ċentru agrikolu fl-Għammieri għandu jiġi rinovat u trasformat f'Hub Agrikolu għar-Riċerka u Innovazzjoni. Ġiet ippubblikata u għalqet is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet meħtieġa sabiex isir stazzjon ta' monitoraġġ agrikolu.<br><br>Kompla l-iżvilupp fis-sistema tal-IT eżistenti sabiex din ikollha l-Intelliġenza Artifiċjali inkorporata fiha. | (a) Kollaborazzjoni għal Għajnuna Teknika u Expertise.<br><br>Fir-rigward tal-kollaborazzjoni għal għajnuna teknika u expertise, tlesta l-abbozz tal-pjan ta' riċerka u ġie diskuss internament. Inġabret informazzjoni dwar il-prattiki agrikoli tradizzjonali sabiex jiġi żviluppat kompendju li jiddokumenta dawn il-prattiki.<br><br>Saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għall-konverżjoni ta' kamra fl-Għammieri fi stazzjon ta' monitoraġġ agrikolu, ġie magħżul il-kuntrattur u bdew ix-xogħlijiet<br><br>Barra minn hekk, kompla l-iżvilupp fis-sistema tal-IT eżistenti sabiex din ikollha l-Intelliġenza Artifiċjali inkorporata fiha. | Mistennija jibdew il-provi tal-użu tas-sistema tal-informatika biex tintuża fil-proġetti pilota permezz ta' intelliġenza artifiċjali, kif ukoll jitlestew ix-xogħlijiet ta' konverżjoni ta' kamra fl-Għammieri fi stazzjon ta' monitoraġġ agrikolu.<br><br>Isiru x-xogħlijiet neċessarji u jinfetaħ l-istazzjon għall-monitoraġġ agrikolu.<br><br>Barra minn hekk, se tkun qed tinġabar l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar il-prattiki agrikoli tradizzjonali sabiex jiġi żviluppat kompendju li jiddokumenta dawn il-prattiki.<br><br>L-iżvilupp fis-sistema tal-IT eżistenti mistennija titlesta sabiex din ikollha l-Intelliġenza Artifiċjali inkorporata fiha.<br><br>B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 254 | Fir-rebbiegħa tas-sena d-dieħla se tittella' l-ewwel Fiera Agrikola Nazzjonali li matulha se nagħtu opportunità sabiex il-bdiewa, ir-raħħala u l-produtturi Maltin jesebixxu l-prodott tagħhom lill-iktar udjenza wiesgħa possibbli, mhux l-inqas dik internazzjonali. | Id-Direttorat għas-Saħħa tal-Pjanti | Saru diskussjonijiet mal-imsieħba konċernati sabiex tittella' l-ewwel Fiera Agrikola Nazzjonali u saru l-pjanijiet loġistiċi neċessarji.<br><br>Ħarġu wkoll sejħiet għall-applikazzjonijiet għal stands t'esibizzjoni mis-settur privat u dak governattiv. | Din l-attività kellha tiġi posposta minħabba s-sitwazzjoni tal-COVID-19. Huwa ppjanat illi din il-fiera ssir fit-2, 3 u 4 ta' Ottubru. Reġgħu bdew il-preparamenti loġistiċi sabiex din il-fiera tkun tista' ssir. | Minħabba s-sitwazzjoni preżenti tal-COVID-19, din il-miżura ġiet posposta għas-sena 2021. | | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 51 | Housing: Wara li din is-sena daħħalna l-Equity Sharing Scheme għal dawk li jagħlqu l-erbgħin sena u minħabba ċirkostanzi tal-ħajja jkollhom bżonn jixtru dar, għas-sena d-dieħla sejrin nintroduċu skema oħra mmirata għal dawk taħt l-40 sena li għalkemm ikunu eliġibbli għal home loan minn bank kummerċjali, ma jkollhomx il-likwidità li jħallsu f'daqqa l-għaxra fil-mija depożitu. B'din l-iskema, il-Gvern, bi ftehim ma' bank jew banek, se jkun qed isellef l-ammont tad-depożitu li jitħallas lura bin-nifs fuq medda ta' 15-il sena filwaqt li l-imgħax fuq dan is-self jitħallas mill-gvern. Il-pagament massimu li l-gvern se jkun qed joħroġ hu ta' sbatax-il elf u ħames mitt ewro (€17,500). | L-Awtorità tad-Djar (HA) | Saru diversi diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Finanzi, il-banek u l-istakeholders konċernati dwar il-kundizzjonijiet ta' din l-iskema inkluż ir-rati ta' interessi applikabbli. Tfasslu l-kundizzjonijiet, inkluż il-mekkaniżmu u l-kriterji tal-eliġibilità tal-iskema. | Intlaħaq qbil mal-banek li ser jipparteċipaw fl-iskema u ġie ffirmat ftehim bejn il-Ministeru, l-Awtorità tad-Djar u l-banek parteċipi f'din l-iskema. Tħabbret l-iskema Home Deposit Scheme li l-għan tagħha huwa li tgħin lil dawk taħt l-40 sena li, għalkemm ikunu eliġibbli għal self minn bank kummerċjali għal xiri ta' dar, ma jkollhomx il-likwidità li jħallsu f'daqqa l-għaxra fil-mija depożitu. L-Awtorità tad-Djar bdiet tilqa' l-applikazzjonijiet għal din l-iskema fit-8 ta' Ġunju. Il-verifika u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet riċevuti jibqgħu għaddejjin bħala parti mill-operat ta' din l-entità. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 52 | Benefiċċju tal-Kera: Din is-sena, għall-ewwel darba, daħħalna sussidju mhux biss għal kirjiet fuq akkomodazzjonijiet soċjali iżda daħħalna sussidju mmirat għall-akkomodazzjoni affordabbli. Din l-iskema kienet suċċess u fl-ewwel sena tagħha kien hemm elf familja li bbenefikaw minn din l-iskema. Għas-sena d-dieħla sejrin inkomplu nestendu din il-miżura billi ngħollu d-dħul annwali li individwu jaqla' u jkun xorta eliġibbli biex jibbenefika minn din l-iskema. Minn Jannar li ġej id-dħul annwali ta' persuna li tgħix waħedha biex tkun eliġibbli għal dan il-benefiċċju se jitla' minn erbatax-il elf u ħames mitt ewro (€14,500) għal dsatax-il elf ewro (€19,000). | L-Awtorità tad-Djar (HA) | Permezz ta' avviż fil-Gazzetta tal-Gvern tnediet l-iskema bl-emendi neċessarji sabiex id-dħul annwali ta' persuna li tgħix waħedha żdied kif indikat f'din il-miżura. Bdew jintlaqgħu l-applikazzjonijiet għal din l-iskema. Dan ser ikompli jsir bħala parti mill-operat tal-Awtorità tad-Djar. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **52 kont.** | F'każ ta' koppja b'żewġt itfal, id-dħul annwali għall-eliġibbiltà se jitla' minn tmienja u għoxrin elf u sitt mitt ewro (€28,600) għal tnejn u tletin elf ewro (€32,000). B'hekk ser naraw iktar persuni u familji bi dħul medju jsiru eliġibbli għas-sussidju jekk il-kera taqbeż il-25 fil-mija tad-dħul gross tagħhom. | | | | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 53 | Units Ġodda ta' Housing Soċjali: Permezz ta' eżerċizzju ta' better optimisation u żieda fl-investiment, li se jlaħħaq għal €60 miljun ewro, il-Gvern se jibni 1,700 unit ġdid. | Social Projects Management Ltd (SPML) | Saru laqgħat fuq bażi kontinwa mal-kuntratturi responsabbli mill-kostruzzjoni f'numru ta' siti u tkomplew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni, fosthom f'Ħ'Attard, Birkirkara, Bormla, Ħal Kirkop, is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ u ż-Żurrieq.<br><br>Wara sejħa għall-offerti, ġie ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur magħżul għall-Mechanical & Electrical (M&Es) fis-sit taż-Żurrieq.<br><br>Ġew ippubblikati sejħiet għall-offerti għall-M&Es ta' diversi siti fosthom f'Birkirkara, Ħal Kirkop, is-Siġġiewi u Ħaż-Żebbuġ.<br><br>Bdew ix-xogħlijiet tal-M&Es fis-sit ta' Ħ'Attard.<br><br>Ġew ippubblikati sejħiet għall-offerti għall-Finishes f'diversi siti, fosthom Ħ'Attard, Birkirkara u ż-Żurrieq. | Tkomplew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fis-siti msemmija.<br><br>Għalqet is-sejħa għall-offerti għall-M&Es, saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti u ġew magħżula l-kuntratturi preferuti għas-siti f'Birkirkara, Ħal Kirkop, is-Siġġiewi u Ħaż-Żebbuġ.<br><br>Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għall-Finishes fis-siti ta' Ħal Kirkop, is-Siġġiewi u Ħaż-Żebbuġ.<br><br>Għalqet is-sejħa għall-offerti għall-Finishes *u* saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għax-xogħlijiet fis-siti f'Ħ'Attard, Birkirkara, Ħal Kirkop, is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ u ż-Żurrieq.<br><br>Bdew ix-xogħlijiet tal-M&Es fiż-Żurrieq u komplew dawk fis-sit ta' Ħ'Attard. | Tkomplew ix-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fis-siti msemmija.<br><br>Tkomplew ix-xogħlijiet tal-M&Es f'Ħ'Attard u ż-Żurrieq, kif ukoll bdew ix-xogħlijiet tal-M&Es fis-siti f'Birkirkara, Ħal Kirkop, is-Siġġiewi u Ħaż-Żebbuġ.<br><br>Bdew ix-xogħlijiet tal-finishes fis-siti ta' Birkirkara u Ħal Kirkop. | Ser jitkomplu x-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fis-siti msemmija.<br><br>Mistenni li jitkomplew ix-xogħlijiet tal-M&Es fis-siti ta' Birkirkara, Ħal Kirkop, is-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ, Ħ'Attard u ż-Żurrieq.<br><br>Mistenni li jitkomplew ix-xogħlijiet tal-finishes fis-siti f'Birkirkara u Ħal Kirkop.<br><br>Mistenni li jiġu magħżula l-kuntratturi għall-finishes għas-siti fis-Siġġiewi, Ħaż-Żebbuġ u Ħ'Attard. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 55 | **Riġenerazzjoni ta' Proprjetà Dilapidata: Il-progett ta' rranġar ta' numru ta' proprjetajiet tal-Gvern li huma fi stat dilapidat, liema proprjetajiet qed jiġu rranġati biex jintużaw bħala djar soċjali, se jitkompla.** | L-Awtorità tad-Djar (HA) | Ġew evalwati l-offerti riċevuti għall-Building Services għal proprjetà fiż-Żejtun, wara li kienet ħarġet sejħa għall-offerti fl-2019.<br><br>Ħarġet sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' restawr tal-faċċata u għax-xogħlijiet interni fi proprjetà fil-Belt Valletta.<br><br>Inkiseb il-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar għax-xogħlijiet fi proprjetajiet f'Bormla u l-Birgu. | Beda x-xogħol ta' kostruzzjoni fil-proprjetà fiż-Żejtun.<br><br>Intgħażel l-offerent preferut u ġie ffirmat il-kuntratt mal-kuntrattur għax-xogħlijiet tal-Building Services fiż-Żejtun.<br><br>Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' Building Services fi proprjetajiet fil-Belt Valletta u l-Birgu u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għall-proprjetà fil-Belt Valletta.<br><br>Intgħażel l-offerent preferut għas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' restawr tal-faċċata u għax-xogħlijiet interni fi proprjetà fil-Belt Valletta.<br><br>Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni fi proprjetajiet f'Bormla u l-Birgu u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. | Tkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni fil-proprjetà fiż-Żejtun.<br><br>Beda x-xogħol ta' restawr tal-faċċata u xogħlijiet interni fi proprjetà fil-Belt Valletta.<br><br>Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' kisi u tqegħid tal-madum f'binja fil-Belt Valletta u fiż-Żejtun.<br><br>Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni f'binja oħra ġewwa l-Belt Valletta, fi Sqaq Toni Bajada. | Mistenni li jitkompla x-xogħol ta' kostruzzjoni fil-proprjetà fiż-Żejtun.<br><br>Għandu jitkompla x-xogħol ta' restawr tal-faċċata u xogħlijiet interni fi proprjetà fil-Belt Valletta.<br><br>Wara li jkunu ntgħażlu l-kuntratturi, mistenni li jibda x-xogħol ta' kostruzzjoni fi proprjetajiet f'Bormla u l-Birgu. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 56 | Housing: Għas-sena d-dieħla l-Awtorità tad-Djar se tkun qed tkompli bi proġetti speċjali fejn isiru x-xogħlijiet neċessarji fuq appartamenti b'żewġ jew tliet kmamar skont il-bżonnijiet ta' anzjani, sabiex żewġ jew tliet anzjani jgħixu fl-istess fond flimkien u jkunu ta' wens għal xulxin. | L-Awtorità tad-Djar (HA) | Saret riċerka kwalitattiva dwar elderly sharing biex jiġu identifikati applikanti li jistgħu jibbenefikaw minn din l-inizjattiva.<br><br>Saru żjarat f'erba' proprjetajiet fi stat dilapidat biex jiġi identifikat jekk jistgħux jintużaw għal din l-inizjattiva u x'xogħlijiet ta' riġenerazzjoni huma meħtieġa biex jiġu utilizzati għall-proġetti.<br><br>Saru laqgħat mal-Kamra tal-Periti sabiex jitħejjew il-kundizzjonijiet ta' kif se jintgħażlu d-disinji tal-proġetti. Ġew diskussi l-pjan ta' azzjoni u l-policy tal-proġett. | Ġew identifikati l-proprjetajiet li ser jiġu allokati għall-proġett.<br><br>Ħarġet sejħa għall-NGOs u entitajiet konċernati kif ukoll għal persuni li jixtiequ jingħaqdu flimkien għat-twettiq ta' dan il-proġett. Ġie ppreparat feature li juri l-istat u kif inhuma mqassma dawn il-proprjetajiet. B'hekk l-NGOs u entitajiet interessati li jagħmlu proposta bil-proġett tagħhom ikollhom stampa aktar ċara ta' dak li qed jiġi offrut.<br><br>Ġiet organizzata sessjoni ta' informazzjoni għall-NGOs u dawk l-entitajiet interessati fejn ingħata aktar tagħrif biex jissottomettu proġetti relatati ma' akkomodazzjoni speċjalizzata, inkluż tagħrif dwar il-kriterji li fuqhom għandu jitfassal il-proġett, l-għan wara l-kunċett ta' komunitajiet sostenibbli u informazzjoni dwar id-disinn. | Għalqet is-sejħa u ġew shortlisted tmien NGOs. L-NGOs ġew iggwidati biex jippreparaw brief dettaljat għal skop ta' preżentazzjoni lill-periti. Dan jinkludi profil fuq it-tip u n-numru ta' klijenti li jixtiequ li jibbenefikaw mis-servizz ta' akkomodazzjoni, dwar l-ambjent u neċessitajiet oħra li huma rekwiżiti biex jilħqu l-bżonnijiet tal-klijenti, fost dettalji oħra.<br><br>Tnediet kompetizzjoni għad-disinn tal-proġetti, fejn periti interessati jissottomettu l-proposta tagħhom skont liema proġett huwa ta' interess għalihom. | Mistenni li jintgħażlu l-proġetti rebbieħa u jiġi ffirmat il-kuntratt ma' dawk magħżula.<br><br>Tkompli l-ħidma mal-NGOs, flimkien mal-periti magħżula.<br><br>L-Awtorità tad-Djar mistennija tibqa' ssegwi l-andament tax-xogħlijiet u tiżgura li dak maqbul fil-kuntratt jiġi onorat. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 57 | Housing: Proġett pilota ieħor li se jsir hu dak ta' intergenerational living, fejn familji b'membri ta' etajiet differenti jgħixu flimkien bil-għan li noħolqu komunità li tifhem aktar il-bżonnijiet ta' xulxin. | L-Awtorità tad-Djar (HA) | Saret riċerka kwalitattiva dwar intergenerational living biex jiġu identifikati applikanti li jistgħu jibbenefikaw minn din l-inizjattiva.<br><br>Saru żjarat f'erba' proprjetajiet fi stat dilapidat biex jiġi identifikat jekk jistgħux jintużaw għal din l-inizjattiva u x'xogħlijiet ta' riġenerazzjoni huma meħtieġa biex jiġu utilizzati għall-proġetti.<br><br>Saru laqgħat mal-Kamra tal-Periti sabiex jitħejjew il-kundizzjonijiet ta' kif se jintgħażlu d-disinji tal-proġetti. Ġew diskussi l-pjan ta' azzjoni u l-policy tal-proġett. | Ġew identifikati l-proprjetajiet li ser jiġu allokati għall-proġett.<br><br>Ħarġet sejħa għall-NGOs u entitajiet konċernati kif ukoll għal persuni li jixtiequ jingħaqdu flimkien għat-twettiq ta' dan il-proġett. Ġie ppreparat feature li juri l-istat u kif inhuma mqassma dawn il-proprjetajiet. B'hekk l-NGOs u entitajiet interessati li jagħmlu proposta bil-proġett tagħhom ikollhom stampa aktar ċara ta' dak li qed jiġi offrut.<br><br>Ġiet organizzata sessjoni ta' informazzjoni għall-NGOs u dawk l-entitajiet interessati fejn ingħata aktar tagħrif biex jissottomettu proġetti relatati ma' akkomodazzjoni speċjalizzata, inkluż tagħrif dwar il-kriterji li fuqhom għandu jitfassal il-proġett, l-għan wara l-kunċett ta' komunitajiet sostenibbli u informazzjoni dwar id-disinn. | Għalqet is-sejħa u ġew shortlisted tmien NGOs. L-NGOs ġew iggwidati biex jippreparaw brief dettaljat għal skop ta' preżentazzjoni lill-periti. Dan jinkludi profil fuq it-tip u numru ta' klijenti li jixtiequ li jibbenefikaw mis-servizz ta' akkomodazzjoni, dwar l-ambjent u neċessitajiet oħra li huma rekwiżiti biex jilħqu l-bżonnijiet tal-klijenti, fost dettalji oħra.<br><br>Tnediet kompetizzjoni għad-disinn tal-proġetti, fejn periti interessati jissottomettu l-proposta tagħhom skont liema proġett huwa ta' interess għalihom. | Mistenni li jintgħażlu l-proġetti rebbieħa u jiġi ffirmat il-kuntratt ma' dawk magħżula.<br><br>Tkompli l-ħidma mal-NGOs, flimkien mal-periti magħżula.<br><br>L-Awtorità tad-Djar mistennija tibqa' ssegwi l-andament tax-xogħlijiet u tiżgura li dak maqbul fil-kuntratt jiġi onorat. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 58 | **Riġenerazzjoni tal-Oqsma tad-Djar: L-Awtorità tad-Djar se tkompli fuq il-programm ta' manutenzjoni ta' blokki fuq ħamsin blokk ieħor ta' akkomodazzjoni soċjali li jiffurmaw parti mill-Oqsma tad-Djar f'lokalitajiet differenti.** | L-Awtorità tad-Djar (HA) | Saru l-Condition Reports ta' blokok fir-Rabat, iż-Żejtun u Bormla u tlestew l-istimi tax-xogħlijiet meħtieġa fil-bjut u l-komun ta' blokok fir-Rabat, iż-Żejtun u s-Siġġiewi.<br><br>Bdew ix-xogħlijiet meħtieġa fi wħud mill-blokok fir-Rabat u ż-Żejtun. | Saru l-Condition Reports ta' blokok f'San Ġiljan u Santa Luċija.<br><br>Tlestew l-istimi tax-xogħlijiet fil-bjut u l-komun ta' blokok f'Bormla, San Ġiljan u Santa Luċija.<br><br>Tkomplew ix-xogħlijiet meħtieġa fi wħud mill-blokok fir-Rabat, iż-Żejtun, Bormla u San Ġiljan.<br><br>Giet ippubblikata u għalqet sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet meħtieġa fil-faċċati tal-blokok fis-Siġġiewi u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. | Tlestew xogħlijiet li jinkludu manutenzjoni u waterproofing fuq il-bjut, kif ukoll tibjid u titjib ġenerali tat-trombi tat-taraġ u partijiet komuni fi blokok fir-Rabat u ż-Żejtun. Tkompla l-istess xogħol fi blokok f'Bormla, San Ġiljan u Santa Luċija.<br><br>Bdew xogħlijiet ta' manutenzjoni u tisbiħ tal-faċċati fi blokok fis-Siġġiewi. | Mistenni li jitlestew ix-xogħlijiet kollha meħtieġa fi blokok fir-Rabat, iż-Żejtun, Bormla, San Ġiljan, Santa Luċija u s-Siġġiewi. | Implimentata |

MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA,
INVESTIMENT U NEGOZJI ŻGĦAR

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 76 | Tnaqqis ta' plastik li jintuża darba waħda. Se nniedu skema ta' għajnuna biex ħwienet tal-merċa jarmaw green corners, fejn parti mill-ħanut tkun iddedikata biex ibigħu prodotti tal-ikel u oħrajn bl-użin. Għalhekk il-konsumaturi jibdew jieħdu kontenituri tagħhom u jimlewhom bil-prodotti li jkunu se jixtru. Il-Gvern se jkun qed jissussidja nofs l-ispejjeż sa massimu ta' tlett elef ewro. | Malta Enterprise Corporation (ME) | Bdiet konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali kif ukoll ma' importaturi u sidien tal-merċa dwar l-abbozz tal-iskema. Ġie abbozzat ukoll l-avviż legali li permezz tiegħu tidħol fis-seħħ din l-iskema. | Tkomplew il-laqgħat mal-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u Ppjanar (MECP). Tlesta l-abbozzar tal-linji gwida u ġew iċċirkolati mal-imsieħba soċjali u l-partijiet kollha involuti matul il-konsultazzjoni biex jipprovdu r-rispons tagħhom. | Fid-dawl tal-pandemija Covid-19, l-istandards mitluba minn din il-miżura mhumiex rakkomandati mill-awtoritajiet tas-saħħa. Għalhekk qed issir talba sabiex l-iskema tkun modifikata biex tgħin lill-ħwienet tal-merċa fl-operat tagħhom favur l-ambjent. | Mistennija jsiru diskussjonijiet fuq kif l-aħjar tkun modifikata l-iskema fid-dawl tar-restrizzjonijiet imposti mill-pandemija. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 89 | Industrija tal-kostruzzjoni iktar sostenibbli. Il-Malta Enterprise se tkun qed tinċentiva lill-operaturi f'dan is-settur biex jiddisponu mill-makkinarju tagħhom u jibdluh f'makkinarju ġdid li jniġġes inqas skont standards stabbiliti. Din l-għajnuna tista' titla' sa massimu ta' mitejn elf ewro (€200,000). Il-makkinarju l-antik irid jiġi skrappjat.<br><br>Min jixtri makkinarju addizzjonali (eskluż vetturi) sabiex inaqqas l-impatt fuq l-ambjent se jkun eliġibbli wkoll. Dan qed isir sabiex ninċentivaw lill-industrija tal-kostruzzjoni biex issir iktar ambjentalment sostenibbli. | Malta Enterprise Corporation (ME) | Saru diversi laqgħat ta' konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali dwar l-iskema proposta. | Wara li kien riċevut ir-rispons mingħand l-imsieħba soċjali, l-ME kompliet tlesti l-linji gwida u d-dokumenti relatati ma' din l-iskema li ser jgħaddu għall-approvazzjoni meħtieġa. | Tlestew il-linji gwida tal-iskema għall-operaturi fis-settur tal-kostruzzjoni biex jiddisponu mill-makkinarju tagħhom u jibdluh f'makkinarju ġdid li jniġġes inqas skont standards stabbiliti. | Mistennija jitressqu l-linji gwida tal-iskema għad-diskussjoni interna sabiex tinkiseb l-approvazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 237 | Is-settur tal-manifattura. Dan il-Gvern qed juri kemm tassew għandu fiduċja fin-negozju Malti u Għawdxi, bil-fatti. Xhieda ta' dan hi l-għajnuna li qed tingħata taħt l-iskema MicroInvest u li minnha bbenefikaw elf u sitt mitt (1,600) negozju; l-issoktar tax-xogħol fil-proġett tar-riġenerazzjoni tal-villaġġ tal-artiġjanat f'Ta' Qali; l-iskemi Business Start u Start-up Finance, li huma mmirati biex jgħinu lil start-ups fejn minn meta daħlet din l-iskema, mija u erba' (104) start-ups gawdew minn din l-iskema, u t-twaqqif tal-Fondazzjoni Start-Up Malta (SUM) biex toffri aktar sostenn u servizzi effiċjenti għal dawk l-individwi li se jibdew negozju. Din l-iskema se terġa' tiġi estiża għas-sena d-dieħla. | Malta Enterprise Corporation (ME) | Tnediet l-iskema Start-up Finance 2020 li hija aċċessibbli minn fuq is-sit tal-Korporazzjoni. Beda l-ivverifikar u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet riċevuti. Dan ser jitkompla bħala parti mill-operat tal-ME.<br><br>Ġew approvati u daħlu fis-seħħ l-emendi għall-iskema tar-riġenerazzjoni tal-Villaġġ tal-Artiġjanat f'Ta' Qali. Beda l-ivverifikar u l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet riċevuti. Dan ser jitkompla bħala parti mill-operat tal-ME. | Kompliet titħaddem l-iskema Bstart li kienet inħarġet fis-snin riċenti. Hekk kif imħabbar f'din il-miżura tal-Baġit, bdew jiġu identifikati l-emendi meħtieġa sabiex din l-iskema tittejjeb. | Ġew finalizzati l-linji gwida ġodda tal-iskema Bstart. | Il-linji gwida mistennija jitressqu għall-approvazzjoni u titnieda l-iskema Bstart. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 238 | **Żoni industrijali. Il-Malta Industrial Parks qed taħdem fuq Public Private Partnership f'diversi żoni industrijali madwar Malta sabiex tkun tista' takkomoda negozji żgħar fi clusters industrijali.** | Malta Industrial Parks Ltd (MIP) | Tlesta l-ewwel abbozz tad-dokument tar-Request for Proposals għal dawk interessati li jidħlu fi sħubija mal-MIP biex jiġu żviluppati u operati parks industrijali. Dan l-abbozz ġie diskuss internament mit-taqsima legali tal-MIP. | Ir-Request for Proposals ġiet approvata u ppubblikata. Bdiet l-evalwazzjoni tal-proposti riċevuti. | Tkompliet l-evalwazzjoni tal-offerti li daħlu. Dan hu proċess rigoruż minħabba l-ammont ta' sottomissjonijiet u l-kumplessità tal-għażla. | Mistennija titlesta l-evalwazzjoni tal-offerti u jintgħażel l-offerent preferut. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 239 | **Żoni industrijali. Sabiex isir użu siewi tal-bjut tal-fabbriki għall-installazzjoni ta' PV panels, se jkun qed jitnieda proġett pilota biex jiġi introdott il-kunċett ta' green infrastructure fiż-żoni industrijali u b'hekk ikompli jogħla l-livell tal-ambjent fejn jaħdmu l-ħaddiema Maltin.** | Malta Industrial Parks Ltd (MIP) | Wara li għalqet is-sejħa għall-offerti għall-green infrastructure fiż-żoni industrijali ta' Kordin, il-Mosta u l-Marsa, bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti.<br><br>Dwar il-pannelli fotovoltajċi fuq il-bjut tal-fabbriki, saru diversi laqgħat mal-entitajiet regolatorji, operaturi tal-fabbriki li ser jissupplixxu l-pannelli u istituzzjonijiet finanzjarji oħra. Bdew jiġu ffirmati l-ewwel kuntratti sabiex jitpoġġew il-pannelli fuq medda ta' 5,000 metru kwadru. | Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għall-green infrastructure u ntgħażel il-kuntrattur li ser jieħu ħsieb ix-xogħlijiet. L-MIP bdiet sensiela ta' diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Artijiet biex jiġu trasferiti xi artijiet lill-MIP fejn ser jiġu installati l-Green Walls.<br><br>Dwar il-pannelli fotovoltajċi, il-mira għal din is-sena ntlaħqet fl-ewwel 4 xhur tas-sena. Tkomplew ukoll diversi laqgħat mal-entitajiet regolatorji, operaturi tal-fabbriki li ser jissupplixxu l-pannelli fotovoltajċi u istituzzjonijiet finanzjarji oħra. | Komplew ix-xogħlijiet għall-green infrastructure fuq żoni 1 sa 3, liema xogħlijiet jinkludu installazzjoni ta' infrastruttura marbuta ma' green walls, irrigation systems u reserviors, kif ukoll provvista ta' pjanti u l-manutenzjoni tagħhom.<br><br>Dwar il-pannelli fotovoltajċi, komplew id-diskussjonijiet mal-banek u diversi inkwilini interessati li jinstallaw il-pannelli. Ġew approvati 'l fuq minn 9,800 metru kwadru ta' pannelli fuq is-soqfa tal-fabbriki. | Mistennija jkomplu u jibdew jitlestew uħud mix-xogħlijiet ta' green infrastructure fuq żoni 1 sa 3, liema xogħlijiet jinkludu installazzjoni ta' infrastruttura marbuta ma' green walls, irrigation systems u reserviors, kif ukoll provvista ta' pjanti u l-manutenzjoni tagħhom. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 240 | **Żoni industrijali. Dan l-istess kunċett ta' green infrastructure se jkun applikat fl-estensjoni tal-Life Sciences Park fejn il-preparamenti ta' din l-estensjoni se tkun qed tiġi finalizzata matul is-sena d-dieħla.** | Malta Industrial Parks Ltd (MIP) | Beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għas-servizzi professjonali għax-xogħlijiet li jagħmlu parti minn Fażi 1 tal-proġett. Bdiet il-kumpilazzjoni tal-istudju ta' fattibilità dwar il-proġett u sabiex tiġi determinata r-rata tal-kiri tal-uffiċini. Kompla l-ipproċessar tal-erba' applikazzjonijiet sottomessi mal-Awtorità tal-Ippjanar, liema applikazzjonijiet huma kollha marbuta ma' dan il-proġett. | Tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għas-servizzi professjonali u din għaddiet għall-approvazzjoni meħtieġa. Ġew sottomessi lill-Awtorità tal-Ippjanar xi disinji ġodda u miżuri oħra sabiex jiġi salvagwardjat l-ambjent. Għal dan il-għan ġew finalizzati tliet rapporti dwar titjib ambjentali fiż-żona tal-proġett; enerġija rinnovabbli u effiċjenza tal-enerġija; u għażliet tal-provvista tal-elettriku għal blokok fil-Life Sciences Park. Tlesta l-istudju ta' fattibilità dwar il-proġett. | Is-sejħa għall-offerti għas-servizzi professjonali għall-ewwel fażi tal-proġett ġiet riveduta biex tirrifletti kriterji relatati ma' green procurement u għaddiet għall-approvazzjoni meħtieġa qabel il-pubblikazzjoni. | Mistennija tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għas-servizzi professjonali għall-ewwel fażi tal-proġett. Tibda l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għas-servizzi professjonali ta' periti u project managers. Jibda x-xogħol fuq id-disinni u l-BOQs għall-ewwel fażi tal-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 241 | Żona Sportiva u tal-Intrapriża fil-Marsa. Matul is-sena d-dieħla se joħorġu s-sejħiet pubbliċi għat-tindif, bi proċess magħruf bħala land mining, sabiex il-miżbla antika tal-Marsa tinbidel f'żona industrijali ġdida, żona għall-isport, kif ukoll żona ta' rikreazzjoni, u dan mingħajr ma tintmess art verġni. Huwa mistenni li dan il-proċess innovattiv għal pajjiżna ser jippromovi wkoll industrija ċirkolari ġdida, fejn b'kollaborazzjoni mal-Università ta' Malta l-iskart u r-radam mill-bini se jiġi rkuprat sabiex jintuża mill-ġdid. | Malta Industrial Parks Ltd (MIP) | Għalqet il-Pre Qualification Questionnaire (PQQ) (Innovation Partnership) u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. Saru diskussjonijiet mal-Università ta' Malta dwar l-użu għall-aggregate wara li jkun tnaddaf (Reconstituted Stone). Ġie organizzat Business Breakfast fejn dan il-kunċett ta' Reconstituted Stone u l-ħidma mal-Università ta' Malta ġew diskussi mal-imprendituri li attendew. Wara li tfasslu t-Terms of Reference, ġew approvati l-konsulenti li ser iwettqu l-istudji relatati mal-EIA. | Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għall-PQQ . Wara li għalqet is-sejħa għall-offerti għas-servizzi ta' sigurtà u sorveljanza tas-sit, bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. Kompla l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għal servizzi professjonali marbuta ma' dan il-proġett. Ġie ppreżentat abbozz tal-istudju (Cost, Benefit & Feasibility Analysis) dwar ir-Reconstituted Stone li sar b'mod konġunt mal-Università ta' Malta. | L-abbozz tas-sejħa għall-offerti għas-servizzi ta' perizja u project management għadda għall-approvazzjoni meħtieġa qabel il-pubblikazzjoni.<br><br>Kompla l-proċess tal-EIA (Environment Impact Assessment). | Mistennija tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għas-servizzi ta' perizja u project management u tibda l-evalwazzjoni wara li tagħlaq is-sejħa.<br><br>Mistenni jibda l-proċess tal-aġġudikazzjoni tal-aqwa u l-aħjar offerta bħala parti mill-proċess tal-PQQ li għandu jwassal għal-landfill mining fejn l-iskart jiġi mħaffer, mgħarbul u mnaddaf. Se jkompli għaddej il-proċess tal-EIA (Environment Impact Assessment). | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 242 | Għajnuna favur l-integrazzjoni ta' persuni bi bżonnijiet speċjali fid-dinja tax-xogħol. Għas-sena d-dieħla, il-Malta Enterprise se tvara skema li permezz tagħha tgħin lin-negozji li jħaddmu persuni bi bżonnijiet speċjali fid-dinja tax-xogħol. Dawn l-ażjendi se jingħataw grant fuq spejjeż relatati ma' investiment li mhumiex ikkunsidrati bħala parti mill-obbligi legali. Eżempju ta' dan it-tip ta' spiża hi dik relatata ma' għajnuna ta' professjonisti li jiffaċilitaw il-proċess ta' integrazzjoni fuq il-post tax-xogħol ta' dawn il-persuni. | Malta Enterprise Corporation (ME) | Saru laqgħat mal-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità u ġie deċiż li jiġi organizzat forum ta' konsultazzjoni bejn is-settur tad-diżabilità u dak tan-negozju. | Saret ħidma fuq analiżi tal-istatistika eżistenti flimkien mal-Kummissjoni għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità dwar in-numru ta' persuni b'diżabilità li għandhom impjieg. | Ġiet analizzata skema mmirata għal dan l-istess qasam li kienet qed titħaddem minn Jobsplus fejn ġiet ikkunsidrata l-possibilità li l-iskemi jiġu amalgamati. | Jibdew jiġu ppreparati sett ta' linji gwida għal din l-iskema. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 255 | Mis-sena d-dieħla se nkunu qed inkomplu noffru għajnuna lill-bdiewa u s-sajjieda. Se ndaħħlu għajnuna ġdida li tħeġġeġ kumpaniji fl-oqsma tal-Agrikultura u s-Sajd biex ikunu iktar innovattivi taħt l-iskema 'Innovation Aid for SMEs'. Permezz tagħha bdiewa u sajjieda jkunu jistgħu jdaħħlu l-ispejjeż ta' paga ta' persuni kwalifikati fir-riċerka, żvilupp u innovazzjoni biex jaħdmu fuq attività ġdida fl-intrapriżi tagħhom. Kif ukoll inkunu qed inkopru spejjeż relatati ma' advisory u support services fil-qasam tal-innovazzjoni. | Malta Enterprise Corporation (ME) | Ix-xogħol marbut ma' din l-iskema kellu jiġi pospost minħabba li l-Korporazzjoni kienet qed tiffokka l-operat kollu tagħha fuq miżuri ta' kontinġenza biex tgħin lil dawk il-kumpaniji l-aktar milquta mill-pandemija tal-COVID-19. | Ix-xogħol marbut ma' din l-iskema kellu jiġi pospost minħabba li l-Korporazzjoni kienet qed tiffoka l-operat kollu tagħha fuq miżuri ta' kontinġenza biex tgħin lil dawk il-kumpaniji l-aktar milquta mill-pandemija tal-COVID-19. | B'rabta mal-miżuri tal-pjan ta' riġenerazzjoni tal-industrija, tlestew l-aħħar preparamenti sabiex tiġi varata l-iskema għan-negozji biex jibbenefikaw minn konsulenza fuq business reengineering, liema skema tkopri parti sostanzjali ta' din il-miżura. Speċifikament il-qasam tal-agrikoltura jista' jiġi megħjun fuq konsulenza relatata ma' advisory u support services għall-innovazzjoni tan-negozju. | Mistennija tiġi varata l-iskema għan-negozji speċifikament fil-qasam tal-agrikoltura fejn jistgħu jiġu megħjuna fuq konsulenza relatata ma' advisory u support services għall-innovazzjoni tan-negozju.<br><br>Barra minn hekk, mistennija jitħejjew linji gwida sabiex jiġu assistiti negozji fil-qasam tal-akkwakultura li jużaw riżorsi umani interni u konsulenti biex jinvestu fl-innovazzjoni tal-prodotti u proċessi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 259 | Air Malta. Se jitkompla l-proċess ta' tibdil tal-flotta ta' ajruplani f'oħrajn li huma moderni, aktar effiċjenti u li fuq kollox iniġġsu anqas. Dan il-proċess ta' tiġdid hu mifrux fuq medda ta' ħames snin. | Malta Med Air | L-istrateġija li ġiet ippreparata qabel ma faqqgħet il-pandemija kienet waslet fl-istadju li kienu għaddejjin negozjati dwar xiri jew kiri ta' ajruplan ieħor. Din ser tkun qed tħalli frott aktar 'il quddiem. Madanakollu fil-kuntest tal-pandemija, l-ewwel prijorità saret dik li ssalva l-kumpanija u kemm jista' jkun impjiegi tal-ħaddiema. | Ix-xogħol fuq dan il-proġett ġie temporanjament pospost sabiex il-kumpanija tiffoka fuq titjiriet ta' ripatrijazzjoni u merkanzija għall-mediċina kif ukoll li ssalva l-operat fid-dawl ta' ċirkostanzi eċċezzjonali li impattaw bil-qawwa lis-settur tat-turiżmu. | Minħabba l-imxija tal-coronavirus, il-prijorità hija li l-AirMalta tibqa' vijabbli. | Minħabba l-imxija tal-coronavirus, il-prijorità hija li l-AirMalta tibqa' vijabbli. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 262 | Avjazzjoni. Isir il-Master Plan għall-ajruport bl-iskop li jiżdiedu l-effiċjenzi fir-rispett sħiħ tal-komunitajiet tal-madwar. | Malta Industrial Parks Ltd (MIP) | Il-proġett tat-tkabbir tal-ajruport internazzjonali ta' Malta tħabbar pubblikament. L-implimentazzjoni ser issir f'fażijiet differenti fuq medda ta' snin. | | | | Implimentata |
| 266 | Miżuri dwar tnaqqis ta' burokrazija għall-intrapriżi. Se jiġi varat Business Portal interattiv, li se juża l-aktar teknoloġija moderna biex jinkisbu effiċjenzi kemm għas-settur pubbliku u anke dak privat. | Business 1st | Baqa' għaddej ix-xogħol tekniku bħala parti mill-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għall-iżvilupp tal-Business Portal. | Kompliet ir-reviżjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tas-sejħa għall-offerti għall-iżvilupp tal-Business Portal. | Is-sejħa għall-offerti għall-iżvilupp tal-Business Portal għaddiet għall-approvazzjoni meħtieġa. Saru xi emendi neċessarji qabel il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti. | Mistennija tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti, issir l-evalwazzjoni u jintgħażel l-offerent preferut biex ikun jista' jibda l-iżvilupp tal-proġett. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 271 | Permezz tal-Gozo Business Scheme, il-Gvern se jkompli jinċentiva lis-settur privat billi se ntejbu l-istart-up tax credit għal negozji ġodda miftuħa f'Għawdex. | Malta Enterprise Corporation (ME) | L-iskema Micro Invest ġiet emendata biex start-ups f'Għawdex ikunu jistgħu jibbenefikaw minn taxxa ta' kreditu aktar favorevoli. Id-dokumenti aġġornati għaddew għall-approvazzjoni meħtieġa. | Wara li tħabbru l-miżuri ta' riġenerazzjoni post-COVID, l-ME rrevediet id-dokumenti meħtieġa biex hekk kif l-iskema tikseb l-approvazzjoni finali, l-istart-ups f'Għawdex jibdew jiġu megħjuna bl-iskema Micro Invest kif aġġornata. | Saru diskussjonijiet mas-SAMB dwar il-linji gwida ta' din l-iskema. | Mistennija jingħataw l-approvazzjonijiet meħtieġa u tkun varata l-iskema. | Implimentata |
| 282 | Se jiġi inawgurat ir-Research and Innovation Hub ġewwa x-Xewkija. | Malta Industrial Parks Ltd (MIP) | Baqa' għaddej ix-xogħol ta' rfinar, snagging, verifika u kkummissjonar tal-apparat. Wara li tlestew ix-xogħlijiet, l-ewwel inkwilini bdew joperaw mill-kumpless. Il-Hub ġie inawgurat uffiċjalment. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 285 | Se jkunu qed jitlestew numru ta' proġetti li għaddej ix-xogħol fuqhom - għall-intraprendituri żgħar se jitlesta l-proġett fiż-żona magħrufa bħala Tal-Ħofra minn fejn se jkollhom siti minn fejn iwettqu l-attività ekonomika tagħhom. | Malta Industrial Parks Ltd (MIP) | Tlestew ix-xogħlijiet biex jitwasslu s-servizzi kollha neċessarji madwar il-kumpless u l-finishings tat-tliet torrijiet li jgħaqqdu l-kumpless. Tlesta x-xogħol ta' foam insulation u twaħħlu l-aperturi esterni kollha inklużi x-shutters. Tlesta l-bini tal-pont fit-triq li jagħti aċċess għall-kumpless u l-fabbriki. | Tlesta x-xogħol ta' cladding u waterproofing tas-soqfa. Tkomplew ix-xogħlijiet biex jiġi faċilitat l-aċċess għall-fabbriki diġà eżistenti. Ix-xogħlijiet fil-kumpless industrijali huma prattikament lesti fejn beda jingħata t-tarmak tat-toroq madwar is-sit. L-inkwilini magħżula komplew jippreparaw biex jibdew joperaw mis-sit. | Tlesta x-xogħol fil-kumpless u bdew joperaw l-inkwilini eleġibbli. | | Implimentata |
| 368 | Ikompli l-investiment ghat-tkabbir tar-runway u t-taxiways. | Malta Industrial Parks Ltd (MIP) | Għalaq iż-żmien ta' sottomissjonijiet tas-sejħa għall-offerti biex jinħatar it-tim professjonali għall-implimentazzjoni tal-proġett. Tlesta r-rapport t'evalwazzjoni tal-offerti riċevuti u ntbagħat għall-approvazzjoni meħtieġa. | Ġie kkonfermat l-offerent magħżul għas-servizzi professjonali meħtieġa. Ġiet sottomessa l-applikazzjoni lill-Awtorità tal-Ippjanar għat-tkabbir tat-taxiway u tlestew il-pjanti dettaljati flimkien mal-BOQs. Bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti biex jiġi identifikat il-kuntrattur li ser jagħmel ix-xogħol ta' tkabbir tat-taxiways. | Bdiet il-mobilizzazzjoni fis-sit ta' kostruzzjoni, fejn sar ukoll site-hoarding. | Mistennija jibdew ix-xogħlijiet li jinkludu l-bini tal-parti minn TWY Lima li twassal għall-faċilità ġdida ta' SR Technics u twessigħ tal-kurvatura fil-Lbiċ tal-ajruport tat-TWY eżistenti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦAT-TURIŻMU U
PROTEZZJONI TAL-KONSUMATUR

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 77 | Aktar afforestazzjoni u proġetti ambjentali. Inizjattivi oħra li se jkomplu jitwettqu fil-qasam ambjentali jinkludu r-riabilitazzjoni tal-widien. | Parks Malta | Tlestew l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-BOQs kif ukoll beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti marbuta mat-tneħħija ta' speċi invażivi u bini ta' 500m3 ta' ħitan tas-sejjieħ f'Wied Għajn Riħana li jinsab Burmarrad, San Pawl il-Baħar. | Tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għat-tneħħija ta' speċi invażivi u l-bini ta' ħitan tas-sejjieħ u beda l-ivvettjar mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri ta' siġar f'Wied Għajn Riħana.<br><br>Bdiet tiġi abbozzata s-sejħa għall-offerti għat-taħwil ta' siġar u installazzjoni ta' sistema tal-irrigazzjoni fil-Wied ta' Santa Katerina li jinsab San Pawl il-Baħar.<br><br>Fil-Wied tal-Mistra, li jinsab il-Mellieħa, tħawlu 'l fuq minn 500 qasba tal-Phragmites australis biex tieħu post il-qasba invażiva tal-Arundo donax. | Beda l-vetting tal-abbozzar għas-sejħa għall-offerti għat-tneħħija ta' speċi invażivi u bini ta' 5000m³ ta' ħitan tas-sejjieħ kif ukoll is-sejħa għall-offerti għax-xiri ta' siġar f'Wied Għajn Riħana.<br><br>Tlestew il-preparamenti tal-art fejn ser isir it-taħwil ta' siġar f'Wied Santa Katerina li jinsab San Pawl il-Baħar.<br><br>Tlestew il-preparamenti tal-art u jkompli t-taħwil ta' siġar fil-Wied tal-Mistra, li jinsab il-Mellieħa. | Mistennija jiġu ppubblikati s-sejħiet għall-offerti u tibda l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti.<br><br>Mistenni jibda t-taħwil ta' siġar f'Wied Santa Katerina li jinsab San Pawl il-Baħar.<br><br>Mistenni jitlesta t-taħwil ta' siġar fil-Wied tal-Mistra, li jinsab il-Mellieħa.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **78** | Aktar afforestazzjoni u proġetti ambjentali. Proġetti kbar ta' afforestazzjoni f'siti ġodda f'Bengħajsa. | Parks Malta | Tfassal pjan ta' tħawwil addattat għal Bengħajsa kif ukoll pjan ta' implimentazzjoni.<br><br>Beda l-abbozzar tas-sejħiet għall-offerti, inkluż l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u l-BOQs, marbuta mal-ġarr ta' ħamrija, xiri ta' sistema tal-irrigazzjoni, xiri ta' siġar u arbuxxelli. Ġiet ukoll sottomessa l-applikazzjoni għall-permessi meħtieġa. | Tlesta l-abbozzar u ġew ippubblikati s-sejħiet għall-offerti għall-ġarr ta' ħamrija, xiri tas-sistema tal-irrigazzjoni u xiri ta' siġar u arbuxxelli.<br><br>Kompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-permessi neċessarji mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Tlesta t-taħwil tas-siġar fejn inżergħu madwar 2,300 siġra fis-sit ta' Parks Malta f'Bengħajsa. | | Implimentata |
| **82** | Aktar afforestazzjoni u proġetti ambjentali. Proġetti kbar fil-Park Nazzjonali tal-Inwadar. | Parks Malta | Tfassal pjan ta' tħawwil addattat għall-Park Nazzjonali tal-Inwadar kif ukoll pjan ta' implimentazzjoni.<br><br>Beda x-xogħol fis-sit marbut mal-preparazzjoni tal-ħamrija, fejn se jsir it-taħwil ta' siġar u arbuxxelli. | Tlestiet il-preparazzjoni tal-ħamrija fil-Park Nazzjonali tal-Inwadar.<br><br>Bdiet l-installazzjoni tas-sistema tal-irrigazzjoni kif ukoll beda t-taħwil ta' 600 siġra u arbuxxelli. | Tlestiet l-installazzjoni tas-sistema tal-irrigazzjoni u tħawlu madwar 600 siġra u arbuxxelli fil-Park Nazzjonali tal-Inwadar. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 86 | L-Indafa Pubblika.<br>Bħalissa l-indafa hija responsabbiltà ta' numru ta' entitajiet li għalihom flimkien huma vvutati miljuni ta' ewro. Biex insaħħu l-kordinament sejrin inlaqqgħu flimkien dawk l-entitajiet pubbliċi kollha involuti, flimkien mal-imsieħba soċjali li b'xi mod jew ieħor huma involuti ma' dan il-qasam, biex infasslu pjan ta' kif se nutilizzaw aħjar ir-riżorsi umani u finanzjarji, u jitjieb is-servizz li għandu jwassal biex iż-żamma tal-indafa pubblika ta' pajjiżna titjieb. | Id-Dipartiment tal- Manutenzjoni u Ndafa Pubblika | F'Novembru 2019 ittellgħet konferenza nazzjonali sabiex jiġu identifikati l-aħjar metodi fejn jikkonċerna tindif pubbliku.<br>Fl-ewwel kwart tas-sena saru laqgħat ma' diversi stakeholders fosthom Kunsilli Lokali, partikolarment dawk responsabbli minn żoni turistiċi, fejn ġew diskussi f'iktar dettall il-metodi identifikati waqt il-konferenza u l-laqgħat.<br><br>Beda jiġi abbozzat Pjan t'Azzjoni sabiex jitjieb dan is-servizz. | Bdiet il-preparazzjoni ta' emendi leġiżlattivi bil-għan li jiżdiedu l-multi għal min iħammeġ fl-irħula tagħna.<br><br>Filwaqt li kompla jiġi abbozzat il-Pjan t'Azzjoni sabiex jitjiebu s-servizzi relatati mal-indafa pubblika, fid-dawl taċ-ċirkostanzi relatati mal-COVID-19 id-Dipartiment tal-Manutenzjoni u Ndafa Pubblika ddedika r-riżorsi umani kollha tiegħu għat-tindif u diżinfettar kontinwu tal-postijiet pubbliċi fuq skala nazzjonali. | Saru diskussjonijiet u ntlaħaq qbil mal-istakeholders kollha, inkluż dawk fil-qasam privat, u ġie deċiż li ssir assoċjazzjoni sabiex jissaħħaħ il-kordinament bejn l-entitajiet pubbliċi kollha involuti, flimkien mal-imsieħba soċjali li b'xi mod jew ieħor huma involuti ma' dan il-qasam, sabiex jiġu utilizzati aħjar ir-riżorsi umani u finanzjarji u jitjieb is-servizz tal-indafa pubblika ta' pajjiżna. | Mistennija titwaqqaf l-Assoċjazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 90 | Aktar riġenerazzjoni u tisbiħ. Matul is-sena li għaddiet komplejna għaddejjin bi programm ta' xogħlijiet u inizjattivi ta' tindif, tisbiħ, manutenzjoni u aċċessibilità f'diversi lokalitajiet u xtajtiet madwar Malta. Dawn ix-xogħlijiet se jkomplu għaddejjin fix-xhur li ġejjin anke f'żoni mhux tradizzjonalment meqjusa bħala turistiċi. | Il-Fondazzjoni għall-Iżvilupp taż-Żoni Turistiċi (FTZD) | Saru diskussjonijiet ma' diversi Kunsilli Lokali li kienu jeħtieġu l-għajnuna fejn jidħol xogħol ta' tindif, tisbiħ, manutenzjoni u aċċessibbiltà. Il-lokalitajiet li ġew identifikati huma Santa Luċija, Ħal Safi, is-Siġġiewi, ir-Rabat (Malta), Marsaskala, Wied iż-Zurrieq, Birżebbuġa u l-Qrendi. Bdew ix-xogħlijiet meħtieġa fil-lokalitajiet identifikati. | Komplew u tlestew ix-xogħlijiet ta' tindif, tisbiħ, manutenzjoni u aċċessibilità fil-lokalitajiet identifikati hekk kif maqbul mal-istess kunsilli lokali. | | | Implimentata |
| 91 | Aktar riġenerazzjoni u tisbiħ. Sabiex jiżdiedu ż-żoni tal-għawm ramlin, tkabbru u żdiedu l-faċilitajiet li wieħed isib f'numru ta' bajjiet fin-Nofsinhar ta' Malta. Fl-istess waqt qegħdin naraw liema bajjiet nistgħu nestendu s-sena d-dieħla fosthom il-Bajja tar-Rinella. | L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) | Wara t-teħid ta' kampjuni tar-ramel mill-bajja, saru l-istudji neċessarji fuq ir-ramel li hemm fil-Bajja tar-Rinella sabiex jiġu determinati l-kwalità u t-tip tiegħu. | Kompliet l-analiżi tal-istudji u qed issir konsultazzjoni mal-istakeholders konċernati dwar l-interventi meħtieġa u kif tista' tiġi riġenerata l-Bajja tar-Rinella. | Kompliet il-konsultazzjoni mal-istakeholders dwar l-interventi fil-Bajja tar-Rinella. | Mistennija tittieħed deċiżjoni finali dwar il-Bajja tar-Rinella. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 93 | **Aktar riġenerazzjoni u tisbiħ. Ser isir ukoll proġett pilota fejn ser inżidu l-aċċessibilità f'żoni fejn hemm il-blat (rocky beaches) u dan filwaqt li jiġi żgurat li ma jkun hemm l-ebda intervent negattiv fuq l-ambjent naturali.** | L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) | Wara li twettqu studji preliminari u saret l-evalwazzjoni tagħhom, Ta' Xbiex ġie identifikat bħala sit fejn il-bajja tista' tiġi estiża bid-decking fuq il-blat. Għaldaqstant ġiet sottomessa applikazzjoni ta' żvilupp mal-Awtorità tal-Ippjanar. | L-Awtorità tal-Ippjanar kompliet bil-proċessi tagħha sabiex tevalwa l-applikazzjoni ta' żvilupp sottomess mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu. | Kompla l-proċess tal-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Mistennija tingħata d-deċiżjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 94 | **Aktar riġenerazzjoni u tisbiħ. Is-sena d-dieħla se jiġi żviluppat National Trail Network bil-għan li jippromovi nisġa ta' rotot (trails) u tiżdied l-aċċessibilità f'diversi żoni rurali f'Malta permezz ta' mixjiet u interventi ta' aċċessibilità aħjar fil-kampanja u matul il-kosta.** | L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) | Tlesta l-proċess ta' ġbir ta' informazzjoni wara li saru laqgħat u diskussjonijiet ma' diversi entitajiet fosthom il-Kunsilli Lokali, l-ERA u Ambjent Malta. Dan sar sabiex tkun tista' tiġi abbozzata l-istrateġija għan-National Trail Network bil-għan li tippromovi nisġa ta' rotot (trails) u tiżdied l-aċċessibilità f'diversi żoni rurali. | Beda l-abbozzar tal-istrateġija ħolistika għan-National Trail Network. Tlesta l-ewwel abbozz ta' din l-istrateġija li issa qed jiġi rivedut skont feedback intern li qed jiġi riċevut. | Kompliet ir-reviżjoni tal-ewwel abbozz tal-istrateġija ħolistika għan-National Trail Network. | Mistenni jiġi ppreżentat l-ewwel abbozz tal-istrateġija lil entitajiet bħall-kunsilli lokali, l-ERA u Parks Malta bħala parti mill-konsultazzjoni.<br><br>Isiru l-emendi neċessarji abbażi tal-konsultazzjonijiet u tiġi finalizzata l-istrateġija għan-National Trail Network.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 101 | **Aktar riġenerazzjoni u tisbiħ. F'Marsaxlokk ser jibda wkoll x-xogħol fuq pitch tal-waterpolo.** | L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) | Wara li f'Diċembru 2019 ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-iżvilupp tal-waterpolo pitch, inkisbet il-validazzjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar ta' din l-istess applikazzjoni. Beda wkoll l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet meħtieġa fl-istess pitch. | Kompla l-abbozzar fuq is-sejħa għall-offerti marbuta max-xogħlijiet tal-waterpolo pitch f'Marsaxlokk. Ġew sottomessi d-dokumenti kollha mitluba mill-Awtorità tal-Ippjanar bħala parti mill-proċess tagħha tal-applikazzjoni sottomessa għall-permess tal-iżvilupp. | Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti marbuta max-xogħlijiet tal-waterpolo pitch f'Marsaxlokk.<br><br>Kompla l-proċess tal-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Mistenni jkompli l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti marbuta max-xogħlijiet tal-waterpolo pitch f'Marsaxlokk.<br><br>Mistenni jkompli l-proċess tal-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp mal-Awtorità tal-Ippjanar. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 102 | **Aktar riġenerazzjoni u tisbiħ. F'Birżebbuġa jsir xogħol ta' preparazzjoni għas-sit għall-ikkampjar.** | Policy Development and Programme Implementation Directorate | Wara sejħa għall-offerti, ġie ingaġġat perit sabiex ikun responsabbli għall-proġett tas-sit tal-ikkampjar f'Birżebbuġa. | Tlesta site survey filwaqt li ġiet ukoll sottomessa l-applikazzjoni għall-permess għall-iżvilupp lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Kompla l-proċess tal-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp mal-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Beda u tlesta r-rapport dwar il-karatteristiċi storiċi li jinsabu fis-sit. | Mistennija tingħata d-deċiżjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Mistenni jiġi ppreżentat ir-rapport dwar il-karatteristiċi storiċi li jinsabu fis-sit u jingħadda lis-Sovrintendenza għall-Wirt Kulturali għall-kummenti tagħhom. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 103 | **Aktar riġenerazzjoni u tisbiħ. Ser isir proġett għat-tisbiħ ta' Ġnien Spinola.** | Policy Development and Programme Implementation Directorate | Wara konsultazzjoni mal-istakeholders konċernati, inkluż mal-Kunsill Lokali ta' San Ġiljan, ġie maqbul id-disinn finali għal dan il-proġett. | Ġew aġġornati d-disinni finali tal-proġett wara l-feedback riċevut mill-istakeholders varji u ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-permess lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Ikompli l-proċess tal-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp mal-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Beda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti marbuta mal-proġett ta' tisbiħ ta' Ġnien Spinola. | Mistennija tingħata d-deċiżjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Mistenni jitkompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti marbuta mal-proġett ta' tisbiħ ta' Ġnien Spinola. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 104 | **Aktar riġenerazzjoni u tisbiħ. Ser isir proġett għat-tisbiħ ta' sitt siti oħra bħala parti mill-Paceville Embellishment Programme.** | Policy Development and Programme Implementation Directorate | Wara laqgħat ma' Infrastruttura Malta, ġew identifikati s-siti f'Paceville li ser isirilhom xogħol ta' tisbiħ. Dawn il-laqgħat kienu importanti sabiex ikun hemm is-sinkronizzazzjoni u l-ippjanar meħtieġ fit-twettiq tal-proġetti identifikati. Dawk il-proġetti ġew maqsuma fuq bażi ta' short, medium u long term. Il-proġetti li ser isiru fix-short term huma Triq Paceville u Ġnien Spinola. Il-proġetti li ser isiru fuq bażi ta' medium u long term huma Triq Spinola, ix-Xatt ta' Spinola, id-daħla ta' Paceville, il-Pjazza ta' Paceville, il-Bajja ta' San Ġorġ, Triq Santu Wistin u Westin Bay. | Wara li ġie ingaġġat il-perit għall-proġetti identifikati li jistgħu jsiru fl-immedjat (short term), ġew aġġornati d-disinni abbażi tal-feedback riċevut mingħand l-istakeholders konċernati u ġiet sottomessa l-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp lill-Awtorità tal-Ippjanar. | Kompla l-proċess tal-applikazzjoni għall-permess tal-iżvilupp mal-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Jibda l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti marbuta mal-proġetti identifikati li jistgħu jsiru fl-immedjat (short-term). | Mistennija tingħata d-deċiżjoni mill-Awtorità tal-Ippjanar.<br><br>Mistenni jkompli l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti marbuta mal-proġetti identifikati li jistgħu jsiru fl-immedjat (short-term). | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 105 | **Aktar riġenerazzjoni u tisbiħ. Sejrin intejbu l-faċilitajiet għad-diving billi ntebju l-aċċess għar-wrecks u nwettqu l-immaniġġjar taż-żoni riservati għall-għaddasa f'numru ta' żoni li huma identifikati għad-diving u popolari mal-istess għaddasa.** | L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) | Ġew identifikati diversi siti fejn jistgħu jitjiebu l-faċilitajiet għad-diving. Dawn is-siti jinsabu fil-Belt Valletta, iċ-Ċirkewwa, Għar Lapsi u Marsaskala. Għaldaqstant sar studju u pjanijiet rigward l-interventi meħtieġa f'kull żona identifikata. | Beda l-abbozzar tas-sejħiet għall-offerti relatati mal-interventi li se jsiru f'diversi żoni riservati għad-diving. Dawn ix-xogħlijiet jinkludu l-installazzjoni ta' slielem, CCTV Cameras u sinjali direzzjonali, fost oħrajn. | Kompla l-abbozzar tas-sejħiet għall-offerti relatati mal-interventi li se jsiru f'diversi żoni riservati għad-diving.<br><br>Sadanittant twaħħlu slielem temporanji fis-siti identifikati sabiex ikun hemm aċċess għall-għaddasa. | Mistennija tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti relatata max-xogħlijiet neċessarji għall-faċilitajiet tad-diving li ġew identifikati. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 195 | Sabiex l-ITS nużawh bħala katalist biex intejbu l-prodott turistiku, speċjalment dak ta' riżorsi umani, din is-sena bdejna programm ta' outreach mal-lukandi ta' pajjiżna. Dan sabiex inħarrġu lil dawk il-persuni li diġà jagħtu servizz fil-lukandi tagħna sabiex jagħtu servizz aktar denju u ta' kwalità. | L-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS) | Ġie konkluż ftehim ma' numru ta' lukandi u entitajiet oħra fl-ospitalità sabiex jibda jingħata taħrig meħtieg lill-impjegati tagħhom dwar dmirijiet amministrattivi, doorman techniques u l-iġjene fl-ikel fost oħrajn. Il-programm ġie fi tmiemu u ċ-ċertifikazzjoni ngħatat lill-impjegati li temmew b'suċċess dan il-kors. | Tnediet skema ta' taħriġ online għall-industrija tat-turiżmu b'investiment ta' 5 miljun ewro. Ser ikunu qed jingħataw 300 kors akkreditat u madwar 750 kors qasir addizzjonali. Il-korsijiet jittrattaw dwar diversi temi importanti għas-settur tat-turiżmu biex intejbu l-prodott turistiku, speċjalment dak ta' riżorsi umani, u b'hekk inħarrġu lil dawk il-persuni li diġà jagħtu servizz fil-lukandi tagħna sabiex jagħtu servizz aktar denju u ta' kwalità. Sa issa ġew riċevuti madwar 7,000 applikazzjoni għal dawn il-korsijiet. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **195 kont.** | | | | Sar ukoll programm ta' short courses iffukati biex jittejbu l-ħiliet tal-impjegati li jaħdmu fl-industrija tat-turiżmu. It-taħriġ kien ibbażat fuq Soft Skills u jkopri oqsma bħal handling guest concerns, communication skills, telephone answering techniques, guest satisfaction checks u attending guest rooms, fost oħrajn. S'issa ngħataw 287 ċertifikat.<br><br>L-ITS beda jħarreġ ukoll lill-ħaddiema ta' visitor attractions fejn tidħol l-ospitalità, il-lingwi u aspetti oħra li jkunu tailor-made għall-entità. S'issa nħarġu 48 ċertifikat. | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 196 | **Bi ftehim ta' affiljazzjoni mal-Emirates Academy of Hospitality Management, se nkunu qegħdin noffru l-ewwel kwalifiki f'livell ta' Masters fil-qasam tal-Ospitalità (Heritage Interpretation).** | L-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS) | Inkisbet l-akkreditazzjoni mill-NCFHE għall-kors tal-Masters fl-Interpretazzjoni tal-Wirt Kulturali. Inħarġet sejħa, ġew milqugħa u pproċessati l-applikazzjonijiet u fetaħ dan il-kors tal-Masters. Hemm 10 studenti li bdew il-kors indikat. | Inħarġet sejħa għall-kors ta' Masters fl-Immaniġġjar tal-Ospitalità Internazzjonali, ġew proċessati l-applikazzjonijiet riċevuti u beda dan il-kors f'Ġunju. Dan il-kors ser isir għat-tieni sena.<br><br>Reġgħet ħarġet sejħa għall-kors tal-Masters fl-Interpretazzjoni tal-Wirt Kulturali li ser jibda f'Ottubru u ġew proċessati l-applikazzjonijiet riċevuti.<br><br>Bdiet ukoll il-kampanja promozzjonali biex tikber il-konkorrenza tal-istudenti għall-korsijiet tal-ITS, inkluż iż-żewġ korsijiet indikati. | Tlesta l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-korsijiet fil-grad tal-Masters fl-Interpretazzjoni tal-Wirt kif ukoll għat-tieni sena tal-Masters fil-qasam tal-Immaniġġjar tal-Ospitalità Internazzjonali. | Mistennija jiftħu l-korsijiet fil-grad tal-Masters fil-qasam tal-Immaniġġjar tal-Ospitalità Internazzjonali u fil-grad tal-Masters fl-Interpretazzjoni tal-Wirt. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 197 | Se nkunu qegħdin noffru l-ewwel Baċellerat fil-qasam tad-Diving. | L-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS) | Inkisbet l-akkreditazzjoni mill-NCFHE u bdew il-preparamenti sabiex jiġi mħabbar dan il-kors ta' Baċellerat fil-qasam tal-Għads. | Saret it-tnedija uffiċjali tal-kors u bdew jiġu milqugħa u proċessati l-applikazzjonijiet għall-kors li ser jibda f'Ottubru.<br><br>Bdiet ukoll il-kampanja promozzjonali biex tikber il-konkorrenza tal-istudenti għall-korsijiet tal-ITS, inkluż għal dan il-kors. | Tlesta l-ipproċessar tal-applikazzjonijiet għall-kors fil-grad ta' Baċellerat fil-qasam tal-għadds. | Mistenni jiftaħ il-kors fil-grad ta' Baċellerat fil-qasam tal-għadds. | Implimentata |
| 198 | Hu mistenni li jibda x-xogħol fuq il-kostruzzjoni ta' kampus, state of the art, fi Smart City. Il-kampus se jkun jinkludi wkoll lukanda li se tkun qed titmexxa mill-istess studenti ta' dan l-Istitut. | L-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS) | Bdew diskussjonijiet bejn il-Ministeru responsabbli mit-Turiżmu ma' dak responsabbli mill-Infrastruttura u Proġetti Kapitali. Dawn id-diskussjonijiet kienu marbuta ma' kif jista' jitwettaq dan il-proġett. | Komplew id-diskussjonijiet bejn iż-żewġ Ministeri u bdew jitfasslu pjanijiet għall-quddiem. | Komplew id-diskussjonijiet rigward l-implimentazzjoni ta' din il-miżura. | Mistennija jkomplu d-diskussjonijiet bejn il-Ministeri konċernati rigward il-pjanijiet għall-quddiem. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 229 | Ser inniedu proġetti pilota li jaħdmu bl-AI - AI in Tourism (Malta Tourism Authority). | Information Management Unit (IMU) | Tlestiet ir-riċerka marbuta mas-suq lokali u barrani u ġie maqbul l-iskop tal-proġett wara bosta diskussjonijiet ma' numru ta' stakeholders interni. | Beda l-istudju dwar it-tfassil tas-sistema li ser issarraf il-viżjoni ta' dan il-proġett li qed jinbena fuq il-prinċipji tal-white paper tal-Kummissjoni Ewropea dwar l-intelliġenza artifiċjali.<br><br>Ġie ingaġġat il-konsulent li se jiżviluppa l-kunċett tal-AI.<br><br>Bdew jiġu esplorati Machine Learning Methods li jipprovdu għarfien aktar fil-fond tad-dejta. Fl-istess waqt kompliet tiġi analizzata d-dejta miġbura fid-Digital Tourism Platform kif ukoll minn sorsi oħra differenti fosthom id-DTP, l-NSO, l-MTA Marketing sources, l-MCC, Heritage Malta, l-MIA u Cruise Liners.<br><br>Ġew ukoll identifikati l-istakeholders tal-proġett u saru diskussjonijiet dwar il-bżonnijiet tagħhom u kif dawn jiġu inkorporati fid-disinn. | Ġew identifikati l-istakeholders sabiex jagħmlu parti mill-Grupp ta' Ħidma li se jkun responsabbli biex jissorvelja l-integrazzjoni tad-dejta fil-pjattaforma ġdida. B'hekk jinħoloq post wieħed fejn id-dejta kollha marbuta mat-turiżmu tiġi proċessata mill-gvern jew entitajiet li jkollhom aċċess.<br><br>Ġiet iġġenerata analiżi interna tad-dejta miksuba minn sorsi differenti. | Mistennija tiġi konkluża l-istrateġija tal-integrazzjoni tad-dejta u l-proġett pilota billi jingħataw linji gwida dwar il-ġbir tad-dejta. Dan ser isir fil-parametri tal-istrateġija nazzjonali tal-AI.<br><br>Se ssir analiżi u jingħaqdu r-riżultati inizjali tar-riċerka biex iservu ta' sfond għall-implimentazzjoni.<br><br>Mistennija jiġu maqbula l-parametri meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proġett u tiġi ppubblikata Work-In-Progress paper. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 256 | **Turiżmu. Sejrin inkomplu b'kampanji u skemi ta' marketing, fosthom l-użu ta' marketing diġitali u t-teknoloġija 3D, ħalli dan is-suċċess ikompli għaddej b'dan ir-ritmu li qabad.** | Information Management Unit (IMU) | Inkisbet l-approvazzjoni għall-video promozzjonali mill-Awtorità ta' Ġestjoni tal-proġett CONvERGE li permezz tiegħu ntużaw fondi Ewropej.<br><br>Wara li ġie ingaġġat kuntrattur, tlestiet il-verżjoni BETA tas-sistema li se taħdem bit-teknoloġija 3D sabiex tkun tista' tiġi ttestjata. | Waqt l-imxija tal-COVID-19, l-MTA harġet diversi promos diġitali bit-tema 'Dream Malta Now ... Visit Later'. Dan bil-għan li tħeġġeġ lill-viżitaturi potenzjali biex meta jasal iż-żmien jiġu jesploraw il-gżejjer tagħna. Ġew prodotti wkoll videos promozzjonali ta' 60 sekonda li juru s-sbuħija tal-gżejjer Maltin.<br><br>Tlesta l-ittestjar tal-verżjoni BETA tas-sistema li se taħdem bit-teknoloġija 3D. | Saret kampanja ta' marketing diġitali fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta, fuq Google, fuq l-app Mosaic, Instagram u Youtube u beda jintwera l-video promozzjonali waqt it-titjiriet kollha tal-Airmalta.<br><br>Tnediet is-sistema li se taħdem bit-teknoloġija 3D u hi disponibbli għall-użu. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 257 | **Turiżmu. Il-kalendarju estensiv ta' avvenimenti kulturali u popolari se jitkompla u jissaħħaħ matul is-sena d-dieħla.** | L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) | Fil-bidu tas-sena kienu għaddejjin il-preparamenti u r-reklamar għall-avvenimenti ppjanati matul 2020. Madanakollu, dawn il-preparamenti kellhom jieqfu hekk kif f'Marzu l-Gvern ħabbar li se jitwaqqfu l-avvenimenti tal-massa biex tiġi evitata l-imxija tal-COVID-19. | Minħabba l-pandemija tal-COVID-19, l-avvenimenti li kellhom isiru fit-tieni kwart tas-sena ġew ikkanċellati jew posposti għax-xhur ta' wara. Fost dawn insibu n-Nickelodeon Treasure Hunt li issa mistennija ssir f'April 2021. | Sar il-Malta Fireworks Festival bejn is-27 ta' Lulju u u s-7 t'Awwissu. Kawża tal-pandemija tal-COVID-19, il-kumplament tal-avvenimenti li kienu ppjanati sal-aħħar kwart tas-sena ġew ikkanċellati. | | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 258 | **Turiżmu. L-istrateġija ġdida għat-turiżmu li se nkunu qed invaraw matul is-sena d-dieħla.** | L-Awtorità Maltija għat-Turiżmu (MTA) | Kompla l-abbozzar tal-istrateġija l-ġdida għat-turiżmu. Dan l-abbozz beda jiġi diskuss internament. | Kawża tal-impatt qawwi li ħalliet il-pandemija tal-COVID-19 fuq l-industrija tat-turiżmu, kellha tibda tiġi abbozzata strateġija ġdida li issa trid tieħu inkunsiderazzjoni x-xenarju l-ġdid li nħoloq, fejn minn sena wara l-oħra ta' rekords fit-turiżmu, il-pandemija waqqfet għalkollox din l-industrija. Għaldaqstant l-istrateġija trid tħares lejn l-irkupru tal-industrija kif ukoll l-iżvilupp tal-industrija iktar fit-tul. | Tlesta l-ewwel abbozz tal-Istrateġija Nazzjonali għat-Turiżmu. | Mistennija ssir konsultazzjoni mal-istakeholders u tiġi varata l-Istrateġija Nazzjonali għat-Turiżmu. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Miżura Supplimentari (SD) 005 /2020 | Jiġu żviluppati linji gwida għall-istabbilimenti ta' akkomodazzjoni, kif ukoll negozji diversi, fis-settur turistiku biex ninkoraġġuhom dejjem aktar iħaddnu l-prinċipji ta' ekonomija ċirkulari. | L-Istitut għall-Istudji Turistiċi (ITS) | Twettqu diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Ambjent sabiex tinstab referenza akkademika li ser tintuża bħala baseline. Għal dan il-għan, bdiet għaddejja riċerka sabiex tinħareġ stima approssimattiva tal-ammont ta' skart fis-settur kummerċjali.<br><br>Bdiet tinġabar l-ewwel statistika sabiex jitkejjel kemm qed jiġi ġġenerat skart mill-kċejjen u r-ristoranti tal-ITS.<br><br>Saret ukoll kampanja informattiva msejħa Business Against Waste fejn ġew organizzati numru ta' seminars għas-settur kummerċjali. | Kull progress fuq din il-miżura kellu jieqaf hekk kif faqqgħet il-pandemija tal-COVID-19. Kawża t'hekk il-kċejjen u r-ristoranti tal-ITS kellhom jagħlqu u għaldaqstant ma setax jitkompla x-xogħol marbut mal-ġbir tal-istatistika sabiex jitkejjel kemm qed jiġi ġġenerat skart mill-istabbilimenti ta' akkomodazzjoni kif ukoll negozji differenti fis-settur turistiku. | Komplew diskussjonijiet sabiex jiġi deċiż kif se jitkompla l-ġbir tal-istatistika minħabba l-fatt li n-numru ta' turisti naqas drastikament fl-istabbilimenti ta' akkomodazzjoni u negozji fis-settur turistiku u b'hekk id-dejta li tinġabar bħalissa ma tkunx qed tirrifletti r-realtà tal-ħidma f'dawn l-istabbilimenti fil-passat u fil-futur. | Mistennija jkomplu d-diskussjonijiet sabiex jiġi deċiż kif se jitkompla l-ġbir tal-istatistika. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-AMBJENT,
IT-TIBDIL FIL-KLIMA U L-IPPJANAR

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | Permezz tal-Fond għall-Iżvilupp u l-Ippjanar, se nkomplu ninċentivaw Kunsilli Lokali u għaqdiet sabiex jidħlu għal diversi proġetti fl-ibliet u l-irħula tagħna fi proġetti sostenibbli li jwasslu biex itejbu l-ħajja tar-residenti. | L-Awtorità tal-Ippjanar (PA) | Fis-snin li għaddew l-Awtorità ħarġet diversi skemi relatati fejn b'kollox intużaw 12-il miljun ewro. L-Awtorità tal-Ippjanar issa ħadet kunsiderazzjoni tal-isfond u l-isfidi diversi assoċjati ma' dawn il-fondi tal-Awtorità, it-tip ta' miżuri sostenibbli li jistgħu jittieħdu, il-prijoritajiet preżenti li għandhom jiġu kkunsidrati għall-operat ta' dawn il-fondi, u proposti konkreti għall-kunsilli lokali u għaqdiet. | Saret reviżjoni tal-metodu dwar kif il-kunsilli lokali u terzi jistgħu jużaw dawn il-fondi mill-Awtorità tal-Ippjanar sabiex ikompli jintlaħaq l-għan ta' din il-miżura. Saru emendi sabiex jiġi faċilitat il-proċess u jinfetħu opportunitajiet ġodda ta' għoti ta' fondi lil kunsilli lokali u għaqdiet għal proġetti ħodor. B'konsegwenza, inħarġet iċ-Ċirkolari 2/20 li temenda ċ-ċirkolari 3/18 tal-Awtorità tal-Ippjanar u li tittratta dwar proġetti proposti mill-kunsilli lokali u mir-reġjuni li għalihom tista' ssir talba għal fondi. Iċ-ċirkolari giet ippubblikata fil-website tal-Awtorità. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 62 | L-iskema Irrestawra Darek, li hija maħsuba biex jiġu ppreservati binjiet fiż-żoni ta' konservazzjoni urbana, se terġa' tiġi estiża għal sena oħra. | L-Awtorità tal-Ippjanar (PA) | Saru diskussjonijiet u kunsiderazzjonijiet interni dwar id-dettalji ta' kif għandha tiġi estiża l-iskema Irrestawra Darek. | Ġiet approvata l-estensjoni tal-validità tal-perjodu tal-applikazzjonijiet tat-tliet snin preċedenti (2017-2019) tal-iskema Irrestawra Darek sabiex dawk li ġew magħżula biex jibbenefikaw minn din l-iskema f'dawn is-snin preċedenti, però baqgħu ma bbenefikawx, ikunu għadhom jistgħu jagħmlu dan u jintużaw il-fondi allokati għalihom. B'hekk din l-iskema ġiet estiża għal sena oħra. | | | Implimentata |
| 66 | Tibdil fil-klima. Is-sena d-dieħla se nkunu qed nippreżentaw strateġija nazzjonali mmirata li tpoġġi lil pajjiżna fit-triq lejn carbon neutrality sas-sena 2050. | Id-Direttorat għall-Ambjent u Tibdil fil-Klima | Issoktaw l-istudji tekniċi sabiex jgħinu fit-tfassil tal-Low Carbon Development Strategy nazzjonali, li jinkludu: Marginal Abatement Cost Curve, Derivation and Elaboration of Mitigation Modelling, Impact Assessment, u Mitigation and Adaptation Measures. Ir-riżultati miksuba minn dawn l-istudji ġew diskussi kemm internament kif ukoll ma' Ministeri oħra involuti. | Saru preparamenti sabiex tiġi ppreżentata lista ta' miżuri proposti u l-implikazzjonijiet tagħhom għall-approvazzjoni, sabiex abbażi ta' dawn il-miżuri titfassal il-Low Carbon Development Strategy nazzjonali. Ġie mfassal ukoll dokument intenzjonat għall-konsultazzjoni pubblika u sadanittant bdiet konsultazzjoni informali ma' entitajiet tas-soċjetà ċivili. | Saret konsultazzjoni informali ma' diversi istituzzjonijiet governattivi u mhux governattivi u mas-soċjetà ċivili, inklużi l-kunsilli reġjonali, il-kmamar tal-kummerċ, akkademiċi u NGOs, fejn intlaqgħu proposti tagħhom li ġew integrati fl-abbozzi tad-dokumenti. | Mistennija ssir diskussjoni mal-Kunsill tal-Iżvilupp Soċjali u Ekonomiku biex imbagħad il-qafas tal-istrateġija jitressaq għall-approvazzjoni. Se tiġi varata l-konsultazzjoni pubblika u fl-istess waqt mistenni jsir l-iStrategic Environmental Assessment. Wara dawn il-proċessi l-istrateġija tiġi finalizzata u adottata. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 67 | **Immaniġġjar tal-iskart. Ser nissoktaw bit-tħejjijiet sabiex pajjiżna jkollu impjant ta' Waste to Energy, impjant li jiflaħ għall-ammont ta' skart li nipproduċu f'pajjiżna.** | Wasteserv Malta | Ġiet sottomessa applikazzjoni lill-Aworità tal-Ippjanar għall-Outline Development Permit u ssoktaw l-istudji ambjentali relatati. Sabiex jittieħed kont tal-feedback riċevut mill-bdiewa tal-Magħtab li jaħdmu l-art fejn ser jinbena l-impjant, saret rikunsiderazzjoni tad-disinji u t-tqassim tal-impjant, saru rapporti u ġie ppreżentat Memorandum ġdid lill-awtoritajiet bit-tibdiliet proposti. Ġie deċiż ukoll li dan il-proġett ser isir fuq il-mudell ta' Design, Build and Operate. | Ġie ppubblikat il-Prior Information Notice (PIN) li huwa l-ewwel stadju tal-proċess sabiex toħroġ is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet tal-bini tal-impjant. Ġie ppreparat l-ewwel abbozz ta' dan id-dokument tas-sejħa għall-offerti u beda jiġi vvettjat mid-Dipartiment tal-Kuntratti. Sadanitttant ġie ppubblikat il-Pre Qualification Questionnaire (PQQ) għall-partijiet interessati fis-sejħa għall-offerti għal dan il-proġett u saret ukoll laqgħa ta' kjarifika fejn ġew indirizzati għadd ta' mistoqsijiet marbutin mal-proċess tal-PQQ. Tkompla wkoll il-proċess tal-applikazzjoni għal Outline Development Permit, kif ukoll tal-istudji ambjentali (EIA), mal-Awtorità tal-Ippjanar (PA) u mal-Awtorità tal-Ambjent u Riżorsi (ERA) rispettivament. | Tkompla l-proċess tal-Outline Development Permit Application mal-PA. L-ERA talbet li jsiru aktar studji investigattivi dwar il-kontaminazzjoni tas-sit propost, u għalhekk il-Wasteserv ippreżentat Method Statement lill-ERA u dan qed jiġi diskuss anke mal-Awtorità tal-Enerġija u l-Ilma. Bdiet issir ukoll l-evalwazzjoni tal-offerti miksuba mill-proċess tal-PQQ u sadattant tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-bini tal-impjant u d-dokumenti relatati ntbagħtu lid-Dipartiment tal-Kuntratti għall-vetting. | Mistenni jitkompla l-proċess tal-Outline Development Permit Application mal-PA. Se jiġi diskuss il-method statement u wara jittieħdu l-kampjuni għall-analiżi li r-riżultat tagħhom jiġi integrat fir-rapport dwar l-istudji ambjentali (EIA), liema rapport finali mbagħad jiġi sottomess lill-ERA u ssir konsultazzjoni pubblika dwaru. Mistennija jiġu evalwati l-offerti riċevuti għas-sejħa tal-offerti għall-bini tal-impjant u wkoll tingħalaq l-evalwazzjoni tal-PQQ, jitħabbru l-offerenti magħżula biex jipproċedu għat-tieni stadju u jipparteċipaw fid-djalogu tal-proċess tat-tender. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 68 | **Immaniġġjar tal-iskart. Qed jiġu identifikati tipi oħra ta' skart, biex ikunu parti minn skemi simili intiżi sabiex l-iskart tabilħaqq jinbidel f'riżorsa utli li tintuża aktar minn darba.** | Recycling, Recovery and Reuse Agency (RRRA) | Inkisbet l-approvazzjoni interna dwar il-Viżjoni Strateġika tal-Aġenzija li tippromovi t-tħaddim tal-kunċett ta' Ekonomija Ċirkulari fil-qasam tal-iskart u din ġiet ippubblikata fil-website tal-Aġenzija. | Ġew identifikati erba' tipi ta' skart li jistgħu jkunu parti minn skemi ta' Extended Producer Responsibility (EPR), li huma: tajers, waste electrical and electronic equipment (WEEE), tessuti u skart tal-kostruzzjoni. Ġew abbozzati sett ta' regolamenti għal skema tat-tajers, kif ukoll proposti konkreti fir-rigward tal-WEEE. Dan filwaqt li bdiet konsultazzjoni dwarhom mal-awtoritajiet u l-entitajiet tal-Gvern. | L-Aġenzija (RRRA) abbozzat u ssottomettiet ir-regolamenti għal skema ta' Extended Producer Responsibility (EPR) li jkopru l-ġbir tat-tajers lill-ERA, li bħala l-awtorità kompetenti qed tagħmel l-aċċertamenti neċessarji biex l-iskema titħaddem b'mod effettiv u biex ma jkunx hemm kunflitt bejn dawn ir-regolamenti u liġijiet oħrajn. | Mistennija jitkomplew il-verifiki mill-ERA dwar ir-regolamenti abbozzati dwar il-ġbir tat-tajers. Fir-rigward tat-tipi ta' skart ieħor identifikati sabiex potenzjalment dwarhom ukoll isiru skemi simili fil-futur, l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jirreferu għall-inizjattiva pilota dwar it-tajers sabiex jabbozzaw regolamenti għal dawn it-tipi ta' skart ieħor rispettivi fuq il-prinċipji tal-Extended Producer Responsibility (EPR). | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 69 | **Qed jiġu vvutati l-fondi neċessarji biex l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi, l-ERA, tkompli u żżid il-programmi u l-istudji ambjentali fosthom dwar it-trabijiet fini fl-arja.** | L-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) | L-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) qieset x'tip ta' kampjuni ta' trabijiet fini fl-arja għandhom jiġu kkunsidrati għal dawn l-istudji u jekk hemmx bżonn jinxtara apparat ġdid għal dan ir-rigward. Sadanittant beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti sabiex ikunu analizzati dawn il-kampjuni. | Ġie deċiż li jintużaw kampjuni ta' trabijiet irqiq fl-arja li huma diġà għad-dispożizzjoni tal-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi. Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti biex ikunu analizzati dawn il-kampjuni. | Tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti biex ikunu analizzati dawn il-kampjuni. | Mistennija tiġi ppubblikata, evalwata u jintgħażel il-kuntrattur għas-sejħa għall-offerti sabiex jinkiseb servizz ta' analiżi tal-kampjuni tat-trab irqiq fl-arja. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 70 | **Qed jiġu vvutati l-fondi neċessarji biex l-Awtorità tal-Ambjent u r-Riżorsi, l-ERA, tkompli u żżid il-programmi u l-istudji ambjentali fosthom dwar reviżjoni tal-istrateġija dwar il-bijodiversità.** | L-Awtorità tal-Ambjent u Riżorsi (ERA) | Inbdiet evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Bijodiversità u l-Pjan ta' Azzjoni (NBSAP) għas-snin 2012-. Bdew diskussjonijiet interni dwar ir-riżultati maħruġa mill-evalwazzjoni li saret. | Tkompliet l-evalwazzjoni tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Bijodiversità u l-Pjan ta' Azzjoni (NBSAP) għas-snin 2012-. Ġie abbozzat rapport għal reviżjonijiet fl-istrateġija u intenzjoni għal strateġija simili ġdida għas-snin 2021-2030. | L-intenzjoni għall-Istrateġija Nazzjonali għall-Bijodiversità u l-Pjan ta' Azzjoni (NBSAP) rispettiv għas-snin 2021-2030 ħarġet għall-konsultazzjoni pubblika wara li ġiet maqbula mill-Bord tal-ERA. | Mistennija ssir l-analiżi tal-kummenti miksuba mill-konsultazzjoni pubblika u jitħejja rapport li jintbagħat għall-approvazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 71 | Vetturi li ma jniġġsux. Il-Gvern huwa determinat li jagħmel minn pajjiżna wieħed mill-ewwel pajjiżi fl-Ewropa li jagħmel il-qalba għal karozzi elettriċi. Dan hu mod wieħed kif inwasslu għal ekonomija anqas dipendenti fuq il-karbonju. Is-sena d-dieħla l-Kummissjoni li waqqaf il-Gvern għandha tirrakkomanda d-data finali sa meta l-vetturi li jiġu impurtati f'Malta wara dakinhar ma jkunux iniġġsu. Dan ma jfissirx li min ikollu karozza taħdem bil-petrol jew diesel ikollu jneħħiha. | L-Awtorità tal-Ambjent u Riżorsi (ERA) | Il-Kumitat li waqqaf il-Gvern rigward il-bidla għal vetturi li ma jniġġsux (Cleaner Cars Committee) ikkunsidra studji li diġà saru f'dan ir-rigward u bdew il-preparamenti għal-laqgħat ta' konsultazzjoni m'entitajiet konċernati. | Beda jsir studju ġdid dwar l-impatt soċjali ta' din il-bidla mixtieqa għal vetturi li ma jniġġsux. Dan l-istudju ser jiġi ppreżentat għall-approvazzjoni bi proposti li jitressqu wkoll għall-konsultazzjoni pubblika. Saru laqgħat ta' konsultazzjoni m'entitajiet konċernati li kienu jinkludu: il-Ministeru għall-Finanzi, id-Dipartiment tad-Dwana, il-Malta Insurers Association (MIA), il-Malta Chamber of SMEs, il-Kamra tal-Kummerċ, l-Assoċjazzjoni tal-Importaturi tal-Karozzi, il-General Workers Union (GWU), il-Kamra tal-Periti, il-Malta Developers Association (MDA) u l-Climate Action Board. Qed tiġi ppreparata wkoll Green Paper li ser tinħareġ għall-konsultazzjoni pubblika. | Tkomplew il-laqgħat mal-entitajiet konċernati, li kienu jinkludu l-Kamra tal-Inġiniera, il-Union Ħaddiema Magħqudin, l-MCAST, l-Università ta' Malta, l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, l-Aġenzija għall-Bini u Kostruzzjoni, l-Unscheduled Bus Services u l-Gwardjan tal-Ġenerazzjonijiet Futuri. Saru wkoll laqgħat mal-konsulent imqabbad sabiex jagħmel l-istudju tal-impatt soċjali fejn ġew ippreżentati l-ewwel sett ta' riżultati. Sadattant ġiet finalizzata l-Green Paper sabiex tintuża għal waqt il-konsultazzjoni pubblika. | Mistennija ssir il-konsultazzjoni pubblika u tibda l-analiżi tal-kummenti miksuba. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 74 | Introduzzjoni ta' skema fuq ġbir ta' kontenituri tax-xorb. Sal-aħħar ta' din is-sena se tkun daħlet fis-seħħ il-Beverage Container Recycling Scheme, billi ser jiġu installati numru ta' magni bi prova, liema magni se jkunu qegħdin jintużaw biex titħaddem din l-iskema, u dan sabiex il-poplu jiffamiljarizza ruħu sakem sal-aħħar tas-sena dan it-tip ta' magni jkunu ġew installati madwar il-ġżejjer Maltin. | Recycling, Recovery and Reuse Agency (RRRA) | Bdew diskussjonijiet mal-konsorzju privat intenzjonat li jopera Beverage Container Recycling Scheme sabiex jiġi ffirmat Licence Agreement li jagħti bidu għal relazzjoni formali bejn iż-żewġ partijiet. Ir-regolamenti dwar l-iskema kif abbozzati għaddew mill-proċess tal-ivvettjar tal-Kummissjoni Ewropea u ġew maqbula fil-prinċipju mal-konsorzju. Bdew ukoll diskussjonijiet mal-konsorzju bil-għan li eventwalment jiġu distribwiti numru ta' Recovery Vending Machines (RVMs) fl-iskejjel u l-kulleġġi bħala proġett pilota sabiex jiġi studjat il-komportament ta' konsumaturi tfal u żgħażagħ. Però saret rikunsiderazzjoni ta' din l-inizjattiva fid-dawl tal-pandemija. | Ġew sottomessi żewġ Impact Assessment Frameworks, li jkopru r-regolamenti tal-Beverage Container Refund Scheme u l-emenda li trid tiġi fis-seħħ sabiex l-Aġenzija tkun f'pożizzjoni li tipprovdi liċenzjar hekk kif stipulat fir-regolamenti nfushom. Rigward il-fabbrika fejn ser isir ix-xogħol ta' riċiklaġġ u fejn jinżammu l-kontenituri miġbura, ġew abbozzati pjanijiet u saru pjanti għall-kostruzzjoni tal-impjant tar-riċiklaġġ fuq art f'Ħal Far. Sadanittant issokta l-proċess sabiex jiġi deċiż liema tipi ta' magni tad-depożitu u ġbir tal-kontenituri għandhom jinxtraw u ġiet ippubblikata Espressjoni ta' Interess f'dan ir-rigward. Il-ħsieb hu li l-konsorzju jordna magni biżżejjed biex ikopri t-territorju Malti kollu. | Ġew ippubblikati r-regolamenti li se jkunu qed jirregolaw l-iskema nazzjonali tar-Rifużjoni tal-Kontenituri tax-Xorb. Ġew fis-seħħ ukoll dawk l-emendi neċessarji biex jaċċertaw li l-iskema tkun tista' topera mingħajr tfixkil u bl-iktar mod effiċjenti. Twaqqfet il-kumpanija BCRS Malta Limited li ser tieħu ħsieb l-operat sħiħ tal-iskema, u saru l-preparamenti għall-iffirmar tal-Licence Agreement. L-għan ta' dan il-ftehim hu li jkopri perjodu ta' tnax-il sena mid-data li jiġi fis-seħħ, u jiskatta perjodu ta' erbatax-il xahar li fih il-kumpanija operatur ikollha diversi obbligi tat-twettiq, inkluż ix-xiri tal-magni RVMs u l-impjant tar-riċiklaġġ. | Mistenni jiġi ffirmat il-Licence Agreement mal-kumpanija BCRS Malta Limited. L-operatur mistenni li jissottometti l-Business Plan għall-iskrutinju tal-Gvern, u jintensifika l-ħidma għax-xiri tal-magni RVMs u l-impjant tar-riċiklaġġ. Ikomplu jiġu żviluppati u finalizzati l-preparamenti dwar ir-rwol tal-infurzar li se jkollha l-Aġenzija (RRRA) fuq l-operat tal-iskema. Il-produtturi u l-bejjiegħa bl-imnut jibdew jirreġistraw għall-iskema. Isir Memorandum of Understanding bejn l-Aġenzija (RRRA), id-Dipartiment tad-Dwana u l-Kummissarju tax-Taxxa bl-għan li jiġu stabbiliti metodi ta' ħidma u koperazzjoni bejniethom fis-rigward ta' din l-iskema. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 75 | **Tnaqqis ta' plastik li jintuża darba waħda. Prodotti ta' single use plastic se jibdew jiġu projbiti f'Malta. Fl-ewwel fażi, l-importazzjoni u produzzjoni ta' boroż tal-plastic, cutlery, straws u platti tal-plastik konvenzjonali single use se jiġu projbiti mill-1 ta' Jannar 2021. Il-bejgħ u distribuzzjoni tagħhom se jkun projbit mill-1 ta' Jannar 2022.** | L-Awtorità tal-Ambjent u Riżorsi (ERA) | Twettqu diskussjonijiet interni dwar kif ser tiġi implimentata din il-miżura, inkluż li ġie determinat l-impatt fuq l-liġijiet eżistenti u min huma l-awtoritajiet kompetenti. Ġew preparati żewġ abbozzi ta' liġi li jipprojbixxu s-single use plastic (Regolamenti dwar Restrizzjonijiet ta' Tqegħid fis-Suq ta' Prodotti tal-Plastik Użati Darba Biss, u Regolamenti dwar Restrizzjonijiet ta' Tqegħid fis-Suq ta' Bastkijiet tal-Plastik). | Bdiet konsultazzjoni dwar iż-żewġ regolamenti abbozzati u saru emendi abbażi ta' ideat li ħarġu minn diversi laqgħat mal-ERA, id-Dipartiment tad-Dwana, id-Dipartiment tal-Kummerċ, il-Ministeru għall-Finanzi, l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur (MCCAA), il-Ministeru għall-Ekonomija, Investiment u Intrapriżi Żgħar (MEIB) u l-FIAU. Qed jiġu identifikati t-tipi ta' boroż/ basktijiet tal-plastik li għandhom jiġu projbiti u qed isiru aktar kunsiderazzjonijiet speċjalment dwar l-impatt fuq negozji żgħar u medji (SMEs). | Saru aktar diskussjonijiet bejn il-Ministeru (MECP), l-ERA, id-Dwana u l-MCCAA, li b'riżultat tagħhom saru diversi emendi fl-abbozzi ta' liġi. Irriżulta li l-proċess biex titlesta u tiġi ppubblikata l-liġi dwar il-basktijiet tal-plastik jirrikjedi l-użu tal-proċedura TRIS, taħt it-tmexxija tal-Unjoni Ewropea. L-abbozzi taż-żewġ liġijiet li jipprojbixxu s-single use plastic ġew ippreżentati għall-awtorizzazzjoni sabiex titnieda l-konsultazzjoni pubblika. | Mistennija ssir il-konsultazzjoni pubblika u jiġu indirizzati l-kummenti tal-pubbliku u jsiru emendi neċessarji fil-liġijiet kif abbozzati. Imbagħad tibda l-fażi tal-proċedura TRIS u sadattant l-avviż legali dwar l-oġġetti tal-plastik jintbagħat għall-vetting meħtieġ. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 80 | **Aktar afforestazzjoni u proġetti ambjentali. Proġetti kbar f'Kemmuna.** | Ambjent Malta | Wara li tlesta l-pjan ta' taħwil addattat għal din il-gżira, beda x-xogħol fis-sit f'Kemmuna, inkluż il-ħrit tal-ħamrija u l-installazzjoni tas-sistema tal-irrigazzjoni. | Tkompliet l-installazzjoni tas-sistema tal-irrigazzjoni. It-taħwil ta' siġar u arbuxxelli ser jibda wara x-xhur sħan tas-sajf hekk kif tagħmel l-ewwel xita. | Tlestiet l-installazzjoni tas-sistema tal-irrigazzjoni u l-preparazzjoni tal-art għat-taħwil. | Mistennija jitħawlu sitt elef (6,000) siġra u arbuxxelli f'Kemmuna.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | Aktar afforestazzjoni u proġetti ambjentali. Proġetti kbar fil-Buskett. | Ambjent Malta | Intalab il-permess tal-ERA sabiex jitneħħew kwantità ta' siġar mejta f'ċerti partijiet tal-Buskett biex minflokhom jitħawlu siġar endemiċi. Sar ix-xogħol preparatorju f'żoni fil-Buskett billi tneħħew pjanti invażivi u materjal ieħor li mhux ideali għat-taħwil tas-siġar u arbuxxelli indiġeni. Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti biex isir studju ġeotekniku sabiex jiġi determinat fejn eżatt żviluppat il-ħsara li hemm fil-grotta l-antika fiċ-ċentru tal-Buskett, liema grotta teħodna lura għas-seklu sittax. | Ġiet installata s-sistema tal-irrigazzjoni u tħawlu aktar minn madwar 500 siġra endemika fiż-żoni indikati fil-Buskett. Rigward il-grotta antika, saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti sabiex isir l-istudju ġeotekniku u ntgħażel l-offerent preferut. Bdew ukoll il-preparamenti għas-sejħa għall-offerti għat-tiswija tal-grotta, liema tiswija tkun tista' tipproċedi appena l-istudju ġeotekniku jkun sar. | Ġiet ippreparata l-art għal aktar taħwil ta' sigar u arbuxxelli fix-xhur tax-xita. L-istudju ġeotekniku (coring) tlesta u qiegħed jitlesta r-rapport ta' dan l-istudju. | Mistennija jitħawlu ħames mitt (500) siġra u arbuxxelli oħra fil-Buskett, għal total ta' elf (1,000) f'dan il-lokal matul din is-sena kollha. Ser jitlesta l-istudju ġeotekniku dwar il-ħsarat li hemm fil-grotta u, abbażi tiegħu, tiġi ppreparata sejħa għall-offerti sabiex isiru l-interventi ta' tiswijiet u restawr meħtieġa. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 83 | Aktar afforestazzjoni u proġetti ambjentali. Proġetti kbar fil-Park tas-Salina. | Ambjent Malta | Ġew preparati kwotazzjonijiet għax-xiri ta' sistema tal-irrigazzjoni u ta' siġar u arbuxxelli għall-Park tas-Salina u nkisbu l-offerti. | Saret l-evalwazzjoni tal-offerti miksuba wara s-sejħa għall-kwotazzjonijiet għax-xiri tas-sistema tal-irrigazzjoni, siġar u arbuxxelli u ntgħażel l-offerent preferut. Sar ix-xiri tal-materjal meħtieġ. Bdiet il-preparazzjoni tal-art sabiex tigi installata s-sistema tal-irrigazzjoni. | Tlestiet l-installazzjoni tas-sistema tal-irrigazzjoni u l-preparazzjoni tal-art għat-taħwil. | Mistennija jitħawlu tlett elef u tliet mitt (3,300) siġra u arbuxxelli fis-Salina.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 365 | Aktar afforestazzjoni u proġetti ambjentali. Proġetti differenti ambjentali, kemm fl-urban u kif ukoll f'żoni rurali jew bħala parti mill-implimentazzjoni tal-pjanijiet għall-immaniġġjar ta' siti Natura 2000. | Ambjent Malta | Dwar iż-żoni protetti tax-Xagħra tal-Kortin u l-Imġiebaħ, ir-Ramla tat-Torri u l-Gżejjer ta' San Pawl (Selmunett), saru applikazzjonijiet rispettivi mal-Awtorità tal-Ambjent u Riżorsi (ERA) għat-twettiq tal-interventi meħtieġa fis-siti, inkluż it-tneħħija u r-rimi ta' speċi aljeni. L-applikazzjoni dwar ir-Ramla tat-Torri tinkludi wkoll ir-restawr tal-għaram tar-ramel bil-għan li jiġu propogati speċi minn din ir-ramla u fl-inħawi tal-Armier. L-applikazzjoni dwar Selmunett tinkludi l-loġistika tat-tneħħija tal-ispeċi aljeni bl-użu ta' barge. | Dwar ix-Xagħra tal-Kortin u l-Imġiebaħ, saru diversi diskussjonijiet mal-ERA bħala parti mill-proċess tal-applikazzjoni għat-twettiq tal-interventi meħtieġa fis-sit. Dwar ir-Ramla tat-Torri, inkiseb il-permess mill-ERA u beda x-xogħol ta' restawr fuq l-għaram tar-ramel. Sar cordoning madwar l-għaram u dan sabiex il-pubbliku jkun direzzjonat lil hinn minn dan is-sit ekoloġikament sensittiv. Sar il-qtugħ ta' speċi aljeni u xogħol relatat ma' propagazzjoni ta' żrieragħ li jinsabu fil-bank fl-istess sit. Dwar Selmunett, saret investigazzjoni fis-sit u ġie suġġerit li ma jsirx xogħol bil-makkinarju f'dan l-istadju. Qed tinħadem għodda partikolari tal-idejn speċifikament biex tkun tista' titneħħa l-ispeċi aljena tal-Agave. Ġie deċiż li x-xogħol ta' manutenzjoni f'dawn is-siti jitwettaq minn ħaddiema ta' Ambjent Malta stess. | Dwar ir-Ramla tat-Torri, tkompla x-xogħol ta' restawr fuq l-għaram tar-ramel filwaqt li sar il-cordoning mill-ġdid. Dwar Selmunett, qed jissokta l-ipproċessar mill-ERA tal-applikazzjoni għat-twettiq ta' interventi f'dan is-sit. | Dwar ir-Ramla tat-Torri, ser tinġabar iż-żerriegħa ta' speċi partikolari mill-inħawi tar-Ramla l-Ħamra t'Għawdex kif ukoll minn inħawi oħra qrib l-Armier sabiex jiġu propagati dawn l-ispeċi fis-sit. Dwar Selmunett, hekk kif l-applikazzjoni għat-twettiq ta' interventi tiġi proċessata mill-ERA, isiru dawn l-interventi fis-sit. Apparti t-tneħħija u r-rimi ta' speċi aljeni, l-interventi jinkludu wkoll provi b'erbiċidi sabiex l-ispeċi aljena tal-Agave ma terġax tikber fis-sit. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Miżura Supplimentari (SD) 001 /2020 | **Bil-għan li ngawdu arja aktar nadifa ser nintroduċu sistema nazzjonali ta' monitoraġġ permanenti li jipprovdi riżultati tal-kwalità tal-arja fl-iskejjel tal-Istat, fl-isptarijiet pubbliċi u fid-djar tal-anzjani tal-Istat. Dan ser isir sabiex tkun tista' tittieħed azzjoni meta jkun hemm każijiet ta' eċċessività ta' emissjonijiet fl-arja.**<br><br>**Matul l- se nkunu qegħdin nibdew:<br>(a) mill-iskejjel li jaqgħu taħt il-Kulleġġ San Tumas u Kulleġġ ieħor<br>(b) mill-Isptar Mater Dei u l-Isptar tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo u<br>(c) mir-Residenza San Vincenz de Paule.** | L-Awtorità tal-Ambjent u Riżorsi (ERA) | Ġew identifikati u maqbula, mal-Kulleġġi San Tumas More u San Benedittu, l-isptarijiet Mater Dei u tal-Onkoloġija Sir Anthony Mamo, u tar-residenza tal-anzjani San Vincenz de Paule, il-postijiet eżatti f'kull sit rispettiv fejn ser jiġu installati diffusion tubes (tubi) biex jittieħdu l-kampjuni tal-arja. | It-tubi twaħħlu fis-siti, fid-diversi postijiet maqbula f'kull sit rispettiv. Wara xahar installati fil-post, inġabru l-kampjuni tal-arja u ntbagħtu t-tubi barra minn Malta għall-analiżi u nkisbu l-ewwel riżultati ta' monitoraġġ minnhom. Minflokhom, fis-siti u l-postijiet rispettivi, tpoġġew tubi oħra ġodda sabiex jinġabru aktar kampjuni fuq medda t'aktar żmien. Sadanittant tlesta abbozz ta' sejħa għall-offerti sabiex jinxtraw aktar tubi biex jintużaw is-sena d-dieħla meta l-kunsinna ta' tubi li għandha l-Awtorità fil-preżent tkun intużat kollha. | Inxtraw aktar tubi permezz tal-kuntratt preżenti, u sar il-bdil tat-tubi li twaħħlu fl-erba' ġimgħat qabel billi twaħħlu t-tubi ġodda minflokhom. It-tubi li nqalgħu mis-siti ntbagħtu barra minn Malta għall-analiżi u nkisbu r-riżultati ta' monitoraġġ dwarhom. Ġie deċiż li minflok tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti, tinkiseb l-approvazzjoni tal-General Contracts Committee sabiex ikun hemm estensjoni tal-kuntratt eżistenti għax-xiri ta' aktar diffusion tubes. | Mistennija jinxtraw aktar diffusion tubes u jkompli ċ-ċiklu ta' tibdil ta' tubi fis-siti kull xahar u dawk li jkunu ntużaw jintbagħtu barra minn Malta għall-analiżi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Miżura Supplimentari (SD) 006 /2020** | Tigi riformata l-iskema tal-eco-certification (li sal-lum tinħareġ mill-MTA). Dan sabiex tadotta standards iktar għolja ambjentali partikolarment fuq l-iskart. | Id-Direttorat għall-Ambjent u Tibdil fil-Klima | Ġew identifikati sett proposti relatati mal-ġbir u l-immaniġġjar tal-iskart fil-lukandi, bħala bażi għar-reviżjoni tal-kriterji tal-eco-certification, sabiex jiġu diskussi mal-Awtorità Maltija tat-Turiżmu (MTA) biex b'hekk jittejjeb l-andament f'dan ir-rigward mill-operaturi tal-lukandi. Għal dan il-għan bdew preparamenti biex il-proposti jkunu diskussi wkoll direttament ma' tal-lukandi. Ġie deċiż li jsiru żjarat f'xi lukandi li diġà għandhom l-eco-certification biex jiġi spezzjonat l-operat tagħhom, tinkiseb informazzjoni dwar l-isfidi preżenti li huma jaffaċċjaw biex jilħqu mal-kriterji kollha tal-eco-certification li jridu jsegwu, u jkun assigurat li l-proposti identifikati ġodda huma fattibbli u sodisfaċenti biex jintlaħaq l-iskop ewlieni li l-impatt tal-iskart mil-lukandi jitnaqqas drastikament. | Minħabba s-sitwazzjoni tal-pandemija, saru diversi laqgħat virtwali mal-istakeholders li kellhom jiġu kkonsultati dwar l-operat tagħhom fil-qasam tal-immaniġġjar tal-iskart u l-kriterji konċernati, fosthom l-MTA u l-intrapriżi tal-awditjar, kif ukoll diversi operaturi tal-lukandi. Ittieħdet kunsiderazzjoni li l-kriterji u l-proposti ġodda għall-iskema tal-eco-certification ikunu sensittivi għall-esiġenzi tal-preżent, fejn is-settur tal-ospitalità bħalissa jinsab taħt pressjoni minħabba l-pandemija. Sar qbil li r-riforma tal-eco-certification tifforma parti minn pakkett ta' miżuri li l-MTA ser tniedi sabiex tgħin lil-lukandi, bl-iskop li jkun hemm assistenza sostanzjali sabiex jitwettqu l-bidliet neċessarji fiċ-ċirkustanzi preżenti. | Saru laqgħat oħra ma operaturi ta' lukandi żżgħar sabiex ikun hemm varjetà aktar ħolistika fir-rigward tal-miżuri ġodda għall-immaniġġjar tal-iskart. Il-kriterji għat-titjib tal-immaniġġjar tal-iskart qed jiġu analizzati mill-MTA, li min-naħa tagħha se tkun qed tikkomunika dawn il-kriterji l-ġodda mal-Global Sustainable Tourism Council (GSTC). Fil-preżent ġie miftiehem li l-implimentazzjoni tal-eco certification tipproċedi xorta waħda fiż-żmien stipulat jekk l-operat tal-lukandi jerġa' jiżdied b'ritmu aċċettabbli. | Mistennija jiġu finalizzati l-kriterji l-ġodda tal-iskema tal-eco-certification u jsiru konsultazzjonijiet mad-ditti tal-awditjar dwarhom. Mistenni li l-kriterji l-ġodda jiġu integrati f'korsijiet qosra li l-MTA toffri sabiex tinforma u tgħallem lill-eco certification managers dwar kif dawn għandhom jiġu implimentati ta' kuljum fl-operat tagħhom. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Miżura Supplimentari (SD) 006/2020 kont. | | | | Il-kriterji u l-proposti riveduti għat-titjib tal-immaniġġjar tal-iskart intbagħtu għall-approvazzjoni tal-MTA f'forma ta' rapport estensiv biex ikunu referuti għall-kunsiderazzjoni tal-Global Sustainable Tourism Council (GSTC). | | | |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Miżura Supplimentari (SD) 007 /2020 | Fis-sena jinħarġu linji gwida godda dwar produzzjoni u konsum sostenibbli għall-attivitajiet tal-massa organizzati mill-gvern. | Id-Direttorat għall-Ambjent u Tibdil fil-Klima | Saret riċerka estensiva dwar policies u dokumenti oħra relatati mal-konsum sostenibbli waqt attivitajiet tal-massa u dwar liema aspetti jistgħu jiġu adotatti fl-isfond lokali. Saret riċerka dwar prodotti alternattivi li jistgħu jintużaw f'attivitajiet tal-massa, kif ukoll dwar prattiki u sistemi relatati mal-bejgħ ta' dawn il-prodotti alternattivi billi ġew analizzati case studies f'pajjiżi oħra Ewropej li diġà jimplimentaw miżuri simili. Tqiesu mudelli varji tal-immaniġġjar tal-iskart f'avvenimenti tal-massa u beda t-tfassil ta' linji gwida. | Saru laqgħat ma' diversi entitajiet pubbliċi li jorganizzaw avvenimenti tal-massa, sabiex tinkiseb aktar informazzjoni dwar il-prattiki eżistenti kemm fejn tidħol loġistika kif ukoll fir-rigward tal-prodotti u s-servizzi li jingħataw lil dawk li jattendu. Din l-informazzjoni tippermetti wkoll li jsir kalkolu tal-impatt finanzjarju. Sadanittant tkompla t-tfassil tal-linji gwida fir-rigward ta' prodotti li jinbiegħu mis-sit tal-attività tal-massa kif ukoll l-immaniġġjar tal-iskart iġġenerat inkluż is-separazzjoni u l-ġbir tiegħu. | Komplew isiru laqgħat ma' diversi entitajiet pubbliċi li jorganizzaw avvenimenti tal-massa. F'dawn il-laqgħat ġew diskussi l-prattiki eżistenti relatati ma' loġistika, prodotti u servizzi li jingħataw lil dawk li jattendu, perċezzjoni tal-organizzaturi u tas-suq fuq alternattivi sostenibbli, u tibdil li jkun meħtieġ biex ikunu organizzati avvenimenti aktar sostenibbli. B'hekk inġabret ħafna informazzjoni biex ikompli jiġi evalwat l-impatt finanzjarju. | Mistenni li l-linji gwida jiġu abbozzati u ċċirkolati internament, kif ukoll possibbilment b'ċirkolari formali lill-Ministeri kkonċernati. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦAL GĦAWDEX

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 132 | Fil-qasam marittimu, se nlestu l-proġett ta' titjib tal-faċilitajiet tas-sajjieda fil-port tal-Imġarr, Għawdex. | Id-Diviżjoni tal-Istrateġija u Sapport | Tkompliet l-installazzjoni ta' tagħmir fid-Drystanding Area li hemm fil-port tal-Imġarr, f'Għawdex. Wara li ġiet ikkanċellata s-sejħa għall-offerti li nħarġet fl-2019, reġa' beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti biex jinxtraw ħames towed amphibious boat trailers. | Tkompliet l-installazzjoni ta' tagħmir fid-Drystanding Area li hemm fil-port tal-Imġarr, f'Għawdex.<br><br>Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għall-ħames towed amphibious boat trailers u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. | Saret l-installazzjoni tat-tagħmir fid-Drystanding Area li hemm fil-port tal-Imġarr f'Għawdex.<br><br>Il-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għall-ħames towed amphibious boat trailers ġie konkluż u ġie identifikat l-offerent preferut. | Huwa mistenni li jsir l-iffirmar tal-kuntratt u l-konsenja tal-vetturi ssir is-sena d-dieħla. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 269 | Qed naraw ukoll l-Awtorità Reġjonali għal Għawdex issir realtà. Dan huwa pass kuraġġuż li qed jagħmel dan il-Gvern biex Għawdex stess jassigura li l-bżonnijiet ta' żvilupp f'Għawdex jiġu indirizzati. Bis-saħħa tal-liġi, l-Awtorità tara li l-karattru u s-sbuħija ta' Għawdex ikunu dejjem imħarsa. | L-Uffiċċju tas-Segretarju Permanenti | L-Att tal-2019 dwar l-Awtorità għall-Iżvilupp Reġjonali ta' Għawdex daħlet fis-seħħ. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 270 | Għas-sena d-dieħla ħloqna fond ġdid biex naraw lil Għawdex bħala destinazzjoni għal Meetings, Incentives, Conferences and Events. | Id-Diviżjoni tal-Istrateġija u Sapport | Ġew abbozzati t-termini u kundizzjonijiet ta' żewġ skemi: (a) Skema ta' Għajnuna Finanzjarja sabiex isiru faċilitajiet f'Għawdex li jkunu jistgħu jiġu utilizzati għall-attivitajiet fil-qasam tal-MICE; (b) Skema ta' Għajnuna Finanzjarja lill-Għaqdiet Volontarji u Entitajiet fis-Settur Privat, li permezz tagħha tiġi inċentivata l-organizzazzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tal-MICE f'Għawdex.<br><br>Inkisbet l-approvazzjoni għall-iskemi mill-iState Aid Monitoring Board.<br><br>Sabiex isir titjib fil-pjattaforma diġitali www.visitgozo.com beda proċess ta' ġbir ta' informazzjoni dwar operaturi Għawdxin li jistgħu jipparteċipaw fil-qasam tal-MICE. | Sar it-titjib meħtieġ tal-pjattaforma diġitali www.visitgozo.com bl-informazzjoni aġġornata hekk kif miġbura mill-operaturi Għawdxin.<br><br>Tnediet l-Iskema ta' Għajnuna Finanzjarja sabiex isiru faċilitajiet f'Għawdex li jkunu jistgħu jiġu utilizzati għall-attivitajiet fil-qasam tal-MICE. | L-Iskema ta' Għajnuna Finanzjarja lill-Għaqdiet Volontarji u Entitajiet fis-Settur Privat, li permezz tagħha tiġi inċentivata l-organizzazzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tal-MICE f'Għawdex, ġiet ifformulata u approvata mill-entitajiet regolatorji. | It-tnedija tal-Iskema ta' Għajnuna Finanzjarja lill-Għaqdiet Volontarji u Entitajiet fis-Settur Privat, li permezz tagħha tiġi inċentivata l-organizzazzjoni ta' attivitajiet fil-qasam tal-MICE f'Għawdex, mistennija ssir meta l-awtoritajiet għas-saħħa pubblika jippermettu li jiġu organizzati dan it-tip ta' attivatijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 272 | Se nkunu qed nagħtu inċentivi fiskali, fost l-oħrajn fuq spejjeż ta' trażlokar, lil dawk il-kumpaniji li jirrilokaw l-operat tagħhom lejn Għawdex kif ukoll għal dawk il-kumpaniji li joħolqu impjiegi ġodda fil-qasam ta' teleworking u back office minn Għawdex. | Id-Diviżjoni tal-Istrateġija u Sapport | Ġew abbozzati t-termini u l-kundizzjonijiet ta' tliet skemi: (a) Skema li permezz tagħha tiġi inċentivata r-rilokazzjoni tal-operat ta' negozji minn Malta għal Għawdex; (b) Skema li permezz tagħha jiġi inċentivat xogħol bit-telework f'Għawdex; (ċ) Skema li permezz tagħha jiġi inċentivat xogħol ta' back office f'Għawdex.<br><br>Inkisbet l-approvazzjoni tal-iskemi indikati u tal-linji gwida applikabbli mill-iState Aid Monitoring Board. | Tnedew it-tliet skemi indikati. | | | Implimentata |
| 273 | Wara s-suċċess tal-pakkett li daħħalna s-sena l-oħra għall-ħaddiema u studenti Għawdxin li jaħdmu u jistudjaw f'Malta, is-sena d-dieħla se nkomplu nestenduh. | Id-Diviżjoni tal-Operat | Wara li twettqu d-diskussjonijiet meħtieġa mal-Ministeru għall-Finanzi, saret ir-reviżjoni tal-għajnuna finanzjarja addizzjonali li tippromovi trasport kollettiv mill-ħaddiema fis-settur pubbliku f'Malta. | Tnediet l-iskema aġġornata sabiex b'hekk din l-għajnuna finanzjarja addizzjonali ġiet estiża għall-impjegati kollha Għawdxin li jaħdmu f'Malta. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 274 | Barra l-benefiċċju għall-kiri t'akkomodazzjoni li qed jingħata  għall-istudenti Għawdxin li qed jistudjaw u jgħixu f'Malta, se jkompli jiġi msaħħaħ il-proġett tal-hostel f'Villa Lauri. | Id-Diviżjoni tal-Operat | Wara li nkiseb il-permess meħtieġ, beda x-xogħol strutturali bit-tneħħija tal-ħitan li kienu jinsabu fi stat ħażin kif ukoll is-soqfa perikolużi. Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti biex isiru xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi u finishes kif ukoll l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-furnishings, għamara u appliances. | Tkomplew ix-xogħlijiet tal-alterazzjonijiet strutturali inkluż il-bini mill-ġdid tal-ħitan li kienu fi stat ħażin u t-tpoġġija tas-soqfa li kienu tneħħew.<br><br>Wara l-ivvettjar meħtieġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti, ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti biex isiru xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi u finishes. Tkompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-furnishings, għamara u appliances. | Tkomplew ix-xogħlijiet ta' alterazzjonijiet strutturali u bini mill-ġdid ta' ħitan u soqfa.<br><br>Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti għas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' finishes, mekkaniċi u elettriċi.<br><br>Tkompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għall-furnishings, għamara u appliances. | Mistenni li jitlestew ix-xogħlijiet kollha ta' kostruzzjoni u jinbdew ix-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi u ta' finishes.<br><br>Mistenni li jintgħażel l-offerent preferut għas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet ta' furnishings, għamara u appliances.<br><br>Mistenni wkoll li ssir il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti għall-furnishings, ix-xiri u l-installazzjoni tal-għamara u l-appliances. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 275 | L-introduzzjoni tar-raba' vapur li ngħaqad mal-flotta tal-Gozo Channel, dan is-sajf, kien proġett pilota li rnexxa. Bl-introduzzjoni tar-raba' vapur, ġew eliminati l-kjuwijiet u t-tgergir li kien ikun hemm, kemm fl-Imġarr kif ukoll fiċ-Ċirkewwa. Dan għaliex il-ħin sħiħ tat-traġitt bejn iż-żewġ gżejjer naqas b'mod drastiku. Il-Gozo Channel tgħallmet minn din l-esperjenza u issa tinsab f'pożizzjoni ferm aħjar biex tagħmel l-investiment meħtieġ biex ikollha r-raba' vapur. Bħalissa qed isiru l-preparamenti sabiex jitfasslu r-rekwiżiti li r-raba' vapur għandu jkollu. Wara dan il-proċess, jibda l-proċess tat-tendering. | Gozo Channel (Operations) Ltd | Tkompla x-xogħol tal-abbozzar tar-rekwiżiti għar-raba' vapur sabiex jibqa' assigurat l-aqwa servizz. | Kompla x-xogħol fuq l-abbozzar tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi u t-termini ta' kundizzjonijiet sabiex tinħareġ sejħa għall-offerti għar-raba' vapur. | Kompla x-xogħol fuq l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għar-raba' vapur. | Huwa mistenni li jitlesta l-abbozz ta' sejħa għall-offerti u jintbagħat għand id-Dipartiment tal-Kuntratti għall-ivvettjar meħtieġ qabel il-pubblikazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 276 | **Il-Gozo Channel qed tinvesti f'sistema elettronika tal-biljetti biex timmodernizza din il-parti importanti tal-operazzjoni tagħha filwaqt li ttejjeb il-kontrolli.** | Gozo Channel (Operations) Ltd | Tkompla l-proċess ta' xiri b'negozjar ristrett biex il-Gozo Channel (Operations) Ltd tinvesti f'sistema ta' teknoloġija ġdida għall-ħruġ tal-biljetti. Wara s-sottomissjoni ta' offerta mingħand offerent wieħed li kien jikkwalifika għal dan il-proċess, bdiet l-evalwazzjoni tal-offerta riċevuta. | Tkompla l-proċess tal-evalwazzjoni tal-offerta riċevuta skont ir-rekwiżiti tekniċi, u saret ukoll dimostrazzjoni (demo) virtwali tas-sistema elettronika tal-biljetti. | Inkisbet l-approvazzjoni tal-General Contracts Committee fi ħdan id-Dipartiment tal-Kuntratti għall-aċċettazzjoni tal-offerta mingħand l-offerent. Tnedew diskussjonijiet biex isir l-iffirmar tal-kuntratt ta' provediment tas-sistema elettronika tal-biljetti. | Huwa mistenni li tibda l-implimentazzjoni tad-diversi sistemi li jiffurmaw parti mill-e-ticketing solution. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 278 | **Il-konnettività se tkompli titjieb ukoll bl-installazzjoni tat-tieni fibre optic, liema proġett issa qiegħed fi stadju ferm avvanzat.** | Diviżjoni tal-Istrateġija u Sapport | Tkompla l-bini tat-Terminal Stations kemm f'Malta kif ukoll f'Għawdex. Wara li tlesta t-tqegħid tal-cable fuq l-art kif ukoll fil-baħar, saru t-testijiet.<br><br>Tkomplew id-diskussjonijiet bejn l-imsieħba - Malta Enterprise, il-Korporazzjoni Enemalta u l-Operaturi Kummerċjali fil-qasam tal-telekomunikazzjoni biex titwaqqaf kumpanija li se tamministra l-operat tal-fibre optic cable link bejn il-gżejjer. Tfassal business plan u ġiet ippreżentata Letter of Intent lill-operaturi. | Tlesta l-bini tat-terminal stations. It-testijiet kollha ġew konklużi b'suċċess. Tfassal l-abbozz ta' pre-contract għall-imsieħba u twaqqfet il-kumpanija Gozo Fibre Optic Cable Co. Ltd li ser tamministra l-operat tal-fibre optic link. | Tlestew l-interventi meħtieġa skont is-snag list u nħareġ il-Provisional Acceptance Certificate mill-Malta Enterprise.<br><br>L-abbozz tal-pre-contract ġie finalizzat u ntbagħat għand l-imsieħba. | Mistenni li jsir l-iffirmar tal-pre-contract mill-partijiet kollha konċernati u l-operat tal-fibre optic link jgħaddi f'idejn il-kumpanija Gozo Fibre Optic Cable Co. Ltd. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 280 | Matul is-sena d-dieħla, se nkunu qed nibdew ix-xogħlijiet fuq Triq l-Imġarr, li min-Nadur tibqa' nieżla għall-port. | Id-Diviżjoni tal-Istrateġija u Sapport | Wara li kien konkluż il-proċess tal-għażla tal-kuntrattur, beda x-xogħol ta' rikostruzzjoni ta' Triq l-Imgarr, in-Nadur kif ukoll Triq Sant'Antnin, Għajnsielem. | Tkomplew ix-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni ta' Triq l-Imġarr u Triq Sant'Antnin. Waqt ix-xogħlijiet instab it-tafal li rriżulta li kien aktar dgħajjef milli previst u għaldaqstant kellhom isiru studji ġeoloġiċi u tisħiħ tat-triq. | Tkompla x-xogħol ta' rikostruzzjoni ta' Triq l-Imġarr, In-Nadur, kif ukoll ta' Triq Sant'Antnin, Għajnsielem. | Huwa mistenni li jitkomplew ix-xogħlijiet ta' rikostruzzjoni fi Triq l-Imġarr, In-Nadur, u Triq Sant' Antnin, Għajnsielem.<br><br>B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 281 | Matul is-sena d-dieħla, se nkunu qed nibdew ix-xogħlijiet fuq it-triq li mir-Rabat twasslek għal Marsalforn. | Id-Diviżjoni tal-Istrateġija u Sapport | Wara li s-sena l-oħra ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet meħtieġa, bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. | Tlestiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. | Intgħażel l-offerent preferut. | Huwa mistenni li jiġi ffirmat il-kuntratt ta' xogħlijiet u l-kuntrattur jibda x-xogħlijiet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 284 | Se jkunu qed jitlestew numru ta' proġetti li għaddej ix-xogħol fuqhom - Id-dar għal residenti anzjani - Dar San Ġużepp. | Id-Diviżjoni tal-Istrateġija u Sapport | Wara li tlestew ix-xogħlijiet kollha ta' kostruzzjoni u restawr, tkompla l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għat-tlestija tax-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi u ta' finishes kif ukoll għall-operat u t-tmexxija tad-dar tal-anzjani, Dar San Ġużepp f'Għajnsielem. | Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għat-tlestija tax-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi u ta' finishes kif ukoll għall-operat u t-tmexxija ta' Dar San Ġużepp u beda l-ivvettjar meħtieġ mid-Dipartiment tal-Kuntratti. | Saret il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti għat-tlestija tax-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi u ta' finishes kif ukoll għall-operat u t-tmexxija ta' Dar San Ġużepp. Tnieda l-proċess ta' evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet tal-offerti. | Huwa mistenni li jiġi konkluż il-proċess tal-għażla tal-kuntrattur u tinbeda l-eżekuzzjoni tal-programm ta' xogħlijiet skedati. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 286 | Is-sena d-dieħla se jibda x-xogħol fuq il-proġett ta' Park and Ride, li se tinbena ħdejn il-korsa tat-tiġrijiet taż-żwiemel. | Id-Diviżjoni tal-Istrateġija u Sapport | Tkompla l-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-permess mill-Awtorità tal-Ippjanar għall-proġett tal-Park and Ride. Tkompla l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti biex isiru xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi u ta' finishes. | Tlesta l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti tax-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi u finishes sabiex din is-sejħa tiġi ppubblikata meta jinkiseb il-permess tal-iżvilupp. Ġew sottomessi r-rapporti mitluba mill-Awtorità tal-Ippjanar bħala parti mill-ipproċessar tal-applikazzjoni għall-iżvilupp. | Ġew risposti l-kjarifiki mitluba mill-Awtorità tal-Ippjanar. | Huwa mistenni li l-Awtorità tal-Ippjanar tapprova l-applikazzjoni għall-iżvilupp mitlub.<br><br>Għandu jingħata bidu għall-proċess tal-abbozzar ta' sejħa għall-offerti sabiex isiru x-xogħlijiet mekkaniċi, elettriċi u ta' finishes. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 287 | Is-sena d-dieħla se jibda x-xogħol fuq il-proġett tal-Għajnsielem Hub. | Id-Diviżjoni tal-Operat | Bdew diskussjonijiet mal-Ministeri rispettivi dwar ix-xogħlijiet meħtieġa f'dan il-Hub u dan sabiex ikun meħud kont tal-ħtiġijiet tagħhom. Tfassal programm ta' xogħlijiet biex ikun hemm titjib tal-faċilitajiet li huma disponibbli fil-Learning Hub f'Għajnsielem. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-imsieħba dwar l-operat u s-servizzi offruti fil-Learning Hub ta' Għawdex. | Komplew id-diskussjonijiet mal-imsieħba dwar l-operat u s-servizzi offruti fil-Learning Hub ta' Għawdex. | Mistennija jitkomplew id-diskussjonijiet bejn l-imsieħba dwar l-operat u s-servizzi offruti fil-Learning Hub ta' Għawdex. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 288 | Se nkunu qed inwettqu wkoll il-maġġoranza tal-fażijiet tal-masterplan li jirrigwardaw it-tisbiħ tal-bajja ta' Marsalforn, u dan biex inkomplu ntejbu u nsebbħu ż-żoni turistiċi f'Għawdex. | Id-Diviżjoni tal-Istrateġija u Sapport | Tlesta l-iskavar tas-sit, it-tqegħid tas-servizzi u ngħata l-konkos fil-maġġorparti tal-Menqa f'din il-bajja. | Beda t-tqegħid tal-pavimentar bil-porfido fil-Menqa. | Tlestiet l-ewwel fażi ta' xogħlijiet fil-Menqa ta' Marsalforn.<br><br>Tnedew ix-xogħlijiet skedati għat-tieni fażi li jinkludu tibdil tas-servizzi, tqegħid ta' bażi tal-konkos, u l-pavimentar bil-porfido fl-areas li fadal madwar il-port ta' Marsalforn. | Hu mistenni li jitkomplew ix-xogħlijiet skedati għat-tieni fażi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 289 | Se nkunu qed inwettqu wkoll il-maġġoranza tal-fażijiet tal-masterplan li jirrigwardaw it-tisbiħ tal-bajja tax-Xlendi, u dan biex inkomplu ntejbu u nsebbħu ż-żoni turistiċi f'Għawdex. | Id-Diviżjoni tal-Istrateġija u Sapport | Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti biex issir ir-riġenerazzjoni tal-parkeġġ prinċipali, fi Pjazza l-Anfori. Saret l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti u ntgħażel l-offerent preferut għax-xogħlijiet meħtieġa. Saret applikazzjoni mal-ERA biex isir it-transplanting tas-siġar eżistenti. Tkompliet ir-riġenerazzjoni tad-Dry Standing Area li hemm fix-Xlendi. | Inkisbet l-approvazzjoni tal-ERA għat-transplanting tas-siġar li għandu jsir bejn Ottubru u Marzu. Ix-xogħlijiet fid-Dry Standing Area tlestew u saret l-inawgurazzjoni tal-faċilitajiet il-ġodda għas-sajjieda Għawdxin. | Saret il-mobilizzazzjoni tar-riżorsi mill-kuntrattur sabiex jinbdew ix-xogħlijiet fil-parkeġġ fi Pjazza l-Anfori, ix-Xlendi. | Huwa mistenni li jitkomplew ix-xogħlijiet fil-parkeġġ sabiex issir ir-riġenerazzjoni ta' Pjazza l-Anfori, ix-Xlendi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 290 | Se nkunu qed inlestu Pjazza San Franġisk. | Id-Diviżjoni tal-Istrateġija u Sapport | Tkomplew ix-xogħlijiet fi Pjazza San Franġisk fir-Rabat, Għawdex. Sar l-iskavar, l-installazzjoni tas-servizzi u ngħata l-bażi tal-konkos. Tlesta l-pavimentar quddiem iċ-Ċentru Amministrattiv tal-Ministeru u beda x-xogħol fil-parti ċentrali tal-Pjazza. | Tlesta l-pavimentar tal-pjazza kollha. Bdiet l-installazzjoni tad-dawl u tal-għamara tat-triq. Ittieħdu miżuri sabiex jiġi ġestit aħjar it-traffiku fiż-żona. | Saret l-inawgurazzjoni tal-proġett.<br><br>Permezz ta' dan il-proġett ta' riġenerazzjoni urbanistika, tjiebet il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku fiċ-ċentru tar-Rabat, Għawdex. B'hekk qed nissguraw kwalità ta' ħajja aħjar għar-residenti kif ukoll għall-viżitaturi. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 291 | Se nkunu qed inlestu l-Pjazza ġewwa Ta' Sannat. | Id-Diviżjoni tal-Istrateġija u Sapport | Tkompla t-tfassil ta' sejħa għall-offerti biex issir ir-riġenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita f'Ta' Sannat. | Sar ftehim mal-Kunsill Lokali Ta' Sannat biex dan il-proġett jiġi ġestit b'kollaborazzjoni magħhom. | Il-Kunsill Lokali Ta' Sannat kompla bl-abbozzar ta' sejħa għall-offerti sabiex isiru x-xogħlijiet ta' riġenerazzjoni ta' Pjazza Santa Margerita, Ta' Sannat. | Huwa mistenni li ssir il-pubblikazzjoni tas-sejħa għall-offerti biex isiru x-xogħlijiet u jingħata bidu għall-proċess ta' evalwazzjoni tal-offerti riċevuti, bix-xogħlijiet mistennija li jinbdew is-sena d-dieħla. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 292 | Matul is-sena d-dieħla se nkunu qed nibdew xogħlijiet ta' tisbiħ fuq pjazez ewlenin fi rħula oħra. | Id-Diviżjoni tal-Istrateġija u Sapport | Intlaħaq ftehim mal-Kunsill Lokali tax-Xagħra biex il-Ministeru jiffinanzja x-xogħlijiet ta' decorative luminaires fil-pjazza ta' dan ir-raħal. Il-Kunsill Lokali nieda proċess ta' akkwist pubbliku għal decorative luminaires. | Intgħażel il-kuntrattur u bdew il-preparamenti meħtieġa. Ingħata bidu għat-twettiq tal-programm tax-xogħlijiet. | Tlestew ix-xogħlijiet u saret l-inawgurazzjoni tad-decorative luminaires. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 293 | **Sejrin inkomplu x-xogħol fuq tlieta u tletin triq li qed isir xogħol fuqhom kif ukoll nibdew ix-xogħol fuq ħdax-il triq oħra.** | Id-Diviżjoni tal-Istrateġija u Sapport | Tlesta x-xogħol fi Triq il-Pitkalija, ir-Rabat, Għawdex; Triq Għajn Mhelhel, iż-Żebbuġ, Għawdex; Triq Ġojjin, Ta' Kerċem; u Triq Gajdoru, ix-Xagħra.<br><br>Inbeda x-xogħol fi Triq in-Neolitiċi, ir-Rabat, Għawdex; Triq Ta' Kenuna, in-Nadur; Triq Tumas Cassar, l-Għarb; Triq Santa Eliżabetta, ix-Xewkija; u Triq il-Munxar, il-Munxar.<br><br>Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet meħtieġa fi Triq it-Tabib Anton Tabone, limiti tax-Xewkija (it-triq li tagħti mir-Rabat sa Sannat Junction f'Ta' Sannat) u bdiet l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. | Tkompla x-xogħol fi Triq in-Neolitiċi, ir-Rabat, Għawdex; Triq Ta' Kenuna, in-Nadur; Triq Tumas Cassar, l-Għarb; Triq Santa Eliżabetta, ix-Xewkija; u Triq il-Munxar, il-Munxar.<br><br>Ġew magħżula l-kuntratturi li ser iwettqu x-xogħlijiet fi Triq it-Tabib Anton Tabone, limiti tax-Xewkija (it-triq li tagħti mir-Rabat sa' Sannat Junction f' Ta' Sannat) u fi Triq il-Qlugħ, ix-Xewkija. | Tlestew ix-xogħlijiet fi Triq ta' Kenuna, in-Nadur, Triq il-Qlugħ, ix-Xewkija, kif ukoll Triq il-Munxar, il-Munxar.<br><br>Tkompla x-xogħol fi Triq in-Neolitiċi, ir-Rabat, Għawdex, Triq Sant' Eliżabetta, ix-Xewkija, kif ukoll Triq Tumas Cassar, l-Għarb. | Huwa mistenni li jitlestew ix-xogħlijiet fi Triq Tumas Cassar, l-Għarb, u jitkompla x-xogħol fi Triq in-Neolitiċi, ir-Rabat, Għawdex.<br><br>Fir-rigward ta' Triq it-Tabib Anton Tabone, limiti tax-Xewkija, il-kuntrattur mistenni li jibda x-xogħlijet wara li jkunu tlestew ix-xogħlijiet f'Ta' Sannat Junction, liema xogħol kien ikkummissjonat mill-Kunsill Lokali Ta' Sannat.<br><br>B'hekk, il-ħidma ppjanata għal din is-sena tkun twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 296 | **Matul is-sena d-dieħla, sejrin inkomplu ninvestu f'diversi greening measures; smart parking.** | Information Management Unit (IMU) | Intgħażel is-sit ta' parkeġġ ta' Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex biex isir proġett pilota ta' Smart Parking f'Għawdex. Ġie magħżul il-fornitur li ser jissupplixxi s-sistema ta' Smart Parking skont ir-rekwiżiti deċiżi. | Il-fornitur magħżul beda jiżviluppa s-sistema ta' Smart Parking. | Ġew installati l-parking sensors fi Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex, is-sistema ġiet żviluppata u twaħħlu t-tabelli elettroniċi li juru d-disponibbiltà ta' parkeġġi. | | Implimentata |
| 297 | **Matul is-sena d-dieħla, sejrin inkomplu ninvestu f'diversi greening measures; il-bdil tal-vetturi tal-Gvern għal dawk elettriċi biex inkomplu nimplimentaw id-Decarbonisation Strategy taħt l-Eko Għawdex.** | Id-Diviżjoni tal-Istrateġija u Sapport | Tkompla l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għax-xiri ta' vetturi elettriċi biex jinbidlu l-vetturi tal-Gvern li jaħdmu bi fjuwil fossilu. | Tkompla l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għax-xiri ta' vetturi elettriċi. Saru diskussjonijiet mal-Ministeru għall-Finanzi għall-fondi meħtieġa. | Ġiet approvata t-talba għax-xiri tal-vetturi mill-Ministeru għall-Finanzi. Tkompla l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għax-xiri ta' vetturi elettriċi. | Huwa mistenni li tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xiri ta' vetturi elettriċi u tinbeda l-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 298 | **Is-sena d-dieħla se nkunu qed nibdew ir-restawr ta' Għar Gerduf.** | Id-Diviżjoni tal-Istrateġija u Sapport | Tnedew diskussjonijiet mal-għaqda volontarja Wirt Għawdex dwar kollaborazzjoni fil-ġestjoni tar-restawr ta' Għar Gerduf, f'Ta' Kerċem. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-għaqda Wirt Għawdex. Saret talba lill-Awtorità tal-Artijiet biex irsir l-esproprjazzjoni ta' għalqa li tinsab biswit is-sit ta' Għar Gerduf. | Ġiet sottomessa talba ta' esproprjazzjoni lill-Awtorità tal-Artijiet. | Huwa mistenni li l-Awtorità tal-Artijiet tapprova t-talba ta' esproprjazzjoni u ssir il-valutazzjoni tal-proprjetà. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 299 | **Is-sena d-dieħla se nkunu qed nibdew ir-restawr tal-Akkwadotti.** | Id-Diviżjoni tal-Istrateġija u Sapport | Ġiet approvata t-talba lill-Awtorità tal-Ippjanar biex isir ir-restawr tal-Akkwadotti, limiti tar-Rabat, Għawdex. Sar l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti biex isiru l-investigazzjonijiet ġeoloġiċi. | Ġiet ippubblikata s-sejħa għall-offerti biex isiru l-investigazzjonijiet ġeoloġiċi. | L-evalwazzjoni tal-offerti riċevuti biex isiru l-investigazzjonijiet ġeoloġiċi ġew konklużi, ġie magħżul l-offerent preferut u sar l-iffirmar ta' kuntratt ta' servizz. | Mistennija li jinbdew l-investigazzjonijiet ġeoloġiċi. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 300 | Il-miżura tal-Festivals tematiċi se titkompla, fejn qegħdin naraw li f'Għawdex l-attività għaddejja l-ħin kollu. Dawn l-attivitajiet wasslu biex ingħelbet l-isfida tal-istaġjonalità u qed ikun hemm żieda sostanzjali fit-turiżmu meta mqabbel mas-sena ta' qabel. Il-Ministeru għal Għawdex, flimkien mal-għaqdiet volontarji u kulturali li hemm ġewwa Għawdex, se jkun qed jara li jinħolqu programm kulturali u attivitajiet varji li jibqgħu jattiraw lit-turist - intern u mhux - lejn il-gżira t'Għawdex tul is-sena kollha. | Id-Diviżjoni tal-Istrateġija u Sapport | Tfassal programm ta' Festivals Tematiċi u attivitajiet kulturali biex Għawdex jattira turiżmu matul is-sena kollha. Matul Frar , ġew organizzati l-Festival Inħobbok u l-Karnival Reġjonali. Minħabba l-imxija tal-pandemija COVID-19, il-Ministeru ssospenda l-attivitajiet kollha li kienu ppjanati għax-xahar ta' Marzu. | Tkompliet is-sospensjoni tal-programm ta' festivals u attivitajiet varji skont id-direttivi u l-istruzzjonijiet maħruġa mill-Awtoritajiet għas-Saħħa Pubblika minħabba s-sitwazzjoni marbuta mal-imxija. | Matul Lulju ġie esegwit programm varjat ta' attivitajiet kulturali u mużikali f'Għawdex. Dan kien jinkludi l-avvenimenti Marsalforn Mondays, City Tuesdays, Qala Wednesdays, Xagħra Thursdays u Mġarr Fridays. Ġie mtella' l-avveniment mużikali Ħondoq by Night.<br><br>Matul Awwissu u Settembru, il-Ministeru għal Għawdex issospenda l-programm ta' festivals kif ukoll tal- attivitajiet mużikali u kulturali skont id-direttivi u l-istruzzjonijiet maħruġa mill-Awtoritajiet għas-Saħħa Pubblika minħabba s-sitwazzjoni marbuta mal-imxija. | Huwa mistenni li titkompla l-eżekuzzjoni tal-programm ta' festivals tematiċi u attivitajiet varji jekk l-attivitajiet għall-pubbliku ġenerali jkunu permissibbli mill-Awtoritajiet għas-Saħħa Pubblika minħabba s-sitwazzjoni marbuta mal-imxija. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 366 | Il-proġett ta' Marsalforn se jkun jinkorpora wkoll il-bini ta' breakwater, proġett li l-Għawdxin ilhom snin jiġu mwiegħda u li issa se jkun qed jitwettaq. | Id-Diviżjoni tal-Istrateġija u Sapport | Tkomplew l-istudji biex jitħejja Design Optimisation Wave Analysis. Beda t-tfassil ta' Project Description Statement. | Tkomplew l-istudji biex jitħejja Design Optimisation Wave Analysis. Tkompla t-tfassil tal-Project Description Statement. Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti biex isiru l-investigazzjonijiet ġeoloġiċi. | Wara li ġie identifikat mudell fattibbli, ingħata bidu biex isir wave modelling study. Tkompla t-tfassil tal-Project Description Statement kif ukoll l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti biex isiru l-investigazzjonijiet ġeoloġiċi. | Huwa mistenni li tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti biex jsiru l-investigazzjonijiet ġeoloġiċi f'qiegħ il-baħar skont il-mudell magħżul. Se jitkompla l-istudju tal-wave modelling kif ukoll it-tfassil tal-Project Description Statement. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

MINISTERU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ NAZZJONALI U L-INFURZAR TAL-LIĠI

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 64 | **Reġistru tal-Artijiet. Issa li ġiet imwaqqfa l-Aġenzija għar-Reġistrazzjoni tal-Artijiet qiegħda tinbena sistema online ġdida li għandha tiffaċilita r-reġistrazzjoni ta' proprjetà. Matul is-sena d-dieħla se jkun hemm investiment f'tagħmir ġdid li għandu jiffaċilita l-proċess għat-trasferiment ta' proprjetà fil-futur qrib. Dan l-investiment se jwassal biex fuq medda ta' snin l-artijiet fil-gżejjer tagħna jkunu kollha reġistrati.** | Reġistru tal-Artijiet | Bdiet u tlestiet ir-reviżjoni tar-rekwiżiti funzjonali kif ukoll dawk mhux funzjonali. Bdiet it-tħejjija tas-software architecture tas-sistema l-ġdida. | Ġew finalizzati r-reviżjonijiet tar-rapporti tar-rekwiżiti funzjonali u dawk mhux funzjonali. Tkompliet it-tħejjija tas-software architecture tas-sistema l-ġdida billi ġew elenkati eżempji ta' użu ta' kif is-sistema l-ġdida se tkun qed topera (prototip). | Tkompliet it-tħejjija tas-software architecture tas-sistema l-ġdida. Komplew jiġu elenkati eżempji ta' użu ta' kif is-sistema l-ġdida se topera. Permezz ta' dawn l-eżempji ta' użu, qed jiġu ppreparati mock-ups ta' kif se tkun il-user interface tas-sistema l-ġdida. Parallela mat-tħejjija tas-software architecture, bdiet it-tħejjija fuq is-servers fejn se tkun qed tinżamm is-sistema. | Mistennija jkomplu jiġu elenkati eżempji ta' użu kif ukoll titkompla t-tħejjija tas-software architecture tas-sistema l-ġdida.Permezz tal-mock-ups se naslu għal żvilupp ta' prototip tas-sistema l-ġdida (l-ewwel verżjoni). Mistenni jsir it-testing fuq l-ewwel prototip tas-sistema l-ġdida fejn permezz ta' dan, se naslu għall-modifiki meħtieġa li jirriżultaw mit-testing li jkun sar (it-tieni verżjoni). | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 312 | Se jitkompla l-proċess ta' modernizzar tal-Forzi Armati ta' Malta (FAM) fejn hemm it-tkomplija tal-proġett tax-xiri ta' offshore patrol vessel ġdida, mibnija skont speċifikazzjonijiet tal-Armata stess. | Forzi Armati ta' Malta (AFM) | Tkomplew ix-xogħlijiet relatati mad-disinn u l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-bini tal-lanċa l-ġdida. Bdew ix-xogħlijiet tal-bini tal-bastiment. Iż-żona tal-Veneto, fejn hi bbażata t-tarzna li qed tibni l-lanċa, ġiet affettwata b'mod konsiderevoli bil-Covid-19 u talbet estensjoni għall-konsenja tal-lanċa. | Komplew it-taħditiet bejn il-FAM u t-Tarzna dwar id-data ta' meta se tkun lesta l-lanċa, hekk kif l-Italja bdiet ħierġa mill-effetti devastanti tal-imxija. Reġgħu bdew ix-xogħlijiet fuq il-lanċa anke jekk b'mod limitat. | Bdiet il-fażi ta' installazjoni u ġew imwaħħla pajpijiet, bibien, turġien u apparat ieħor awżiljari abbord. Bdiet tingħata t-tieni passata ta' żebgħa fit-tankijiet u żoni oħra tal-vapur. Bdew ukoll jitwaħħlu x-xaftijiet. | Filwaqt li mistennija jitkomplew xogħlijiet relatati ma' sistemi tal-arja kundizzjonata, sistemi ta' sanità għall-ekwipaġġ u xogħol ieħor strutturali, huwa mistenni wkoll li tinbeda l-installazzjoni tas-sistema elettrika u elettronika. Barra minn hekk, ser jitkomplew ukoll xogħlijiet ta' żebgħa mal-lanċa kollha. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 313 | Il-Forzi Armati ta' Malta. Investiment f'xiri ta' tagħmir sofistikat għall-iSpecial Operations Unit. | Forzi Armati ta' Malta (AFM) | Inkisbu l-kwotazzjonijiet neċessarji u nkisbet l-approvazzjoni mill-Ministeru tal-Finanzi biex jinxtara dan it-tagħmir. It-tagħmir ġie ordnat mill-fornituri. | Ġew iffirmati l-end user certificates. Bdiet l-istennija għall-wasla tal-apparat kollu. | L-apparat kollu ġie ordnat. Il-fornituri tawna l-konferma illi l-apparat qed jiġi manifatturat u se jintbagħat mill-aktar fis possibbli. | Mistenni jasal Malta l-apparat kollu, jiġi ttestjat u kkummissjonat għall-użu. | Implimentata |
| 314 | Biex tibqa' rilevanti u aġġornata, il-FAM se tkompli bl-impenn tagħha li jiġu mtejba l-opportunitajiet ta' taħriġ għal kull membru tal-Armata. Dan se jsir billi tissaħħaħ il-koperazzjoni ma' istituzzjonijiet edukattivi bħall-MCAST, l-ITS u l-Università ta' Malta kif ukoll mad-Dipartiment tal-Emerġenza tal-Isptar Mater Dei. | Forzi Armati ta' Malta (AFM) | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-MCAST dwar il-possibilità li suldati jintbagħtu għal korsijiet tas-snajja' u dwar ir-reviżjonijiet meħtieġa għall-kurrikulu. Saru wkoll l-arranġamenti sabiex xi suldati jattendu l-kors tal-B1 Engine Driver.<br><br>It-taħriġ ta' numru ta' suldati f'oqsma kulinarji fl-Istitut għas-Servizzi Turistiċi tlesta. Dan it-taħriġ ser jibqa' jingħata lis-suldati bħala parti mill-operat tal-FAM.<br><br>Numru ta' suldati attendew on-the-job training mogħti mid-Dipartiment tal-Emerġenza fl-Isptar Mater Dei. | Tlesta l-kors ta' B1 Engine Driver u tlestiet ukoll ir-reviżjoni tal-kurrikulu tal-korsijiet tas-snajja' li jingħataw lill-membri tal-Forzi Armati ta' Malta permezz tal-MCAST u li ġew aġġornati għaż-żminijiet tal-lum.<br><br>Minflok tinħareġ sejħa darba fis-sena, il-FAM se tibda tilqa' espressjoni ta' interess ta' suldati li jkunu jridu jkomplu jistudjaw l-Università biex fejn hu possibbli jingħataw borża ta' studju. Oqsma akkademiċi relatati max-xogħol tagħhom se jingħataw preferenza. | Ġew riveduti l-korsijiet tas-snajja' u l-kurrikulu. L-Università ta' Malta implimentat it-taħriġ skont il-pjan. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 315 | Biex tibqa' rilevanti u aġġornata, il-FAM se tkompli l-ħidma man-National Commission for Further and Higher Education biex il-korsijiet li jiġu offruti internament jiġu akkreditati u b'hekk il-membri jkollhom ċertifikati rikonoxxuti barra mill-Armata. | Forzi Armati ta' Malta (AFM) | Il-kors ta' reklutaġġ (Induction Course) ġie akkreditat f'livell MQF 3.<br><br>Saret l-applikazzjoni għall-akkreditazzjoni tal-Junior Non-Commissioned Officer (JNCO) Course. Din l-applikazzjoni qed tiġi proċessata mill-NCFHE. | Komplew id-diskussjonijiet dwar l-applikazzjoni sottomessa u din bdiet tiġi vvettjata u verifikata mill-NCFHE. | L-applikazzjoni sottomessa qed tiġi vvettjata u verifikata mill-AFM u l-NCFHE. | Mistennija jiġu finalizzati d-diskussjonijiet mal-NCFHE. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 316 | **Jibqa' jsir taħriġ bażiku u militari lis-suldati u rekluti kemm f'Malta u anke barra minn xtutna filwaqt li korsijiet speċjalizzati jkomplu jsiru anke f'akkademji militari rinomati madwar id-dinja.** | Forzi Armati ta' Malta (AFM) | It-taħriġ bażiku militari tal-grupp ta' rekluti li beda fit-18 ta' Novembru 2019 u l-kors tal-Junior Non-Commissioned Officer li beda f'Settembru 2019 spiċċaw fi Frar 2020. Ingħata wkoll il-kors tas-Senior Non-Commissioned Officer.<br><br>Uffiċjal kadett beda t-taħriġ f'Sandhurst, l-Ingilterra. Tlesta l-kors li kien qed isir fl-Irlanda fejn gradwaw 7 uffiċjali kadetti.<br><br>Seba' uffiċjali kadetti oħra wkoll kienu għaddejjin bit-taħriġ fl-Irlanda, liema taħriġ jintemm fl-2021. Uffiċjal kadett ieħor beda taħriġ navali f'Dartmouth fl-Ingilterra. Żewġ suldati ngħataw taħriġ militari fl-Italja. Sitt suldati oħra bdew taħriġ fi skola ta' titjir f'Foggia, l-Italja. Uffiċjal ieħor għaddej bit-taħriġ tiegħu fi Cranwell, fl-Ingilterra. | Tfassal il-programm ta' taħriġ għas-sena 2020 mal-Italja bħala parti mill-Bilateral Cooperation Plan li ser isir kemm fl-Italja kif ukoll f'Malta. Ġie wkoll imfassal programm ta' taħriġ għall-2020 mal-Istati Uniti marbut mal-International Military Education & Training Plan b'numru ta' attivitajiet ta' taħriġ u korsijiet li se jsiru fl-Istati Uniti. Ġie ffirmat ftehim ma' istituzzjoni edukattiva lokali dwar taħriġ fuq Fixed Wing Aircraft kif ukoll ma' skola barranija fuq Rotary Wing Aircraft.<br><br>Sitt uffiċjali komplew jattendu l-iskola ta' titjir f'Foggia ma' Leonardo. Uffiċjal kadett kompla għaddej bit-taħriġ f'Sandhurst, l-Ingilterra. Uffiċjal kadett kompla t-taħriġ Navali f'Dartmouth fl-Ingilterra. Is-7 uffiċjali kadetti komplew bit-taħriġ tagħhom fl-Irlanda. Kompla jingħata taħriġ l-uffiċjal li jinsab fi Cramwell, l-Ingilterra. | Numru ta' officer cadets bdew it-taħriġ tagħhom ġewwa l-Irlanda f'Settembru. Ma' dawn hemm żewġ officer cadets jagħmlu kors ġewwa l-Ingilterra, ġo Sandhurst u Cranwell. F'Awwissu beda t-taħriġ ta' rekluti u officer cadets ġodda fl-AFM. Ma' dawn beda wkoll it-taħriġ tal-JNCO Cadre Course. It-taħriġ jingħata fuq bażi kontinwa. | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 317 | Korp tal-Pulizija. Għas-sena 2020 se jitkompla l-investiment f'apparat ġdid u modern għall-RIU u anke għall-SIU. | Korp tal-Pulizija | Saru diversi laqgħat mal-fornituri tal-apparat speċjalizzat fejn inkisbet informazzjoni valida fuq kull prodott biex b'hekk stajna nkunu nafu l-aċċessibbiltà ta' dan l-apparat. Sar studju fuq kull apparat speċjalizzat u anke saru diversi djalogi ma' skwadri oħra li jaħdmu fl-istess qasam barra minn Malta biex stajna naraw l-aktar apparat li jista' jaqdi l-funzjonijiet tagħna minn nies li użaw l-istess apparat. Tħejjiet lista ta' apparat speċjalizzat bi speċifikazzjonijiet skont ir-riċerka. Saret talba għal stima mingħand il-fornituri. Wara li dawn wieġbu fil-pożittiv, saret analiżi tal-prodotti kollha biex jinstab min laħaq l-ispeċifikazzjonijiet mitluba u b'hekk tkun tista' tinġieb l-approvazzjoni sabiex issir l-ordni. Wara li ksibna l-approvazzjoni saret l-ordni għall-apparat, fosthom IR Lasers, Simunition Kits, Battery Operated Breaching Tools u Primary Weapons Mounted Torches. | Waslu l-Battery Operated Breaching Tools, sar l-ittestjar meħtieġ u dan l-apparat beda jintuża mill-membri tal-Korp. Matul dan il-kwart kien hemm ukoll stennija sabiex jasal l-apparat l-ieħor ordnat. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 318 | **Korp tal-Pulizija. Għas-sena 2020 se jitkompla l-investiment f'vetturi ġodda għall-RIU u anke għall-SIU.** | Korp tal-Pulizija | Ġiet ippubblikata sejħa għall-offerti  għal 20 vettura speċjalizzata għall-RIU tip SUV, għal 4 vetturi tip SUV għall-SIU kif ukoll għal 2 vannijiet għall-SIU. | Wara li għalqet is-sejħa għall-offerti, ġew evalwati l-offerti riċevuti, intgħażel l-offerent preferut u ġie  ffirmat il-kuntratt tax-xiri.  Dwar il-vannijiet, l-ebda offerent ma laħaq l-ispeċifikazzjonijiet rikjesti u s-sejħa se terġa' toħroġ. | Ġie ffirmat il-kuntratt għal xiri ta' vetturi SUV għall-iSpecial Intervention Unit (SIU) u mistenni li dawn jaslu fi żmien xahrejn. Ġie ppubblikat it-tender għal 2 vannijiet għall-SIU. L-20 vettura tal-RIU qed jiġu mgħammra mill-aġent. | Mistennija jaslu l-20 vettura SUV għall-RIU, kif ukoll l-4 vetturi u 2 vannijiet tal-SIU. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 319 | **Korp tal-Pulizija. Għas-sena 2020 se jitkompla l-immodernizzar tal-flotta ta' muturi għat-Taqsima tat-Traffiku.** | Korp tal-Pulizija | Beda l-abbozzar ta' sejħa għall-offerti għax-xiri ta' muturi għat-Taqsima tat-Traffiku tal-Korp tal-Pulizija. | Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-muturi. | Kompla l-abbozzar tas-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-muturi. | Mistennija tiġi ppubblikata s-sejħa għall-offerti għax-xiri tal-muturi mill-MPU, issir l-evalwazzjoni u tinħareġ l-ordni mal-aġent. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 320 | **Korp tal-Pulizija. Għas-sena 2020 se jitkompla l-bini tal-għassa ġdida f'Marsaskala.** | Korp tal-Pulizija | Inbeda x-xogħol tat-tqattigħ tal-blat u tal-pedamenti tal-binja. Kellha tittieħed azzjoni rimedjali wara li kien hemm xi ċaqliq tal-art. | Tlesta t-tqattigħ tal-blat u tlestew il-pedamenti. Inbeda x-xogħol fuq il-bini attwali tal-għassa. Bdew ix-xogħlijiet tal-installazzjoni tas-servizzi. | Tkompliet u tlestiet il-kostruzzjoni tal-ewwel sular u  bdiet il-kostruzzjoni tat-tieni sular ta' din l-għassa l-ġdida. | Mistennija titlesta l-kostruzzjoni kollha u jibdew il-finishes ta' din l-għassa l-ġdida. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 321 | **Korp tal-Pulizija. Għas-sena 2020 se jibda x-xogħol fuq l-ewwel hub reġjonali f'sit li se jkun qed jaqdi wkoll il-ħtiġijiet tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili.** | Korp tal-Pulizija | Saru diskussjonijiet mal-Awtorità tal-Artijiet u mal-Awtorità tal-Ippjanar biex jiġu identifikati xi siti addattati biex jiġi mibni Regional Hub konġunt mal-Protezzjoni Ċivili. Ġew magħżula diversi siti f'lokalitajiet differenti li potenzjalment ikunu tajbin għal dan l-għan. | Ġie identifikat sit f'Kordin li għandu jservi tajjeb biex dan il-proġett jitwettaq u jinbena Regional Hub li jservi għan-Nofsinhar ta' Malta. Beda l-proċess biex tiġi akkwistata l-art biex jitnieda l-proġett konġunt. Tkomplew it-taħditiet biex jiġi identifikat sit adegwat biex iservi għall-istess għan fit-Tramuntana ta' Malta. | Komplew id-diskussjonijiet mad-Dipartiment tal-Artijiet rigward l-akkwist tal-art. | Mistennija jintemmu d-diskussjonijiet u jsir ftehim ma' kumpanija privata għat-twettiq tal-investigazzjonijiet ta' fuq u taħt l-art (Land Survey and Geological Sub-Surface Investigation).<br><br>Se jibda xogħol fuq id-disinn tal-Hub Reġjonali u tiġi sottomessa l-applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar bil-għan li jinħareġ il-permess propost. | Fil-proċess li tiġi implimentata |
| 322 | **Korp tal-Pulizija. Għas-sena 2020 se jitlesta x-xogħol ta' kostruzzjoni tal-Command and Control Room.** | Korp tal-Pulizija | Wara li kellu jitwaqqaf il-kuntrattur minħabba li ma żammx mal-kundizzjonijiet tal-kuntratt, sar il-proċess mill-ġdid tal-għażla ta' kuntrattur ieħor għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni. Ġiet abbozzata sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet tal-M&Es u finituri fil-binja. | Beda x-xogħol infrastrutturali meħtieġ u dan jinsab fl-aħħar fażi tiegħu. Kompla l-ivvettjar mid-Dipartiment tal-Kuntratti tal-abbozz tas-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet tal-M&Es u l-finituri. | Ix-xogħol infrastrutturali jinsab konkluż, filwaqt li ngħalqet is-sejħa għall-offerti għax-xogħlijiet tal-M&Es u l-finituri. | Mistenni jinħatar bord għall-evalwazzjoni tat-tender u tibda l-evalwazzjoni. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 323 | Bil-għan li l-Korp tal-Pulizija jsaħħaħ ħidmietu kontra r-reati ekonomiċi, sal-bidu tas-sena d-dieħla d-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet f'dawn ir-reati se jkun qed jopera minn binja moderna u li taqdi l-ħtiġijiet ta' dan id-Dipartiment li l-Gvern hu kommess li jibqa' jsaħħaħ fiż-żmien li ġej. | Korp tal-Pulizija | Tkompla u tlesta x-xogħol fuq il-binja li se tintuża mid-Dipartiment tal-Investigazzjonijiet tar-Reati Ekonomiċi. | Bdew xogħlijiet oħra fil-binja li jinvolvu servizzi anċillari bħal dawl, tikħil u tibjid. Bdiet titpoġġa l-għamara. | Il-proġett tal-binja l-ġdida tal-Iskwadra tar-Reati Ekonomiċi ġie finalizzat u l-binja qiegħda topera. | | Implimentata |
| 324 | Korp tal-Pulizija. Għandu jitkompla l-ingaġġ ta' aktar professjonisti f'diversi oqsma fosthom sabiex jassistu fl-analiżi ta' reati moderni u kumplessi bħal dawk ekonomiċi u cyber crime. | Korp tal-Pulizija | Inħarġet sejħa għall-ingaġġ ta' professjonisti mat-Taqsima tar-Reati Ekonomiċi kif ukoll inħarġu żewġ sejħiet għall-applikazzjonijiet biex jimtlew vakanzi ta' Officer II (Crime Analysis) u Officer II (Digital Forensic Analysis). | Bdew il-proċessi tal-għażla. Intgħażlet persuna sabiex timla l-vakanza fit-Taqsima tar-Reati Ekonomiċi. Mandanakollu l-persuna magħżula ma aċċettatx l-impjieg u għaldaqstant inħarġet sejħa oħra. | Issokta l-proċess tal-għażla ta' Officer II (Crime Analysis) u Officer II (Digital Forensic Analysis). Rigward l-ingaġġ ta' professjonisti mat-Taqsima tar-Reati Ekonomiċi, kompla l-proċess tal-għażla. | Mistennija jiġu appuntati l-uffiċjali skont il-vakanzi rispettivi. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 327 | Matul l-2020 se jitkompla l-programm ta' refurbishment tal-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, liema xogħol isir mill-priġunieri nfushom u ta' dan jitħallsu. | Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi | Beda u tlesta x-xogħol ta' refurbishment mill-priġunieri f'Diviżjoni 17 u Diviżjoni 18, liema xogħol jinkludi t-tagħmir tax-showers, magni tal-ħasil, faċilitajiet sanitarji u s-servizzi meħtieġa għalihom kif ukoll għamara ġdida. B'hekk tlesta x-xogħol meħtieġ ta' refurbishment fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, skont il-fondi disponibbli għas-sena 2020. | | | | Implimentata |
| 328 | Matul l-2020 se jitkompla l-programm ta' refurbishment tat-Taqsima Forensika fl-Isptar Monte Carmeli, liema xogħol isir mill-priġunieri nfushom u ta' dan jitħallsu. | Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi | Bdew diskussjonijiet dwar it-twettiq ta' din il-miżura. | Tkomplew id-diskussjonijiet mal-istakeholders konċernati. | Komplew diskussjonijiet mal-Ministeru għas-Saħħa dwar it-twettiq ta' din il-miżura. | Mistennija tibda l-ħidma għat-twettiq ta' din il-miżura. | Fil-proċess li tiġi implimentata. |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 329 | **Faċilitajiet korrettivi. Se jinxtraw aktar vetturi biex jiffaċilitaw it-trasport tal-priġunieri lejn sptar, qorti jew postijiet oħra fejn ikun meħtieġ u anke sabiex tiġi mmodernizzata l-flotta.** | Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi | Bdew jinġabru kwotazzjonijiet mingħand suppliers għal Prison Van u Armoured Vehicle. Inżammet sensiela ta' laqgħat mas-suppliers ta' dan it-tip ta' vetturi. Inkisbu l-approvazzjonijiet meħtieġa għax-xiri ta' dawn il-vetturi. | Ġew ordnati kemm il-Prison Van, li mistenni jidħol fis-servizz f'Awwissu 2020, kif ukoll l-Armoured Vehicle mill-Istati Uniti li ser tkun l-ewwel waħda tax-xorta tagħha fis-servizz tal-Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi. | Wasal il-Prison Van u beda jintuża. | Mistennija tasal l-Armoured Vehicle u tibda topera skont l-esiġenzi tal-Faċilità Korrettiva. | Implimentata |
| 330 | **Faċilitajiet korrettivi. Sar proġett pilota biex isir użu mill-electronic tagging, kif isir f'pajjiżi Ewropej. Is-sena d-dieħla sejrin inkomplu nestendu dan l-electronic tagging għal aktar priġunieri.** | Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi | Tkompla u ġie estiż il-proġett pilota ta' priġunieri fuq parole u li jiġu tteggjati elettronikament. | Inxtara apparat elettroniku ieħor biex ikompli jiġi implimentat il-proġett tat-tagging elettroniku tal-priġunieri. | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 331 | Faċilitajiet korrettivi. Se jitkompla t-taħriġ fil-unit tal-K9 biex titkompla l-ġlieda kontra d-droga fil-Faċilità. | Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi | Beda jingħata t-taħriġ minn instructor Norveġiża fuq K9 Tracking lis-sezzjoni tal-K9 tal-Aġenzija. Kompla t-taħriġ u sar l-assessjar tal-klieb il-ġodda mill-instructor responsabbli mit-Taqsima fejn dawn il-klieb ġew ċertifikati bħala operational fuq tiftix ta' droga. | Ġie ordnat apparat għall-klieb tal-K9 section u hemm żmien ta' stennija sakemm jasal dan l-apparat. | Wasal l-apparat ordnat għall-klieb tal-K9 section. It-taħriġ barra minn Malta ġie sospiż sal-aħħar tas-sena. | Mistenni jkompli jingħata t-taħriġ fuq bażi kontinwa. | Implimentata |
| 332 | Faċilitajiet korrettivi. Se jitkompla wkoll it-tisħiħ tal-prison industry fejn permezz tal-iskema Bridging the Gap tal-Jobsplus, numru akbar ta' priġunieri qed jirnexxilhom isibu impjieg biex b'hekk ikollhom għajxien xieraq malli jiskontaw is-sentenza u l-familja tagħhom ma tbatix. | Aġenzija għas-Servizzi Korrettivi | Din l-iskema hija fis-seħħ u kull priġunier li jkun wasal biex iħalli faċilità korrettiva jiġi offrut li jsib impjieg bl-iskema Bridging the Gap tal-Jobsplus. | | | | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 333 | Probation u Parole. Se tissaħħaħ is-Psychology Unit. | Dipartiment tal-Probation u Parole | Ġew mixtrija għodod psikometriċi għat-Taqsima tal-Psikoloġija fid-Dipartiment tal-Probation u Parole bl-għan li jittejjeb is-servizz li jingħata mill-psikologi lill-klijenti. | L-għodod waslu u l-psikologi bdew jiffamiljarizzaw ruħhom magħhom. Bdew ukoll il-preparamenti għall-ingaġġ ta' assistent psikologu. | Komplew il-preparamenti għall-ingaġġ ta' psikologa. | Mistennija tiġi ingaġġata l-psikologa u tibda bil-ħidma. | Implimentata |
| 334 | Probation u Parole. Se jiġu introdotti aktar programmi bil-għan li jonqos ir-riċediviżmu. | Dipartiment tal-Probation u Parole | Saret riċerka estensiva sabiex jinġabar il-materjal u studji varji sabiex jgħinu fit-tfassil ta' manwal ta' interventi terapewtiċi. Saret l-analiżi ta' dak misjub fir-riċerka u fl-istudji. Ġie deċiż li l-prijorità ser tingħata lil nies li wettqu reati sesswali u li huma riċedivi. | Il-manwal tfassal u beda jsir l-ewwel assessjar ta' nies eliġibbli sabiex jagħmlu l-programm. | Beda t-taħriġ skont l-iskeda mfassla. | Mistenni jitlesta t-taħriġ fuq bażi individwali u l-evalwazzjoni finali għandha tintemm skont l-iskeda mfassla. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1<br>Jannar sa Marzu | KWART 2<br>April sa Ġunju | KWART 3<br>Lulju sa Settembru | KWART 4<br>Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 335 | **Probation u Parole. Se tingħata importanza biex isir taħriġ speċjalizzat lill-ħaddiema ta' dan id-Dipartiment li għandu jwassal għal programm ġdid iffukat għal Young Offenders.** | Dipartiment tal-Probation u Parole | Sar kuntatt mal-Parole Board tal-Irlanda ta' Fuq sabiex tiġi esplorata l-possibilità li jingħata taħriġ lill-psikologi tad-Dipartiment tal-Probation u Parole dwar programm iffukat fuq Young Offenders li jiġu riferuti mill-Qrati u l-Parole Board. Sar qbil u ġie mfassal il-programm. Inizjalment it-taħriġ kellu jsir Malta iżda l-programm kellu jinbidel minħabba l-impatt tal-Covid-19. | Ġie deċiż illi l-ewwel parti tat-taħriġ issir online. B'hekk il-psikologi ftiehmu mat-trainers tal-Parole Board Northern Ireland (PBNI) sabiex jingħataw overview tal-programm u taħriġ. Dan il-programm (Back on Track Programme) se jindirizza l-imġiba kriminoġenika li taf twassal għat-tnaqqis tar-riċediviżmu. | L-ewwel skeda ta' taħriġ lill-psikologi fi ħdan id-Dipartiment tal-Probation and Parole saret online minħabba l-imxija tal-pandemija. Bħalissa d-DPP jinsab f'negozjar mal-PBNI rigward kuntratt ta' kollaborazzjoni bejn iż-żewġ entitajiet. Dan il-kuntratt jinkludi wkoll it-tfassil komplut tal-programm li hu ffukat għall-young offenders. | Hekk kif il-kuntratt bejn iż-żewġ entitajiet jiġi finalizzat, il-programm jista' jiġi mniedi iżda dan jiddependi mis-sitwazzjoni tal-Covid-19 f'Malta minħabba li l-programm imfassal jinkludi terapija fi gruppi ta' persuni li jingħataw servizz mid-DPP.<br><br>B'hekk il-ħidma ppjanata għal din is-sena twettqet. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | DIPARTIMENT | KWART 1 Jannar sa Marzu | KWART 2 April sa Ġunju | KWART 3 Lulju sa Settembru | KWART 4 Ottubru sa Diċembru | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 336 | **Immigranti illegali. Tiġi studjata l-introduzzjoni ta' Information Service Unit li jkun magħmul minn tim ta' professjonisti li jkunu jistgħu jagħtu informazzjoni u għajnuna lill-persuni li jkunu qed ifittxu l-ażil biex b'hekk ikunu jistgħu jintegraw aħjar fis-soċjetà Maltija. Dan it-tim ikun jista' jagħti wkoll informazzjoni fejn jidħol l-Assisted Voluntary Return fejn immigranti jiġu megħjuna jirritornaw f'pajjiżhom bl-għajnuna tal-Gvern u l-NGOs.** | Agency for the Welfare of Asylum Seekers (AWAS) | L-Aġenzija waqqfet taqsima ġdida - il-Migrant Advice Unit. L-għan ta' dan it-tim huwa li jipprovdi appoġġ billi jipprovdi informazzjoni lill-utenti tas-servizz fil-Faċilitajiet ta' Akkoljenza. Il-forniment u l-użu ta' informazzjoni għandhom rwol ewlieni biex jippermettu lir-residenti t-teħid ta' deċiżjonijiet kif ukoll biex jippromovu għażliet infurmati dwar il-futur tagħhom. | Inkisbet l-approvazzjoni għar-reklutaġġ tal-ħaddiema meħtieġa u beda l-proċess sabiex jiġu ingaġġati l-ħaddiema ġodda. Saret ir-reviżjoni tal-kontenut li ser jidħol fil-pakkett ta' informazzjoni. Din l-informazzjoni riveduta dwar il-proċess tal-ażil ġiet ippubblikata. | Beda l-proċess ta' reklutaġġ u ġew milqugħa l-applikazzjonijiet. | Uffiċjali fi ħdan il-Migrant Advice Unit se jibdew jaħdmu fuq il-pjan ta' dan il-proġett li huwa bbażat fuq kif għandha tgħaddi l-informazzjoni meħtieġa lil persuni li qed ifittxu l-ażil. L-informazzjoni li diġà ġiet finalizzata se tkun aċċessibbli uffiċjalment u ġestita online din is-sena. Ġew ukoll identifikati Info Points fiċ-ċentri miftuħin tal-AWAS u l-uffiċjali ser jirrappurtaw fiċ-ċentru rispettiv tagħhom skont il-ħinijiet tal-uffiċċju amministrattiv biex jipprovdu informazzjoni lir-residenti. | Fil-proċess li tiġi implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2014 LI TWETTQU

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 30 | Se nagħmlu kampanja kontra l-evażjoni fiskali sabiex infiehmu lil kulħadd għaliex din m'hemmx lokha f'soċjetà demokratika u żviluppata. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju 2019. | Implimentata |
| 6.2.2 | EU Structural Funds 2007 - 2013 - EU Funds: Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.<br><br>Miżura ERDF 304 - Use of Highly Polished Reclaimed Water in the Maltese Islands. | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2016. | Implimentata |
| 6.2.2 | EU Structural Funds 2007 - 2013 - EU Funds: Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.<br><br>Miżura ERDF 334 - Carbon Footprint Reduction Project. | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju 2017. | Implimentata |
| 6.2.2 | EU Structural Funds 2007 - 2013 - EU Funds: Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.<br><br>Miżura CF 355 - Water Quality and Supply Improvement Project. | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata fi Frar 2017. | Implimentata |
| 6.2.2 | EU Structural Funds 2007 - 2013 - EU Funds: Korporazzjoni għal Servizzi tal-Ilma.<br><br>Miżura CF 356 - Sewage System Extension and Upgrading Project. | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata fi Frar 2017. | Implimentata |
| 127.3 | Il-Gvern se jwettaq kampanja dwar il-konservazzjoni tal-ilma. | MEW | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu 2019. | Implimentata |
| 134 | Se naraw li nsaħħu lill-Università ta' Malta billi nfasslu qafas kuntrattwali sabiex, permezz ta' pjan fit-tul, din issir aktar sostenibbli. B'hekk, l-Università tkun tista' tippjana fit-tul u mhux kull sena tistenna l-kontribuzzjoni tal-Gvern mingħajr ma tkun taf x'se jiġri. | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju 2020. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 144 | Se jitwaqqaf ensemble ta' mużika barokka fit-Teatru Manoel. | MHAL | Din il-miżura ġiet implimentata fl-2014. | Il-BM 144 ġiet reġistrata implimentata fl-2014 u mhux fl-2020. Din il-miżura baqgħet tidher fil-pubblikazzjoni annwali bħala fil-proċess, u għalhekk ġie deċiż li tingħalaq. |
| 87 | L-Imsida: (Triq L-Irmiġġ): Xogħlijiet ta' Passaġġi. | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu 2017. | Implimentata |
| 87 | Il-Qajjenza: (Triq il-Qajjenza): Bini ta' Boardwalk tal-Injam. | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju 2018. | Implimentata |
| 87 | City Gate. | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata fl-2016. | Implimentata |
| 87 | City Gate External Works. | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018. | Implimentata |
| 87 | Triq il-Kosta, Baħar iċ-Ċagħaq. | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata fl-2016. | Implimentata |
| 87 | Tagħmir mill-Ġdid u Titjib tad-Deep Water Quay. | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Diċembru 2018. | Implimentata |
| 87 | Marsa Addolorata Junction. | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Awwissu 2020. | Implimentata |
| 87 | Ħad-Dingli: (Triq Panoramika): Bini ta' Passaġġ Pedonali Madwar l-Irdumijiet ta' Ħad-Dingli. | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata fl-2014. | Implimentata |
| 87 | Il-Kalkara (Kunvent tal-Kapuċċini/Knisja Sta Liberata). | MTIP | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Jannar 2016. | Implimentata |
| 104 | Short-term: Wara konsultazzjoni se nipprojbixxu ċ-ċirkolazzjoni ta' trakkijiet industrijali kbar u żwiemel f'toroq arterjali waqt ċerti ħinijiet tal-ġurnata. | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata fl-2016. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 106 | Long-term: Hemm bżonn pjan li jesplora kif it-trasport ta' Malta u Għawdex se jkun għall-ġejjieni. Diġà qed isir studju dwar pont bejn Malta u Għawdex u se nerġgħu napplikaw għall-fondi Ewropej għal studju dwar tunnel u għażliet oħra wara li l-applikazzjoni magħmula mill-Gvern preċedenti ma ġietx aċċettata. | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Jannar 2019. | Implimentata |
| 117 | Konsulenza fuq sovranità u fruntieri marittimi. | MTIP | Din il-miżura ġiet implimentata f'April 2015. | Implimentata |
| 245 | Se nżidu n-numru ta' postijiet fid-day centres b'200 għal 600. Għal dan qegħdin nivvotaw is-somma ta' 900,000 ewro. Irridu noħolqu aktar postijiet biex persuni b'diżabbiltà jieħdu sehem f'attivitajiet u jagħtu kontribut. | MFCS | Din il-miżura ġiet implimentata f'Mejju 2016. | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2015
# LI TWETTQU

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 312 | Il-Gvern se jikkunsidra li jissieħeb ma' entitajiet privati esperti fit-tmexxija ta' koros taż-żwiemel sabiex il-korsa titmexxa fuq livell aktar professjonali. | MEDE | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Lulju 2019. | Implimentata |
| 110 | Se ndaħħlu l-kunċett ta' Private Public Partnership, jew PPP, fix-xogħlijiet, fl-oqsma kostali, rurali u urbani permezz ta' numru ta' programmi u inizjattivi, li jinkludu tkabbir ta' bajjiet bir-ramel u aċċessibilità aħjar fuq xtut tal-blat. | MTIP | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Ottubru 2017. | Implimentata |
| 239 | Għal matul l-2015, hemm il-ħsieb li jsiru applikazzjonijiet għall-fondi tal-Unjoni Ewropea biex jiġu implimentati numru ta' proġetti pilota f'widien partikolari. Hu ppjanat ukoll li jitkompla l-programm ta' xogħol tal-widien.<br><br>(d) (Xogħol tal-Widien): Parti minn Wied Qannotta, Burmarrad. | MTIP | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Novembru 2017. | Implimentata |
| 240 | Is-sena d-dieħla mistenni li jinbena passaġġ mal-blat f'Wied iż-Żurrieq li kien tkisser bil-maltemp barra li jitkomplew it-tiswijiet ta' numru ta' strutturi madwar il-kosta Maltija.<br><br>(f) (Strutturi madwar il-kosta): Tiswija ta' skal fix-Xemxija. | MTIP | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata fl-2015. | Implimentata |
| 247 | Il-Proġett Nazzjonali għat-Taffija tal-Għargħar (NFRP) wasal biex jitlesta.<br><br>(a) Bini ta' blokk għall-ħaddiema li sa jieħdu ħsieb il-manutenzjoni tal-infrastruttura li nbniet permezz tal-Proġett għat-Taffija tal-Għargħar, kif ukoll bini ta' garaxxijiet għall-makkinarju li nxtara għall-manutenzjoni ta' dan il-proġett. | MTIP | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Jannar 2017. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 251 | Fil-Kottonera tlesta xogħol ta' tisbiħ ġewwa Xatt ir-Risq u qed isir xogħol biex ikunu jistgħu jinfetħu passaġġi taħt l-art għall-pubbliku. Fil-ġimgħat li ġejjin se jinbeda xogħol ta' restawr u tisbiħ fuq il-Knisja ta' Santa Tereża ġewwa Bormla. | MTIP | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Awwissu 2016. | Implimentata |
| 250 | Qed jitfassal pjan komprensiv bl-għan li jkun hemm riġenerazzjoni u rijabilitazzjoni ta' Strada Stretta.<br><br>(b) Disinn u implimentazzjoni ta' sistema ta' dawl arkitettoniku ġewwa Strada Stretta. | MTIP | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Lulju 2017. | Implimentata |
| 71 | Se ninċentivaw lil min iħaddem biex jimpjega persuni b'diżabilità billi noffru krediti ta' taxxa ġenerużi. Kull min iħaddem persuna b'diżabilità se jkun eżenti mill-ħlas tal-bolla u se jkun possibbli li jagħmel deduzzjoni mit-taxxa fuq il-profitti ekwivalenti għall-paga tal-persuna diżabbli. Il-massimu tal-kreditu jlaħħaq mhux aktar minn €4,500 għal kull impjegat diżabbli. | MFCS | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Ottubru 2017. | Implimentata |
| 252 | Se tissewwa l-ħsara estensiva li hemm fuq il-Monument tal-Gwerra ġewwa l-Isla fejn dan il-monument se jinbidel minn wieħed tal-fibreglass għal wieħed tal-bronż. | MHAL | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Novembru 2019. | Implimentata |
| 78 | L-Awtorità tad-Djar, bi sħubija mal-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura, se tagħmel xogħol ta' tiswijiet fl-oqsma tad-djar, waqt li jkun qed isir ukoll xogħol ta' titjib u manutenzjoni fi proprjetà residenzjali mikrija mill-Gvern jew l-Awtorità. | MSA | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Ġunju 2020. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 139 | Se nadottaw miżuri intiżi biex inkabbru l-kapaċità tagħna fil-qasam tal-free zones b'enfasi fuq attivitajiet ekonomiċi b'valur miżjud sinjifikanti. | MEIB | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Diċembru 2019. | Implimentata |
| 274 /2 | Digital Hub f'Għawdex.<br>b. Se nkomplu x-xogħol sabiex inwaqqfu Digital Hub f'Għawdex sabiex jattira investiment minn kumpaniji fis-settur diġitali. | MGOZ<br>MEIB | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Novembru 2019. | Implimentata |
| 275 | Iż-Żona Industrijali tax-Xewkija se tespandi billi jinħoloq spazju għal SME Park. Ġew identifikati xi siti li jistgħu jservu għal dan il-għan. | MEIB | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Lulju 2020 | Implimentata |
| 277 /2 | MDP<br>b. L-eks MDP se tiġi żviluppata biex tkun tista' takkomoda intrapriżi innovattivi u kreattivi li jgħinu biex l-ekonomija Għawdxija tgħaddi għal fażi aktar avvanzata. | MEIB | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Novembru 2019. | Implimentata |
| 277 /1 | a. Permezz tat-tieni cable tal-broadband bejn Malta u Għawdex, se nsaħħu l-aċċess diġitali għall-investiment fl-ICT u oqsma relatati. | MGOZ | Din il-miżura mistennija li tiġi reġistrata bħala implimentata f'Diċembru 2020. | Implimentata |

MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2016
LI TWETTQU

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
| --- | --- | --- | --- | --- |
| 213 | Barts and the London School of Medicine and Dentistry f'Għawdex. L-Università Ingliża ta' Queen Mary se tistabbilixxi campus barra mill-Ingilterra f'Għawdex għall-ewwel darba. Il-kampus Barts f'Għawdex mistenni jiftaħ il-bibien tiegħu f'Settembru 2017 u se jkun qiegħed jilqa' mat-300 student fuq perjodu ta' ħames snin. | MFH | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Ottubru 2019. | Implimentata |
| 230 a | Mental Health Services:<br>Se jiġi appuntat Bord tad-Diretturi ddedikat għall-Mental Health Services biex is-servizz jitjieb. | MFH | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata fi Frar 2017. | Implimentata |
| 230 b | Apparti minn hekk, se jiġi mniedi pjan sħiħ għall-Isptar Mount Carmel biex is-servizz ta' hemmhekk jitjieb sew. | MFH | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Ġunju 2020. | Implimentata |
| 10 | Konsolidazzjoni fiskali (fiscal consolidation) fil-liġi tat-taxxa fuq id-dħul. Qegħdin naħdmu fuq l-introduzzjoni tal-kunċett tal-konsolidazzjoni fiskali għall-kumpaniji. Dan il-kunċett, li huwa rikonoxxut fuq livell internazzjonali, għandu jippermetti li gruppi ta' kumpaniji tal-istess sidien ikollhom il-faċilità li jippreżentaw id-dħul tagħhom b'mod aggregat daqslikieku kienu kumpanija waħda. Dan ghandu jkompli jissimplifika l-proċess tal-komputazzjoni tad-dħul ta' dawn il-kumpaniji u d-dikjarazzjoni tad-dħul tagħhom kemm għalihom kif ukoll għad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. | MFIN | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Ġunju 2017. | Implimentata |
| 160 e | Se jsir ukoll xogħol fil-korsa tat-tiġrijiet taż-żwiemel li hemm bżonn sabiex tiġi elevata fuq livell internazzjonali. | MEDE | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Lulju 2019. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 250 c | Radar ġdid illi se jissostitwixxi dak f'Ħad-Dingli. | MTIP | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Diċembru 2019. | Implimentata |
| 250 d | Aeronautical Message Handling System ġdida illi ser tkompli tgħin lill-kumpanija biex timmodernizza l-għodda sabiex twettaq ir-rwoli tagħha b'mod sigur u effiċjenti. | MTIP | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Mejju 2020. | Implimentata |
| 290 | Proġetti infrastrutturali: Il-Gvern qed jaħdem fuq pjan li permezz tiegħu jipprijoritizza l-proġetti infrastrutturali. Il-proġett ta' Triq il-Kosta kien wieħed minn dawk li l-aktar imxew qrib l-iskeda. Xorta għad fadal xi jsir biex intejbu l-immaniġġjar tal-proġetti li qabel ftit li xejn kien jeżisti. Konxjament, il-Gvern iddeċieda li ma jkunx hemm aktar minn proġett maġġuri wieħed kull darba, sabiex l-inkonvenjent ikun limitat.  Il-proġett għas-sena d-dieħla huwa dak tal-Junction tal-Kappara. Dan ikun segwit mit-triq tal-Marsa. Ovvjament, se jkun hemm inkonvenjent bix-xogħlijiet tal-Kappara, u se jkun hemm bżonn xogħol estensiv għal rotot alternattivi. Iżda nafu li fl-aħħar dan il-proġett se jħalli effett tajjeb u se jħaffef it-traffiku, minkejja li matul ix-xogħol li se jdum 24 xahar se jinħolqu problemi. Transport Malta se tipprova tilħaq bilanċ bejn li tara li l-kuntratturi jħaffu x-xogħlijiet billi jaħdmu anki billejl, u li ma jinħoloqx inkonvenjent żejjed għar-residenti. | MTIP | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Diċembru 2019. | Implimentata |
| 70 | Se jitkompla l-proġett Soċjetà Ġusta fejn il-Gvern ħa impenn ambizzjuż ħafna - dak ta' għaxart idjar żgħar fil-komunità biex inserrħu moħħ il-ġenituri ta' persuni b'diżabilità għal meta dawn jiġu nieqsa. Tlestiet l-ewwel dar fis-Siġġiewi li diġà qed tilqa' fiha l-ewwel grupp ta' residenti. Dar oħra f'Għawdex qed titlesta, filwaqt li dawk ta' Ħaż-Żabbar u Pembroke għaddejjin bil-proċess tal-MEPA. Qed jiġi konkluż proċess dwar dar oħra wara li ħarġet espressjoni ta' interess, filwaqt li qed issir diskussjoni ma' NGOs dwar żewġt idjar oħra. | MFCS | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Novembru 2017. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 79 | F'Pembroke wkoll, wara li din is-sena tranġat is-sistema ta' dawl fil-landscaping ta' madwar 7 blokok fi Triq Pietro Darmenia bi spiża ta' €40,000, huwa ppjanat li s-sena d-dieħla jsiru xogħlijiet ta' manutenzjoni tal-faċċati kif ukoll tiswijiet u manutenzjoni fil-pavimentar u s-sistema ta' rain water culverts sabiex tissolva l-problema ta' dħul ta' ilma li ggravat matul is-snin. | MSA | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata fi Frar 2020. | Implimentata |
| 323 | Digital Hub f'Għawdex. Għadu kif ġie finalizzat l-istudju dwar il-fattibilità teknika u finanzjarja dwar l-implimentazzjoni ta' digital hub f'Għawdex. Flimkien mal-Malta Enterprise qed naħdmu biex nattiraw investiment f'dan il-qasam. | MEIB | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Novembru 2019. | Implimentata |
| 324 | Creativity Hub f'Għawdex. L-applikazzjoni għal fondi Ewropej biex jiġi żviluppat is-sit li qabel kien okkupat mill-Malta Dairy Products ġiet sottomessa f'Settembru 2015. L-għan hu li dan il-post isir ċentru għal kumpaniji ġodda li joffru servizzi innovattivi u kreattivi, bħal pereżempju l-industrija tal-films. | MEIB | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Novembru 2019. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 266 | Iċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi. Għas-sena kurrenti u t-tliet snin li ġejjin, il-Gvern qed jaħdem fuq proġett kapitali bil-għan li jippreserva l-edifiċju, itejjeb is-servizz u jiġi ġġenerat dħul ġdid għaċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi. Fost affarijiet oħra, se tissaħħaħ l-aċċessibilità permezz ta' installazzjoni ta' żewġ lifts għall-pubbliku, se jiġu konvertiti spazji vojta u li bħalissa mhux qed jiġu utilizzati bħall-bejt tas-Sacra Infermeria, titjib fir-Republic Hall, restawr tal-Kappella Perellos, immodernizzar ta' faċilitajiet, kif ukoll proġett ambizzjuż sabiex is-swali jkunu soundproof. Qed naħdmu wkoll fuq servizz ta' shuttle bus illi se tkun qed twassal viżitaturi minn spazji ta' parkeġġ madwar il-Belt Valletta sal-MCC. Għat-twettiq ta' wħud mill-proġetti msemmija, se nkunu qed napplikaw għal fondi tal-Unjoni Ewropea. | MTCP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju 2020. | Implimentata |
| 338 | Matul l-2016, l-iżvilupp tal-istrateġija u l-pjan ta' azzjoni għall-ekonomija l-ħadra (Green Economy) se jkun finalizzat u approvat mill-Kabinett sabiex wara jibda t-twettiq tal-istrateġija fuq numru ta' snin. Dan jinkludi lista ta' azzjonijiet li jippromovu l-investiment u tkabbir ekonomiku mmirat lejn l-edukazzjoni, l-impjiegi u s-sostenibbiltà tar-riżorsi fi ħdan bosta setturi ekonomiċi oħra li jinkludu l-iskart, l-ilma, l-enerġija, it-trasport, it-turiżmu, l-agrikoltura, il-kostruzzjoni u l-industrija. | MECP | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Diċembru 2019. | Implimentata |
| 339 | Sadanittant biex ikompli jittejjeb l-ambjent, fl-2016 se jitwettaq programm ta' monitoraġġ tal-ilma baħar bil-għan li l-ambjent tal-baħar jibda jgawdi minn protezzjoni akbar. | MECP | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Diċembru 2019. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 44 a | Il-Korp applika għal diversi proġetti kofinanzjati mill-UE għas-snin 2014-2020 taħt il-programmi tal-ISF u l-AMIF. Dawn jinkludu, fost oħrajn, €1 miljun għal spejjeż relatati ma' ripatrijazzjoni ta' immigranti li ma jkunux eliġibbli għal status ta' refuġjat, €250,000 f'taħriġ ma' pajjiżi terzi, €400,000 għal xiri ta' apparat għall-Korp, €0.5 miljun sabiex l-entitajiet ta' law enforcement ikollhom aċċess għal databases tal-Europol u Interpol, tisħiħ tas-Cyber Crime Unit b'valur ta' €1.4 miljun, estensjoni tal-Operations Room fi ħdan il-bini tal-NS-SIS stmat li jiswa mal-€200,000, xiri ta' vann għal użu ta' sorveljanza b'valur ta' €90,000, it-twaqqif ta' command and control room li huwa proġettat li jiġi jiswa €2.5 miljun u €800,000 oħra għall-estensjoni tal-automated case management system. | MHSE | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Ottubru 2017. | Implimentata |
| 44 b | Il-Korp applika għal diversi proġetti kofinanzjati mill-UE għas-snin 2014-2020 taħt il-programmi tal-ISF u l-AMIF. Dawn jinkludu, fost oħrajn, €1 miljun għal spejjeż relatati ma' ripatrijazzjoni ta' immigranti li ma jkunux eliġibbli għal status ta' refuġjat, €250,000 f'taħriġ ma' pajjiżi terzi, €400,000 għal xiri ta' apparat għall-Korp, €0.5 miljun sabiex l-entitajiet ta' law enforcement ikollhom aċċess għal databases tal-Europol u Interpol, tisħiħ tas-Cyber Crime Unit b'valur ta' €1.4 miljun, estensjoni tal-Operations Room fi ħdan il-bini tal-NS-SIS stmat li jiswa mal-€200,000, xiri ta' vann għal użu ta' sorveljanza b'valur ta' €90,000, it-twaqqif ta' command and control room li huwa proġettat li jiġi jiswa €2.5 miljun u €800,000 oħra għall-estensjoni tal-automated case management system. | MHSE | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Mejju 2020. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 44 d | Il-Korp applika għal diversi proġetti kofinanzjati mill-UE għas-snin 2014-2020 taħt il-programmi tal-ISF u l-AMIF. Dawn jinkludu, fost oħrajn, €1 miljun għal spejjeż relatati ma' ripatrijazzjoni ta' immigranti li ma jkunux eliġibbli għal status ta' refuġjat, €250,000 f'taħriġ ma' pajjiżi terzi, €400,000 għal xiri ta' apparat għall-Korp, €0.5 miljun sabiex l-entitajiet ta' law enforcement ikollhom aċċess għal databases tal-Europol u Interpol, tisħiħ tas-Cyber Crime Unit b'valur ta' €1.4 miljun, estensjoni tal-Operations Room fi ħdan il-bini tal-NS-SIS stmat li jiswa mal-€200,000, xiri ta' vann għal użu ta' sorveljanza b'valur ta' €90,000, it-twaqqif ta' command and control room li huwa proġettat li jiġi jiswa €2.5 miljun u €800,000 oħra għall-estensjoni tal-automated case management system. | MHSE | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Diċembru 2017. | Implimentata |
| 44 g | Il-Korp applika għal diversi proġetti kofinanzjati mill-UE għas-snin 2014-2020 taħt il-programmi tal-ISF u l-AMIF. Dawn jinkludu, fost oħrajn, €1 miljun għal spejjeż relatati ma' ripatrijazzjoni ta' immigranti li ma jkunux eliġibbli għal status ta' refuġjat, €250,000 f'taħriġ ma' pajjiżi terzi, €400,000 għal xiri ta' apparat għall-Korp, €0.5 miljun sabiex l-entitajiet ta' law enforcement ikollhom aċċess għal databases tal-Europol u Interpol, tisħiħ tas-Cyber Crime Unit b'valur ta' €1.4 miljun, estensjoni tal-Operations Room fi ħdan il-bini tal-NS-SIS stmat li jiswa mal-€200,000, xiri ta' vann għal użu ta' sorveljanza b'valur ta' €90,000, it-twaqqif ta' command and control room li huwa proġettat li jiġi jiswa €2.5 miljun u €800,000 oħra għall-estensjoni tal-automated case management system. | MHSE | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Diċembru 2019. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 44 h | Il-Korp applika għal diversi proġetti kofinanzjati mill-UE għas-snin 2014-2020 taħt il-programmi tal-ISF u l-AMIF. Dawn jinkludu, fost oħrajn, €1 miljun għal spejjeż relatati ma' ripatrijazzjoni ta' immigranti li ma jkunux eliġibbli għal status ta' refuġjat, €250,000 f'taħriġ ma' pajjiżi terzi, €400,000 għal xiri ta' apparat għall-Korp, €0.5 miljun sabiex l-entitajiet ta' law enforcement ikollhom aċċess għal databases tal-Europol u Interpol, tisħiħ tas-Cyber Crime Unit b'valur ta' €1.4 miljun, estensjoni tal-Operations Room fi ħdan il-bini talNS-SIS stmat li jiswa mal-€200,000, xiri ta' vann għal użu ta' sorveljanza b'valur ta' €90,000, it-twaqqif ta' command and control room li huwa proġettat li jiġi jiswa €2.5 miljun u €800,000 oħra għall-estensjoni tal-automated case management system. | MHSE | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Diċembru 2018. | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2017 LI TWETTQU

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 158 | Se nintroduċu miżuri ġodda maħsuba biex ikomplu jkabbru l-investiment barrani f'pajjiżna, bħal sistema li tagħti l-istess benefiċċju lill-investiment kapitali bħas-self u l-introduzzjoni ta' regoli dettaljati ta' Tax Consolidation li jippermettu lil gruppi ta' kumpaniji li jikkalkulaw il-profitti u t-telf tagħhom fuq bażi ta' grupp. | MFIN | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Ġunju 2019. | Implimentata |
| 196 | Dawn il-miżuri sejrin jikkumplimentaw numru ta' inizjattivi li se tkun qed tintroduċi l-Borża ta' Malta. | MFIN | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Jannar 2019. | Implimentata |
| 198 | Aktar faċilitajiet għall-infurzar fil-kummerċ ġust fi ħdan id-Dipartiment tad-Dwana. Wara li neħħejna r-rekwiżit tal-obbligu ta' garanzija bankarja kontra pagamenti b'ċekkijiet, biex inkomplu nnaqqsu l-burokrazija, is-sena d-dieħla se nibdew inħaddmu import system elettronika u se jkun hemm sistema ta' ħlas online. | MFIN | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Ottubru 2019. | Implimentata |
| 322 | Se nkomplu wkoll il-proġett li jassigura konnettività internazzjonali akbar permezz ta' cable sottomarin ġdid bejn Malta u Marsilja u qed tiġi evalwata kull possibilità ta' għajnuna finanzjarja mill-Unjoni Ewropea. Il-ħsieb wara dan il-proġett hu li jkollna għażla iktar wiesgħa u effiċjenti. | MFIN | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Diċembru 2019. | Implimentata |
| 19 | L-Enemed qed taħdem ukoll biex timmodernizza l-faċilitajiet ta' ħażna ta' jet fuel fl-ajruport – investiment ta' aktar minn €15-il miljun. Il-proġett mistenni jibda fl-ewwel xhur tas-sena d-dieħla. | MEW | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Lulju 2020. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 83 | Se nagħmlu faċilitajiet għal-laqgħat fil-Kumpless Sportiv tal-Kottonera. | MEDE | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju 2020. | Implimentata |
| 271 | Ir-restawr tal-erba' faċċati ta' Palazzo Ferreria  u Palazzo Castellania.<br>(a) Palazzo Ferreria<br>(i) Triq ir-Repubblika<br>(ii) Triq l-Ordinanza<br>(iii) Triq in-Nofsinhar<br>(iv) Triq id-Dejqa<br><br>(b) Palazzo Castellania<br>(i) Triq il-Merkanti<br>(ii) Triq San Ġwann | MHAL | Din il-miżura għandha titwettaq sal-aħħar ta' din is-sena. | Implimentata |
| 95 | Sadattant se jkunu għaddejjin it-tħejjijiet biex malli jitlesta dan il-proġett, jibda kemm jista' jkun malajr il-proġett tal-Marsa. | MTIP | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Awwissu 2020. | Implimentata |
| 97 a | Qed nippjanaw li nibdew ix-xogħol fuq it-twessigħ tal-bypass tal-Ħamrun bejn il-mini ta' Santa Venera u s-slip road li tagħti lejn Ħal Qormi. | MTIP | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'April 2019. | Implimentata |
| 97 c | Qed nippjanaw li nibdew ix-xogħol fuq junction ġdida fil-Mosta fejn Vjal il-Labour jingħaqad mar-ringroad tal-Mosta. | MTIP | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Ottubru 2019. | Implimentata |
| 176 | Fl-2017 il-Public Private Partnership bejn il-Gvern u r-Royal Malta Yacht Club se jwettaq miżuri biex inġibu 'l quddiem is-settur tal-yachting u jara l-impatt ekonomiku li tħalli r-Rolex Middle Sea Race biex naraw kif nistgħu nattiraw tiġrijiet simili. | MTIP | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Lulju 2020. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 190 | Mis-sena d-dieħla, ser indaħħlu sistema fejn ftehim ta' kuntratti ta' kera għal tliet xhur jew aktar, inklużi dawk ta' tiġdid ta' kera, iridu jiġu reġistrati mad-Dipartiment tat-Taxxi Interni. Kemm is-sid kif ukoll il-kerrej jistgħu jirreġistraw il-kuntratt iżda, fin-nuqqas ta' dan, is-sid ikun suġġett għall-penalitajiet ikkontemplati fil-liġi tat-taxxa tad-dħul. | MSA | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Diċembru 2019. | Implimentata |
| 223 | Lejn l-aħħar kwart tas-sena d-dieħla l-Awtorità tad-Djar, bl-għajnuna ta' fondi Ewropej, ser tagħti bidu għal proġett importanti mifrux fuq medda ta' sitt snin biex jiġu installati liftijiet u jsir xogħol ta' tisbiħ fl-oqsma tal-bini residenzjali tal-Gvern. Ix-xogħol ta' tisbiħ u manutenzjoni fil-partijiet komuni u t-twaħħil tal-liftijiet ser isiru f'211-il binja fejn jgħixu madwar 4,400 persuna, fosthom 1,200 anzjan u 200 persuna b'diżabilità. Barra fil-binjiet infushom, ix-xogħol ta' tisbiħ ser isir ukoll fil-madwar tagħhom biex b'hekk ir-residenti jkunu jistgħu jgħixu f'ambjent isbaħ u aħjar. | MSA | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Ġunju 2020. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 137 | Se nestendu ż-żona Industrijali tax-Xewkija fuq żewġ binarji b'investiment ta' €16-il miljun għal business workshops ġodda u għal servizzi finanzjarji, ICT, riċerka u taħriġ. F'dan il-proġett, fl-ispazju battal fiż-żona industrijali tax-Xewkija magħruf bħala l-Ħofra, se jiġu żviluppati 15-il business workshop ġdid b'total ta' madwar 5,400m² għal attività industrijali waqt li f'parti mis-sit, illum okkupata mill-Malta Dairy Products, se tiġi żviluppata faċilità li sservi għal għanijiet differenti biex takkomoda, fost setturi oħra, operazzjonijiet bħalma huma servizzi finanzjarji, ICT, riċerka u taħriġ. B'kollox madwar 25 intrapriża mistennija jibbenefikaw minn dan il-proġett u bejniethom joħolqu madwar 150 impjieg ġdid.<br><br>(a) Tal-Ħofra<br>(b) Eks MDP | MEIB | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Lulju 2020. | Implimentata |
| 164 | Dan il-pjan se nkomplu nwettquh matul is-sena li ġejja meta se nkunu qed inwaqqfu awtorità biex tiggverna u tirregolarizza l-attivitajiet f'dawn il-hubs ġodda li jkunu dikjarati żoni free trade. | MEIB | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Diċembru 2019. | Implimentata |
| 167 | Qed naħdmu wkoll fuq proġett biex is-sit fejn qabel kien hemm il-fabbrika Dowty isir ċentru għall-manifattura tal-ikel. Wara li żżarmat l-istruttura tal-ħadid fejn qabel kien hemm il-fabbrika Dowty u beda x-xogħol biex dan is-sit isir ċentru għall-manifattura tal-ikel, intlaħaq ftehim biex għadd ta' kumpaniji ewlenin f'dan is-settur jimxu lejn din iż-żona fix-xhur li ġejjin. | MEIB | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Settembru 2019. | Implimentata |
| 346 | Fil-kuntest ta' Masterplan bil-ħsieb ewlieni li jtejjeb din iż-żona, fl-2017 il-Fondazzjoni se tieħu ħsieb li jsir branding tal-Imrieħel bħala central business district u tfittex soluzzjonijiet għall-problema ta' parkeġġ. Il-Fondazzjoni trid ukoll tidentifika mod kif se jiġi ffinanzjat l-iżvilupp ta' toroq ewlenin u tiswijiet ta' toroq oħra fiż-żona, inkluż dawl eco-friendly. | MEIB | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Diċembru 2019. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 281 | Fl-2017 se nkomplu għaddejjin bi proġett estensiv biex intejbu s-servizzi u l-faċilitajiet fiċ-Ċentru tal-Mediterran għall-Konferenzi waqt li fl-istess ħin niġġeneraw dħul ġdid. | MTCP | Din il-miżura ġiet implimentata f'Lulju 2020. | Implimentata |
| 295 | Il-park ġdid f'Ħaż-Żabbar. | MTCP | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Ġunju 2020. | Implimentata |
| 112 | Xogħol simili se jkun qed isir ukoll fi Ġnien l-Għarusa tal-Mosta. | MECP | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Mejju 2019. | Implimentata |
| 132 | Is-sena li ġejja se nagħtu bidu għal proċess ta' konsultazzjoni dwar is-sitwazzjoni tal-lum fir-rigward tal-parking fir-Rabat, Għawdex, iktar u iktar issa li ċ-Ċittadella saret attrazzjoni ewlenija. | MGOZ | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'April 2020. | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2018
LI TWETTQU

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 190 | Il-Gvern se jibda ħidma biex tinħoloq National Cancer Research Foundation bil-ħsieb li ninċentivaw ir-riċerka li tista' tgħin fil-glieda kontra l-kanċer f'Malta. | MFH | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Ottubru 2019. | Implimentata |
| 195 | Il-Gvern se jinvesti wkoll f'aktar tilqim billi fis-sena li ġejja tkun introdotta t-tilqima kontra l-pneumococcus fil-Programm Nazzjonali tat-Tilqim. Tilqima li se tnaqqas ħafna infezzjonijiet serji fit-tfal taħt il-ħames snin, fosthom il-meninġite u anke infezzjonijiet fid-demm. | MFH | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata fi Frar 2020. | Implimentata |
| 18 | Il-Joint Enforcement Task Force sejra wkoll iżżid l-isforzi tagħha sabiex ikomplu jiġu identifikati dawk il-kumpaniji u negozji li qegħdin jevadu t-taxxi. | MFIN | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Diċembru 2018. | Implimentata |
| 81 | Il-Gvern bħalissa qed jaħdem ukoll fuq il-Pjan Nazzjonali tal-Enerġija u l-Klima għall-perjodu 2020-2030 f'konformità mal-miri tal-Unjoni Ewropea għall-2030. | MEW | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Diċembru 2019. | Implimentata |
| 90 | ARMS Ltd se tkompli taħdem ukoll fuq is-servizz li jingħata lill-klijenti billi ttejjeb il-call centre tagħha u l-iSmart Utilies Portal. | MEW | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Lulju 2019. | Implimentata |
| 91 | ARMS se żżid il-preżenza tagħha fil-one-stop-shop tal-Gvern (servizz.gov) billi tibda topera f'lokalitajiet oħrajn. | MEW | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Ġunju 2020. | Implimentata |
| 97 | Il-Gvern biħsiebu jkompli bl-investimenti tiegħu fit-titjib tal-impjanti tar-reverse osmosis (RO) bil-għan li jiggarantixxi provvista adegwata ta' ilma tajjeb għax-xorb matul iż-żmien fejn id-domanda tkun għolja. | MEW | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata fi Frar 2020. | Implimentata |
| 99 | Il-Gvern biħsiebu jadotta strateġija aħjar marbuta mal-estrazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art. | MEW | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata fi Frar 2020. | Implimentata |
| 177 | Permezz ta' 'My Journey: Achieving through different paths' se nkunu qegħdin ninvestu f'laboratorji u f'workshops ġodda għal tal-anqas disa' suġġetti vokazzjonali u applikati. | MEDE | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Diċembru 2019. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 36 | Supportline 179 hija l-linja nazzjonali tat-telefown immexxija mill-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali, fejn in-nies jistgħu jċemplu biex isibu l-għajnuna. Matul is-sena, fuq il-linja jsiru 'l fuq minn 13-il elf telefonata. Il-Fondazzjoni qiegħda tiżviluppa u taġġorna dan is-servizz biex ilaħħaq dejjem aktar mal-esiġenzi tas-soċjetà moderna. B'dan il-għan saru l-istrutturi meħtieġa, inkluż sistema teknoloġika. | MFCS | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Mejju 2020. | Implimentata |
| 129 | Biex inkomplu nattiraw aktar investiment u xogħol lejn Għawdex, li jkun ifisser aktar xogħol f'Għawdex għall-Għawdxin, se jkun qed jingħata bidu għall-proġett tal-hub għar-riċerka u l-ICT fil-binjiet eżistenti tal-eks MDP u proġetti li jwasslu biex ikun hemm aktar spazji ta' uffiċini fiż-żona industrijali tax-Xewkija.<br><br>(a) Industrial Workshop Complex - Tal-Ħofra<br>(b) Xewkija Enterprise Hub (eks MDP) | MEIB | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Lulju 2020. | Implimentata |
| 43 | L-Awtorità tad-Djar fix-xhur li ġejjin se tkompli l-ħidma tagħha fuq programm ta' manutenzjoni jew tisbiħ, skont il-bżonnijiet ta' kull blokka partikolari. | MSA | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Mejju 2020. | Implimentata |
| 155 | Jinbeda x-xogħol sabiex l-istrateġija nazzjonali dwar il-kriminalità tiġi implimentata biex tassigura li l-istrateġija li tqarreb lill-vittma tal-kriminalità u l-aggressur tissaħħaħ mid-dipartiment li qed jippilotaha. | MHSE | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Diċembru 2019. | Implimentata |

# MIŻURI PENDENTI MILL-BAĠIT 2019
# LI TWETTQU

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 183 | Investiment f'servizzi oħra ġodda; Robotic Surgery. | MFH | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Novembru 2019. | Implimentata |
| 185 | Investiment f'servizzi oħra ġodda; Tqegħid ta' apparat ġdid inkluż l-MRI f'Mater Dei.<br>(a) Magnetic Resonance Imaging (MRI)<br>(b) Gastroscopes, Colonscopes u Bronchoscopes | MFH | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Lulju 2020. | Implimentata |
| 188 | Titlesta u tibda tintuża l-Medical School il-ġdida ta' Barts f'Għawdex. | MFH | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Ottubru 2019. | Implimentata |
| 190 | Il-Gvern hu kommess li jkompli jsostni s-servizzi ġodda indirizzati lil persuni trans b'tim multidixxiplinarju kif ukoll b'mediċini u proċeduri ġodda. | MFH | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Diċembru 2019. | Implimentata |
| 32 | Konxji tar-rwol importanti li s-sidien għandhom fil-qasam tas-suq tal-kera fejn jidħlu djar affordabbli, il-Gvern qiegħed f'diskussjonijiet biex iniedi skema li se tkun qed tagħti inċentiv fiskali lis-sid permezz ta' tnaqqis ta' taxxa fuq il-bejgħ tagħha f' każ ta' kirja affordabbli għal perjodu ta' seba' snin. | MFIN | Din il-miżura ġiet implimentata f'Ġunju 2020. | Implimentata |
| 97 | Fil-qasam tal-komunikazzjoni, is-sena d-dieħla, l-Awtorità Maltija tal-Komunikazzjoni qed tniedi feasibility study sabiex jiġu identifikati interess u applikazzjonijiet fit-teknoloġija tal-5G. | MFIN | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata fi Frar 2020. | Implimentata |
| 92 | Il-Borża sejra tkompli taħdem biex twettaq il-viżjoni tagħha li tidħol bi sħab ma' kumpaniji li joperaw fis-settur tal-blockchain u cryptocurrencies. | MFIN | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Ġunju 2020. | Implimentata |
| 124 | Se jkompli wkoll jinvesti fit-Taqsima tal-Klieb, kemm għal xiri ta' aktar klieb kif ukoll għall-bini tal-Canine Compound f'Ħal Far. | MFIN | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Lulju 2020. | Implimentata |
| 73 | Matul l-2019, l-Aġenzija għall-Enerġija u l-Ilma se tkompli taħdem fuq il-Pjan Nazzjonali tal-Enerġija u l-Klima għall-perjodu 2020-2030 biex jiġu identifikati numru ta' azzjonijiet li se jittieħdu sabiex jintlaħqu l-miri Ewropej. | MEW | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Diċembru 2019. | Implimentata |
| 80 | Se tkompli l-ħidma biex jittejjeb il-call centre tal-ARMS, waqt li se jsir upgrade fl-iSmart Utilities Portal u mobile app ġdida fejn il-klijenti kollha tal-ARMS se jkollhom aċċess iktar faċli għall-informazzjoni fuq il-konsum u l-kontijiet tagħhom. | MEW | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Ġunju 2020. | Implimentata |

| | MIŻURA TAL-BAĠIT | MINISTERU | META TWETTQET | KUMMENTI |
|---|---|---|---|---|
| 41 | Infrastruttura Malta se tibda proġett dwar Ġonna Urbani, fejn bi sħubiji strateġiċi, ikunu jistgħu jiġu maħluqa u jinżammu żoni ħodor li jsebbħu u jkunu post ta' rikreazzjoni, bħala parti mill-proġetti li jsiru. | MTIP | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata fi Frar 2020. | Implimentata |
| 35 | Ġew identifikati numru ta' proprjetajiet tal-Gvern li huma fi stat dilapidat, liema proprjetajiet jistgħu jiġu rranġati biex jintużaw bħala djar soċjali. Għas-sena d-dieħla, l-Awtorità tad-Djar se tkun qed tevalwa żewġ proġetti pilota li se tkun qed tagħmel ma' entitajiet mhux governattivi. Filwaqt li l-Awtorità tad-Djar se tkun qed toħroġ parti mill-ispiża biex din il-proprjetà tiġi rranġata, se tkun qed tidħol f'arranġament mal-entità mhux governattiva sabiex id-djar jiġu użati għal skop ta' djar soċjali b'rati ta' kirjiet orħos minn dak li qed joffri s-suq. | MSA | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata fi Frar 2020. | Implimentata |
| 37 | L-Awtorità tad-Djar sejra tagħmel riorganizzazzjoni interna sabiex tkun qed tkopri l-isfidi kollha fis-settur tad-djar, fejn jidħlu djar soċjali affordabbli. Huwa għalhekk li l-Awtorità ser twaqqaf fi ħdanha Unit li jkun qed jiffoka fuq reġistrazzjoni ta' proprjetà, protezzjoni tas-sidien u infurzar tar-regolamenti. | MSA | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Diċembru 2019. | Implimentata |
| 153 | Mis-sena d-dieħla, il-Gvern sejjer jestendi s-sussidju li jingħata taħt l-iskema ta' akkomodazzjoni mħaddma mill-Awtorità tad-Djar lill-istudenti Għawdxin taħt ċerti kundizzjonijiet. | MSA | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Novembru 2019. | Implimentata |
| 158 | Se jitkomplew il-proġetti kapitali f'Għawdex; Il-proġett ta' San Franġisk. | MGOZ | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Lulju 2020. | Implimentata |
| 127 | Se jsir investiment sostanzjali sabiex issir qabża fil-kwalità fl-apparat użat mit-taqsimiet tal-RIU u l-SIU. | MHSE | Din il-miżura ġiet reġistrata implimentata f'Diċembru 2019. | Implimentata |
| 135 | Ġie kkummissjonat project brief biex jistabbilixxi x'tip ta' binjiet ġodda se jkunu meħtieġa fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin sabiex jiżdied l-ispazju, isir tqassim aħjar ta' priġunieri u anke jkun hemm bini aktar modern. | MHSE | Din il-miżura ġiet reġistrata bħala implimentata f'Lulju 2020. | Implimentata |

UFFIĊĊJU TAS-SEGRETARJU PERMANENTI EWLIENI
UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU